




Il-Kummissjoni
Ewropea

DOKUMENT TA' RIFLESSJONI
LEJN EWROPA SOSTENIBBLI
SAL-2030





Frans Timmermans



L-Ewwel Viċi President
Ir-Regolamentazzjoni
Aħjar, ir-Relazzjonijiet
Interistituzzjonali, l-Istat tad-
Dritt u l-Karta tad-Drittijiet
Fundamentali



Jyrki Katainen



Viċi President
L-Impjegi, it-
Tkabbir, l-Investiment
u l-Kompetittività

Daħla tal-Ewwel Viċi President Timmermans u tal-Viċi President Katainen

Bħala Ewropej għandna nkunu kburin bil-kisbiet tagħna. Permezz tal-integrazzjoni u l-kooperazzjoni mill-qrib ħloqna ġid bla preċedent, standards soċjali għoljin u opportunitajiet kbar għaċ-ċittadini tagħna. Ankrajna l-prinċipji komuni tagħna u l-valuri tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fit-Trattati tagħna u bnejna Unjoni Ewropea, sħiħa u ħielsa.

Dan is-suċċess inkiseb għaliex l-Ewropej huma ambizzjużi. Il-kultura demokratika b'saħħitha tagħna twassal għal dibattiti ħorox, u hekk għandu jkun. Għaliex dan mhuwiex iż-żmien li nistrieħu fuq is-suċċessi tagħna u nħallu l-istorja tterraq għal rasha. Il-ħtieġa li ntejbu l-istandards tal-għajxien tal-Ewropej kollha, li nħarsu, niddefendu u nagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, li nsaħħu s-sigurtà tan-nies mid-diversi theddid, kemm jekk jiġi mit-terroriżmu jew mit-tibdil fil-klima, ma tieqaf qatt.

Id-dinja il-ħin kollu tinbidel u bħalissa ninsabu qalb ir-raba' rivoluzzjoni industrijali. Kollox qiegħed jinbidel għal kulħadd. Jekk nistħajlu mod ieħor

inkunu qegħdin nabbandunaw is-sens komun. Il-kwistjoni hija dwar jekk aħniex vittmi tal-bidla, jew jekk aħniex lesti nħaddnuha u niggwidawha. L-Ewropej qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' sfidi urġenti bħad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni demografika, il-migrazzjoni, l-inugwaljanza u l-pessjoni fuq il-finanzi pubbliċi. Iċ-ċittadini jinsabu inkwetati dwar il-ġejjieni tagħhom u ta' uliedhom. Qegħdin nagħmlu ħsara ekoloġika li qiegħda taffettwa kollox. Il-ġenerazzjonijiet ġejjiena se jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' din is-sitwazzjoni, li xejn mhu se tkun tajba għalihom jekk ma nsaħħux l-azzjoni biex nirranġawha.

Huwa d-dmir tal-Unjoni Ewropea li sservi lill-Ewropej u mhux bil-kontra. L-Unjoni Ewropea trid tgħin lin-nies jirrealizzaw l-aspirazzjonijiet tagħhom u tindirizza t-tħassib tagħhom minnufih u b'mod effettiv. Kollox jibda billi naraw x'inhu sejjer ħażin u nħarsu f'wiċċ ir-realtà u lejn il-fatti li ħadd ma jista' jiċħadhom. Madankollu dawn il-fatti ma għandhomx jimlewna bit-tħassib u l-biża', iżda jispirawna biex nieħdu azzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea
COM(2019) 22, tat-30 ta' Jannar 2019

Rue de la Loi / Wetstraat, 200
1040 Bruxelles/Brussels
+32 2 299 11 11

Bosta minn dan it-tfassib huwa marbut mal-isfidi li jmorru lil hinn mill-fruntieri u li jheddu l-impjegi tagħna, il-prospertà, il-livell ta' għajxien, il-libertà u s-saħħa tagħna. L-ebda stat jew nazzjon ma jista' jindirizza dawn l-isfidi b'mod effettiv għal rasu. Għandna bżonn id-daqs tal-Unjoni Ewropea li, meta tkun magħquda u determinata - hija forza globali li trid tittieħed bis-serjetà. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar id-daqs biss mhuwiex se jkun biżżejjed; neħtieġu aġenda b'impatt globali, u din l-aġenda tiegħu l-aħjar sura fis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) li 193 stat, fosthom l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħhom, ikkommettew ruħhom li jilħqu. Dawn l-SDGs huma t-triq li permezz tagħha se negħlbu l-isfidi li qed niffaċċjaw, filwaqt li ntejbu l-ħabitat, l-ekonomija u l-ħajja tagħna.

L-iżvilupp sostenibbli huwa kwistjoni kumplessa, iżda fir-realta' huwa kunċett sempliċi: niżguraw li t-kabbir ekonomiku tagħna jippermettilna li nibnu mudell li jipproduċi riżultati ekwi għall-umanità kollha kemm hi; u li niżguraw li l-bniedem ma jużax aktar riżorsi milli tista' tagħtina d-Dinja. Dan ifisser li jeħtiġilna nimmodernizzaw l-ekonomija tagħna sabiex tibda tħaddan mudelli ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, nirranġaw l-iżbilanċi fis-sistema tal-ikel tagħna u npoġġu l-mod li bih niproduċu u nużaw l-enerġija u l-mod li niddisinjaw il-binjiet tagħna fuq xejra sostenibbli. Biex nagħmlu dan irridu nadattaw ix-xjenza, il-finanzjament, it-tassazzjoni u l-governanza tagħna għall-ksib tal-SDGs.

Din mhijiex kwistjoni ta' xellug jew lemin, hija kwistjoni ta' tajjeb jew ħażin. Fortunatament l-Unjoni Ewropea diġà qiegħda fit-triq it-tajba minħabba l-vantaġġi kompetittivi qawwijin tagħha. L-Ewropa żviluppat uħud mill-ogħla standards ambjentali fid-dinja, daħħlet fis-seħħ politiki ambizzjużi dwar il-klima, u appoġġat il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Permezz tal-politiki esterni u l-aġenda kummerċjali

trasparenti msejsa fuq ir-regoli l-Unjoni Ewropea kkondividiet soluzzjonijiet sostenibbli ma' pajjiżi terzi wkoll.

Is-sisien tal-Unjoni Ewropea nbnew fuq il-premessa li, fil-kliem elokwenti li lissen Robert Schuman 70 sena ilu, "il-paċi fid-dinja ma tistax titħares mingħajr ma jsiru sforzi kreattivi proporzjonali għall-perikli li jhedduha". Illum, mal-kliem "paċi fid-dinja" nistgħu nżidu l-benesseri u s-sopravivenza tan-nies tagħna".

L-aġenda tas-sostenibbiltà hija aġenda pożittiva - tikkonċerna l-għoti ta' ħajja aħjar lin-nies. L-Ewropa hija armata sew biex tiġġieled l-akbar sfida. Flimkien jirnexxielna. Neħtieġu l-impenn ta' kulħadd u r-rieda politika biex naslu. Filwaqt li oħrajn jinħbew, l-Ewropa issa trid timxi 'l quddiem, ittejjeb il-kompetittività tagħha, tinvesti fit-tkabbir sostenibbli u twitti t-triq għall-bqija tad-dinja.

Mhuwiex biżżejjed li jkollna viżjoni iżda jeħtiġilna wkoll naqblu fuq mod konkret dwar kif se naslu fid-destinazzjoni tagħna. Dan id-Dokument ta' Riflessjoni huwa l-kontribut tagħna għal dan id-dibattitu.

Ma konniex inkunu kapaċi niffinalizzawh mingħajr il-kontribut imprezzabbli tal-partijiet ikkonċernati Ewropej. Is-soċjetà ċivili, is-settur privat u l-akkademja huma parti minn dan id-dibattitu. Il-Pjattaforma ta' Livell Għoli ta' Bosta Partijiet dwar l-SDGs, li nħolqot mill-Kummissjoni Ewropea fl-2017, kienet eżerċizzju pożittiv ferm għat-tlaqqiġ ta' ideat trażversali.

Il-kwistjonijiet li jitqajmu f'dan id-dokument huma maħsuba li jinformat id-dibattitu fost iċ-ċittadini, il-partijiet ikkonċernati, il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet fix-xhur li ġejjin, bil-għan li jnebbħu d-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, it-tnejjja tal-Aġenda Strateġika tal-Unjoni Ewropea 2019-2024, u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea li jmiss.

“F’dawn iż-żminijiet ta’ bidla, u konxji mit-tħassib taċ-ċittadini tagħna, aħna nikkommettu ruħna għall-Aġenda ta’ Ruma u nwiegħdu li naħdmu lejn [...] Ewropa prosperuża u sostenibbli: [...] Unjoni li tippromwovi tkabbir sostnut u sostenibbli [...]; Unjoni fejn l-ekonomiji jikkonverġu; Unjoni fejn l-enerġija hija sigura u affordabbli u fejn l-ambjent hu nadif u sikur. [...] Fl-għaxar snin li ġejjin irridu Unjoni li tkun sikura u sigura, prospera, kompetittiva, sostenibbli u soċjalment responsabbli, u bir-rieda u l-ħila li jkollha rwol ewlieni fid-dinja u li tiffurma l-globalizzazzjoni.”

Id-Dikjarazzjoni ta’ Ruma, 25 ta’ Marzu 2017



“Il-futur tal-pjaneta tagħna jeħtieġ azzjoni immedjata — f’ħin reali. Huwa għalhekk li qed insejjaħ lil kull min hu involut f’din it-tranżizzjoni ekoloġika u fl-immodernizzar tal-ekonomija sabiex ningħaqdu minnufih flimkien biex insewwu l-ekonomiji u s-soċjetajiet frammentati tagħna. Dan għaliex it-tranżizzjoni ekoloġika u l-immodernizzar tal-ekonomija huma kwistjoni li tikkonċernana lkoll. [...] U peress li din it-tranżizzjoni ekoloġika mhix se tkun waħda bla uġiġħ u mingħajr skossi, qegħdin naħdmu wkoll biex niżguraw li l-ħaddiema jkollhom protezzjoni soċjali effettiva li tgħinhom jadattaw għall-bidla, li ż-żgħażaġħ ikunu mħarrġa tajjeb fil-ħiliet meħtieġa għall-impjiegi ta’ għada, partikolarment fit-teknoloġiji ekoloġiċi u fis-settur diġitali, u li l-bdiewa jkollhom il-mezzi biex jimplimentaw Prattiki favur l-ambjent u li jħarsu l-klima bl-għajjnuna tal-politika agrikola komuni modernizzata.”

Jean-Claude Juncker

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea

Il-kontribut tal-Kummissjoni Juncker għas-summit Pjaneta Waħda, 12 ta’ Diċembru 2017

Werrej

1 Żvilupp sostenibbli li jtejjeb l-għajxien tan-nies: Il-vantaġġi kompetittivi tal-Ewropa	6
2 L-UE u l-isfidi globali li rridu nindirizzaw	10
3 Lejn Ewropa sostenibbli sal-2030	14
3.1 Fondazzjonijiet politiċi għal futur sostenibbli	15
3.1.1 Minn ekonomija lineari għal ekonomija ċirkolari	15
3.1.2 Is-sostenibbiltà mill-għalqa sal-platt	17
3.1.3 Enerġija, bini u mobilità għall-futur	18
3.1.4 Tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta	20
3.2 Faċilitaturi orizzontali għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà	22
3.2.1 L-edukazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni	22
3.2.2 Il-finanzi, l-ipprezzar, it-tassazzjoni u l-kompetizzjoni	24
3.2.3 Imġiba responsabbli tan-negozju, responsabbiltà soċjali korporattiva u mudelli ta' negozju ġodda	26
3.2.4 Kummerċ miftuħ u bbażat fuq ir-regoli	27
3.2.5 Governanza u l-iżgurar ta' koerenza politika fil-livelli kollha	29
4 L-UE bħala entità bi rwol globali ta' innovazzjoni fl-iżvilupp sostenibbli	31
5 Xenarji għall-futur	33
Annessi	45
Anness I Il-kontribut tal-Kummissjoni Juncker għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli	45
Anness II Il-prestazzjoni tal-UE dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)	65
Anness III Sommarju tal-Kontribuzzjoni tal-Pjattaforma ta' Bosta Partijiet Interessati tal-SDG dwar id-Dokument ta' Riflessjoni "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030"	121

1 Żvilupp sostenibbli li jtejjeb l-għajxien tan-nies: Il-vantaġġi kompetittivi tal-Ewropa


F'Settembru tal-2015, fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bosta pajjiżi madwar id-dinja kkommettew ruħhom favur l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti) u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), u qablu dwar "azzjoni konkreta għan-nies u għad-dinja"⁽¹⁾. Il-mexxejja tad-dinja kkommettew ruħhom li jtemmu l-faqar, iħarsu d-dinja u jiżguraw li l-popli kollha jgawdu l-paċi u l-prosperità. L-SDGs, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, huma l-pjan direzzjonali għal dinja aħjar u għall-qafas globali għal kooperazzjoni internazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli u d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ta' governanza tiegħu. L-UE kienet minn ta' quddiem nett fl-appoġġ tagħha għall-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u fl-aħħar ikkommettiet ruħha li timplimentahom.

L-iżvilupp sostenibbli – l-iżvilupp li jaqdi l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet ta' issa mingħajr ma jikkomprometti l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet ġejjiena li jaqdu htigijietom – jinsab fil-qalba tal-proġett Ewropew. L-integrazzjoni Ewropea u l-politiki tal-UE għenuna negħlbu l-faqar u l-ġuħ ta' wara l-gwerra, u ħolqu spazju ta' liberta' u demokrazija fejn iċ-ċittadini Ewropej setgħu jilhqqu livelli ta' prosperità u benesseri mingħajr preċedent.

L-UE ħabirket mingħajr heda għal soċjetajiet inklużivi mibnija fuq id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif inhu rifless fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.⁽²⁾ L-istandards soċjali u tas-saħħa tal-UE huma fost l-aktar ambizzjużi fid-dinja u l-Ewropa hija kontinent bl-itwal stennija tal-għomor. L-ekonomija soċjali tas-suq tagħna ġġenerat il-prosperità u pprovdiet is-sigurtà grazzi għal sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom. L-investimenti konsiderevoli li saru fir-riċerka u fl-innovazzjoni xprunaw teknoloġiji u mudelli tal-produzzjoni ġodda li ppermettew użu ta' riżorsi aktar sostenibbli u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali. Baġits b'saħħithom u ekonomiji moderni huma essenzjali; il-progress li sar għal politiki fiskali u riforma strutturali tajbin naqqsu l-livelli tad-dejn u stimulaw il-ħolqien tax-xogħol. Fit-tielet tliet xhur tal-2018 ir-rata ta' impjeg tal-persuni bejn l-20 u l-64 sena telgħet għal 73.5 %, l-ogħla livell li qatt intlaħaq fl-UE. Dan ħalla impatt pożittiv fuq il-produttività u t-tkabbir

fl-Ewropa. Għalkemm għad fadal diskrepanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali bejn l-Istati Membri u bejn ir-reġjuni differenti,⁽³⁾ il-politika ta' koeżjoni tal-UE għenitna nikbru u nnaqqsu dawn id-diskrepanzi madwar il-kontinent (konverġenza 'l fuq). Barra minn hekk, l-UE stabbilixxiet uħud mill-ogħla standards soċjali u ambjentali, daħħlet fis-seħħ uħud mill-aktar politiki ambizzjużi għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u saret promotur tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. L-Istati Membri tal-UE kisbu progress notevoli f' bosta oqsma tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u b'riżultat ta' dan l-UE hija waħda mill-aħjar postijiet fid-dinja biex tgħix fihom, jekk mhux l-aħjar.

Il-maġġoranza tar-rispondenti huma sodisfatti bil-ħajja fil-familja, bix-xogħol tagħhom u b'ħajjithom fil-pajjiż fejn jgħixu u b'ħajjithom fl-UE:




L-Ewrobarometru dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa 2017

L-Unjoni Ewropea hija wieħed mill-aħjar postijiet biex tgħix fihom

- Disa' Stati Membri tal-EU-27 jikklassifikaw fost l-aktar 20 pajjiż ferħan fid-dinja, bil-Finlandja fl-ewwel post.⁽⁴⁾
- Is-sodisfazzjon ġenerali bil-ħajja fl-UE, li huwa kkalukulat fuq il-benesseri suġġettiv taċ-ċittadini Ewropej, laħaq is-70 %.⁽⁵⁾
- Hdx il-Stat Membru tal-EU-27 jinsabu fl-ewwel 20 post tal-Indiċi dinji tal-Progress taż-Żgħażaġħ⁽⁶⁾ mill-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ. L-Indiċi tal-Progress taż-Żgħażaġħ huwa wieħed mill-ewwel strumenti li ġew żviluppatti li jagħti stampa sħiħa dwar il-ħajja ta' persuna żaġhżuġha lllum, independentement mill-indikaturi ekonomiċi.

L-Istati Membri tal-UE għandhom uħud mill-aqwa prestazzjonijiet fir-rigward tal-SDGs



F'paragun mal-bqija tad-dinja, seba' Stati Membri tal-EU-27 jinsabu fost l-**EWWE 10** fil-klassifika tal-Indiċi Globali tal-SDGs filwaqt li l-Istati Membri tal-EU-27 jinsabu fl-**EWWE 50** (minn 156):



L-Istati Membri tal-EU-27 għandhom **l-ogħla punteġġ** għal **SDG 1** (Jintemm il-faqar f'kull forma tiegħu kullimkien).




Fuq medja l-Istati Membri tal-EU-27 għandhom **it-tieni l-ogħla punteġġ** għal **SDG 3** (Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età).




L-Istati Membri tal-EU-27 **għandhom l-anqas punteġġ** għal **SDG 12** (Jiġu żgurati xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni), u għal **SDG 14** (Jiġu kkonservati u użati b'mod sostenibbli l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi marini għall-iżvilupp sostenibbli).



Hemm **differenzi notevoli** bejn l-Istati Membri u fihom stess dwar il-ksib tal-**SDG 10** (Titnaqqas l-inugwaljanza bejn il-pajjiżi u fihom stess).



Matul dawn l-aħħar snin l-UE għamlet **progress tajjeb** dwar kważi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha (SDGs).



Sors: Sindiċi SDSN SDG Index; Eurostat, Sustainable development in the European Union, Edizzjoni tal-2018.



61% tal-Ewropej iqisu l-Unjoni Ewropea bħala post stabbli f'dinja mimlija għawġ u l-ottimiżmu dwar il-ġejjieni tal-UE qiegħed jikber.

Ir-rapport tal-Ewrobarometru 2018

Madankollu, ix-xogħol qatt ma jintemm għalkollox u dejjem hemm titjib xi jsir. Id-demokrazija, l-ekonomija u l-ambjent naturali tagħna kollha jeħtieġu sforzi kontinwi sabiex nikkonsolidaw il-kisbiet tagħna, biex negħlbu għalkollox l-impatt negattiv tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, biex it-titjib fuq saħħitna, il-benesseri u l-prospertà ma jwassalx għad-degradazzjoni ambjentali, biex negħlbu l-inugwaljanzi soċjali u nindirizzaw l-isfidi li jmorru lil hinn mill-fruntieri tagħna.

Ninsabu qalb ir-raba' rivoluzzjoni industrijali u t-tibdil se jolqot lil kulħadd. Il-kwistjoni hija dwar jekk hux se nkunu nistgħu immexxu dan it-tibdil u niggwidaw ir-rispons skont il-valuri u l-interessi tagħna. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom vantaġġi kompetittivi sinifikanti li jippermettulna nkunu minn ta' quddiem u nimmodernizzaw l-ekonomiji tagħna, inħarsu l-ambjent naturali u ntejbu s-saħħa u l-benesseri tal-Ewropej kollha. Biex nagħmlu dan jeħtieġilna nħaddnu l-SDGs filwaqt li ninvestu aktar fil-ħiliet, fl-innovazzjoni u fit-teknoloġiji emerġenti, li se jgħinuna nixprunaw it-tranżizzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħna lejn mudell sostenibbli.

Irridu nqisu kif nistgħu nevolvu l-mudelli tal-produzzjoni u tal-konsum tagħna. Irridu naħdmu issa biex inwaqqfu t-tisħin globali u l-qerda tal-ekosistemi u l-bijodiversità, li jheddu l-benesseri, il-prospetti ta' tkabbir sostenibbli, u l-ħajja nfisha fil-pjaneta. Filwaqt li għandna l-kapaċità li nagħmlu dan, ma għandniex il-lussu ta' wisq żmien biex nagħmluh. L-inugwaljanzi u d-diskrepanzi territorjali għadhom mifruxin ħafna minkejja l-progress li nkiseb. L-indirizzar tagħhom huwa importanti għal soċjetà ekwa, iżda wkoll għall-ħarsien u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u l-iżgurar tal-istabbiltà soċjali u politika fl-Istati Membri tal-UE u bejniethom.

Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli



1. Inxejnu l-Faqar
2. Inxejnu l-Ġuħ
3. Saħħa tajba u benesseri
4. Edukazzjoni ta' kwalità
5. Ugwaljanza bejn il-ġeneri
6. Ilma nadif u sanità
7. Enerġija affordabbli u nadifa
8. Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku
9. Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura

10. Inqas inugwaljanzi
11. Bliet u komunitajiet sostenibbli
12. Produzzjoni u konsum responsabbli
13. Azzjoni klimatika
14. Il-Ħajja taħt l-ilma
15. Il-Ħajja fuq l-Art
16. Paċi, Ġustizzja u Istituzzjonijiet b'saħħithom
17. Shubbijiet biex jintlaħqu l-għanijiet

Sors: Nazjonijiet Uniti.

Barra minn hekk, ordni dinji multilaterali rrispettat u msejjes fuq ir-regoli huwa l-aħjar mediċina għal-liġi tal-ġungla f'dinja anarkika miżgħuda b'armi nukleari, estremiżmu u riżorsi limitati. Bħalissa qiegħda tinbet tendenza perikoluża nazzjonalista ta' "pajjiżi l-ewwel u qabel u kolloxx" li tista' twassal għal għied u kunflitt. Diversi pajjiżi bdew jagħtu daharhom għall-impenji globali favur il-benesseri tal-bniedem, is-sigurtà, il-ħarsien tal-ambjent u l-azzjoni klimatika, u jaqilbu l-ordni msejjes fuq ir-regoli ta' taħt fuq.

L-SDGs mhumiex għanijiet fihom infushom iżda jservu ta' boxxla u mappa. Joffru l-perspettiva fit-tul li għandna bżonn, li tmur lil hinn mill-perjodi elettorali u kunsiderazzjonijiet fuq żmien qasir u ta' gwadann rapidu. Jiggrawidawna biex inkunu nistgħu inħarsu demokrazzi sodi, nibnu ekonomiji moderni u dinamiċi, u nagħtu l-kontribut tagħna għal dinja bi standard tal-għajxien aħjar, innaqqsu l-inugwaljanzi u niżguraw li ħadd ma jibqa' lura, filwaqt li tassew nirrispettaw il-limiti tal-pjaneta tagħna u niggarrantuha għall-ġenerazzjonijiet li għadhom ġejjin.

Il-Kummissjoni Juncker ilha mill-bidu tal-mandat tagħha taħdem biex tintegra l-iżvilupp sostenibbli fil-politiki tagħha⁽⁷⁾ u diġà wittiet it-triq għall-ġenerazzjoni ta' politiki sostenibbli li jmiss: mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Kunsens ġdid Ewropew dwar l-Iżvilupp għall-Istrateġija msejsa fuq il-valuri Kummerċ għal Kulħadd, l-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; mill-pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari, il-Pakketti tal-"Ewropa Attiva" u l-Unjoni tal-Enerġija għall-Istrateġija ta' Tkabbir Blu u l-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija; mill-Pjan ta' Investiment u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli sal-Aġenda Urbana għall-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Natura, fost l-oħrajn.

Il-Kummissjoni Juncker ipproponiet ukoll li l-finanzi tal-UE jsiru aktar sostenibbli billi tissaħħaħ ir-rabta bejn il-finanzjament mill-UE u l-istat tad-dritt, kif ukoll permezz ta' mira aktar ambizzjuża ta' 25 % għan-nefqa fuq il-klima fil-baġits ġejjiena tal-UE.

Dan l-aħħar il-Kummissjoni Juncker ippreżentat viżjoni fit-tul għal ekonomija tal-UE prosperuża, moderna,

kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050.⁽⁸⁾ Din il-viżjoni twitti t-triq għal qalba strutturali fl-ekonomija Ewropea u se tixpruna t-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi.

Dawn il-politiki strateġiċi kollha jridu jiġu implimentati bis-sħiħ u mingħajr ebda ambigwiżà fil-prattika. Barra minn hekk ser ikollhom jiġu kkumplimentati b'aktar azzjoni, u rridu nagħrfu l-fatt li l-politiki kollha huma interdipendenti, filwaqt li jitqiesu l-isfidi l-ġodda, u l-fatti u l-evidenza ġodda hekk kif joħorġu fid-dieher. Id-djalogu soċjali u l-miżuri volontarji mis-settur privat għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward.

L-UE tinsab f'pożizzjoni eċċellenti biex tkun fuq quddiem. Qiegħed jinħoloq spazju politiku battal minħabba l-politiki tal-poteri dinjija oħrajn li qegħdin joqogħdu pass lura. Din hija opportunità importanti biex l-UE turi tmexxija u twitti u turi t-triq biex l-oħrajn isewgu.

F'Mejju ta' din is-sena ċ-ċittadini tal-UE se jivvotaw għal Parlament Ewropew ġdid. Fil-ħarifa jibda l-mandat ta' Kummissjoni ġdida. Id-data ta' tmiem l-"Istrateġija Ewropa 2020" għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv⁽⁹⁾ dalwaqt magħna. Għaldaqstant irridu nħarsu 'l quddiem għall-ħames snin taċ-ċiklu politiku Ewropew li jmiss u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) l-ġdid ta' bejn l-2021 u l-2027. Il-Kunsill Ewropew⁽¹⁰⁾ kien sodisfatt bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippubblika Dokument ta' Riflessjoni li jwitti t-triq għal strateġija ta' implimentazzjoni komprensiva fl-2019. Id-Dokument ta' Riflessjoni jniedi dibattitu dwar l-iżvilupp ulterjuri tal-viżjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-UE u l-enfasi tal-politiki settorjali wara l-2020, filwaqt li jħejji għall-implimentazzjoni fit-tul tal-SDGs.⁽¹¹⁾ Il-Kummissjoni tixtieq tikkontribwixxi għal dibattitu tassew komprensiv u li jħares 'il quddiem dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, u l-iżvilupp sostenibbli huwa parti essenzjali minn dak il-ġejjieni.


2 L-UE u l-isfidi globali li rridu nindirizzaw

Wara l-isforzi ta' riforma li saru fil-livelli kollha, l-elementi ekonomiċi fundamentali tal-UE stejrgu wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja.⁽¹²⁾ Madankollu, previżjonijiet riċenti⁽¹³⁾ juru l-hteġa li jiżdedu r-rati ta' tkabbir, jitnaqqsu r-rati tad-dejn u tinżamm id-dixxiplina fiskali sabiex jiġi pprovdut il-qafas ta' ekonomija b'saħħitha. Sakemm ma niħdux passi biex inżidu r-reżiljenza ekonomika u l-koeżjoni u nindirizzaw il-vulnerabbiltajiet strutturali, is-snin li ġejjin jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' momentum fost riskji kbar ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Min-naħa l-oħra, jekk nagħmlu r-riformi strutturali meħtieġa nkunu nistgħu nżidu l-benesseri u nsaħħu l-ġejjieni, fosthom permezz tal-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni, fis-servizzi pubbliċi, fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali u fil-ħarsien tal-ambjent. Hemm bżonn li jittieħdu passi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri biex niżguraw sistemi fiskali u tal-pensjoni li jifilħu għal dak kollu li jista' jiġri fil-ġejjieni, inkluż dħul stabbli mit-taxxa fis-Suq Uniku.

Mhux hekk biss, hemm bosta sfidi li qegħdin isiru aktar urġenti, u jheddu l-benesseri u l-prosperità ekonomika tagħna. Dawn l-isfidi kollha huma kumplessi u marbutin sew, li jfisser li jekk nindirizzaw sfida waħda nistgħu nħallu effetti pożittivi fuq l-oħrajn.

Id-defiċit ekonomiku huwa l-aktar defiċit serju fis-sostenibbiltà u l-akbar sfida tagħna - dejn li qed inżidu minħabba l-użu żejjed u l-ħela tar-riżorsi naturali tagħna u li b'hekk qiegħed jhedded il-kapaċità tagħna li nipprovdut għall-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni fil-limiti ta' dak li tista' tagħtina d-dinja. Madwar id-dinja l-pressjoni fuq riżorsi ewlenin, mill-ilma frisk sal-art fertili, qiegħda tipperikola l-eżistenza tal-bniedem. Illum l-umanità qiegħda tuża ekwivalenti ta' 1.7 Dinjiet.⁽¹⁴⁾ Hekk kif bejn l-1900 u l-2015 il-konsum globali tar-riżorsi materjali żdied b'erbatax-il darba, u bejn l-2015 u l-2050 mistenni li aktar minn jirdopja⁽¹⁵⁾, id-dinja miexja lejn diversi punti kritiċi. Minbarra l-ħsara ambjentali, din hija sfida kbira tal-ekonomija tal-UE, li hija dipendenti fuq materjali minn swieq internazzjonali.


L-ebda pajjiż ma kiseb livell ta' żvilupp tal-bniedem għoli fil-limiti planetarji



Sors: Global Footprint Network, UNDP.

Nota: Id-data dwar l-indiċi tal-iżvilupp tal-bniedem u l-limiti ambjentali mill-2014.

It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari hija kruċjali hekk kif l-estrazzjoni globali ta' materjal qiegħda kontinwament tikber



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, SEI dwar il-Materja Prima, Tabella ta' valutazzjoni tal-materja prima 2018, ibbażata fuq il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent (data storika) u Hatfield-Dodds et al. (2017) (tbassir).

Kulma jmur il-bijodiversità u l-ekosistemi qegħdin jiġu mhedda aktar mill-azzjoni tal-bniedem; f'40 sena biss il-popolazzjonijiet tal-ispeċi vertebrati fid-dinja naqsu b'medja ta' 60%.⁽¹⁶⁾ Il-foresti tropikali qegħdin jinqerdu b'rati mgħaġġla, u kull sena tintilef żona bejn wieħed u ieħor id-daqs tal-Greċja. Din mhijiex "problema ta'

ħaddieħor". Fl-UE huma biss 23 % tal-ispeċi u 16 % tal-habitats li huma b'saħħithom. L-ikel ibbażat fuq l-annimali iħalli impatt qawwi fuq il-ħafna art meħtieġa għall-produzzjoni tiegħu⁽¹⁷⁾ u d-domanda dejjem tikber għall-frott tal-baħar tpoġġi pressjoni sinifikanti fuq l-ekosistemi tal-baħar.⁽¹⁸⁾

Il-livell globali ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra għadu jżied b'rata allarmanti prinċipalment minħabba l-użu tal-enerġija iżda wkoll b'kawża tal-konsum eċċessiv ta' riżorsi u l-qerda tal-ekosistemi. It-trasport huwa responsabbli għal 27 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u bosta żoni urbani qegħdin jiksru l-limiti tat-tniġġis tal-arja mifteħmin fil-livell tal-UE. Il-produzzjoni tal-ikel għadha tikkonsma livelli sinifikanti ta' ilma u ta' enerġija u hija emittent ta' inkwinanti responsabbli għal madwar 11.3 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-UE. Fl-UE l-fjuwils fossili għandhom igawdu minn sussidji pubbliċi li jammontaw għal EUR 55 biljun kull sena, jiġifieri madwar 20 % tal-kont tal-importazzjoni tal-fjuwil tal-UE, minkejja l-miżuri ambizzjużi ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE u l-impenji favur it-tneħħija gradwali tas-sussidji fil-G7 u l-G20.⁽¹⁹⁾

Kumplessivament, l-UE rnexxielha tnaqqas l-emissjonijiet tagħha, u tiddizakkoppjahom minn mat-tkabbir ekonomiku biex b'hekk tagħti kontribut qawwi għall-isforzi globali, b'kunsiderazzjoni wkoll għall-emissjonijiet inkorporati fl-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-UE.⁽²⁰⁾ Madankollu huma meħtieġa aktar sforzi fuq il-livell tal-UE u fuq dak globali.

Jekk l-impatt qerriedi tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni tal-kapital naturali jibqgħu ma jiġux indirizzati dawn ser ikollhom impatt serju fuq l-ekonomija, inaqqsu l-kwalità tal-ħajja madwar il-pjaneta kollha u jżidu l-intensità u l-frekwenza ta' diżastri naturali, li jpoġġu aktar ħajjiet fil-periklu. Filwaqt li biex nibdlu x-xejriet negattivi f'oħrajn pożittivi se jiswiena mhux f'it u jitlob sforz kollettiv b'saħħtu, il-kost li ma nagħmlu xejn u l-konsegwenzi marbuta ma' dan jiswiena ħafna iżjed.⁽²¹⁾



Il-maġġoranza tar-rispondenti Ewropej jaħsbu li l-ħajja tat-tfal tal-lum se tkun aktar diffiċli minn dik tal-ġenerazzjoni tagħhom.


Rapport tal-Ewrobarometru 2017

Minbarra l-isfida tal-pjaneta, il-mudell tal-protezzjoni soċjali tal-UE - il-pedament tal-proġett Ewropew - jinsab f'dinja li qiegħda tinbidel. It-tibdil teknoloġiku, strutturali u demografiku f'dinja globalizzata qiegħed

jittrasforma n-natura tax-xogħol u qiegħed jiffa' dubji fuq is-solidarjetà tagħna, imermer il wegħda li kull ġenerazzjoni tista' tittama li turet dinja aħjar minn ta' qabilha. Dan jista' jżid it-theddida għall-valuri fundamentali li tħaddan l-UE - id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

Il-proporzjon ta' ħaddiema b'pigi medji qiegħed jonqos madwar l-UE

Impjegi b'pigi għoljin, medji u baxxi fl-UE Il-bidla bejn l-2002 u l-2016 f'punti perċentwali



Sors: Employment and Social Developments in Europe (ESDE), 2018. Nota: Bidla għal Malta bejn l-2009 u l-2016.

Bħalissa madwar 22.5 % tal-popolazzjoni tal-UE għadha fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali u 6.9 % tal-Ewropej għadhom jesperenzaw deprivazzjoni materjali. Fl-2017, l-inugwaljanza fl-introjtu fl-Istati Membri tal-UE naqset għall-ewwel darba mill-kriżi finanzjarja 'l hawn. Madankollu, l-inugwaljanzi fil-qligħ għadhom kbar wisq u l-ġid għadu kkonċentrat wisq fil-quċċata. Dan iħalli għadd ta' konsegwenzi soċjali li jwasslu għall-differenzi bejn il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja. L-Istati Membri tal-UE qegħdin jiffaċċjaw ukoll għadd ta' sfidi biex jiggarrantixxu enerġija affordabbli għall-Ewropej kollha hekk kif miljuni qegħdin isibuha diffiċli li jsaħħnu djarhom.⁽²²⁾ Filwaqt li 43 miljun ruħ fl-UE ma jaffordjawx ikla regolari ta' kwalità kull jumejn⁽²³⁾, qegħdin naħlu madwar 20 % tal-produzzjoni tal-ikel tagħna⁽²⁴⁾ u aktar min-nofs il-popolazzjoni tal-UE tbatu minn piż żejjed⁽²⁵⁾, li jżid ir-rskji serji għas-saħħa. Riskju għas-saħħa ieħor huwa r-reżistenza għall-antimikrobiċi, li tista' tikkawża aktar minn 10 miljun mewt fis-sena fid-deċennji li ġejjin.⁽²⁶⁾

Fl-UE...




Source: Eurostat, Il-Kummissjoni Ewropea, EU Fusions.

Illum għadna ma lħaqniex ugwaljanza sħiħa bejn il-ġeneri. Minkejja l-fatt li r-rati ta' impjeg fost in-nisa jinsabu fl-ogħla livelli li qatt intlaħqu u aktar u aktar nisa jinsabu f'pożizzjonijiet ta' poter aktar minn qatt qabel, f'oqsma oħra l-progress qiegħed jistaġna jekk mhux imur lura.⁽²⁷⁾ Fl-aħħar għaxar snin tna-x-il Stat Membru tal-UE marru għall-agħar fir-rigward tal-ħin iddedikat min-nisa u mill-irġiel għall-kura, ix-xogħol domestiku u l-attivitajiet soċjali. Il-lakuni fl-impjegi u fis-salarji għadhom hemm.⁽²⁸⁾

Kisba kbira hija li l-Ewropa għandha l-ogħla stennija tal-għomor fid-dinja. Iżda minnhom infushom, għadd dejjem jikber ta' anzjani u popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos huma ta' sfida għall-mudell soċjoekonomiku tagħna. Flimkien mal-lonġevità, it-tixjiħ u l-probabbiltà ta' mard kroniku jistgħu jħallu impatt profond fuq il-finanzi pubbliċi, fosthom is-sistemi tas-saħħa. Dawn ukoll se jżidu r-riskju tal-inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet.

Il-% ta' persuni li għandhom aktar minn 65 sena meta mqabbel mal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol se jikber b'rata mgħaġġla



Source: Eurostat, Il-Kummissjoni Ewropea.

Nota: Din iċ-ċart turi l-proporzjonijiet ta' dipendenza fix-xjuħija – definiti bħala l-għadd ta' persuni ta' 65 sena jew aktar bħala perċentwal tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (jiġifieri persuni ta' bejn il-15 u l-64 sena).

L-inugwaljanzi u t-tnaqqis tal-mobbiltà soċjali huma riskji għall-iżvilupp ekonomiku ġenerali⁽²⁹⁾ u għall-koeżjoni soċjali. Ġeneralment l-UE għandha riżultati relattivament pożittivi fir-rigward tal-inugwaljanza fl-introjtu, iżda mhux daqstant b'rabta mal-opportunitajiet indaqs. Innuqqas ta' opportunitajiet indaqs jista' jostakola partijiet mill-popolazzjoni milli jintegraw fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ifixklu l-prospetti ta' tkabbir tagħhom. L-indirizzar tal-inugwaljanzi huwa kruċjali biex il-pubbliku jappoġġa t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà. Ittentazzjonijiet li qegħdin jeskalaw favur l-iżolazzjoniżmu u n-nazzjonaliżmu jistgħu jkunu sinjali li għadd kbir wisq ta' Ewoprej mhumiex iħossuhom protetti f'dinja li tidher qed issir dejjem aktar inġusta. Madankollu, huwa ċar li l-ebda Stat Membru mhuwa kbir jew b'saħħtu biżżejjed biex jindirizza l-isfidi transnazzjonali, iżda magħqudin fl-UE nistgħu noffru l-protezzjoni.

L-inugwaljanzi fi skala globali wkoll joħolqu tħassib serju. Hekk kif hemm differenzi kbar fit-tkabbir tal-popolazzjoni u fl-istandards tal-għajxien madwar id-dinja, flimkien maħ-żieda tat-temperaturi globali u l-għejbien tal-ekosistemi, ma hemmx dubju li se naraw żieda fl-ispustament sfurzat u fil-migrazzjoni madwar il-globu. Pereżempju, huwa stmat li sal-2050 mijiet ta' miljuni ta' persuni se jaħarbu djarhom b'riżultat tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali.⁽³⁰⁾ Dan huwa eżempju ċar dwar kif il-kwistjonijiet kumplessi differenti huma interkonnessi u interdipendenti, u għaliex jirrikjedu rispons komprensiv. Ma hemmx soluzzjoni waħda jew ħafifa għal għall-isfidi kbar u diffiċli li qed niffaċċjaw.

Il-modernizzazzjoni tal-mudell ekonomiku tagħna hija komputu diffiċli, li nindirizzaw il-kwistjonijiet soċjali li qed inħabbtu wiċċna magħhom u nissuktaw l-indukrar ta' kooperazzjoni mutlilaterali b'saħħitha u msejsa fuq ir-regoli huma sfidi kbar. Madankollu, dawn huma l-ingredjenti meħtieġa biex niggarantixxu l-istabbiltà soċjali, biex l-ekonomiji tagħna jirnexxu u biex intejbu saħħitna. Is-soċjetajiet ħielsa tagħna għandhom bżonn dinamiżmu ekonomiku, investimenti kontinwi f'teknoloġiji abilitanti essenzjali u fl-edukazzjoni. Biex kulħadd ikollu għejjieni aħjar għandna bżonn sura ta' tkabbir sostenibbli ivvintat mill-ġdid, ibbażat fuq il-fehim li l-kundizzjonijiet tal-fruntieri naturali tas-seklu 21 huma differenti ferm minn dawk tas-seklu l-ieħor. Aħna nilqgħu din l-isfida.

L-ekwità soċjali, is-solidarjetà u l-ħarsien ambjentali għandhom jiġu enfasizzati mis-soċjetà tagħna għall-indirizzar ta' sfidi globali maġġuri



1. L-aktar tweġiba popolari



2. L-aktar tweġiba popolari

L-Ewrobarometru dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa 2017

Skont id-definizzjoni tagħhom stess l-SDGs huma għanijiet globali, applikabbli għall-partijiet kollha tad-dinja, u jeħtiġilna nindirizzawhom b'dan il-mod. Irridu naħdmu b'perspettiva internazzjonali f'moħħna, immexxu bl-eżempju, nistabbilixxu standards globali, u nħajru lill-pajjiżi, lill-industriji u lin-nies jingħaqdu magħna f'din il-missjoni. Bħala l-akbar suq uniku fid-dinja, l-akbar negozjant u investitur u l-akbar donatur ta' assistenza għall-iżvilupp, l-UE jista' jkollha influwenza sinifikanti fis-suċċess tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti. L-UE diġà daħħlet fis-seħħ bosta mill-aktar politiki moderni fid-dinja biex trawwem is-sostenibbiltà. Irridu nkomplu f'din it-triq, iżda rridu nżidu r-ritmu sabiex niżguraw Ewropa sostenibbli sal-2030. Ma nistgħux ngħaddu din ir-responsabbiltà lill-ġenerazzjonijiet li jmiss, u ż-żmien li fadlilna qiegħed jaħrabilna. Id-deċiżjonijiet li nieħdu jew li ma niħdux fis-snin li għejjin se jiddeterminaw jekk jirnexxilniex indawru r-rotta jew le.


3 Lejn Ewropa sostenibbli sal-2030

L-iżvilupp sostenibbli jikkonċerna t-titjib tal-istandards tal-ġhajxien billi n-nies jingħataw għażliet reali, jinħoloq ambjent abilitanti u jixxerred l-għarfien u informazzjoni aħjar. B'hekk tinħoloq sitwazzjoni fejn aħna “ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna”⁽³¹⁾ permezz ta' użu aktar intelliġenti tar-riżorsi u ekonomija moderna li taqdi s-saħħa u l-benesseri tagħna.

Għaldaqstant jeħtiġilna nibqgħu għaddejjin fit-triq li stabilixxena għalina: tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx ta' karbonju, newtrali għall-klima u bijodiversa b'konformità sħiħa mal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u s-17-il SDG. Din it-tranżizzjoni trid tkun għall-benefiċċju ta' kulħadd, fejn ħadd ma jibqa' lura u tiggarrantixxi l-ugwaljanza u l-inklużività. It-tkabbir ekonomiku tagħna irid inaqqas id-dipendenza fuq riżorsi mhux rinnovabbli biex inkunu nistgħu nagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi rinnovabbli ġestiti b'mod sostenibbli u mis-servizzi tal-ekosistema.


L-UE diġà bdiet din it-tranżizzjoni. Bejn l-2000 u l-2015 l-impjegji fis-settur ambjentali żdiedu b'rata aktar mgħaġġla minn dawk tal-ekonomija iġenerali.⁽³²⁾ It-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju qegħdin isiru komodità nnegozjata maġġuri u l-UE qiegħda tgwadi minn bilanċi kummerċjali pożittivi sinifikanti. Bejn l-2012 u l-2015 l-esportazzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija nadifa mill-UE laħqu l-EUR 71 biljun, u qabżu l-importazzjonijiet bi EUR 11-il biljun. L-UE diġà qiegħda turi li huwa possibbli li l-ekonomija tikber u fl-istess ħin jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju.

L-UE turi li t-tkabbir ekonomiku u t-tranżizzjoni lejn emissjonijiet baxxi ta' karbonju huma kompatibbli



Source: Il-Kummissjoni Ewropea, Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Fl-UE s-setturi ekonomiċi ambjentali qegħdin jikbru b'rata aktar mgħaġġla minn dik tal-ekonomija iġenerali



Sors: Eurostat, Il-Kummissjoni Ewropea.

Jekk tkun minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-SDGs u fit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli l-UE tkun tista' tistabbilixxi l-istandards għall-bqija tad-dinja, fosthom permezz ta' investimenti intelliġenti fl-innovazzjoni u f'teknoloġiji abilitanti essenzjali. Imbagħad l-UE tkun tista' taħsad il-frott tat-tranżizzjoni. Ikollha wkoll l-akbar vantaġġ kompetittiv fis-suq globali r'għada. Dan jikkontribwixxi għal Stati Membri aktar b'saħħithom f'Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha, u n-nies ikunu jistgħu jilhqqu l-għanijiet tagħhom fil-libertà u l-benesseri - li hija r-realizzazzjoni tal-viżjoni Ewropea.

“It-tkabbir ekonomiku jgawdi minnu kulħadd”⁽³³⁾ jibbenefika lill-produtturi daqs kemm igawdu minnu l-konsumaturi. Huwa stmat li l-ksib tal-SDGs fl-oqsma tal-ikel, l-agrikoltura, l-enerġija, il-materjali, il-bliet u s-saħħa u l-benesseri jista' jwassal għal aktar minn EUR 10 triljuni f'opportunitajiet fis-suq.⁽³⁴⁾ L-ambizzjoni tal-UE għall-ksib ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u newtrali għall-klima se turi li t-tranżizzjoni ekoloġika tista' timxi id f'id mat-tiħ tal-prosperità. Biex jirnexxu l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jkunu minn ta' quddiem fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-infrastruttura moderna. Irridu wkoll ninkoraġġixxu l-emerġenza ta' mudell kummerċjali ġodda, negħlbu l-ostakli għas-Suq Uniku u nieħdu vantaġġ minn teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali. Ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-finanzi, l-ipprezzar u t-tassazzjoni, l-imġiba kummerċjali responsabbli, u l-mudelli kummerċjali ġodda u l-edukazzjoni huma fatturi orizzontali importanti li jwasslu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet tajbin għal bidla fis-sostenibbiltà - dejjem jekk ikunu mmirati lejn tranżizzjoni ekonomika innovattiva, ekoloġika, inklużiva u soċjalment ġusta.

Biex naslu fid-destinazzjoni tagħna jeħtiġilna ninvestu fin-nies u fis-sistemi differenti li jirfdu s-soċjetà tagħna. Approċċi iżolati u frammentati wrew li ma humiex effettivi. Jeħtieġ li nifformulaw strateġiji komprensivi u integrati. Pereżempju, il-kwistjonijiet ambjentali ma jistgħux jiġu solvuti permezz tal-politiki ambjentali biss jekk il-politiki ekonomiċi jibqgħu jippromwovu l-fjuwils fossili, l-inefficijenza tar-riżorsi jew produzzjoni u konsum insostenibbli. Bl-istess mod, il-politiki soċjali mhumiex biżżejjed biex jakkumpanjaw ir-raba' rivoluzzjoni industrijali u biex jappoġġaw il-forza tax-xogħol milquta mit-tranżizzjoni mill-karbonju; politiki b'saħħithom fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fir-riċerka u l-iżvilupp wkoll se jkunu kruċjali biex nibnu r-reżiljenza meħtieġa fis-soċjetajiet tagħna.

Hija meħtieġa azzjoni fil-livelli kollha. L-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u r-reġjuni jridu jagħtu l-kontribut tagħhom. Il-bliet, il-muniċipalitajiet u ż-żoni rurali jenħtieġ li jixprunaw il-bidla. Iċ-ċittadini, in-negozji, is-sħab soċjali u l-komunità tar-riċerka u l-għarfien se jkollhom jaħdmu id f'id. L-UE u l-Istati Membri tagħha se jkollhom jaħdmu ma' sħab internazzjonali. Biex nirnexxu, il-livelli kollha jridu jiġbdu l-istess ħabel.

3.1 FONDAZZJONIJIET POLITIĊI GĦAL FUTUR SOSTENIBBLI

Huwa għalhekk ta' importanza kruċjali li l-atturi kollha tal-UE jipprijoritizzaw it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà. Dawn iridu jkomplu jiżviluppaw l-aġendi politiċi trasversali li ġew adottati fil-livell tal-UE f'dawn l-aħħar snin. Partijiet sinifikanti tal-linji politiċi tal-UE huma diġà mmirati lejn il-kisba tal-SDGs, iżda għad għandhom bżonn li jitwettqu fil-prattika b'mod integrat mill-Istati Membri. Pereżempju, l-ispejjeż f'każ li l-leġiżlazzjoni ambjentali eżistenti tal-UE ma tiġix implimentata, huma stmata li jlaħħqu madwar EUR 50 biljun fis-sena fi spejjeż marbuta mas-saħħa u spejjeż diretti għall-ambjent. Jekk ikun hemm konformità sħiħa mar-regoli ambjentali tal-UE mhux biss jinkisbu benefiċċji kbar għall-ambjent, u għas-saħħa tagħna imma wkoll jinħolqu l-impjiegi⁽³⁵⁾.

Bl-istess mod, dan ma jinvolvi biss li jiġi jitħaffu u jiżiedu s-soluzzjonijiet sostenibbli, iżda wkoll li jinbnew pontijiet bejn l-aġendi differenti fil-livelli kollha u tiżdied il-koerenza bejniethom. Il-koerenza politika hija kondizzjoni kritika biex jiġi żgurat li niksbu riżultati fuq l-SDGs u niżguraw tkabbir inklużiv u ekoloġiku fit-tul għall-UE.

F'konformità mal-bażi soda ta' evidenza tal-isfidi ewlenin għas-sostenibbiltà u l-oportunitajiet għall-UE, huwa importanti li wieħed jiffoka fuq il-produzzjoni u l-konsum fl-oqsma tal-materjal u l-prodotti, l-ikel,

l-enerġija, il-mobilità u l-ambjent mibni⁽³⁶⁾, filwaqt li jitqiesu l-implikazzjonijiet soċjali tat-tibdil f'dawn l-oqsma. Dan huwa fejn il-bidliet fis-sostenibbiltà huma l-aktar meħtieġa u huma potenzjalment l-aktar ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-UE, għas-soċjetà u għall-ambjent naturali, b'effetti konsegwenzjali globali pożittivi u qawwija. Dawn l-oqsma ma joperawx b'mod isolat iżda huma marbutin mill-qrib u jsaħħu lil xulxin.

3.1.1 Minn ekonomija lineari għal ekonomija ċirkolari

Iż-żieda fid-disponibilità u l-affordabilità ta' materjal u prodotti differenti ssimplifikat ilna ħajjtna u kkontribwixxiet biex tgħolli l-istandards tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja fl-UE. Madankollu, il-kultura tagħna tal-konsum irriżultat f'estrazzjoni eċċessiva tar-riżorsi u pressjonijiet dejjem jikbru fuq il-kapital naturali u fuq l-klima⁽³⁷⁾.

Jeħtiġilna niżguraw li jkunu nistgħu nkomplu nkabbru l-ekonomija tagħna b'mod sostenibbli u ntejbu l-istandards tal-għajxien li n-nies qed jitolbu. Dan se jirrikjedi disinji ġodda ta' materjal u prodotti biex b'hekk inkunu mgħammra sew għall-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ dejjem aktar u aktar. Dan imbagħad se jwassal mhux biss biex jitnaqqas l-iskart, iżda se jnaqqas ukoll il-ħtieġa li jiġu estratti riżorsi ġodda bi spejjeż finanzjarji u ambjentali kbar. Meta prodott jasal fl-aħħar ta' ħajtu, kemm jekk ikun par jeans, smartphone, kontenitur tal-ikel jew biċċa għamara, ekonomija ċirkolari ta' vera tiżgura li l-parti l-kbira tal-valur tal-materjal tiegħu tiġi ppreservata, ħalli dak li qabel kien meġjus skart ikun jista' jerġa' jintuża biex isiru prodotti ġodda.

L-Ekonomija Ċirkolari taqta' l-ħela u tnaqqas il-ħtieġa għal riżorsi ġodda




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

It-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari, inkluż bijoekonomija ċirkolari, hija opportunità enormi biex jinħolqu vantaġġi kompetittivi fuq bażi tas-sostenibbli. L-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari fis-setturi u fl-industriji kollha se tibbenefika lill-Ewropa ambjentalment u soċjalment u barra minn hekk għandha l-potenzjal li tiġġenera benefiċċju ekonomiku nett ta' EUR 1.8 triljun sal-2030⁽³⁸⁾, toħloq aktar minn 1 miljun impjieg ġdid fl-UE sal-2030⁽³⁹⁾, u tkun ċentrali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.⁽⁴⁰⁾ Minħabba d-dipendenza qawwija tal-prodotti tal-UE fuq riżorsi minn partijiet oħra tad-dinja, it-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari tgħin ukoll biex l-UE tnaqqas il-perssonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi globalment u żżid l-awtonomija strateġika tal-UE.

L-użu ċirkolari ta' materjal qiegħed jiżdied fl-UE

Rata ta' użu f'%, UE28



Sors: Eurostat.

L-UE hija l-ekonomija fl-aħjar pożizzjoni biex tibbenefika mill-ekonomija ċirkolari billi tpoġġi l-prodotti ċirkolari bħala waħda mill-marki ewlenin tagħha u b'hekk tiġġenera vantaġġi kompetittivi. Madankollu, biex jinżamm dan il-vantaġġ se jkollna bżonn inżidu l-isforzi tagħna. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari adottat mill-Kummissjoni Juncker fl-2015 jistabbilixxi miżuri biex jiggwidaw lill-UE lejn l-ekonomija ċirkolari u biex jgħinu lill-UE ssir mexxejja dinjija f'din it-tranżizzjoni. Il-pjan jinkludi passi biex jinbidlu x-xejriet tal-konsum u tal-produzzjoni, billi jiffoka fuq id-disinn tal-prodotti (id-durabilità, ir-riparabilità, l-użu mill-ġdid u r-riċiklabilità), il-ġestjoni tal-iskart (l-evitar, ir-riċiklaġġ ta' materjal, l-irkupru tal-enerġija u l-evitar tar-rimi f'miżbljet) u ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi. Kważi l-elementi kollha tal-Pjan ta' Azzjoni diġà twettqu iżda jridu jittieħdu aktar passi biex tinbena ekonomija Ewropea ċirkolari bis-sħiħ.

L-Istrateġija tal-UE dwar il-bioekonomija mġedda ppreżentata fl-2018 tikkomplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari, ittejjeb u tespandi l-użu

sostenibbli ta' riżorsi rinnovabbli u tippermetti li materja prima rinnovabbli u prodotti sekondarji industrijali jiġu ttrasformati fi prodotti b'bażi bijoloġika, bħal fjuwils, sustanzi kimiċi, kompożiti, għamara u fertilizzanti.

Issa huwa essenzjali li daww il-politiki li huma fis-seħħ jitwettqu fir-realtà fuq il-post, u l-inkompluniprijorizzazzjoni jiet ġodda fil-livelli kollha tal-igġvernar fl-UE. Pereżempju, modernizzazzjoni ambizzjuża tar-regoli tal-UE dwar l-iskart se jkollhom jipogġew fil-prattika mill-Istati Membri. L-evalwazzjonijiet taċ-ċikli tal-ħajja tal-prodotti għandhom isiru norma u l-qafas tal-ekodisinn — li nħoloq biex tiżdied l-effiċjenza tal-prodotti ħalli jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi għandu jiġi estiż kemm jista' jkun. Bdiet il-ħidma dwar is-sustanzi kimiċi, l-ambjent mhux tossiku, it-tikkettar ekoloġiku u l-ekoinnovazzjoni, il-materja prima kritika u l-fertilizzanti, hemm bżonn li titħaffef. L-ixprunar tas-suq għal materja prima sekondarja għandu jibqa' prijorità ewlenija. Il-ħidma b'suċċess fuq ekonomija ċirkolari tal-plastik se jkollha tibqa' qasam ewleni enfazzat, u r-riżorsi addizzjonali u l-industriji li jniġġsu b'mod intensiv pereżempju tal-ikel, it-tessili, u l-elettronika wkoll se jkollhom jiġu appoġġati u stimulati biex isiru ċirkulari. Is-setturi b'bażi bijoloġika se jkollhom jiżdiedu u jissaħħu filwaqt li jiġu protetti l-ekosistemi tagħna u jiġi evitat l-isfruttament żejjed tar-riżorsi naturali. Filwaqt li nimxu 'l quddiem, għandna nagħmlu l-ekonomija ċirkolari s-sinsla tal-istrateġija industrijali tal-UE, b'mod li nippermettu ċ-ċirkolarità f'oqsma u setturi ġodda, nagħtu s-setgħa lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati u biex intejbu l-isforzi mis-settur pubbliku permezz ta' akkwist pubbliku sostenibbli. Il-mument huwa propizju, u x-xejra tal-opinjoni pubblika li tappoġġja l-Istrateġija tal-UE dwar il-Plastik turi li hemm fehim dejjem jikber biex jtkompla dan il-proċess.

L-ekonomija ċirkolari fl-azzjoni: L-UE qed toħloq l-ewwel Strateġija komprensiva fid-dinja dwar il-Plastik

L-Istrateġija tal-UE dwar il-Plastik⁽⁴¹⁾ u l-leġiżlazzjoni dwar il-plastik b'użu ta' darba⁽⁴²⁾ se jipproteġġu l-ambjent mit-tniġġis tal-plastik filwaqt li jħeġġu t-tkabbir u l-innovazzjoni. L-imballaġġ tal-plastik kollu mqiegħed fis-suq tal-UE hemm bżonn li jkun riċiklabbli sal-2030 b'mod ekonomikament vijabbli, fejn iż-żieda intenzjonali ta' mikroplastiks u l-oġġetti tal-plastik li jintużaw darba li l-aktar jagħmlu ħsara u li għalihom jeżistu alternattivi se jiġu pprojbiti, u l-plastik riċiklat se jintuża dejjem aktar biex isiru prodotti ġodda.

3.1.2 Is-sostenibbiltà mill-għalqa sal-platt

Is-settur tal-biedja u ż-żoni rurali tal-UE huma kruċjali għall-benesseri tal-Ewropej. L-agrikoltura u l-industrija tal-ikel tagħna jagħmlu lill-UE waħda mill-produtturi ewlenin tal-ikel fid-dinja, garanti tas-sigurtà tal-ikel u fornitur ta' miljuni ta' impjegji għall-Ewropej. Il-bdiewa tal-UE huma wkoll l-ewwel protetturi tal-ambjent naturali għax huma jieħdu ħsieb ir-riżorsi naturali fi 48 % tal-art tal-UE, filwaqt li dawk li jieħdu ħsieb il-foresti jirrapreżentaw 40 % oħra. Iż-żoni rurali tal-UE jospitaw setturi innovattivi bħall-bijoekonomija. Barra minn hekk, iż-żoni rurali tagħna jservu bħala bażijiet kbar għar-rikreazzjoni u għat-turiżmu. Madankollu, hekk kif it-temperaturi medji qed ikomplu jogħlew u l-ambjent naturali qed jiġi ddegradat, il-bdiewa u dawk li jieħdu ħsieb il-foresti huma dawk l-aktar affettwati direttament.

L-agrikoltura tal-UE għamlet progress reali fejn jidhru l-klima u l-ambjent, billi naqqset l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'20 % u l-livelli tan-nitrati fix-xmajjar b'17.7 % mill-1990 'l hawn. Madankollu, dawn l-isfidi għadhom jeżistu. Jekk irridu nimmodernizzaw l-ekonomija tagħna, nipproteġu l-ambjent u ntejbu l-kwalità tal-ikel tagħna, l-iżbilanċi fil-katina tal-ikel tagħna jeħtieġ li jiġu kkoreġuti, mill-agrikoltura sas-sajd, mill-industrija tal-ikel u tax-xorb sat-trasport u d-distribuzzjoni u l-konsum.


L-SDGs joffru t-triq 'il quddiem. Huwa stmat li sistema globali tal-ikel u tal-agrikoltura konformi mal-SDGs tista' toħloq valur ekonomiku għdid ta' iktar minn EUR 1.8 triljun sal-2030.⁽⁴³⁾ Dan jista' jwassal għal ikel nutrittiv, bi prezz raġonevoli għal popolazzjoni dinjija li qed tikber, jiġġenera dħul oġhla, jgħin biex jiġu restawrati l-foresti, ir-riżorsi u l-ekosistemi tal-ilma ħelu u biex inkunu ħafna aktar reżiljenti għar-riskju tal-klima.⁽⁴⁴⁾ L-agrikoltura u l-prattiki tal-produzzjoni tal-ikel sostenibbli huma mistennija joħolqu aktar minn 200 miljun impjieg full-time globalment sal-2050.⁽⁴⁵⁾

Hawnhekk ukoll, id-domanda pubblika qed tevolvi. Iċ-ċittadini qegħdin dejjem aktar japprezzaw ikel prodott b'benefiċċji usa' għas-soċjetà, bħall-prodotti organiċi, prodotti b'indikazzjonijiet ġeografiċi, sistemi tal-produzzjoni tal-ikel lokalizzati b'anqas marki tal-karbonju, u soluzzjonijiet innovattivi tal-ikel b'livelli

baxxi ta' emissjonijiet. Il-biedja organika, b'enfasi fuq il-protezzjoni ambjentali u l-benesseri tal-annimali, ilha tiżdied b'mod kostanti fl-Istati Membri kollha tal-UE sa mill-2005 u hija mistennija tkompli tikber.⁽⁴⁶⁾

L-agrikoltura organika qiegħda tiżdied fl-UE u tirrapreżenta għal kważi l-irdoppjar taż-żona agrikola totali mill-2005 sal-2016

Żona b'biedja organika, % tal-art agrikola użata



Sors: Eurostat.

Bħala l-akbar esportatur u importatur ta' prodotti agroalimentari fid-dinja⁽⁴⁷⁾, l-UE tinsab f'qiegħda tajba biex taħsad il-benefiċċji ekonomiċi ta' din l-opportunità u ssir sostenitur dinji tal-ikel sostenibbli. Dan jista' jintlaħaq. Jeħtieġ li jkun hemm approċċ komprensiv li jinvolvi bidla ġenwina, bidla fil-mod kif nipproduċu, nittrasformaw, nikkunsmaw u nqassmu l-ikel billi nħaffu t-tranżizzjoni lejn **sistema tal-ikel sostenibbli** bbażata fuq il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u billi l-produzzjoni tal-ikel innovattiva, bnina, li tħares l-ambjent u l-benesseri tal-annimali, sikura u nutrittiva ssir waħda mill-marki ewlenin tagħna bħala Ewropej.

Il-Kummissjoni pproponiet politika Agrikola Komuni modernizzata (PAK), fejn il-pjani nazzjonali tal-Istati Membri se jkollhom jirriflettu l-prinċipji tas-sostenibbiltà qawwija li huma fil-qalba tal-oġġettivi tal-PAK. Il-Politika Komuni tas-Sajd wasslet għal progress sinifikanti fit-titjib tas-sostenibbiltà tas-sajd Ewropew. Madankollu, l-implimentazzjoni korretta tal-Politika Komuni tas-Sajd, inkluża l-ġestjoni sostenibbli tal-istokk kollu tal-ħut u l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli jibqgħu essenzjali.

Appoġġ għat-tranżizzjoni lejn agrikoltura sostenibbli permezz ta' PAK modernizzata

Il-PAK futur (2021 sal-2027)⁽⁴⁸⁾ se jkompli jiżgura aċċess għal ikel ta' kwalità għolja u appoġġ qawwi għall-mudell uniku agrikolu Ewropew b'fokus akbar fuq l-ambjent u l-klima, favur it-tkomplija tat-tranżizzjoni lejn settur agrikolu iżjed sostenibbli u l-iżvilupp ta' żoni rurali vibranti.

L-obbligi l-ġodda jinkludu l-ippreservar tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju permezz tal-protezzjoni tal-artijiet mistagħdra u torbiera; għodda obbligatorja tal-ġestjoni tan-nutrijenti biex ittejjeb il-kwalità tal-ilma u tnaqqas il-livelli tal-ammonijaka u tal-ossidu nitruż; in-newba tal-għelejjel minflok id-diversifikazzjoni tal-għelejjel. Il-bdiewa kollha li jibbenefikaw minn appoġġ tal-PAK se jkollhom jirrispettaw dawn l-istandards bażiċi.

Kull Stat Membru se jkollu jiżviluppa ekoskemi biex jappoġġjaw u/jew ikunu ta' inċentiv għall-bdiewa biex dawn jippreferu Prattiki agrikulturali li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji tagħhom. Barra minn hekk, il-bdiewa se jkollhom il-possibbiltà li jikkontribwixxu aktar lejn sostenibbiltà akbar billi jirċievu appoġġ addizzjonali permezz ta' diversi skemi volontarji.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi infurzat mod aktar prudenti tal-użu tal-antimikrobiċi biex jitnaqqas ir-riskju ta' aktar reżistenza antimikrobika fl-annimali u fil-bnedmin⁽⁴⁹⁾, jiġi segwit il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-għieda kontra l-ħela tal-ikel, fokus akbar fuq l-istandards tal-benessri tal-annimali, jiġi żgurat l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-bijoskart, ir-residwi u l-iskart jiġu ttrasformati f'riżorsi ta' valur. Il-ħolqien tat-trasparenza fil-ktajjen tal-valur u l-inċentivi għall-produtturi u għas-supermarkets biex joffru, u għall-konsumaturi biex jagħżlu ikel u dieti sostenibbli u bnini jistgħu jiġu mħeġġa permezz ta' miżuri adattati u innovattivi inkluż edukazzjoni aħjar u informazzjoni għall-konsumaturi biex jiġu offruti għażliet reali, tajbin għas-saħħa u affordabbli. Bidla lejn ekonomija aktar sostenibbli tal-konsum ta' prodotti bbażati fuq l-annimali barra minn hekk iġib magħha benefiċċji sinifikanti tas-saħħa għall-konsumaturi u taffettwa b'mod pożittiv l-ambjent naturali.⁽⁵⁰⁾


3.1.3 Enerġija, bini u mobilità għall-futur

Enerġija nadifa hija fattur essenzjali għal ġejjieni sostenibbli. Għandna bżonn nipproduċu, naħżnu u nikkunsmaw l-enerġija b'mod sostenibbli sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tagħna u nipproteġu s-saħħa tal-Ewropej.

L-UE diġà hija waħda mill-aktar ekonomiji effiċjenti fl-użu tal-karbonju fid-dinja. L-enerġija rinnovabbli hija parti integrali mit-taħlita tal-enerġija tal-Ewropa u aktar minn nofs tal-provvista tal-elettriku fl-UE hija newtrali mil-lat ta' klima. F'dawn l-aħħar snin il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, fosthom it-tikkettar tal-enerġija, naqqasu l-konsum tal-enerġija.⁽⁵¹⁾ Aktar u aktar nies qegħdin jagħżlu li jixtru apparat b'effiċjenza enerġetika. Hemm kważi 1.5 miljun impjeg fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza tal-enerġija fl-Ewropa.

Fl-2016 l-enerġija rinnovabbli rrapreżentat 17% tal-enerġija kkonsmata fl-UE, progress tajjeb biex tintlaħaq il-mira ta' 20% sal-2020

F'% tal-konsum finali gross tal-enerġija



Source: Eurostat.

Bl-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet wieħed mill-aktar oqfsa globali komprensivi ta' politika għat-tranżizzjoni tal-enerġija u għall-modernizzazzjoni ekonomika, li jlaqqa' flimkien il-klima, l-enerġija, it-trasport, ir-riċerka u politiki oħra. Bħala parti mir-regolament dwar l-Unjoni tal-Enerġija, il-livelli fil-miri tal-UE li jintlaħqu ta' mill-inqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum totali tal-enerġija u effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 32.5 % fl-2030 se jippermettulna li jmorru lil hinn l-impenn tagħna skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima li nnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 40 % sal-2030, meta mqabbel mal-livelli tal-1990.

L-Enerġija Nadifa hija opportunità għat- tkabbir u l-impjegi


Bejn l-2008 u l-2014, l-għadd ta' impjegi fit-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli żdied b'70 %. Hemm il-potenzjal li jinħolqu 900 000 impjeg addizzjonali sal-2030, dment li jiġi mobilizzat l-investment pubbliku u privat. Sa 400 000 impjeg lokali ieħor jistgħu jinħolqu mis-settur tal-effiċjenza fl-enerġija.

Lil hinn mill-2030 huwa meħtieġ li jsir aktar biex jiġi onorat kif imiss il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, kif ukoll l-ispirtu tiegħu, u jiġi sfruttat il-potenzjal ekonomiku sħiħ tat-tranżizzjoni tal-enerġija. L-UE tista' tnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza għalja fuq il-fjuwils fossili, tnaqqas il-kont tal-importazzjoni tal-fjuwil fossili ta' madwar EUR 260 biljun, iżżid l-awtonomija enerġetika tagħha, u tikkontribwixxi għal suq tal-enerġija aktar ġust. Huwa essenzjali li nkomplu l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija billi nibnu l-interkonnessjonijiet nieqsa u niffaċilitaw il-kummerċ transfruntier tal-enerġija. It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tista' wkoll tkun appoġġjata mill-enerġija mill-oċeani u mill-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. Bħala mexxejja f'dan il-qasam, l-UE għandha tkompli tgawdi mill-vantaġġ tagħha bħala innovatur.

Billi llum il-**binjiet** huma responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija, hemm bżonn li jiġu promossi l-effiċjenza mtejba tal-enerġija permezz tar-rinnovazzjoni u tal-modernizzazzjoni. Dan diġà beda. Pereżempju, l-ekoindustrija marbuta b'mod partikolari mar-rinnovazzjoni tal-bini jirrappreżentaw aktar minn 3.4 miljun impjeg fl-Ewropa. It-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija fil-bini jirrikjedi aktar użu effiċjenti u nadif mat-tiħin bl-elettriku, iżda wkoll binjiet u apparat domestiku aktar intelliġenti u materjal aħjar għall-iżolazzjoni,

f'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari. Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija timmira li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja, billi d-djar tagħna jsiru insulati u vventilati aħjar u għalhekk postijiet aħjar fejn wieħed jgħix, filwaqt li jiddekarbonizzaw l-istokk tal-bini sal-2050. Dawn l-azzjonijiet se jwasslu għal spejjeż irħas għall-għajxien u b'hekk iħallu aktar flus fi bwiet in-nies. Madankollu, iridu jinstabu modi u mezzi biex jgħinu lin-nies jagħmlu t-tranżizzjoni qabel kollox.

Mutur prinċipali ieħor għat-tranżizzjoni lejn futur nadif, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u newtru fejn jidħlu l-emissjonijiet tal-karbonju huwa s-settur tal-**mobilità**, mill-mobilità urbana san-netwerks trans-Ewropej, it-trasport bit-triq kif ukoll it-tbaħħir u l-avjazzjoni. Is-servizzi tat-trasport u tal-mobilità jimpjegaw madwar 11-il miljun ruħ, u d-domanda għall-mobilità llum hija kbira. Madankollu, it-trasport illum jiġġenera tniġġis tal-arja, storbu, konġestjoni u inċidenti fit-toroq. Is-settur diġà jirrappreżenta kważi kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Ewropa u l-marka tal-emissjonijiet tiegħu qegħda tiżdied. Il-Pjan ta' Azzjoni għal Mobilità b'Emissjonijiet Baxxi, ippreżentat mill-Kummissjoni fl-2016, u l-proposti "L-Ewropa Attiva" li segwew, jipprevedu għadd ta' miżuri biex tiżdied is-sostenibbiltà tas-sistema tat-trasport tagħna. Dawn l-azzjonijiet huma mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jagħtu sinjal lill-kumpaniji tal-UE biex jinvestu fi trasport nadif. Dan ukoll se jikkontribwixxi għall-impjegi u għat-**tkabbir**. Irridu niprijoritizzaw alternattivi nodfa u affordabbli, bl-objettiv li jkollna biss vetturi b'emissjonijiet zero fit-toroq tal-UE u jagħmlu l-aħjar użu tat-teknoloġiji diġitali li jistgħu jgħinu fit-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwil. Bl-istess mod, is-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, pereżempju fl-avjazzjoni u fit-trasport bit-triq.



Is-sehem tal-enerġija użata f'**attivitajiet ta' trasport minn sorsi rinnovabbli kważi tripla** f'10 snin biex laħaq is-7.1 % fl-2016.

Eurostat 2018

Il-bliet huma fuq quddiem nett tat-tranżizzjoni lejn mobilità sostenibbli. Permezz tal-ippjanar urban sostenibbli, l-integrazzjoni tal-ippjanar spazjali u l-indirizzar tad-domanda għall-mobbiltà u għall-infrastruttura, l-ibliet għandhom rwol importanti x'jaqdu.

Iż-żoni urbani għandhom wkoll jiġu meġhuna fid-diġitalizzazzjoni, fl-awtomatizzazzjoni u soluzzjonijiet innovattivi oħra u għandhom jimmiraw lejn trasport attiv u kondiviż, minn aktar mixi u ċikliżmu għal servizzi ta' kondiviżjoni ta' karozzi u ppuljar ta' karozzi.

Barra minn hekk, huwa importanti li nħarsu lejn it-tfassil u tmiem il-ħajja tal-vetturi, u lejn l-infrastruttura tat-trasport biex niżguraw li l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari jintużaw sal-massimu possibbli. Il-vetturi li jkunu waslu fi tmiem ħajjithom ikun għad fihom bosta materjal ta' valur. Il-qafas leġiżlattiv tal-vetturi li jkunu waslu fl-aħħar ta' ħajjithom jeżiġi li l-produtturi jiddisinnjaw u jimmanifatturaw vetturi ġodda mingħajr sustanzi perikolużi u b'tali mod li jagħmilha faċli li l-materjali ta' vettura antika jintużaw mill-ġdid u jiġu riċiklati ħalli jsiru prodotti ġodda.

Jista' jsir iktar u għandu jsir aktar fejn jidħol l-użu ta' kontenut riċiklat fil-vetturi u fl-infrastruttura tat-trasport ħalli jkun hemm riċiklaġġ aktar effiċjenti. Pereżempju, jekk jiżdied il-ġbir u r-rati ta' riċiklaġġ tal-batteriji tal-karozzi elettriċi fl-UE tkun tista' titnaqqas id-dipendenza fuq il-materjal impurtat u jkun ta' għajjnuna biex jinżamm il-valur tal-materjal irkuprat fl-ekonomija tal-UE. Inċentivi addizzjonali, kemm regolatorji kif ukoll finanzjarji, se jkunu importanti biex il-potenzjal tal-ekonomija ċirkolari jiġi sfruttat bl-aħjar mod fis-settur tat-trasport.

3.1.4 Tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta

Is-solidarjetà u l-prosperità huma virtujiet fihom infushom u jiffurmaw il-fibra nnifisha tas-soċjetajiet ħielsa u demokratiċi tagħna. It-tranżizzjoni lejn tkabbir u kompetittività ekonomika li tkun ekoloġikament sostenibbli tista' tkun ta' suċċess biss jekk tkun ukoll inklużiva. Il-bidla lejn is-sostenibbiltà hija għalhekk wkoll dwar il-promozzjoni tad-drittijiet soċjali u tal-benessri għal kulħadd, u għalhekk tikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali fl-Istati Membri u madwar l-UE.

It-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà jista' jkollha effetti pożittivi qawwija fuq il-benesseri soċjali. Minnbarra li tipprovdi l-pedament għal impjiegi deċenti, jista' jkollha benefiċċji tas-saħħa notevoli wkoll. Huwa rikonnoxxut b'mod wiesa' li s-saħħa tajba hija marbuta mill-qrib mal-istat tal-ambjent naturali tagħna. L-effetti negattivi tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma huma eżempju ċar ta' dan. Sistemi alimentari sostenibbli jistgħu jipprovdu ikel nutrittiv u ta' kwalità għolja għaċ-ċittadini kollha.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi kkontribwixxiet b'mod sinifikanti sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Matul dawn l-aħħar erba' deċennji, l-esponimenti tal-bniedem u tal-ambjent għal sustanzi perikolużi naqsu b'mod drammatiku. Il-leġiżlazzjoni tal-UE għenet ukoll biex jitnaqqas l-esponiment għal ċerti karċinoġeni fuq il-post tax-xogħol u wasslet għal stima ta' prevenzjoni ta' miljun każ ġdid tal-kanċer fl-UE matul l-aħħar 20 sena.

Il-ħolqien ta' sinerġiji u l-immodernizzar tal-ekonomija tagħna xi kultant jinvolvi wkoll kompromessi diffiċli. Minkejja li f'din it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà se jinħolqu impjiegi ġodda, impjiegi tradizzjonali jistgħu jgħibu jew jiġu ttrasformati fost l-oħrajn permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni, u dan joħloq inkwiet temporanju fis-suq tax-xogħol. Fir-rigward tas-suq tax-xogħol pereżempju fil-preżent mhuwiex ċar x'se jkun l-impatt eżatt tal-intelliġenza artifiċjali.

Minkejja l-fatt li ħafna unitajiet domestiċi qed ibatu biex ilaħħqu mal-ħajja, il-pubbliku qed jifhem aktar li għandna bżonn nibdlu l-mod kif nipproduċu u nikkunsmaw. Madankollu, mhux talli dawn l-isfidi jolqtu lill-klassi bi dħul medju u baxx relattivament aktar bil-qawwa iżda l-ispejjeż biex jirrenovaw djarhom, il-karozzi tagħhom jew il-ħilithom, pereżempju, jistgħu wkoll ipoġġu piż ogħla fuqhom.


Din it-tranżizzjoni għandha konsegwenzi għal dawk impjegati f'negozji milquta u xi kultant għal reġjuni sħaħ. Prinċipju fundamentali biex isseħħ it-tranżizzjoni huwa li ħadd ma jibqa' lura. Sempliċiment ma nistgħux naslu għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà għad-detriment ta' xi gruppi ta' nies, komunitajiet, setturi jew reġjuni. Il-membri kollha tas-soċjetà tagħna jridu jingħataw opportunitajiet indaqs biex jikkontribwixxu għal ġejjieni Ewropew sostenibbli u jibbenefikaw mit-tranżizzjoni. B'mod partikolari rridu nagħtu s-setgħa lin-nisa biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u jiksbu l-indipendenza ekonomika.

Biex jirnexxilna jipogġu lis-soċjetà tagħna fuq triq tas-sostenibbiltà, irridu niżguraw li l-politiki tagħna jgħinu lill-Ewropej kollha jagħmlu din il-bidla, inkluż billi ngħammruhom bil-ħiliet li hemm bżonn. Il-Kummissjoni nediet, pereżempju, l-inizjattiva għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni, li tgħin biex jiġu żviluppanti strateġiji u proġetti għal trasformazzjoni soċjali, ekonomika u teknoloġika vijabbli f'ċerti reġjuni fl-UE, u li se tiġi estiża għar-reġjuni b'użu intensiv tal-karbonju. Tali inizjattivi bikrija li jantici paw l-isfidi tat-tranżizzjoni għandhom jissaħħu u jiġu multiplikati għal setturi oħra fejn hija meħtieġa trasformazzjoni. Is-settur awtomobilistiku u ċerti setturi tal-ikel jistgħu jkunu eżempju.

L-UE qiegħda tippjana bil-quddiem ħafna għat-tranżizzjoni taż-żoni ta' estrazzjoni tal-faħam

Telf ta' impjegi potenzjali UE27
Unità 2030 (kumulattiva)

- <1000
- 1000-3000
- 3000-6000
- 6000-15000
- >15000
(up to 41000)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (DG JRC, DG REGIO).

Se jkun ukoll kruċjali li t-tranżizzjoni tkun soċjalment inklużiva u ġusta biex il-pubbliku jaċċetta l-passi meħtieġa u biex it-tranżizzjoni tiddawwar f'suċċess għal kulħadd. Dan jimplika parteċipazzjoni oġhla u aktar ġusta fis-suq tax-xogħol, filwaqt li tingħata importanza lill-kwalità tal-impjegi u lill-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dan jimplika wkoll ir-rispett tad-drittijiet tal-minoranzi.

F'dan il-kuntest, migrazzjoni bl-ordni, legali u ġestita tajjeb tista' toħloq opportunitajiet għall-ekonomija Ewropea, billi tindirizza t-tibdil demografiku, kemm fil-pajjiżi tal-orijini kif ukoll fil-pajjiżi tad-destinazzjoni tal-migranti. L-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetajiet – kemm kulturali, soċjali jew ekonomiċi – tal-migranti kollha li bi dritt u b'mod leġittimu jkunu residenti fl-UE hija responsabbiltà komuni u hija kruċjali biex tiġi żgurata l-koeżjoni soċjali.⁽⁵²⁾

It-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà tirrikjedi wkoll investiment f'sistemi ta' protezzjoni soċjali effettivi u integrati, inklużi servizzi ta' kwalità bħalma huma l-edukazzjoni, it-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja, il-kura tat-tfal, il-kura mhux fl-iskola, il-kura tas-saħħa u fit-tul. Dan huwa essenzjali biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għal kulħadd u biex jippromwovi l-konverġenza ekonomika u soċjali. Is-sistemi tas-saħħa, b'mod partikolari, jeħtieġ li jevolvu biex ikunu faċilment aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd, inkluż aċċess aħjar

għall-mediċini, ikunu ffokati aktar madwar il-pazjenti, u ffukati bil-qawwa fuq il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard. Dawn għandhom jikollhom ukoll aktar ippjanar u tbassir, li jkunu aħjar, dwar il-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa u użu usa' ta' teknoloġiji diġitali kosteffettivi.⁽⁵³⁾

Għalhekk l-investiment soċjali jrid jibqa' fost l-oġhla prijoritajiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Id-Dokument ta' Riflessjoni dwar l-Ewropa Soċjali⁽⁵⁴⁾ huwa punt ta' referenza importanti, u jesplora fid-dettall l-għażliet biex nadattaw il-mudelli soċjali tagħna għall-isfidi li qed inħabbtu wiċċna magħhom. Il-qafas ewlieni biex l-UE timxi 'l quddiem huwa l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-istituzzjonijiet tal-UE f'Novembru 2017. L-għan tal-Pilastru huwa li jiggwida proċess imġedded ta' titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien. Dan jistabbilixxi l-prinċipji u d-drittijiet ewlenin fil-qasam tal-impjegi u soċjali. L-attenzjoni tagħna issa trid tkun fuq it-twettiq tal-Pilastru. Fil-mixja 'l quddiem għandna niżguraw ukoll li l-implimentazzjoni tal-Pilastru tgħin biex tgħammar lin-nies bil-ħiliet meħtieġa għall-impjegi addattati li huma mmirati lejn tranżizzjoni ekonomika ekoloġika.

It-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà trid ukoll tkompli tgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni jikbru 'l fuq u lejn xulxin, filwaqt li jevitaw inġustizzji u inugwaljanzi reġjonali usa' fl-UE fi ħdan iż-żoni urbani u dawk rurali u bejniethom.

Filwaqt li 75 % tat-territorju tal-UE huwa rurali, iż-żoni urbani huma d-dar ta' aktar minn żewġ terzi tal-popolazzjoni tal-UE. Dawn jiġġeneraw sa 85 % tal-PDG tal-UE, li jgħoddu għal madwar 60-80 % tal-użu tal-enerġija, u spiss jiffaċċjaw sfidi bħalma huma l-konġestjoni, nuqqas ta' akkomodazzjoni adegwata, tniġġis tal-arja, u infrastruttura sejra lura.⁽⁵⁵⁾ L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-Aġenda Urbana tal-UE għandha tibqa' prijorità u s-sinerġiji ma' politiki differenti tas-sostenibbiltà u ma' strumenti oħra għandhom jiġu intensifikati.

Iż-żoni rurali huma wkoll il-fornituri prinċipali tal-ikel, tal-enerġija u tal-materjal li nikkonsmaw u huma għalhekk ta' importanza kritika għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà. Il-bijoeconomija hija eżempju wieħed fejn tista' ssir kontribuzzjoni importanti lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tagħna filwaqt li jinħolqu impjegi rurali. It-turiżmu u s-sistemi tal-ikel sostenibbli ukoll huma eżempji tajbin ta' opportunitajiet ekonomiċi fiż-żoni rurali, li jinvolvu l-protezzjoni u t-tiġid tal-wirt kulturali u naturali.

Miżuri tal-UE wehldhom, bħall-politika ta' koeżjoni u l-politiki tal-iżvilupp rurali, inkluża l-Azzjoni tal-UE għal Irħula Intelliġenti, mhux se jkunu biżżejjed, u l-atturi kollha, inklużi daww nazzjonali u reġjonali se jkollhom jagħmlu l-parti tagħhom biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u japplikaw approċċi regolatorji u oħrajn xierqa li jsaħħu ż-żoni rurali u jissalvagwardjaw kundizzjonijiet tal-għajxien ugwali.

3.2 FAĊILITATORI ORIZZONTALI GĦAT-TRANŻIZZJONI LEJN IS-SOSTENIBBILTÀ

3.2.1 L-edukazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni

L-edukazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma prerekwiżit biex tinkiseb ekonomija tal-UE sostenibbli li tilħaq l-SDGs.⁽⁵⁶⁾ Għandna bżonn inkompli nżidu s-sensibilizzazzjoni, inwessgħu l-għarfien u ntejbu l-ħiliet tagħna. Għandha ninvestu aktar f'dawn l-oqsma, u nidderiġuhom lejn l-SDGs.

L-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja huma indispensabbli biex tinħoloq kultura ta' sostenibbiltà. Il-mexxejja tal-UE qablu li jaħdmu lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-kultura bħala xpruni għall-ħolqien tal-impjiegi, għat-tekabbir ekonomiku u għall-ġustizzja soċjali. L-edukazzjoni hija kemm virtù, fiha nnifsha, u mezz imprezzabbli biex jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli. It-tijib tal-aċċess ugwali għal edukazzjoni u għal taħriġ inklużivi ta' kwalità għolja fl-istadi kollha tal-ħajja, mill-edukazzjoni bikrija fit-tfulija sal-edukazzjoni ogħla u l-edukazzjoni għall-adulti, iridu għaldaqstant ikunu mira prinċipali. L-istituzzjonijiet edukattivi fil-livelli kollha għandhom jiġu mħeġġa jħaddnu l-SDGs bħala gwida għall-attivitajiet tagħhom u jiġu sostnuti biex isiru postijiet fejn il-ħiliet għas-sostenibbiltà mhumiex biss jiġu mgħallma iżda wkoll prattikati b'mod attiv. Ir-riforma u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni, mill-bini ta' skejjet u kampusijiet ekoloġiċi sal-iżvilupp tal-ħiliet ġodda għall-ekonomija diġitali għandhom jiġu indirizzati wkoll.

It-tisħiħ tal-ħiliet fl-ICT u l-kompetenzi diġitali ewlenin, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali tal-UE⁽⁵⁷⁾, u l-fokus fuq l-intelliġenza artifiċjali⁽⁵⁸⁾ għandhom ikunu fost il-prijoritajiet meta nħarsu 'l quddiem. Hija prijorità ċara li l-qawwa tat-

trasformazzjoni diġitali trid tiġi kkontrollata u sfruttata sabiex jintlaħqu l-SDGs. L-UE hija impenjata bis-sħiħ biex tiżviluppa l-kapaċità u l-għarfien espert fit-teknoloġiji diġitali ewlenin bħall-konnettività, l-internet tal-oġġetti, iċ-ċibersigurtà, il-blockchain jew l-informatika ta' prestazzjoni għolja, filwaqt li fl-istess ħin tagħti attenzjoni lill-esternalitajiet negattivi potenzjali tal-infrastrutturi diġitali.


L-intelliġenza artifiċjali hija qasam fejn l-UE għadha lura, wara ċ-Ċina u l-Istati Uniti.⁽⁵⁹⁾ L-UE jenħtieġ li tlaħħaq malajr biex taħsad il-benefiċċji ekonomiċi u fl-istess ħin tieħu r-riedni f'idejha fejn tidħol il-formazzjoni tal-etika l-għdida meħtieġa li għandha takkumpanja din it-teknoloġija għdida. B'dan il-mod l-UE tista' tgħin biex jiġi żgurat li l-intelliġenza artifiċjali tkun ta' benefiċċju nett għal ħajjet in-nies u x-xogħolhom. Billi l-intelliġenza artifiċjali tkun tista' tipproċessa ammonti kbar ta' *data* b'mod istantanju, għandha l-potenzjal iżżid b'mod sinifikanti l-produttività f'bosta oqsma, bħalma huma l-kura tas-saħħa, l-enerġija, l-agrikoltura, l-edukazzjoni u l-protezzjoni ambjentali. Pereżempju, fis-settur agrikolu, ir-riċerkaturi bħalissa qed jużaw l-intelliġenza artifiċjali u l-big *data* biex ibassru r-rendiment tal-għelejjel diversi xhur qabel il-ħsad, b'hekk potenzjalment jgħinu lill-bdiewa jżidu l-produttività, jieħdu deċiżjonijiet informati dwar it-tħawwil u fl-aħħar mill-aħħar itejbu s-sigurtà tal-ikel.⁽⁶⁰⁾

Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom rwol importanti bħala katalisti għall-bidla. Dawn huma għodda għall-analiżi tal-impatti tal-bidla u mezz biex jiġi żgurat li kwalunkwe tranżizzjoni twassal għal żieda fil-benessri tagħna. Dawn jippermettulna wkoll niffrankaw il-flus. Aktar investment illum fl-innovazzjoni u fl-iżvilupp teknoloġiku, fit-tul taż-żmien, se jgħinna nbaxxu l-ispejjeż biex jintlaħqu l-miri tagħna tal-politika fit-tul bħal daww relatati mal-miri tagħna klimatiċi u ambjentali. L-Ewropa għandha l-imħuħ, il-ħiliet, u l-kreattività innata. Billi tibni fuq l-elementi sodi tal-komunità tagħha sinjura fir-riċerkaturi u fl-innovaturi, l-UE qiegħda f'pożizzjoni tajba biex tieħu rwol ewlieni fl-iżvilupp u l-iskjerament ta' soluzzjonijiet innovattivi għal tekabbir ekoloġiku u inklużiv li ser ikunu applikabbli fl-UE kif ukoll mad-dinja kollha.

Madankollu, biex jiġi sfruttat bis-sħiħ dan il-potenzjal, l-Istati Membri tal-UE għandhom bżonn iżidu n-nefqa tagħhom fuq ir-riċerka. L-UE qablet li, sal-2020, 3 % tal-PDG tal-Istati Membri tal-UE għandu jiġi investit fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni, iżda għadna 'l bogħod milli nilħqu din il-mira.

Ir-rata ta' investiment taç-Ċina fir-R&Ż tiżboq dik tal-UE u tal-Istati Uniti

Intensità tar-R&Ż (nefqa totali fl-R&Ż bħala % tal-PDG), 1995-2017



Sors: DĠ tar-Riċerka u l-Innovazzjoni – L-Unià għar-Riformi u l-Impatt Ekonomiku – Intelligence dwar il-pajjiżi ; Data: Eurostat, OECD, UNESCO.

Noti: (1) CN: Iç-Ċina ma tinkludix lill-Hong Kong. (2) UE27: Ir-Renju Unit mhuwiex inkluż. (3) IN: Data mhux disponibbli għall-2012, 2013 u l-2014. Iç-ċifri ġew estrapolati mid-DĠ RTD.

F'livell tal-UE, il-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni huma katalisti għall-kompetittività sostenibbli, għat-tkabbir u għall-investimenti. Biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, il-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni jeħtieġ li jkun ikkumplementat b'approċċ strateġiku għall-investiment, li jippermetti soluzzjonijiet innovattivi li jilhqnu s-suq, peress li dawn ta' spiss ikunu jeħtieġu kapital intensiv u investimenti b'riskju għoli. Strumenti bħalma huma l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi nħolqu biex jgħinu ħalli jitnaqqsu r-riskji ta' investimenti bħal dawn u b'hekk jagħmilhom aktar attraenti għall-partijiet konċernati privati. Il-Kunsill Ewropew għall-Innovazzjoni li ġie propost dan l-aħħar jista' jgħin ukoll f'dan ir-rigward billi jappoġġja l-aqwa innovaturi, negozji ġodda, kumpaniji żgħar u riċerkaturi biex jirnexxu fi proġetti innovattivi ta' riskju għoli, jespandu internazzjonalment u jibbenefikaw minn arrikkiment reċiproku intellettuali.

L-UE u l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-finanzjament ta' teknoloġiji innovattivi u rivoluzzjonarji u kumpaniji innovattivi li għandhom il-potenzjal li jsiru mexxejja tas-suq globali u tal-UE fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, kif ukoll dwar l-użu effettiv u f'waqt ta' dawn l-innovazzjonijiet. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-biedja u lis-sistemi tal-ikel sostenibbli u innovattiv, lit-teknoloġija nadifa, lis-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, lis-soluzzjonijiet ekosistemiċi u lill-prodotti u lill-metodi ta' produzzjoni effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Barra minn hekk, huwa meħtieġ qafas regolatorju ta' appoġġ biex jstimula l-użu tal-innovazzjoni effettiva għall-iżvilupp sostenibbli.

L-UE u l-Istati Membri se jkunu mitluba wkoll jippromwovu rabtiet aktar b'saħħithom bejn ir-riċerkaturi u s-settur kummerċjali. Iç-ċentri u l-inkubaturi tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni fl-UE huma importanti biex jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli, ħalli r-riċerkaturi u n-negozji jkunu jistgħu jiltaqgħu, jiskambjaw l-aħjar prattiki u b'hekk jixprunaw l-innovazzjoni. Filwaqt li l-kumpaniji l-kbar jistgħu jkollhom il-mezzi biex jżviluppaw attivitajiet ta' riċerka interni, ta' spiss dan ma jkunx il-każ għal intrapriżi żgħar u medji. Rabtiet iżjed b'saħħithom u diretti mal-komunità tar-riċerka għandhom il-potenzjal li jnaqqsu dan id-distakk.

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), b'40 Ċentru tal-Innovazzjoni madwar l-UE, jgħorbi flimkien it-triangolu tal-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozju. Diversi **Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni** (Knowledge and Innovation Communities - KICs) ġew immedja u oħrajn se jiġu mmedja fil-futur. Dawn lill-komunitajiet **jindirizzaw sfidi kbar soċjetali tal-UE relatati tal-SDGs**, bħat-tibdil fil-klima, l-enerġija, l-ikel, is-saħħa, il-materja prima, id-diġitali, il-mobilità urbana u l-manifattura avvanzata. Aktar minn 1200 sieħeb fin-negozju, ir-riċerka u l-edukazzjoni jingħaqdu flimkien biex jindirizzaw dawn l-isfidi.

3.2.2 Il-finanzi, l-ipprezzar, it-tassazzjoni u l-kompetizzjoni

L-ispejjeż li jkun hemm minħabba li ma jsir xejn huma enormi fuq terminu medju u twil. Fl-istess waqt li t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà tinvolvi investiment sinifikanti fuq terminu qasir u bidla komprensiva fil-mod kif taħdem is-sistema finanzjarja. Il-kisba tal-SDGs hija stmata li tirrikjedi madwar EUR 4.5 sa 6 triljun globalment.⁽⁶¹⁾ Madwar EUR 180 biljun ta' investimenti addizzjonali huma meħtieġa biex jinkisbu l-miri tal-UE sal-2030 li sar qbil dwarhom f'Pariġi, inkluż tnaqqis ta' 40 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-fondi pubbliċi jeħtieġ li jkunu orjentati aħjar u b'mod aktar intelliġenti lejn it-twertiq tal-SDGs, iżda aħna ma nistgħux nissodisfaw il-bżonnijiet tagħna mingħajr ma s-settur privat jiċċaqlaq lejn is-sostenibbiltà wkoll. Il-mobilizzazzjoni tal-fondi biex jifinanzjaw it-transizzjoni trid timxi id f'id matneħhija gradwali ta' proġetti ta' finanzjament li huma ta' detriment għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u inklużiv.


Il-pjan ta' Investiment għall-Ewropa għandu l-għan li jimmobilizza finanzjament privat għall-ġid pubbliku. Imniedi fl-2015, id-driegħ finanzjarju tiegħu, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, s'issa mmobilizza EUR 370 biljun f'investiment totali f'oqsma ewlenin meħtieġa għall-modernizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea. Dan jinkludi l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, kif ukoll infrastruttura soċjali bħall-akkomodazzjoni soċjali jew affordabbli. Għall-qafas baġitarju li jmiss mill-2021 sal-2027, il-Kummissjoni pproponiet li tirdoppja r-riżorsi baġitarji għas-settur soċjali, inkluż l-intraprenditorija soċjali, u se jifinanzja infrastrutturi sostenibbli biss. Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment diġà huwa l-akbar fornitur multilaterali ta' finanzjament għall-klima madwar id-dinja, impenja tal-inqas 25 % tal-investimenti tiegħu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għalih.

Il-Kummissjoni - abbażi tar-rakkomandazzjonijiet minn grupp ta' esperti ta' livell għoli - stabbilixxiet ukoll pjan direzzjonali biex tagħti spinta lir-rwol tal-finanzi fil-kisba ta' ekonomija bi prestazzjoni tajba li tagħti riżultati fejn jidħlu miri soċjali u ambjentali. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli⁽⁶²⁾ u l-proposti leġiżlattivi li segwew se jgħinu lill-investituri jieħdu deċiżjonijiet informati dwar l-investment, ibbażati fuq kriterji ċari ta' x'inhu l-investment sostenibbli. Dan għandu jiffaċilita t-tħaffif u ż-żieda ta' investimenti usa' fi proġetti sostenibbli kemm fl-UE kif ukoll madwar id-dinja kollha, kif ukoll

jinċentiva lill-investituri jevitaw investimenti li mhumiex sostenibbli.

Il-bonds ħodor qegħdin jizdedu iżda għadhom marġinali għas-suq globali tal-bonds (madwar 1%)

Il-bonds ħodor li nħarġu kull sena skont il-pajjiż



Sors: World Bank, Bloomberg.

Aktar attenzjoni għandha tingħata biex il-finanzjament sostenibbli jintrabat mal-ekonomija reali biex b'hekk tiżded id-domanda għal prodotti sostenibbli u s-servizzi tal-investituri jiġu parigġati b'żieda fil-provvista. L-ipprezzar effettiv tal-esternalitajiet se jkun kruċjali f'dan ir-rigward. Għandhom isiru wkoll sforzi addizzjonali biex iċ-ċittadini Ewropej jiġu infurmati dwar is-sistema ta' finanzjament, ħalli jsiru aktar konxji tal-attività korporattiva li jkunu qed jifinanzjaw u ta' kif iżommu lill-maniġers tal-fondi akkontabbli f'każ li flushom ma jiġux ġestiti b'mod sostenibbli.

L-UE qed tmexxi bidla komprensiva tas-sistema finanzjarja lejn id-direzzjoni tas-sostenibbiltà permezz ta':

- **il-ħolqien ta' lingwa komuni:** sistema ta' klassifikazzjoni unifikata tal-UE ("tassonomija"), biex tiddefinixxi liema attivitajiet ekonomiċi huma sostenibbli u jiġu identifikati oqsma fejn l-investment sostenibbli jista' jkollu l-akbar impatt.
- **Jitnaqqas ir-riskju ta' greenwashing:** il-ħolqien ta' standards u tikketti għal prodotti finanzjarji ambjentali li jippermettu lill-investituri jidentifikaw faċilment investimenti li jkunu konformi mal-kriterji ekoloġiċi jew b'użu baxx ta' karbonju.

- **L-inkorporazzjoni tas-sostenibbiltà fil-konsulenza dwar l-investment:** id-ditti tal-assigurazzjoni u tal-investment jiġu obbligati jagħtu pariri lil klijenti fuq il-bażi tal-preferenzi tagħhom dwar is-sostenibbiltà.
- **L-iżvilupp ta' parametri referenzjarji tas-sostenibbiltà u trawwim tat-trasparenza tagħhom.**
- **L-iċċarar tad-doveri tal-investituri istituzzjonali u tal-manigera tal-assi:** jiġi żgurat li jkunu s-sostenibbiltà fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-investment u jissaħħu r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tagħhom.
- Titjeb it-trasparenza fir-rapportar korporattiv: reviżjoni tal-linji gwida dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja.
- **Tiġi inkorporata s-sostenibbiltà fir-rekwiżiti prudenzjali:** l-inklużjoni ta' fattur ta' sostenn ekoloġiku meta dan ikun ġustifikat minn perspettiva ta' riskju biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja.

Biex tiġi salvagwardjata l-kapaċità finanzjarja tal-awtoritajiet pubbliċi biex jinvestu fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, hija meħtieġa wkoll azzjoni biex tinkiseb riforma fiskali sostenibbli fil-livelli kollha. Għandna nsaħħu l-ġlieda kontra l-evalazzjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa korporattiva. Il-kooperazzjoni transnazzjonali hija meħtieġa biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-rifugġi fiskali li jimminaw il-bażi tat-taxxa kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Aktar importanti minn hekk, is-sistemi tat-tassazzjoni tal-UE u tal-ipprezzar għandhom ikunu mfaqqsin sabiex jirriflettu l-ispejjeż reali, jindirizzaw il-kwistjonijiet soċjali u ambjentali ewlenin tagħna u jixprunaw bidla fl-imġiba fl-ekonomija kollha. Il-kompetizzjoni sostenibbli tiddependi fuq prezzijiet li jirriflettu l-ispejjeż vera tal-produzzjoni u tal-użu — billi jiġu internalizzati l-esternalitajiet.⁽⁶³⁾

Ir-regolaturi, il-mexxejja tan-negozju u s-soċjetà ċivili jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipprovdu kundizzjonijiet ekwi f'konformità mal-SDGs u biex jiġi stimulat żvilupp

li jwassal biex il-prodotti u s-servizzi sostenibbli jsiru dawk l-aktar affordabbli.

Dan għandu jinvolvi bidliet fis-sistemi fiskali sabiex l-Istati Membri jnaqqsu t-taxxi fuq ix-xogħol u jżiduhom fuq il-kapital, it-tniġġis, ir-riżorsi taħt il-prezz u esternalitajiet ambjentali oħra.⁽⁶⁴⁾ Il-prinċipji “l-utent iħallas” u “min iniġġes iħallas” għandhom jiġu applikati biex jipprevjenu u jikkoreġu d-degradazzjoni ambjentali u biex jiġi evitat li l-piż jgħaddi għand il-kontribwenti. Bħalissa, id-dħul mit-taxxi fuq ix-xogħol għadu tmien darbiet oġġla mid-dħul iġġenerat mit-taxxi ambjentali fl-UE u matul is-sinjura għadd limitat biss ta' Stati Membri tal-UE naqqsu s-schem tagħhom ta' taxxi fuq ix-xogħol filwaqt li żidu s-schem tagħhom ta' taxxi ambjentali.

94%



Kważi l-Ewropej kollha jaqblu li min iniġġes ħafna għandu r-responsabbiltà ewlenija li jirringa d-dannu li jikkawża.

L-Ewrobarometru dwar l-attitudnijiet lejn l-Ambjent 2017

L-ispejjeż esterni tat-trasport fl-UE huma sinifikanti ħafna

Il-Kummissjoni Ewropea ilha tagħmel studju dwar l-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni għall-modi kollha tat-trasport u li jkopri l-konġestjoni, l-inċidenti, l-emissjonijiet tas-CO₂, l-istorbju, it-tniġġis tal-arja, ħsara għall-ħabitat u t-tqabbil ta' dawn il-kostijiet mal-kostijiet imħallsa mill-utenti. L-objettiv huwa li jiġi vvalutat il-punt sa fejn il-prinċipji “l-utent iħallas” u “min iniġġes iħallas” huma implimentati fl-UE, u biex jiġu identifikati opzjonijiet għal aktar internalizzazzjoni ta' esternalitajiet negattivi. Skont ir-riżultati preliminari, il-livell globali tal-ispejjeż esterni fit-trasport fl-Istati Membri tal-UE huwa stmat għal madwar EUR 1000 biljun kull sena, u dan jikkorrispondi għal kważi 7 % tal-PDG. Is-sejbiet ta' dan l-istudju, li għandu jitlesta sa nofs l-2019, għandhom ikunu input importanti għad-dibattiti li jmiss dwar il-futur tal-politika tat-trasport tal-UE.

Neħtieġu wkoll li niżguraw li t-tranżizzjoni tkun soċjalment ġusta, li l-kostijiet ta' tranżizzjoni huma maqsumin b'mod ekwu fost dawk li jħallsu t-taxxa u li kulħadd jagħti s-sehem ġust tiegħu. It-trasferiment meħtieġ ta' taxxi u t-tneħħija ta' inċentivi finanzjarji kontroproduktivi bħas-sussidji għall-fjuwils fossili jista' jkollu implikazzjonijiet rigressivi u jolqot ħażin il-fqar. Għaldaqstant il-fassala tal-politika jridu jattivaw l-ingranaġġi rilevanti kollha flimkien, pereżempju, mal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni u t-taħriġ, jiżguraw li din il-bidla ssir flimkien mal-miżuri li jittrasformaw is-sistema fiskali u t-taħlita tat-taxxa f'sistemi aktar progressivi u b'kunsiderazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli.⁽⁶⁵⁾

Fil-progress li jsir, it-tassazzjoni armonizzata fuq l-esternalitajiet soċjali u ambjentali negattivi fis-Suq Uniku tal-UE se tkun importanti wkoll biex l-UE tkun tista' taqleb lejn ekonomija aktar effiċjenti u sostenibbli u biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozji.⁽⁶⁶⁾ Pereżempju, illum il-qafas legali tal-UE għat-tassazzjoni tal-enerġija għadu jikkontradixxi l-miri ambjentali u tat-tibdil fil-klima tal-UE,⁽⁶⁷⁾ li qed ikollu effett detrimental fuq l-oġettivi ta' politika miftiehma. Nersqu lil hinn minn votazzjoni b'unanimità fil-Kunsill, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn it-teħid tad-deċizzjonijiet fil-politika tat-taxxa tal-UE aktar effiċjenti u demokratika"⁽⁶⁸⁾ se tkun kundizzjoni meħtieġa għall-bidla.

Barra minn hekk, il-kompetizzjoni hija parti importanti tat-taħlita ta' politika ġenerali u tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà. Il-linja politika dwar il-kompetizzjoni tikkontribwixxi għad-"demokrazija ekonomika" u l-ugwaljanza. Din tippermetti preżżijiet affordabbli, kwalità u għażla, u trażżan is-setgħa ekonomika stabbilita mhux miżmuma fuq il-merti. L-evidenza⁽⁶⁹⁾ turi li l-politika tal-kompetizzjoni tiffavorixxi relattivament familji ifqar minn familji aktar sinjuri u twassal għal allokkazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi kif ukoll tixpruna l-innovazzjoni, notevolment fil-fruntieri teknoloġiċi.

Il-politika tal-UE dwar l-Għajjuna mill-Istat, speċjalment mill-modernizzazzjoni tagħha fi snin riċenti, ġiet immirata lejn is-sostenibbiltà. 94 % tal-Għajjuna mill-Istat totali fl-UE kienet immirata lejn oġettivi orizzontali ta' interess komuni, bħall-ħarsien ambjentali, ir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-iżvilupp reġjonali. 54 % tan-nefqa totali kienet tappoġġa l-iffrankar ambjentali u enerġetiku.⁽⁷⁰⁾

3.2.3 Imġiba responsabbli tan-negozju, responsabbiltà soċjali korporattiva u mudelli ta' negozju ġodda

In-negozji għandhom rwol essenzjali x'jaqdu fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà. Matul l-aħħar deċennji, kemm fuq bażi volontarja u b'impetu mill-awtoritajiet pubbliċi, ammont dejjem jikber ta' kumpaniji b'dew jagħmlu r-responsabbiltà ambjentali u soċjali tagħhom bħala parti ċentrali mill-missjonijiet korporattivi tagħhom. Aktar u aktar kumpaniji qed jaraw l-SDGs bħala parti integrali tal-istrateġija tal-kompetittività u t-tkabbir tagħhom. Huma fehmuli negozju responsabbli jista' jwassal għal aktar profitti u tkabbir sostenibbli, opportunitajiet ġodda tas-suq, u valur fuq terminu twil għall-azzjonisti.



Fl-2017, **78%** fost l-akbar kumpaniji fid-dinja inkludew ir-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR – corporate social responsibility) fir-rapportar annwali tagħhom.

Stħarriġ tal-KPMG dwar ir-Rapportar tar-responsabbiltà soċjali korporattiva 2017 "The Road Ahead"

Minħabba l-komplessità dejjem tikber u l-globalizzazzjoni tal-ktajjen tal-provvista, huwa importanti li tkun promossa l-applikazzjoni ta' standards għoljin ta' sostenibbiltà wkoll f'pajjiżi terzi. Il-prattiki kummerċjali, il-mudelli tal-konsum u tal-produzzjoni min-negozji tal-UE u l-konsumaturi ma għandhomx jikkontribwixxu b'mod indirett għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew d-degradazzjoni ambjentali xi mkien ieħor fid-dinja.

F'dawn l-aħħar sentejn, l-UE saħħet id-drittijiet tal-azzjonisti⁽⁷¹⁾ u l-investituri⁽⁷²⁾ biex tgħinhom jifhmu kemm l-aspetti finanzjarji u mhux finanzjarji tal-prestazzjoni tal-kumpaniji u biex tippermettilhom aħjar li jżommu l-kumpanija responsabbli. L-UE implimentat ukoll il-kriterji ambjentali u soċjali ġodda fil-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-akkwist pubbliku sabiex tinkoraġġixxi lill-kumpaniji biex jiżviluppaw prodotti u servizzi soċjalment responsabbli. L-UE adottat ir-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt⁽⁷³⁾ biex tiżgura li l-kumpaniji tal-UE jimportaw ċerti minerali u metalli minn sorsi responsabbli biss li ma jużawx il-profitti biex jiffinanzjaw kunflitti armati. F'dan il-kuntest, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibblili ġie adottat dan l-aħħar

huwa relevanti wkoll għaliex jorbot is-sistema fiskali ma' proġetti aktar sostenibbli.⁽⁷⁴⁾

Madankollu, jidher b'mod ċar li hemm spazju biex isir aktar fil-livelli kollha. Fil-livell tal-UE, qed naħdmu biex nidentifikaw għadd ta' miżuri xierqa u tanġibbli kif imġiba kummerċjali aktar sostenibbli tista' tiġi promossa li twassal għal aktar riżultati u ssaħħaħ il-vantaġġ kompetittiv tal-kumpaniji tal-UE f'dan il-qasam. Aħna ser ikollna nirriflettu fuq forom differenti ta' inċentivi addizzjonali għan-negozji biex nintegraw l-SDGs fl-operazzjonijiet tagħhom, inkluż l-esplorazzjoni tal-potenzjal ta' teknoloġiji emerġenti u l-ekonomija ċirkolari. Kemm fl-azzjoni interna kif ukoll f'dik esterna tagħha, l-UE se jkollha bżonn tkompli tippromwovi l-implimentazzjoni ta' linji gwida u prinċipji miftiehma internazzjonalment dwar il-kondotta responsabbli tan-negozju, bħal pereżempju l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem. Dan huwa importanti wkoll sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet internazzjonali ekwi.

Jekk inħarsu l-quddiem, l-ekonomija kollaborattiva — fejn il-konsumaturi jistgħu jittrattaw ma' xulxin direttament — tista' wkoll tagħmel kontribuzzjoni importanti għal tkabbir sostenibbli u l-emerġenza ta' mudelli ta' negozju aktar sostenibbli meta mħeġġa u tiġi żviluppata b'mod responsabbli. Fil-preżent dan il-lapazzar ta' reazzjonijiet regolatorji differenti madwar l-UE, madankollu, joħloq inċertezza għall-operaturi tradizzjonali, għall-fornituri ta' servizzi ġodda kif ukoll għall-konsumaturi u jxekkel it-tkabbir tal-ekonomija kollaborattiva fl-UE u servizzi ġodda u innovattivi li huma assoċjati magħha.

L-intraprenditorija soċjali — bl-għan li ssolvi l-problemi bbażata fil-komunità, — jista' jkollha rwol importanti wkoll biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' sostenibbiltà, filwaqt li jitrawwem tkabbir inklużiv u ħolqien ta' impjegi, prosperità kondiviża lokalment, u l-inklużjoni soċjali. L-intrapriżi soċjali attwali għandhom it-tendenza li jkunu konċentrati f'oqsma speċifiċi — partikolarment f'kuntesti lokali — u jsibuha diffiċli biex jespandu fl-UE. Il-finanzjament jibqa' kwistjoni sinifikanti, li hija r-raġuni għaliex l-UE qed tiddedika aktar finanzjament għal intrapriżi soċjali. Bħall-ekonomija kollaborattiva, il-qafas regolatorju kumpless jew nieqes u r-restrizzjonijiet fil-livell lokali jistgħu jkunu ta' ostakolu. Fi Franza, pereżempju, qafas legali speċifiku fis-seħħ fl-2014 rikonoxxa l-ispeċifità jiet tas-settur u ta impetu ġdid lil dawn l-impriżi.

3.2.4 Kummerċ miftuħ u bbażat fuq ir-regoli

Il-kummerċ miftuħ u abbażi tar-regoli huwa wieħed mill-aqwa għodod biex tiżdied il-prosperità tagħna u dik tal-imsieħba tagħna, jogħlew l-istandards tal-għajxien tagħna u s-sostenibbiltà tal-pjaneta tagħna u d-demokrazija tagħna. Jekk irridu nkunu ta' suċċess fil-kisba ta' Ewropa sostenibbli f'dinja sostenibbli, huwa importanti li jintużaw l-istituzzjonijiet multilaterali tagħna u l-ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali biex isawru l-istandards globali.

Tendenzi protezzjonisti u l-approċċ "pajjiżi l-ewwel" huma suxxettibbli li jikkawżaw kunflitti. Barra minn hekk, huma l-ostakli l-kbar għall-bini ta' pjaneta sostenibbli — tipikament objettiv li jeħtieġ kooperazzjoni internazzjonali. Għal ħafna raġunijiet huwa fl-interess vitali tal-UE li tappoġġa u ssostni s-sistema multilaterali.

Fil-kuntest tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà għandna naħdmu saħansitra b'mod aktar attiv ma' sħab tal-istess fehma biex jiġu negozjati regoli ġodda progressivi li jieħdu kont tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan tal-aħħar jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tas-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fil-qalba tiegħu, li jikkontribwixxu għall-kisba tal-SDGs. L-isforzi kontinwi kostruttivi tal-UE biex jimmodernizzaw id-WTO huma għalhekk essenzjali.

Fejn is-setgħat attwali mhux qed iżommu l-kelma tagħhom dwar ftehimiet kummerċjali internazzjonali, jinħolqu opportunitajiet għall-UE. L-Unjoni bl-iktar suq intern intern żviluppata fid-dinja u bi qrib nofs biljun konusmatu jista' jintervjeni fejn oħrajn jirtiraw, u ġa għamlet hekk. Barra minn hekk, tqiegħed il-kummerċ fuq bażi ġdida u aktar sostenibbli. Il-ftehimiet kollha ġodda ta' kummerċ u investiment tal-UE issa jinkludu kapitulu dwar l-iżvilupp sostenibbli li jiddefendi u jippromwovi standards soċjali u ambjentali. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ffirmat mal-Ġappun f'Lulju 2018 huwa l-ewwel ftehim li jelabora dwar l-impenji li saru skont il-Ftehim ta' Pariġi. F'Settembru 2018, l-UE u l-Kanada qablu li jaħdmu fuq il-kummerċ u t-tibdil fil-klima fil-qafas tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA). L-UE qed tinnegozja dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġeneru fil-modernizzazzjoni tal-Ftehim tagħna ta' Assoċjazzjoni maċ-Ċili.

Il-Kummissjoni ta' Juncker adottat jew bdiet timplimenta tmien ftehimiet kummerċjali ma' 15-il pajjiż, fosthom il-Kanada, l-Ukrajna, Singapor, il-Vjetnam, il-Ġappun u diversi pajjiżi Afrikani u tal-Paċifiku⁽⁷⁵⁾. L-UE issa għandha 39 ftehim kummerċjali eżistenti tal-UE ma' 70 pajjiż madwar id-dinja. Dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli ilhom fil-qalba ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE sa mill-2010.

Il-Kummissjoni pproponiet 15-il punt biex ittejjeb l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE.⁽⁷⁶⁾ L-enfasi hija fuq kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-atturi differenti, infurzar aktar effettiv u aktar assertiva, inkluż l-użu ta' kapitoli ta'

sostenibbiltà fil-mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim attwali, u komunikazzjoni mtejba u trasparenza.

Bħala parti mill-isforzi tagħha biex tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-UE tagħti preferenzi kummerċjali unilaterali taħt l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi. Dawn il-preferenzi jiddependu mill-konformità tal-pajjiżi benefiċjarji mal-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-protezzjoni ambjentali u l-governanza tajba u b'hekk jinħoloq inċentiv biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jibnu mudelli ta' tkabbir ekonomiku tagħhom fuq bażi sostenibbli. F'każ ta' ksur serju u sistematiku tal-prinċipji ta' dawn il-konvenzjonijiet, il-Kummissjoni tista' temporanjament tirtira dawn il-preferenzi.

3.2.5 Governanza u l-iżġurar ta' koerenza politika fil-livelli kollha

Bidla fis-sostenibbiltà ġenwina għall-benefiċċju tal-Ewropej kollha tista' tintlaħaq permezz tal-SDGs li tirrikjedi approċċ komprensiv. L-UE, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħha jeħtieġ li jqisu l-interkonnessioni bejn id-diversi sfidi ta' sostenibbiltà u opportunitajiet, u jappoġġaw il-koerenza bejn oqsma differenti ta' politika, setturi u livelli ta' teħid ta' deċizzjonijiet.

Il-partijiet ikkonċernati kollha jridu jinvolve ruħhom u jkollhom rwol attiv fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà



Ir-rispett tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali huma "min aħna". Dawn huma prinċipji mhux negozjabbli u l-valuri kif stabbiliti fit-Trattati tal-UE u dawn jiffurmaw is-sisien li fuqhom aħna se nibnu. Huma wkoll maħluqa bħala parti integrali tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-SDGs. L-istess japplika għall-prinċipji tal-paċi, il-ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom, li għalihom l-UE dejjem kienet promotur b'saħħtu. Dawn il-prinċipji u valuri komuni mhumiex awtoeżegwenti u l-UE, l-Istati Membri tagħha, u fil-fatt l-Ewropej kollha għandhom b'zonn iħarsuhom, iżommuhom u jsaħħuhom. L-imsieħba soċjali għandhom schem importanti x'jaġhtu. Din is-sħubija trid tinżamm u tissaħħaħ sabiex tiġi żgurata kemm governanza effettiva u koerenza tal-politika adegwata.

Lil hinn minn dawn il-prinċipji sottostanti, il-koerenza politika fil-livelli kollha hija kruċjali, msejsa fuq ippanar, politiki bbażati fuq l-evidenza, inklużività, effettività, ir-rispett għas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u l-kejl u l-monitoraġġ. Regolamentazzjoni aħjar u governanza

aħjar fil-livelli kollha huma vitali wkoll f'dan ir-rigward. Valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi huma meħtieġa għall-opzjonijiet politiċi kollha, u l-kompromessi bejn l-oġġettivi tal-politika ekonomika, soċjali u ambjentali jeħtieġ li jiġu minimizzati u mitigati. Il-lakuni relatati fl-implimentazzjoni jipperikolaw il-koerenza tal-politika sostenibbli li għandhom ukoll jiġu indirizzati b'mod effettiv u b'mod strutturali.

L-SDGs huma maħsuba biex ikunu indiviżibbli, u l-biċċa l-kbira tal-SDGs jkopru bosta oqsma ta' politika. Għalhekk, kooperazzjoni aħjar bejn l-amministrazzjonijiet teħtieġ li tkun akkumpanjata minn aktar koerenza bejn oqsma differenti ta' politika. Il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ikel, l-enerġija u l-ilma huma relatati ħafna. L-istess japplika għal trasport, il-kwalità tal-arja u s-saħħa, pereżempju. Hekk imsejjaħ approċċ "nexus" jeħtieġ proġetti multisettorjali fil-livelli kollha, li jindirizzaw l-interkonnessioni bejn l-SDGs. Il-Kummissjoni Ewropea kienet qed issegwi dan l-approċċ billi tadotta metodu ta' ħidma li jwaqqa' l-barrieri bejn il-Kummissarji u l-persunal kollu tal-Kummissjoni.

Koerenza politika ma tapplikax biss fil-livell intern, iżda wkoll fuq l-impatt ta' politiki interni dwar id-dimensjoni esterna, u viċi versa. Għandna niżguraw li ma nesportawx l-impronta ekoloġika tagħna jew noħolqu l-faqar, l-inugwaljanza u l-instabbiltà f'partijiet oħra tad-dinja. Bħala Ewropej għandna nkunu manifestament konxji li l-impatti negattivi band'oħra se jkollhom effett boomerang fuq l-ekonomija u s-soċjetà tagħna stess, pereżempju bl-aggravar tal-kawżi tal-migrazzjoni irregolari. L-UE hija impenjata favur il-koerenza politika għall-iżvilupp, li tiżgura li l-impatt tal-politiki interni tal-UE fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw qed jiġi sistematikament meħud inkunsiderazzjoni. Il-monitoraġġ relevanti ġie integrat fis-segwitu kumplessiv tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti.⁽⁷⁷⁾

Politiki ta' suċċess jeħtieġu li jstabbilixxu oġġettivi ċari u li jstgħu jitkejlu, b'tali mod li l-progress jista' jiġi rintraċċat, u r-risultati jsiru pubblikament disponibbli. Ftehim dwar tali miri u sistema ta' monitoraġġ jstgħu jinħolqu bħala l-pass li jmiss fil-livell tal-UE. Il-Kunsill Ewropew kien sodisfatt bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippubblika dan id-Dokument ta' Riflessjoni biex titwitta t-triq għal strateġija ta' implimentazzjoni komprensiva tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2019, li tista' tinkorpora dan l-eżerċizzju.

L-implimentazzjoni tal-SDGs teħtieġ ukoll kooperazzjoni effikaċi fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Il-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità: It-tiħiħ tar-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE li segwa t-”Task Force dwar is-Sussidjarjetà u l-proporzjonalità u dwar li jsir anqas b’mod aktar effiċjenti” jipprovdi pjan direzzjonali biex dan jinkiseb.⁽⁷⁸⁾ Il-Kummissjoni u l-korpi l-oħrajn tal-UE jistgħu b’mod partikolari jiffaċilitaw skambju tal-aħjar prattiki fost il-bliet u r-reġjuni, u jistabbilixxu l-parametri għal approċċ territorjali transfruntier biex jintlaħqu l-SDGs.

Is-soċjetà ċivili, is-settur privat u l-akkademja għandhom naturalment ikunu wkoll parti mill-konverżazzjoni u l-miżuri ta’ implimentazzjoni. Il-Pjattaforma ta’ Livell Għoli ta’ Bosta Partijiet Interessati dwar l-SDGs, stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea fl-2017,⁽⁷⁹⁾ kien eżerċizzju pożittiv biex jiġbor flimkien l-ideat trasversali. L-input tal-Pjattaforma kien imprezzabbli għal-ħidma tal-Kummissjoni u huwa anness għal dan id-Dokument ta’ Riflessjoni. Il-Grupp ta’ Esperti ta’ Livell Għoli dwar

il-Finanzi Sostenibbli huwa eżempju pożittiv ieħor ta’ kooperazzjoni transsettorjali li kien fundamentali għat-tħejjija tal-Pjan ta’ Azzjoni tal-Kummissjoni dwar Finanzjament Sostenibbli.

Għal sfidi kumplessi b’firxa wiesgħa ta’ interessi li jikkompetu ma’ xulxin, sħubijiet bejn diversi partijiet interessati jistgħu jkomplu jiġu promossi biex jindirizzaw l-interdipendenza bejn l-SDGs differenti.

Min-naħa l-oħra, l-approċċ ta’ governanza f’diversi livelli jeħtieġ li l-isforzi tal-UE huma artikolati sew fuq il-livell ta’ governanza globali. Fl-implimentazzjoni tal-SDGs irridu nhabtu wiċċna ma’ ħafna sfidi li ma jafux fruntieri. Orjentazzjoni aktar b’saħħitha li “tħares ’il barra”, f’kooperazzjoni mill-qrib ma’ sħab tal-UE mid-dinja kollha fil-livelli kollha, għalhekk hija neċessarja. Fin-Nazzjonijiet Uniti, il-Forum Politiku ta’ Livell Għoli għandu rwol ewlieni, b’mod partikolari biex iżomm rekord tal-progress. L-UE bħala sostenittriċi qawwija għall-multilateraliżmu tista’ tieħu r-riedni fl-iżgurar ta’ rapportar xieraq dwar il-progress lejn l-SDGs u tinsisti fuq l-implimentazzjoni rigoruża u l-monitoraġġ mill-imsieħba kollha.

4 L-UE bħala entità bi rwol globali ta' innovazzjoni fl-iżvilupp sostenibbli

L-UE u n-Nazzjonijiet Uniti huma sħab naturali fl-isforzi biex isawru dinja aħjar u aktar sikura għal kulħadd. M'għandniex bżonn aktar ħitan, iżda regoli globali rrispettati minn kulħadd. Is-sistema bbażata fuq ir-regoli hija l-aħjar garanti għas-sostenibbiltà tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħna. Id-diplomazija multilaterali biss tista' twassal għal soluzzjonijiet għal sfidi internazzjonali. L-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Estera u l-Politika ta' Sigurtà tal-UE tirrikonoxxi l-importanza tal-SDGs bħala prijorità trasversali, u sforzi konġunti huma meħtieġa mill-UE u l-Istati Membri tagħha fir-relazzjonijiet tagħhom mal-bqija tad-dinja.

Bil-qawmien mill-ġdid globali ta' kunflitti vjolenti, b'mod partikolari f'dawn l-aħħar ħames snin, qegħdin għal darb'oħra mfakkra li l-paċi u s-sigurtà fl-UE jiddependu wkoll fuq il-ħila tal-UE li tikkontribwixxi għall-bini u ż-żamma tal-paċi f'partijiet oħra tad-dinja. L-esperjenza tal-UE fil-konsolidazzjoni tal-paċi d-dar tagħtiha s-setgħa ta' persważjoni u l-kredibilità tagħha bħala attur globali għal paċi sostenibbli u l-prosperità.

L-UE għandha wkoll tkompli taqşam soluzzjonijiet sostenibbli għall-problemi globali hekk kif il-politiki tagħna ser ikollhom biss impatt limitat fuq il-pjaneta jekk oħrajn jippromwovu politiki opposti. Billi ngħinu u ninkoraġixxu lill-oħrajn biex isegwu l-azzjonijiet tagħna, l-UE tista' tinsisti għal kundizzjonijiet ekwi, fejn kollha jikkompetu taħt l-istess kundizzjonijiet. Barra minn hekk, il-kondiviżjoni ta' soluzzjonijiet tal-UE barra mill-pajjiż twassal għal aktar impjiegi u tkabbir sostenibbli, mhux biss fil-pajjiżi msieħba, iżda anki fi ħdan l-UE nnifisha.

Fl-aħħar mill-aħħar, biex tikseb l-ikbar suċċess fi tranżizzjoni ekonomika ekoloġika u inklużiva, iridu jingħaqdu magħna s-sħab globali u npoġġu l-każ li mudell ta' żvilupp sostenibbli globali bbażat fuq il-valuri u l-prinċipji fundamentali tagħna huwa l-aħjar mod biex tinkiseb il-prosperità kondiviża u dinja sostenibbli. Il-ħidma interna tal-UE dwar l-SDGs u l-projezzjoni esterna huma għalhekk żewġ naħat tal-istess munita. Huwa fl-interess tal-UE li jkollha rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti wkoll globalment permezz tal-azzjoni esterna tagħha.

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar donaturi tal-għajjnuna għall-iżvilupp u umanitarja madwar id-dinja. L-UE hija kollettivament impenjata biex iżżid

il-kontribut tagħha tal-għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp sa mill-inqas 0.7 % tad-dħul nazzjonali gross tal-UE fis-sena. Permezz ta' kooperazzjoni ma' 150 pajjiż sħab madwar id-dinja, l-għajjnuna għall-iżvilupp tal-UE hija kemm mezz biex jaqilgħu lin-nies mill-faqar u jiżguraw dinjità u ugwaljanza, iżda wkoll biex jinħolqu soċjetajiet paċifiċi, ġusti u inklużivi. In-natura mtawla tal-kriżijiet titlob lill-UE biex tkompli tagħmel sforz ikkoordinat biex simultanjament tindirizza l-ħtiġijiet umanitarji u għall-ġlieda kontra l-kawżi ewlenin tal-faqar, l-ispostament, il-fraġilità u l-instabbiltà.

Il-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp il-ġdid espliċitament jimmira l-azzjoni tal-UE lejn l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti, bl-oġettiv primarju jkun li jinqered il-faqar. Wieħed mill-vantaġġi ewlenin tiegħu huwa impenn konġunt mill-UE u l-Istati Membri tagħha kollha sabiex jaħdmu aħjar flimkien, inkluż permezz ta' aktar programmazzjoni konġunta u koordinazzjoni aktar effettiva fil-post. Din l-orjentazzjoni l-ġdida għandha tkompli ttejjeb l-istrument finanzjarju estern tal-UE, imfassal speċifikament biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-SDGs.

Se nkomplu bl-involviment attiv tagħna mal-pajjiżi sħab permezz ta' djalogi politiki, bbażati fuq l-SDGs, akkumpanjati mill-assistenza u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħna. Is-sħubija l-ġdida tal-UE mal-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku li se tiġi wara l-Ftehim ta' Cotonou għandha taħdem biex iżżid il-prosperità billi tissodisfa l-SDGs. Meta jsir progress, għandu jkun ta' importanza partikolari għall-UE u għall-Istati Membri tagħha li tinbena sħubija u kooperazzjoni b'saħħitha mal-Afrika. L-UE għandha interess komuni f'kontinent Afrikan li jipprospera ekonomikament u politikament, b'aktar opportunitajiet għat-ktabbir, l-impjieg lokali, il-mudelli ġodda ta' negozju u r-relazzjonijiet kummerċjali li huma ta' benefiċċju reċiproku mal-Ewropa. B'mod parallel, l-impenn tal-UE ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp aktar avvanzati f'firxa wiesa' ta' setturi jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-iżvilupp globali sostenibbli.

Bħala prijorità jibqgħu li s-settur privat jinżamm kompletament infurmat u li jissaħħaħ l-investment sostenibbli anke lil hinn mill-fruntieri tal-UE. Il-Pjan ta' Investment Estern Ewropew ħoloq standard ġdid fl-użu tal-finanzjament pubbliku li jiġġenera investment privat

għal żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab – li beda mal-Afrika u l-Viċinat tal-UE.⁽⁸⁰⁾ L-Alleanza ġdida Afrika - Ewropa għal Investiment Sostenibbli u Impjiegi, imnedija f'Settembru 2018 għandha potenzjal kbir biex tillibera l-investimenti sostenibbli, bil-perspettiva li fil-ħames snin li ġejjin jinħolqu sa 10 miljun impjeg fl-Afrika.

Minħabba li b'mod partikolari l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp qed jaffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw finanzi biżżejjed għall-bżonnijiet tagħhom fl-infrastruttura sostenibbli u l-effiċjenza enerġetika, in-natura globali tas-swieq finanzjarji tista' toffri potenzjal kbir u tappoġġa lill-pajjiżi kollha fil-mogħdija tat-tranżizzjoni tagħhom billi tgħaqqad il-bżonnijiet lokali ma' sorsi globali ta' finanzjament. L-allinjament tal-inizjattivi finanzjarji sostenibbli u tal-għodod tul il-ġurisdizzjonijiet jiggarantixxi swieq kompatibbli għall-assi finanzjarji sostenibbli tul il-fruntieri, u jikseb ekonomiji ta' skala u jevita l-frammentazzjoni. Dan iġib miegħu opportunitajiet ta' investiment ewlenin għan-negozji u għas-settur finanzjarju madwar id-dinja.

L-UE timmira wkoll li tkun fuq quddiem nett tal-isforzi internazzjonali ta' koordinazzjoni biex tibni sistema finanzjarja li tappoġġa t-tkabbir sostenibbli b'mod globali. Biex issaħħaħ il-kooperazzjoni u tisfrutta s-sinerġiji, ikun opportun li jiġi stabbilit netwerk internazzjonali ta' ġurisdizzjonijiet, kemm mill-pajjiżi żviluppati kif ukoll mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li jinsabu impenjati fuq l-avvanz

tal-finanzi sostenibbli. Strateġija u arkitettura koerenti internazzjonali li tingrana l-isforzi tal-istituzzjonijiet bħall-Grupp tal-Bank Dinji, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, tikkontribwixxi biex ittejjeb il-finanzi sostenibbli u timmobilizza lill-investituri internazzjonali lejn l-investimenti sostenibbli madwar id-dinja. Teknoloġiji ġodda finanzjarji u soluzzjonijiet finanzjarji innovattivi joffru aktar opportunitajiet kbar biex jgħaqqdu lill-investituri globali mal-proġetti sostenibbli.

It-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali qed isiru dejjem aktar waħda mill-akbar theddidiet għall-paċi u għas-sigurtà fid-dinja u jekk ma titteħidx azzjoni deċiżiva se jsiru sors akbar ta' riskju globali, inkluż ta' spostament sfurzat u ta' migrazzjoni. L-UE teħtieġ li tagħti eżempju, inkluż permezz tal-implimentazzjoni rigoruża tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u biex tfittex sforzi internazzjonali għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. L-UE tista' wkoll tibda ftehimiet globali vinkolanti fl-oqsma tal-ekonomija ċirkolari, l-użu tar-riżorsi u l-bijodiversità.

Il-fatt li aħna l-innovaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika u inklużiva, flimkien ma' spinta qawwija għar-regoli internazzjonali, se jippermettulna li nistabilixxu standards dinjija u se jagħtuna vantaġġ kompetittiv b'saħħtu fis-suq globali.

5 Xenarji għall-futur

L-UE impenjat ruhhagħalkollox biextwassall-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2030 u biex timplimentaha. B'ċiklu politiku ġdid ta' ħames snin fl-orizzont, wasal iż-żmien li nissodisfaw l-impenn kollettiv tagħna. L-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jiddeċiedu dwar l-istrutturi, l-għodod u l-politiki se jużaw biex jimplimentaw u jiksbu l-SDGs u jgħinu u jiggwidaw lis-sħab tagħna. Hemm ideat differenti kif jista' dan jinkiseb bl-aħjar mod, u kull istituzzjoni, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, għandhom ir-responsabbiltajiet tagħhom f'konformità mat-Trattati u l-impenni internazzjonali tagħna.

F'Ottubru 2018, il-Kunsill Ewropew laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippublika Dokument ta' Riflessjoni li jwitti t-triq għal strateġija ta' implimentazzjoni komprensiva fl-2019.

Dan id-Dokument ta' Riflessjoni jressaq tliet xenarji differenti fuq il-gwida tal-Kunsill Ewropew biex jitmexxew id-diskussjonijiet dwar kif tista' tinkiseb bl-aħjar mod l-implimentazzjoni tal-SDGs u x'jista' jkun l-aktar tqassim effettiv tal-irwoli. Din ir-riflessjoni hija maħsuba biex tinforma dibattitu fost iċ-ċittadini, il-partijiet ikkonċernati, il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet fix-xhur li ġejjin, b'ħarsa biex tagħti spunt għat-tnejjija tal-Aġenda Strateġika tal-UE għall-2019-2024 u l-iffissar tal-prijoritajiet tal-President li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea.

It-tliet xenarji li huma jibbażaw ruħhom fuq premessa kondiviża li hemm rikonoxximent wiesa' mill-Istati

Membri tal-UE, min-negozji u mis-soċjetà ċivili li hemm bżonn impenn imsaħħaħ jekk l-UE u d-dinja għandhom jiżguraw futur sostenibbli u jiksbu l-SDGs sal-2030 u lil hinn fl-interess ta' ekonomija moderna, ambjent nadif u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna filwaqt li niggarrantixxu pjaneta abitabbli.

Hemm ukoll il-ftehim li filwaqt li l-azzjoni ta' sostenibbiltà teħtieġ li tkun fuq skala Ewropea, fl-aħħar mill-aħħar nistgħu biss nirnexxu jekk nieħdu approċċ globali. Barra minn hekk, biex l-UE tkompli tistagħna bħala kontinent prosperu, partijiet sinifikanti mid-dinja fil-fażi tal-iżvilupp teħtieġ li tiġi appoġġata biex tirkupra ekonomikament u soċjalment. Bl-istess raġunament, l-appoġġ tal-progress ekonomiku tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp lejn l-SDGs jikkontribwixxi wkoll għal firxa wiesgħa ta' interessi strateġiċi tal-UE, bħat-tnaqqis tal-migrazzjoni irregolari. L-SDGs, kif iffirmati minn 193 stat, joffru l-aktar qafas modern, globali u komprensiv li fuqu nistgħu nibbażaw xogħolna.

Id-dibattitu Ewropew issa jinvolvi x'se jsir u kif se jsir. It-tliet xenarji jissottolineaw reazzjonijiet differenti iżda jtilqu mill-premessa li l-UE għandha vantaġġi kompetittivi kbar biex tkun mexxej globali u innovatur ta' suċċess. Dawn ix-xenarji la huma restrittivi u lanqas preskrittivi. Huma għandhom l-għan li joffru ideat differenti u li jħeġġu d-dibattitu u l-ħsieb. Ir-riżultat aħħari probabbilment ikun taħlita ta' xi elementi minn kull naħa.

5.1. Xenarju 1:

Strateġija globali tal-UE dwar l-SDGs biex tiggwida l-azzjonijiet kollha tal-UE u tal-Istati Membri tagħha

Pass biex inwieġbu għall-isfidi li naffaċċjaw huwa li nħaddnu l-SDGs maqbula globalment fl-ogħla livell politiku tal-UE, bħala l-oġettivi ta' politika strateġiċi ġenerali għall-UE u għall-Istati Membri tagħha. Approċċ bħal dan ikun konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Pjattaforma ta' Diversi Partijiet Ikkonċernati ta' Livell Għoli dwar l-SDGs.

F'dan ix-xenarju, l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2030 u l-SDGs se jkunu l-orjentazzjoni tagħna u għalhekk se jiddeterminaw il-qafas strateġiku għall-UE u għall-Istati Membri tagħha.

Se titfittex u effettivament tiġi kkoordinata azzjoni strateġika mill-UE u mill-Istati Membri, inklużi mill-awtoritajiet reġjonali u lokali. Se jiġi stimulat approċċ konġunt fil-livelli kollha ta' gvern, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha. Dan se jinkludi element qawwi fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi biex tiżdied l-azzjoni internazzjonali tal-istabbiltà.

Dan jimplika wkoll l-istabbiliment ta' "Proċess Ewropew għall-koordinazzjoni politika tal-SDG, biex tiġi vvalutata u sorveljata b'mod regolari l-implimentazzjoni u tiġi riflessa n-natura trasversali u l-interkonnnettività bejn l-SDGs, inkluż fit-tmexxija interna tal-Kummissjoni Ewropea.



Dan x'jista' jfisser fil-prattika?

- Il-miri ta' implimentazzjoni tal-SDGs speċifiċi huma definiti fil-livell tal-UE u hija implimentata Strateġija SDG tal-UE mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill;
- Strateġiji ta' SDG nazzjonali komprensivi huma żviluppati fil-livell nazzjonali;
- Il-Kummissjoni qed tipproponi riżultati konkreti u bi skadenza għall-2030, bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew;
- Il-prinċipju ta' "sostenibbiltà l-ewwel" huwa integrat fl-Aġendi għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-UE u tal-Istati Membri tagħha;
- Mekkaniżmu ta' rappurtar u monitoraġġ tal-progress tal-SDG fil-livell tal-UE u ta-Istati Membri huwa stabbilit u koordinat, pereżempju fil-kuntest tas-Semestru Ewropew;
- Ir-rwol tal-Pjattaforma ta' Diversi Partijiet Ikkonċernati dwar l-SDGs huwa msaħħaħ bi rwol speċifiku fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-SDGs;
- L-UE ssaħħaħ ulterjorment l-azzjoni esterna tagħha dwar is-sostenibbiltà u tmexxi l-azzjonijiet politiċi esterni kollha lejn l-implimentazzjoni tal-SDGs.



Elementi Pożittivi u Negattivi

- + Il-ħolqien ta' viżjoni komuni b'saħħitha għall-futur sostenibbli tal-Ewropa madwar l-UE;
 - + It-tisħiħ tas-sjieda politika u taż-żieda fil-koordinazzjoni fuq il-livelli kollha ta' tmexxija fi ħdan l-UE u , minħabba n-natura transfruntiera tal-isfidi identifikati tal-UE, ċans akbar li tinkiseb l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 u tkabbir Ekoloġiku u Sostenibbli għall-UE;
 - + L-ġhoti ta' sinjal b'saħħtu fil-livell internazzjonali li l-UE hija impenjata bis-sħiħ lejn l-obbligi internazzjonali tagħha u lejn l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 u l-SDGs, kemm internament kif ukoll esternament;
 - + Komunikazzjoni ċara u trasparenti u l-impenn mal-partijiet ikkonċernati.
-
- Ir-riskju li l-approċċ ma jkunx imfassal biżżejjed għall-ispeċifitàjiet u l-isfidi tal-Istati Membri individwali minħabba li l-qafas strateġiku ma setax iqis id-differenzi kollha;
 - Minħabba l-komplessità tal-ftehim fuq riżultati madwar l-UE kollha fl-oqsma kollha differenti tal-SDGs, ir-riskju li jinħela l-ħin fuq l-iżvilupp tal-istrateġiji minflok li jsir progress li jagħmel differenza f'oqsma ta' politika konkreti fil-livelli kollha.

5.2. Xenarju 2:

Integrazzjoni kontinwa tal-SDGs fil-politiki rilevanti kollha tal-UE mill-Kummissjoni, iżda li ma tinfurzax l-azzjoni tal-Istati Membri

Skont dan ix-xenarju, l-SDGs se jkomplu jspiraw it-teħid ta' deċiżjonijiet tagħna fir-rigward tat-tfassil tal-politika tal-UE u jiggwidaw l-iżvilupp tal-istrateġija ta' tkabbir wara l-2020, filwaqt li ma jorbtux lill-Istati Membri tal-UE biex jiksbu b'mod kollettiv l-impenji tal-SDG fl-UE.

Fil-Kummissjoni Ewropea dan jista' jfisser li membru tal-Kulleġġ jingħata responsabilità usa' għas-“sostenibbiltà”. Dan il-Kummissarju jista' jkompli jaħdem flimkien ma' Kummissarji oħra f'tim ta' proġetti ddedikat li jinvolvi lill-Kummissarji kollha. Biex tiġi żgurata l-koerenza politika, trid tinstab kooperazzjoni mill-qrib ma' timijiet oħra ta' proġetti tal-Kummissarji.

Permezz tal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tagħha, il-Kummissjoni se tkompli tfittex proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza. Flimkien mal-integrazzjoni ta' SDGs aktar b'saħħithom tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-istrateġija ta' tkabbir wara l-2020, il-koerenza politika tal-UE hija msaħħa u żgurat li l-UE tersaq aktar qrib tal-SGDs.

Madankollu, dan l-approċċ jaf iħalli aktar libertà lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali dwar jekk u kif jaġġustaw xogħolhom biex jagħtu riżultati b'mod kostanti dwar l-SDGs.



Dan, x'jista' jfisser fil-prattika?

- L-użu tal-SDGs biex imexxu l-iżvilupp tal-istrateġija ta' tkabbir wara l-2020, b'enfasi fuq oqsma bl-aktar valur miżjud tal-UE, b'ħall-ekonomija ċirkolari; ir-riċerka u l-innovazzjoni; l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali; il-klima u l-enerġija; is-sistemi tal-ikel, il-biedja u l-użu tal-art; u l-politika ta' koeżjoni;
- L-integrazzjoni tal-SDGs permezz tal-politiki u l-azzjonijiet tal-UE, permezz tal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, adattata biex toqgħod fil-kuntast speċifiku tal-UE b'kompetenzi kondiviżi mal-Istati Membri;
- L-użu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) biex jingħata parti mill-finanzjament addizzjonali meħtieġ għat-twassil ta' riżultati dwar l-approċċ ta' integrazzjoni tas-sostenibbiltà; L-Istati Membri jimpjenjaw ruħhom li jagħmlu l-istess;
- L-SDGs u l-miri rilevanti tal-UE huma inklużi fil-proċess tas-Semestru Ewropew fejn rilevanti għall-istrateġija ta' tkabbir wara l-2020;
- Jekk u ladarba l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles jiġu modernizzati u jiġu negozjati ftehimiet ta' kummerċ futuri, il-kapitoli tal-kummerċ u s-sostenibbiltà huma msaħħa fejn hemm bżonn u effettivament infurzati;
- L-UE timmonitorja l-implimentazzjoni tal-SDG permezz tal-analiżi tal-progress tal-SDG tal-Eurostat, li se tkompli tiġi żviluppata. L-Istati Membri jħejju rapporti ta' monitoraġġ nazzjonali annwali;
- L-Istati Membri jżommu r-responsabbiltajiet ewlenin għar-rappurtar fuq l-implimentazzjoni tal-SDG b'rappurtar komplementari tal-UE mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress tal-SDG fil-livell internazzjonali lill-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.



Elementi Pożittivi u Negattivi

- + Minħabba li l-maġġoranza tal-oqsma kritiċi biex l-UE tikseb l-SDGs huma ċari ħafna, l-UE tista' tiffoka fuq li twaqqaf prijoritajiet strateġiċi u li twassal riżultati konkreti fl-oqsma bl-aktar valur miżjud tal-UE;
 - + It-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE huwa aktar mgħaġġel u n-negozjati dwar il-prijoritajiet strateġiċi huma aktar kunsenswali;
 - + L-UE tkompli tkun mexxejja globali għall-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 u l-SDGs.
- Se jkun aktar diffiċli biex tiġi żgurata l-koerenza politika għall-iżvilupp sostenibbli bejn il-politiki tal-UE u bejn l-UE u l-politiku nazzjonali;
 - Ir-riskju li l-issodisfar tal-impenji ta' sostenibbiltà mill-UE u mill-Istati Membri tagħna b'mod globali ma jistax jinkiseb u li l-azzjoni tal-Istati Membri ma tistax tiġi infurzata;
 - L-azzjonijiet tal-Istati Membri individwali f'xi oqsma ewlenin, minflok azzjoni aktar b'saħħitha ikkoordinata fuq il-livell tal-UE, jistgħu jaffettwaw lis-suq uniku u lill-kompetittività globali;
 - Ir-riskju li jista' jkun hemm qasma bejn l-impenn politiku tal-UE u l-SDGs u r-riżultat aktar effikaċi tagħha.

5.3. Xenarju 3:

Tqegħid ta' enfasi akbar fuq l-azzjoni esterna filwaqt li tiġi kkonsolidata l-ambizzjoni attwali ta' sostenibbiltà fil-livell tal-UE

L-azzjoni esterna se tingħata prijorità fil-kuntest tal-SDGs. Minħabba li l-UE diġà tinsab fuq quddiem nett f'ħafna aspetti marbuta mal-SDGs, tista' titpoġġa aktar enfasi biex il-bqija tad-dinja tingħata ċ-ċans tlaħħaq, filwaqt li jinstab titjib fuq il-livell tal-UE.

L-ekonomija tas-suq soċjali tagħna saret trademark tal-UE u ppermettiet lill-ekonomiji tal-Istati Membri tal-UE jiġġeneraw il-ġid u l-prosperità msejsa fuq bażi wiesgħa grazzi għal sistemi ta' assistenza soċjali b'saħħithom. L-UE diġà għandha ftit mill-ogħla standards ambjentali fid-dinja, u n-negozji tagħna huma fuq quddiem meta mqabbla mal-kompetituri globali. L-UE tidher ukoll b'ħala fortizza tal-libertà u d-demokrazija, b'istituzzjonijiet stabbli bbażati fuq l-istat tad-dritt u soċjetà ċivili vibranti. L-UE għalhekk tista' tiddeċiedi li tippromwovi b'mod aktar b'saħħtu l-istandards ambjentali, soċjali u ta' tmexxija tagħha permezz ta' negozjati multilaterali u ftehimiet kummerċjali.

L-UE tista' wkoll tkompli tintensifika l-kollaborazzjoni tagħha ma' organizzazzjonijiet u fora internazzjonali ewlenin, bħan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-G20 kif ukoll il-korpi superviżorji tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, biex timxi 'l quddiem l-aġenda ta' politika esterna tal-UE bbażata fuq il-valuri.

Il-pożizzjoni tal-UE b'appoġġ għall-multilateraliżmu - bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha - u relazzjonijiet internazzjonali trasparenti u affidabbli tkompli tingħata prijorità.



Dan, x'jista' jfisser fil-prattika?

- L-integrazzjoni tal-SDGs fil-politiki esterni tal-UE tkompli, filwaqt li tirrikonoxxi b'zonnijiet u interessi differenti tas-sħab, filwaqt li l-aġġustamenti interni huma aktar limitati;
- L-UE tippovdi rappurtar u monitoraġġ regolari dettaljat tal-progress tal-SDG dwar l-azzjoni esterna tal-UE fil-livell internazzjonali fin-Nazzjonijiet Uniti;
- Jekk u ladarba l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles jiġu modernizzati u jiġu negozjati ftehimiet ta' kummerċ futuri, il-kapitoli tal-kummerċ u s-sostenibbiltà huma msaħħa fejn hemm b'zonn u effettivament infurzati;
- L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali għall-Politika Barranija ta' Sigurtà tal-UE u tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp il-ġdid, hija msaħħa;
- Il-politiki Ewropej imsaħħa tad-difiża, tal-ispazju, tas-sigurtà u tal-migrazzjoni huma promossi bħala politiki permissivi għall-aġenda tal-politika esterna infurzata għall-iżvilupp sostenibbli;
- Forom ġodda ta' finanzjar u żvilupp sostenibbli bħall-Pjan ta' Investiment Estern huma msaħħa.



Elementi Pożittivi u Negattivi

- + L-UE tikkonċentra r-riżorsi tagħha fuq daww il-pajjiżi jew reġjuni l-aktar fil-b'zonn, filwaqt li tfittex aġġustamenti għall-politiki tal-UE permezz tal-integrazzjoni tal-SDG, mingħajr qafas strateġiku dedikat;
- + L-azzjoni esterna tal-UE hija konsistenti mal-oġġettivi tagħha biex tippromwovis-sostenibbiltà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-libertajiet fundamentali fid-dinja.
- Ir-riskju li dan l-approċċ inaqqas il-kredibbiltà u t-tmexxija politika tal-UE fuq l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 u l-SDGs lokali u globali, fi żmien meta l-multilateraliżmu jinsab taħt pressjoni. Wieħed mill-elementi ewlenin tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030, li l-UE ppromwoviet b'mod attiv, huwa l-fatt li hija universali;
- L-UE ma hatfitx l-opportunità biex tiżviluppa viżjoni pożittiva għall-futur tal-Ewropa, iffukata fuq is-sostenibbiltà;
- L-UE ma tużax il-vantaġġ li hija innovatriċi biex tistabilixxi l-istandards ta' sostenibbiltà tal-UE biex id-dinja tkun tista' ssegwi, u tirriskja li l-benefiċċji ta' tkabbir sostenibbli jitgawdew minn oħrajn fis-suq globali;
- Il-konsolidazzjoni tal-approċċ politiku tal-SDG preżenti tal-UE, għandha ċ-ċans li ma tissodisfax l-aspettattivi u l-ambizzjonijiet dejjem jevolvu taċ-ċittadini.

Noti

1. Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Ban Ki-moon, fis-summit tal-adozzjoni tal-aġenda għall-iżvilupp ta' wara l-2015, fi New York fil-25 ta' Settembru 2015. Disponibbli f'dan is-sit web: <https://www.un.org/press/en/2015/sgsm17111.doc.htm>
2. ĠU C 202, 7.6.2016.
3. Ir-Reġjun Tiegħi, l-Ewropa Tiegħi, il-Ġejjieni Tiegħi: Is-seba' rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, 2017. Disponibbli f'dan is-sit web: https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/official/reports/cohesion7/7cr.pdf.
4. World Happiness Report 2018, John F. Helliwell, Richard Layard u Jeffrey D. Sachs.
5. Eurostat, l-indikaturi dwar il-kwalità tal-ħajja. Disponibbli f'dan is-sit web: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Quality_of_life_indicators
6. Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, Indiċi dwar il-Progress taż-Żgħażaġħ 2017. Disponibbli f'dan is-sit web: <https://www.youthforum.org/youth-progress-index>.
7. L-Anness 3 tad-Dokument ta' Riflessjoni jenfasizza f'aktar dettall l-inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni Juncker li jikkontribwixxu għall-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima.
8. COM(2018) 773 final.
9. COM(2010) 2020 final.
10. EUCO 13/18 - Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (18 ta' Ottubru 2018), Konklużjonijiet, III.12.
11. COM(2016) 739 final.
12. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018 COM(2017) 690 final.
13. It-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Ħarifa 2018 ppubblikat fit-8 ta' Novembru 2018. Disponibbli f'dan is-sit web: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/economy-finance/ip089_en_0.pdf.
14. Global Footprint Network. Disponibbli f'dan is-sit web: <https://www.footprintnetwork.org/our-work/ecological-footprint/>.
15. Il-Kummissjoni tal-UE, Tabella ta' valutazzjoni tal-materja prima 2018.
16. WWF. 2018. Living Planet Report - 2018: Aiming Higher. Grooten, M. and Almond, R.E.A.(Eds). WWF, Gland, Switzerland.
17. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (2017), "Food in a green light. A systems approach to sustainable food".
18. COM(2016) 319 final.
19. COM(2019)1.
20. Analiżi fil-fond li ssostni l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2018)773, it-taqsima 5.6.2.3.
21. Dante Disparte, "If You Think Fighting Climate Change Will Be Expensive, Calculate the Cost of Letting It Happen", 12 ta' Ġunju 2017, Harvard Business Review online. Disponibbli f'dan is-sit web: <https://hbr.org/2017/06/if-you-think-fighting-climate-change-will-be-expensive-calculate-the-cost-of-letting-it-happen>
22. Eurostat, Sustainable development in the European Union, Monitoring Report on Progress towards the SDGs in an EU Context, l-edizzjoni tal-2018.
23. https://ec.europa.eu/food/safety/food_waste_en.
24. Eurostat, Sustainable development in the European Union, Monitoring Report on Progress towards the SDGs in an EU Context, l-edizzjoni tal-2018.

25. Eurostat, Sustainable development in the European Union, Monitoring Report on Progress towards the SDGs in an EU Context, l-edizzjoni tal-2018.
26. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), 2016, Antimicrobial resistance and our food systems: challenges and solutions. Disponibbli f'dan is-sit web: <http://www.fao.org/3/a-i6106e.pdf>
27. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2017), Gender Equality Index 2017 – Measuring gender equality in the European Union 2005-2015, Sqarrija għall-istampa tal-11 ta' Ottubru 2017. Disponibbli f'dan is-sit web: <https://eige.europa.eu/news-and-events/news/gender-equality-index-2017-progress-snails-pace>
28. Il-Kummissjoni Ewropea, 2018 Report on equality between women and men in the EU.
29. OECD(2015), In It Together: Why Less Inequality Benefits All, OECD Publishing, Parigi.
30. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, "Migration, Environment and Climate Change: Assessing the Evidence", 2009.
31. Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali. Disponibbli f'dan is-sit web: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32013D1386>.
32. Eurostat, Environmental economy – statistics on employment and growth. Disponibbli f'dan is-sit web: <https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/pdfscache/10420.pdf>. L-ekonomija ambjentali tinkludi żewġ gruppi wiesa' ta' attivitajiet u/jew prodotti: "il-ħarsien tal-ambjent" — l-attivitajiet kollha relatati mal-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-eliminazzjoni tat-tniġġis u kwalunkwe degradazzjoni oħra tal-ambjent; "il-ġestjoni tar-riżorsi" — il-preżervazzjoni u ż-żamma tal-istokk ta' riżorsi naturali u għaldaqstant is-salvagwardja kontra t-tnaqqis tagħhom.
33. S. Fankhauser, A. Bowen et al. "Who will win the green race? In search of environmental competitiveness and innovation", 2013.
34. Business and Sustainable Development Commission, "Better Business Better World, The report of the Business & Sustainable Development Commission", Jannar 2017 (p. 12).
35. Ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali tal-UE 2017.
36. Fost oħrajn: Il-grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima "Global warming of 1.5 °C: an IPCC special report on the impacts of global warming of 1.5 °C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty", 2018; Sachs, J., Schmidt-Traub, G., Kroll, C., Lafortune, G., Fuller, G. (2018): SDG Index and Dashboards Report 2018. New York: Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network (SDSN); L-Ewropa miexja lejn futur sostenibbli, Il-Kontribuzzjoni tal-Pjattaforma tad-Diversi Partijiet Ikkonċernati mill-implimentazzjoni tal-Għanijiet Sostenibbli fil-Ktiba ta' Riflessjoni tal-UE, Ottubru 2018.
37. Eurostat, Żvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea, Rapport ta' Monitoraġġ dwar il-Progress lejn l-SDGs f'kuntast tal-UE, edizzjoni 2018.
38. "Growth within: A circular economy vision for a competitive Europe", Ellen MacArthur Foundation and the McKinsey Center for Business and Environment, 2015.
39. Towards a circular economy – Waste management in the EU, 2017, European Parliamentary Research Service
40. SITRA, The circular economy - a powerful force for climate mitigation, 2018. Disponibbli fuq: <https://www.sitra.fi/en/publications/circular-economy-powerful-force-climate-mitigation/>.
41. COM/2018/028 final.
42. COM/2018/340 final.
43. Business and Sustainable Development Commission, "Better Business Better World, The report of the Business & Sustainable Development Commission", Jannar 2017.

44. Business and Sustainable Development Commission, “Better Business Better World, The report of the Business & Sustainable Development Commission”, Jannar 2017.
45. Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, Impjiegi ekoloġiċi. Disponibbli fuq: <http://www.fao.org/rural-employment/work-areas/green-jobs/en/>
46. Eurostat, Żvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea, Rapport ta’ Monitoraġġ dwar il-Progress lejn l-SDGs f’kuntast tal-UE, edizzjoni 2018.
47. Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Monitoraġġ tal-Politika Agrikummerċjali, MAP 2018–1, “Il-kummerċ Agroalimentari fl-2017: sena rekord oħra għall-kummerċ agroalimentari fl-UE”.
48. Disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/commission/publications/natural-resources-and-environment>.
49. Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/health/amr/sites/amr/files/amr_action_plan_2017_en.pdf.
50. Analiżi fil-fond b’appoġġ għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2018) 773 Pjaneta Nadif għall-kulħadd Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima. Il-Produzzjoni tal-laħam għandha waħda mill-akbar rekwiżiti ta’ art għal kull kalorija. Il-bidla u t-tnaqqis fil-konsum tal-laħam se teħles mill-użu art addizzjonali.
51. L-effiċjenza enerġetika tar-refriġeraturi żdiedet b’mod sinifikanti matul dawn l-aħħar għaxar snin (l-istess ġara għall-magni tal-ħasil, għall-magni tal-ħasil tal-platti u għat-telewixins pereżempju). Dan ifisser ukoll li n-nies qed jixtru prodotti aktar effiċjenti. L-aqwa għaxra skont id-*data* tal-GFK. Disponibbli fuq: top10ten.eu
52. COM(2016) 377.
53. Sa 9.6 % tal-PDG tal-Ewropa kien iddedikat għall-kura tas-saħħa fl-2017, għalhekk qiegħed isir dejjem aktar importanti li l-infiq fis-saħħa jkun effiċjenti u li tiġi indirizzata l-ħela fl-infiq.
54. COM (2017) 206, Dokument ta’ Riflessjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Ewropa, 26 ta’ April 2017.
55. L-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, Mira 11: Nagħmlu l-bliet inklużivi, sikuri, reżiljenti u sostenibbli. Disponibbli fuq: <https://www.un.org/sustainabledevelopment/cities/>
56. The Role of Science, Technology and Innovation Policies to Foster the Implementation of the Sustainable Development Goals *Report of the Expert Group “Follow-up to Rio+20, notably the SDGs”*.
57. COM(2018) 22 final.
58. F’Novembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-AI Watch biex timmonitorja l-iżviluppi marbuta mal-Intelliġenja Artifiċjali fl-UE u madwar id-dinja u ttiprovdi l-bażi analitika meħtieġa għal aktar azzjoni.
59. Il-Kummissjoni Ewropea “Pjanijiet tal-Istati Uniti-Ċina-UE dwar l-IA: fejn ninsabu?” Jannar 2018. Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/dem/monitor/sites/default/files/DTM_AI%20USA-China-EU%20plans%20for%20AI%20v5.pdf.
60. Jiaxuan You, Xiaocheng li, melvin low, David B. Lobell, Stefano Ermon, “Sustainability and Artificial Intelligence Lab, Combining Remote Sensing Data and Machine Learning to Predict Crop Yield”. Disponibbli fuq: <http://sustain.stanford.edu/crop-yield-analysis>
61. Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp. Disponibbli fuq: <http://www.eurasia.undp.org/content/rbec/en/home/blog/2017/7/12/What-kind-of-blender-do-we-need-to-finance-the-SDGs.html>
62. Il-Pjan ta’ Azzjoni dwar Finanzi Sostenibbli. Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/publications/180524-proposal-sustainable-finance_en.
63. Business and Sustainable Development Commission, “Better Business Better World, The report of the Business & Sustainable Development Commission”, Jannar 2017.
64. Business and Sustainable Development Commission, “Better Business Better World, The report of the Business & Sustainable Development Commission”, Jannar 2017.

65. Politiki tat-Tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea: Stħarriġ tal-2018. Disponibbli f': https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/company-tax/tax-good-governance/european-semester/tax-policies-european-union-survey_en. F'Diċembru 2018, il-Kummissjoni nediet studju li jagħti ħarsa lejn xejriet kbar ħafna (it-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni, il-popolazzjoni li qed tixjieħ eċċ.) u l-impatt tagħhom fuq l-ekonomiji tal-UE, b'mod partikolari s-sostenibbiltà tas-sistemi tat-taxxa tal-UE.
66. COM(2019) 8 finali.
67. COM(2019) 8 finali.
68. COM(2019) 8 finali.
69. Dierx, Adriaan, Ilzkovitz, Pataracchia, Ratto, Thum-Thysen and Varga (2017), "Does EU competition policy support inclusive growth?", Journal of Competition Law & Economics, Vol. 13, No. 2.; L-iskeda informattiva tal-OECD dwar kif il-politika tal-kompetizzjoni taffettwa l-eżiti makroekonomiċi (Ottubru 2014); Fabienne Ilzkovitz and Adriaan Dierx, "Ex-post economic evaluation of competition policy enforcement: A review of the literature", DG Competition, June 2015.
70. http://ec.europa.eu/competition/state_aid/scoreboard/index_mt.html
71. Id-Direttiva (UE) 2017/828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva 2007/36/KE rigward l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul tal-azzjonisti (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
72. Id-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).
73. Ir-Regolament (UE) 2017/821 dwar il-Minerali ta' Kunflitt.
74. https://ec.europa.eu/info/publications/180524-proposal-sustainable-finance_en#investment. Stampa aktar komprensiva tal-progress riċenti tal-UE dwar is-CSR/RBC u dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem ser jiġu ppreżentati kmieni fl-2019 fil-kuntest tal-Jiem Industrijali tal-UE.
75. Il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju, il-Ghana, u l-pajjiżi FSE SADC huma l-Botswana, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u s-Swaziland.
76. Dokument informali tas-servizz tal-Kummissjoni. Disponibbli f': http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2018/february/tradoc_156618.pdf.
77. Il-progress huwa deskritt fir-rapport tal-UE dwar il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp tal-2019, ippubblikat flimkien ma' dan id-Dokument ta' Riflessjoni: Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (2019)20.
78. COM(2018) 703 finali. Disponibbli f': https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-principles-subsidiarity-proportionality-strengthening-role-policymaking_mt.pdf u https://ec.europa.eu/commission/priorities/democratic-change/better-regulation/task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_mt.
79. Disponibbli f': https://ec.europa.eu/info/strategy/international-strategies/global-topics/sustainable-development-goals/multi-stakeholder-platform-sdgs_en.
80. B'aktar minn EUR 37 biljun ingranati mill-bidu tagħha f'Settembru 2017, tinsab fit-triq it-tajba biex tingrana l-oġettiv tal-2020 ta' EUR 44 biljun ta' investimenti għall-iżvilupp sostenibbli sal-2020.

Anness I

IL-KONTRIBUT TAL-KUMMISSJONI JUNCKER
GĦALL-GĦANIJET TA' ŻVILUPP SOSTENIBBLI



Il-kontribut tal-Kummissjoni Juncker għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli

L- Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li ġiet adottata min-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015 tistabbilixxi qafas globali sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli sal-2030. Din tinkludi sett ambizzjuż ta' 17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u 169 mira assoċjata għall-ħidma tal-pajjiżi u l-partijiet ikkonċernati.

L-UE kellha rwol strumentali fit-tiswir tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u, flimkien mal-Istati Membri tagħha, ikkommettet ruħha li tkun minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tagħha kemm fl-UE kif ukoll billi tagħti l-appoġġ tagħha, permezz tal-politiki esterni, lil pajjiżi oħrajn fl-isforzi tagħhom biex jimplementawha, partikolarment lil dawk li l-aktar jeħtiġuh.

L-10 prijoritàjiet tal-Kummissjoni Juncker jinkludu aspetti ewlenin tal-iżvilupp sostenibbli: l-impjeggi, it-tkabbir u l-investiment (prijorità 1); is-suq uniku diġitali (prijorità 2); il-ħidma favur enerġija aktar sikura, sostenibbli u affordabbli (prijorità 3); suq intern aktar profund u ġust (prijorità 4); unjoni ekonomika u monetarja aktar profunda u ġusta (prijorità 5); kummerċ miftuħ u ġust (prijorità 6); il-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali (prijorità 7); il-migrazzjoni (prijorità 8); attur globali aktar b'saħħtu (prijorità 9); unjoni ta' tibdil demokratiku (prijorità 10).

Mill-bidu tal-mandat tagħha f'Novembru tal-2014 il-Kummissjoni Juncker integrat l-iżvilupp sostenibbli f'aġendi trasversali ewlenin kif ukoll f'politiki u inizjattivi settorjali bl-użu tal-għodod tar-regolamentazzjoni aħjar. Il-valutazzjonijiet tal-impatt kollha li tagħmel il-Kummissjoni qabel il-proposti leġiżlattivi jinkludu l-analiżi tal-impatti soċjali, ambjentali u ekonomiċi bil-għan li tqis u tinkludi aspetti tal-iżvilupp sostenibbli. Barra minn hekk, il-ftehimiet kummerċjali li l-UE laħqet dan l-aħħar jinkludu kapitlu dwar l-iżvilupp sostenibbli għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli u għal xogħol deċenti għal kulħadd.

Il-Kummissjoni Juncker tefgħet żerriegħa importanti ħafna għall-politiki tal-ġenerazzjoni li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli – il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet

Soċjali, il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-istrategġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà, l-istrategġija bbażata fuq il-valuri "kummerċ għal kulħadd", l-impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; il-pakkett tal-ekonomija ċirkolari, il-pakketti tal-mobbiltà u tal-enerġija nadifa sal-istrategġija tat-tkabbir blu; il-"Pjan ta' Investiment għall-Ewropa" u l-pjan ta' azzjoni dwar il-finanzi sostenibbli sal-aġenda urbana u l-pjan ta' azzjoni dwar in-Natura, biex insemmu wħud. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li ssaħħaħ ir-rabta bejn il-finanzjament tal-UE u l-istat tad-dritt, tivvaluta l-attivitàjiet kofinanzjati mill-UE fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-impatti ambjentali u soċjali tagħhom, kif ukoll li tadotta mira aktar ambizzjuża fil-qasam tan-nefqa fuq il-klima mill-baġit tal-UE tal-ġejjieni. Dan l-aħħar il-Kummissjoni ppreżentat il-viżjoni strateġika Ewropea fil-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050, li twitti t-triq għal bidla strutturali tal-ekonomija Ewropea, tixpruna t-tkabbir u l-impjeggi filwaqt li tikseb impatt newtrali fuq il-klima. Dan se jitlob soluzzjonijiet deċiżivi u investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Dan id-dokument jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kontributi tal-Kummissjoni Juncker għall-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-ewwel billi jiġu spjegati l-karatteristiċi ewlenin tal-politiki prinċipali u mbaġhad billi tingħata lista tal-azzjonijiet differenti li ttieħdu fuq kull waħda mill-SDGs.

Filwaqt li l-enfasi ta' dan l-Anness huwa biss fuq l-inizjattivi tal-Kummissjoni Juncker, ma għandniex xi ngħidu li bosta mill-politiki l-oħrajn tal-Unjoni li kienu diġà fis-seħħ qabel din il-Kummissjoni bdiet il-mandat tagħha kkontribwixxew għall-ksib tal-SDGs. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Istrategġija tal-UE għall-biodiversità sal-2020, il-pakkett ta' politiki dwar l-arja nadifa, l-issuktar tal-implimentazzjoni tal-istrategġija tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, il-karta tal-assikurazzjoni tas-saħħa Ewropea, ir-regoli dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u r-regoli tal-UE dwar il-prodotti tat-tabakk, biex insemmu biss ftit.

Politiki Ewlenin



Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ta' Novembru tal-2017 jistabbilixxi 20 prinċipju li l-għan dirett tagħhom huwa li jippromwovu l-konverġenza lejn kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol aħjar fl-Ewropa. Dan jgħin biex jiġi indirizzat il-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu u biex jiġu żgurati sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti, xierqa u sostenibbli. Jappoġġa l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol fosthom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, u jippromwovi l-inklużjoni u l-ħarsien soċjali. Huwa akkumpanjat minn tabella ta' valutazzjoni soċjali, li flimkien ma' għodod oħra tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tiegħu.

L-implimentazzjoni tal-prinċipji u d-drittijiet li jinsabu f'dan il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se tikkontribwixxi wkoll għal Ewropa sostenibbli billi jingħata appoġġ attiv għal impjiegi sikuri u salarji ekwi li jipprovdur għal livell ta' għajxien diċenti, u billi tingħata għajnuna biex in-nies tiġi mħarrġa b'ħiliet tas-seklu 21 li jagħtuhom aċċess għal impjiegi ta' kwalità għolja u tissokta l-għlieda kontra l-impatt tat-tixjiħ demografiku fis-suq tax-xogħol u fuq is-sistema ta' ħarsien soċjali. Filwaqt li jappoġġa l-kompetittività u l-innovazzjoni, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se jippromwovi l-ġustizzja soċjali, l-opportunitajiet indaqs, id-djalogu soċjali u l-aċċess għal servizzi tal-kura ta' kwalità tajba, foshom kura tas-saħħa ta' kwalità u affordabbli, kura tat-tfal u kura fit-tul, assistenza għall-akkomodazzjoni u servizzi essenzjali oħra.



Azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

Fl-2015 il-Kummissjoni adottat "impenn strateġiku dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2016-2019". Dan huwa l-qafas għall-ħidma li għaddejjja biha l-Kummissjoni biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-setgħa lin-nisa. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kkonferma l-impenn tal-UE favur it-trattament u l-opportunitajiet indaqs tan-nisa u l-irġiel fl-isferi kollha. Fl-2017 il-Kummissjoni ressqet pakkett komprensiv ta' miżuri leġiżlattivi u ta' politikidwar **il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata** li jinkoraġġixxi ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 huwa l-qafas tal-UE għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-setgħa lill-bniet fir-relazzjonijiet esterni tagħna ma' pajjiżi terzi, kif ukoll f'fora u aġendi internazzjonali. L-UE tpoġġi l-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-prattika permezz tal-politika Ewropea tal-vcinat riveduta u tal-politika tal-iżvilupp tagħha.



L-istrateġija tal-UE għaż-żgħażaġħ

F'Mejju tal-2018 l-Kummissjoni ppreżentat l-ideat tagħha dwar "L-Impenn, il-Konnessjoni u s-Setgħa liż-Żgħażaġħ" għal Strateġija ġdida tal-UE għaż-żgħażaġħ, li ġiet approvata mill-Kunsill f'Novembru tal-2018. Il-qafas il-ġdid tal-perjodu 2019-2027 għall-kooperazzjoni dwar iż-żgħażaġħ għandu l-għan li jjarreb lill-UE lejn iż-żgħażaġħ u li jgħin biex jindirizza l-kwistjonijiet li jħassbuhom. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għaż-żgħażaġħ għandha l-għan li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ fil-ħajja ċivika u demokratika (involvement); tlaqqa' liż-żgħażaġħ madwar l-UE u lil hinn għall-promozzjoni tal-volontarjat, l-opportunitajiet li jsir tagħlim f'pajjiżi barranin, is-solidarjetà u l-komprensjoni interkulturali (konnessjoni); u li tappoġġa s-setgħa liż-żgħażaġħ permezz tat-tisħiħ tal-innovazzjoni, kif ukoll tal-kwalità u tar-rikonoxximent, tal-ħidma taż-żgħażaġħ (l-għoti tas-setgħa). L-istrumenti proposti sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-istrateġija jinkludu djalogu mġedded maż-żgħażaġħ, l-użu ta' pjanifikaturi tal-attivita-jiet nazzjonali, kif ukoll pjan ta' ħidma tal-Kunsill għaż-żgħażaġħ għall-2019-2020.

Il-Kummissjoni tgħin ukoll lill-Istati Membri Ewropej biex iżidu l-impjiegi taż-żgħażaġħ. Kull sena aktar minn 3.5 miljun zaġħżuġħ u zaġħżuġħa rreġistrati fil-garanzija għaż-żgħażaġħ jirċievu offerti ta' impjeg, biex ikomplu l-istudji tagħhom, traineeships jew apprendistati.



Ir-rabta tal-finanzjament tal-UE mar-rispett għall-istat tad-dritt

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-baġit pluriennali Ewropew li jmiss għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027 hija ta' baġit iggwidat mill-prinċipji tal-prosperità, tas-sostenibbiltà, is-solidarjetà u s-sigurtà.

Il-proposta tinkludi mekkaniżmu ġdid li jsaħħaħ ir-rabta bejn il-finanzjament tal-UE u l-istat tad-dritt. In-nuqqasijiet ġeneralizzati fl-istat tad-dritt fi Stat Membru jħallu konsegwenzi serji għall-ġestjoni finanzjarja tajba u effettiva tal-fondi tal-UE. Dan mhuxwax mekkaniżmu ta' sanzjoni: din hija għodda baġitarja li tippermetti l-protezzjoni tal-baġit tal-UE u tiżgura l-ġestjoni finanzjarja tajba filwaqt li tippromwovi l-istat tad-dritt.



Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa / il-Pjan Juncker

Wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja globali l-UE kienet qed tbat minn livelli baxxi ta' investiment. Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, l-hekk imsejjaħ Pjan Juncker, għandu l-għan li jiknes it-tfixkil għall-investiment, jipprovdi l-viżibbiltà u l-assistenza teknika għal proġetti ta' investiment, u jagħmel użu aktar intelliġenti tar-riżorsi finanzjarji.

F'Lulju tal-2018 il-Pjan Juncker ta' Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi laħaq il-mira inizjali ta' EUR 315-il biljun u mill-2015 sa Diċembru tal-2018 immobilizza EUR 371 biljun f'investiment addizzjonali madwar l-Ewropa. Dan diġà appoġġa aktar minn 750,000 impjieg. Iċ-ċifra mistennija tiżdied għal 1.4 miljun impjieg sal-2020. Aktar minn 850,000 negozju ta' daqs żgħir u medju (SMEs) qegħdin jibbenefikaw minn aċċess imtejjeb għall-finanzjament. Tal-inqas 40 % tal-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi taħt il-qasam tal-infrastruttura u l-innovazzjoni jappoġġa komponenti ta' proġetti li jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar l-azzjoni klimatika.



Orizzont 2020 - il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni

'Orizzont 2020' huwa l-akbar programm fid-dinja li jippromwovi l-koperazzjoni fix-xjenza, t-teknoloġija u l-innovazzjoni fl-UE u lil hinn minnha.

Finanzjament li jlaħħaq kważi s-EUR 77 biljun huwa disponibbli fuq seba' snin (mill-2014 sal-2020) għal 'Orizzont 2020' - il-Programm qafas ta' bħalissa għar-riċerka u l-innovazzjoni - minbarra l-investiment nazzjonali privat u pubbliku li se jiġi ġġenerat minn dawn il-flus. Aktar minn 60 % minn dan il-baġit qiegħed jiġi investit fl-iżvilupp sostenibbli. Qiegħed jiġi propost li l-programm suċċessur "Orizzont Ewropa" jingħata baġit saħansitra akbar.

"Orizzont 2020" għandu l-għan li jikseb tkabbir ekonomiku intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. L-għan huwa li jiġi żgurati li l-UE tipproduċi xjenza u teknoloġija ta' livell dinji li jkunu ta' għid għall-ekonomija, għas-soċjeta u għall-ambjent ukoll, tneħħi t-tfixkil għall-innovazzjoni u tagħmilha aktar faċli biex is-setturi pubbliċi u privati jaħdmu id f'id biex isibu soluzzjonijiet għall-isfidi l-kbar li s-soċjeta tagħna qiegħda tħabbat wiċċha magħhom.



Il-finanzjament ta' tkabbir sostenibbli

Hekk kif il-pjaneta tagħna qiegħda tiffaċċja l-konsegwenzi impreved-ibbli tat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riżorsi, hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nadattaw għal mudell aktar sostenibbli. Skont ċerti stimi se jkun hemm bżonn ta' EUR 180 biljun sabiex jinkisbu l-miri tal-UE għall-2030 li ntlaħaq qbil dwarhom f'Pariġi, fosthom it-tnaqqis ta' 40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Din hija r-raġuni għaliex f'Marzu tal-2018 il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni dwar il-finanzjament sostenibbli biex issaħħaħ ir-rwol tal-finanzjament fil-promozzjoni ta' ekonomija li tiffunzjona tajjeb u li twassal għall-kisba tal-għanijiet ambjentali u soċjali. Permezz ta' dan l-UE qiegħda tippermetti lis-settur finanzjarju jagħti l-kontribut tiegħu għall-kisba tal-SDGs.

#SustainableFinanceEU



Il-Pjan ta' azzjoni għal ekonomija ċirkolari

F'ekonomija ċirkolari l-valur tal-prodotti, tal-materjali u tar-riżorsi jinżamm fl-ekonomija fit-tul kemm jista' jkun, filwaqt li titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart (pereż. il-ħela tal-ikel, plastik u skart fil-baħar). Il-benefiċċji usa' tal-ekonomija ċirkolari jinkludu l-ħolqien ta' vantaġġi kompetittivi ġodda u t-tnaqqis tal-ħtieġa ta' riżorsi skarsi, il-konsum tal-enerġija u tal-livelli tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju.

L-azzjonijiet li twettqu mill-Kummissjoni mill-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni għal ekonomija ċirkolari fl-2015 jappoġġaw ekonomija ċirkolari f'kull stadju tal-katina tal-valur. Permezz tal-pakkett tagħha dwar l-ekonomija ċirkolari l-UE qiegħda tagħti sinjal ċar lill-operaturi ekonomiċi u lis-soċjetà dwar it-triq li twassal għall-ġejjieni. Azzjoni fil-livell tal-UE tista' tixpruna l-investimenti, toħloq kundizzjonijiet ekwi u tneħħi l-ostakli minn quddiem is-suq uniku.



Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050

Il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050, li ġiet adottata mill-Kummissjoni f'Novembru tal-2018, turi kif l-Ewropa tista' tkun minn ta' quddiem għal impatt newtrali fuq il-klima permezz tal-modernizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija, tal-investiment f'soluzzjonijiet teknoloġiċi realistiċi, tal-ġhoti ta' opportunitajiet liċ-ċittadini, u tal-allinjament tal-azzjoni f'oqsma ewlenin bħall-politika industrijali, il-finanzi, l-ekonomija ċirkolari u r-riċerka - filwaqt li jiġu żgurati l-ġustizzja soċjali u l-appoġġ għal tranżizzjoni ġusta. B'konformità sħiħa mal-SDGs, din tenfasizza għadd ta' passi strateġiċi għat-tranżizzjoni lejn UE b'impatt newtrali għall-klima.

L-iskop tal-viżjoni fit-tul għandu jagħti d-direzzjoni ta' fejn hi sejra l-politika tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u jwassal għal dibattitu fil-fond dwar it-tnejn tal-UE għall-orizzont tal-2050, biex b'hekk sal-2020 l-UE tressaq strateġija ambizzjuża u fit-tul għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima sal-2020.



Il-Ftehim ta' Pariġi dwar l-azzjoni klimatika – Il-pakkett enerġija nadifa għal kulħadd

L-Ewropa kellha rwol strumentali biex jintlaħaq l-ewwel ftehim universali u li jorbot legalment dwar il-klima f'Pariġi, li stabbilixxa pjan ta' azzjoni globali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. L-UE kkommettiet li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'40 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990.

Kienet minn ta' quddiem fir-rigward tal-pakkett dwar enerġija nadifa għall-Ewropej kollha, xprunat it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-modernizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija biex tippermetti l-ilhuk tal-għanijiet ta' Pariġi.

It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se jitransformaw il-mod kifniiproduċu u nikkunsmaw l-enerġija b'mod sinifikanti. Din se tolgot lis-setturi u r-reġjuni diversi b'mod differenti. Il-mudelli ta' negozju b'użu intensiv tal-karbonju, bħall-estrazzjoni tal-faħam, ser isiru inqas ekonomiċi u fl-aħħar se jgħibu gradwalment.

Għaldaqstant il-Kummissjoni nediet inizjattivi proprju għall-indirizzar tal-isfidi soċjali u ekonomiċi li qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom dawn iċ-ċittadini minn reġjuni għonja fil-faħam. Dawn jappoġġaw l-iżvilupp ta' strateġiji ta' tranżizzjoni, proġetti konkreti għad-diversifikazzjoni strutturali u t-tranżizzjoni tat-teknoloġija. L-azzjonijiet ta' appoġġ għal 41 reġjun fejn hemm attivitajiet ta' estrazzjoni tal-faħam f'madwar 12-il Stat Membru għandhom l-għan li jittrasformaw it-tranżizzjoni f'opportunitajiet li jqawwu l-innovazzjoni, l-investment u l-ħiliet ġodda.



Ewropa Attiva

Wara l-istrateġija ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi l-Kummissjoni adottat tliet pakketti dwar il-mobbiltà "Ewropa Attiva" fl-2017 u fl-2018 rispettivament. "Ewropa Attiva" tinkludi sett kbir ta' inizjattivi li se jagħmlu t-traffiku aktar sikur; jinkoraġġixxu l-pedaġġ tat-toroq intelliġenti; inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂, it-tniġġis tal-arja u l-konġestjoni; inaqqsu l-burokrazija żejda għan-negozji; jiġġieldu l-impjegar illegali u jiżguraw kundizzjonijiet xierqa u ħin ta' mistrieħ għall-ħaddiema. l-benefiċċji fit-tul ta' dawn il-miżuri se jestendu mhux fejt lil hinn mis-settur tat-trasport billi jippromwovu t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, it-tisħiħ tal-ġustizzja soċjali, it-tkattir tal-għażliet tal-konsumaturi filwaqt li l-Ewropa titqiegħed fit-triq it-tajba fejn jinqatgħu l-emissjonijiet kollha.

L-aħħar pakkett tal-"Ewropa Attiva" jistabbilixxi aġenda pożittiva u għandu l-għan li jwassal traffiku aktar sikur, vetturi li jniġġsu inqas u soluzzjonijiet teknoloġiċi aktar avanzati lill-Ewropej kollha, u fl-istess waqt jappoġġa l-kompetittività tal-industrija tal-UE. Għal dan il-għan, l-inizjattivi inkludew politika integrata għall-ġejjieni tas-sikurezza fit-toroq permezz ta' miżuri għas-sikurezza tal-vetturi u tal-infrastruttura; l-ewwel standards ta' CO₂ għal vetturi heavy-duty li qatt saru; pjan ta' azzjoni strateġiku għall-iżvilupp u l-manifattura ta' batteriji fl-Ewropa u strateġija li tħares 'il quddiem dwar il-mobbiltà konnessa u awtomatizzata.



Strateġija tal-UE għall-plastiks

Oċeani b'saħħithom huma fundamentali għall-eżistenza tagħna. Huma għajn essenzzjali ta' ikel u għall-introjt ta' madwar 40 % tal-popolazzjoni tad-dinja. Fl-aħħar mill-aħħar il-klima, l-ilma u l-ossiġnu tagħna jiġu pprovduti u huma rregolati mill-baħar.

L-aġenda dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani tal-UE stabbilixxiet qafas globali għat-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani biex tiżura oċeani sikuri, nodfa u li jintużaw skont il-liġi u b'mod sostenibbli. Waħda mill-azzjonijiet inklużi fl-aġenda dwar il-governanza tal-oċeani kienet il-ġlieda kontra l-iskart fil-baħar.

F'Mejju tal-2018 il-Kummissjoni pproponiet regoli ġodda madwar l-Ewropa għal azzjoni kontra l-10 prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li ta' spiss jinstabu fil-bajjiet u fl-ibħra Ewropej, kif ukoll irkaptu tas-sajd mitluf u abbandunat. Flimkien dawn jikkostitwixxu 70 % tal-iskart kollu fil-baħar.

Inizjattivi oħrajn fir-rigward tal-plastiks jinkludu miżuri għall-prevenzjoni tar-rimi tal-iskart; biex il-plastiks jsiru parti minn ekonomija ċirkolari; għat-trattament ta' skart fil-baħar li jkun ibbażat fil-baħar innifsu; u għall-iżgurar ta' komprensioni aħjar u l-monitoraġġ ta' skart fil-baħar.



Pjan ta' azzjoni tal-UE għan-natura, għan-nies u għall-ekonomija

Il-liġijiet dwar l-għasafar u l-ħabitats huma inizjattivi ewlenin tal-UE fir-rigward tan-natura. Huma jistabbilixxu l-akbar netwerk ikkoordinat ta' żoni biodiversi ħafna fid-dinja ("Natura 2000") li jikkontribwixxu għall-ekonomija tal-UE permezz tat-tisfija tal-ilma, il-ħżin tal-karbonju, id-dakkir jew it-turiżmu ("servizzi tal-ekosistema") u li jikkorrispondu għal bejn 1.7 u 2.5 % tal-PDG tal-UE.

F'April tal-2017 il-Kummissjoni adottat "Pjan ta' Azzjoni għan-natura, in-nies u l-ekonomija" sabiex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-liġijiet fil-post u għaldaqstant ittejjeb il-ħarsien tan-natura għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-ekonomija tal-UE.

Il-pjan ta' azzjoni jipprevedi 15-il azzjoni ewlenija li se jitwettqu sal-2019 dwar erba' prijoritajiet ewlenin: it-titjib tal-għarfien u l-gwida sabiex tiġi żgurata aktar koerenza ma' attivitajiet soċjoekonomiċi; it-tlestija tan-netwerk u l-iżgurar li jiġi għestit b'mod effettiv; it-tisħiħ tal-investimenti f'"Natura 2000" u l-iżgurar ta' aktar fondi; l-involvement taċ-ċittadini, tal-partijiet ikkonċernati u tal-komunitajiet lokali.



Aġenda urbana għall-UE

Il-bliet fl-Ewropa jinsabu fil-qalba tal-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-lum. Aktar minn 70 % taċ-ċittadini tal-UE jgħixu f'żoni urbani u 85 % tal-PDG tal-UE jiġi ġġenerat fil-bliet.

L-aġenda urbana għall-UE li tnediet f'Mejju tal-2016 hija essenzjali biex jiġi żgurat li ż-żoni urbani jaġixxu ta' katalisti għal soluzzjonijiet sostenibbli innovattivi li jippromwovut-tranżizzjoni għal soċjetajiet reżiljenti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Il-ħidma fuq l-aġenda urbana qiegħda ssir mill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u bliet Ewropej, sabiex l-impatt tal-politiki fuq iż-żoni urbani jiġi kkunsidrat aħjar. Għan ieħor tagħha huwa li ssaħħa ir-reżiljenza ta' postijiet urbani billi tagħxi bħala prevenzjoni għal diżastri u riskji relatati mal-klima.

L-aġenda urbana hija msaħħa mill-inizjattivi tal-Kummissjoni li jippromwovv azzjoni fit-tul dwar l-enerġija u l-klima fil-livell lokali bħal pereżempju l-**Patt tas-Sindki**. Il-Patt Globali tas-Sindki għall-klima u l-enerġija sar fl-2016 fuq il-bażi ta' din l-inizjattiva Ewropea li tlaqqa' 10.28 % tal-popolazzjoni globali f'alleanza li hija favur azzjoni kontra t-tibdil fil-klima u biex is-soċjetajiet tagħna jimxu lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju.



Aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa

Permezz tal-aġenda għdida għall-ħiliet għall-Ewropa, qed isir investment fin-nies biex b'hekk inkunu jistgħu jiffaċċjaw il-ġejjieni b'fiduċja. Bit-twertiq tal-10 azzjonijiet tal-aġenda għall-ħiliet il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tgħin biex in-nies jingħataw il-ħiliet it-tajba biex iżommu ruħhom informati dwar it-tibdil fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. L-Ewropa qiegħda wkoll tagħti aktar viżibbiltà lill-ħiliet filwaqt li tagħmilhom aktar paragonabbli, u qiegħda tiġbor informazzjoni dwar x'ħiliet huma bżonjużi għal ċerti xogħlijiet u setturi madwar l-Ewropa. Barra minn hekk il-Kummissjoni appoġġat ukoll lill-pajjiżi Ewropej biex jaġhtu spinta lill-għajjuna tagħhom lil dawkl-adulti li jsibu diffikultajiet b'ħiliet bażiċi. Tnedew inizjattivi li jħejju lin-nies għar-rivoluzzjoni diġitali u l-ġejjieni tax-xogħol. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni Ewropea ħolqot il-ġimgħa Ewropea tal-ħiliet vokazzjonali biex tqajjem kuxjenza dwar il-bosta opportunitajiet li joffru l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Mill-2016 dawn il-kampanji annwali rnexxew u għenu lil miljuni ta' żgħażaġ u adulti biex jiskopru li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali hija l-ewwel għażla jew għażla tajba daqs oħrajn.



Bijoeconomija sostenibbli tal-UE li ssaħħaħ il-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent

Aħna ngħixu fi pjaneta b'riżorsi limitati. L-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni tal-art u tal-ekosistemi, flimkien ma' popo-lazzjoni dejjem tikber iġegħluna nfittxu modi ġodda kif nipproduċu u nikkonsmaw riżorsi bijoloġiċi li jirrispettaw il-fruntieri ekoloġiċi tal-pjaneta tagħna. B'fatturat ta' EUR 2.3 triljuni, li jirrappreżenta 8.2 % tal-forza tax-xogħol, il-bijoeconomija hija element ewlieni tal-ekonomija tal-UE.

L-istrateġija aġġornata dwar il-bijoeconomija se tniedi 14-il azzjoni li se jwittu t-triq għal soċjetà aktar innovattiva, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva li tlaqqa' s-sig-urtà tal-ikel mal-użu sostenibbli ta' riżorsi bijotiċi rinnovabbli, u fl-istess waqt tiżgura l-ħarsien tal-ambjent. Ser issaħħaħ is-setturi ta' prodotti bijoloġiċi u tiżviluppa teknoloġiji ġodda li jittrasformaw il-bijoskart fi prodott ta' valur, tipprovdi benefiċċji lill-komunitajiet rurali u tiżgura li l-bijoeconomija topera f'kuntest ekoloġiku.



Il-politika ta' koeżjoni tal-UE

Il-politika ta' koeżjoni tal-UE hija l-politika tal-investment ewlenija tal-UE u l-missjoni fil-qalba tagħha hija l-kisba ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn id-diversi reġ-ġuni b'rabta mal-livelli ta' żvilupp tagħhom. Hija waħda mill-aktar politiki trasversali u orizzontali li tikkontribwixxi għall-parti l-kbira tas-17 il-SDG, jekk mhux għalihom kollha.

Barra minn hekk, il-prinċipji u l-għanijiet trasversali ewlenin, bħall-iżvilupp sostenibbli, l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni ta' perspet-tiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll il-ġlied kontra d-diskriminaz-zjoni huma kollha integrati fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni ta' din il-politika. Il-prijorità li tingħata lill-prinċipju tas-sħubija tiżgura li l-atturi nazzjonali u sottonazzjon-ali jimpenjaw irwieħhom u jassumu r-responsabbiltà li jwettqu l-prijor-itajiet tal-UE permezz ta' proġetti kofinanzjati.



Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

L-UE qiegħda taħdem biex toħloq Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025, *"li fiha t-tagħlim, l-is-tudju u r-riċerka ma jiġux imxekkla mill-fruntieri. Kontinent, fejn il-fatt li wieħed iqatta' żmien fi Stat Mem-bru ieħor – biex jistudja, jiġgħallem jew jaħdem – sar l-istandard u fejn, minbarra l-lingwa materna tiegħu, li wieħed jikkellew żewġ lingwi oħra saret in-norma. Kontinent li fihi in-nies għandhom sens qawwi tal-identità tagħhom bħala Ewropej, tal-wirt kulturali tal-Ewropa u tad-diversità tagħha.*

F'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-għan huwa li kulħadd ikollu aċċess għal tagħlim innovattiv, inklużiv u tul ħajtu kollha. L-ewwel azzjoni-jiet konkreti jinkludu l-iżvilupp ta' universitajiet Ewropej; il-kwalifiki miksuba fl-edukazzjoni sekondarja għolja u terzjarja, kif ukoll il-per-jodi ta' tagħlim li jsiru f'pajjiżi barranin jiġu rikonoxxuti awtoma-tikament fl-Istati Membri kollha; jittejjeb it-tagħlim tal-lingwi; issir il-promozzjoni ta' edukazzjoni u ta' kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal; jingħata appoġġ għat-tagħlim ta' kompetenzi ġodda; jissaħħaħ it-tagħlim diġitali.



Pjattaforma tal-UE dwar it-telf u l-ħela tal-ikel

Huwa stmat li fl-UE jinħela jew jintilef 20 % tal-ikel totali li jiġi prodott, filwaqt li 43 miljun persuna ma jaffordjawx ikla ta' kwalità kuljum. L-unitajiet domestiċi jiġġeneraw aktar minn nofs l-ikel kollu li jinħela fl-UE filwaqt li 70 % tal-ikel jinħela fil-livell tal-unitajiet domestiċi, tas-servizz tal-ikel u tal-konsumatur.

Ma hemmx kawża jew soluzzjoni waħda għal dan għaliex il-katina alimentari hija sistema kumplessa u dinamika. Is-soluzzjoni għall-ħela tal-ikel tinsab f'ħidma id f'id mal-atturi ewlenin kollha mis-settur pubbliku u dak privat sabiex dan il-ħela jiġi identifikat, imkejje, mifhum u jinsabu tweġibiet għal din il-problema.

Il-pjattaforma tal-UE dwar it-telf u l-ħela tal-ikel inħolqot fl-2016 u tlaqqa' organizzazzjonijiet internazzjonali, Stati Membri u partijiet ikkonċernati f'ħidma biex jiddefinixxu l-aħjar prattika u jiksbu progress fil-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. Bl-għajnuna tal-pjattaforma l-Kummissjoni adottat linji gwida tal-UE biex tiffaċilita d-donazzjoni tal-ikel (2017) u għaddejja bi proġett pilota tal-UE fuq tliet snin li jipromwovi l-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika. Fl-2018 ġew adottati il-linji gwida tal-UE fir-rigward tal-valorizzazzjoni tal-ikel li jkun għadu jista' jittiekel iżda ma jkunx għadu jista' jinbiegħ għall-konsum tal-bniedem bħala riżorsi għall-għalf tal-annimali. Barra minn hekk il-Kummissjoni qiegħda teżmina modi ġodda b'mod attiv biex ittejjeb l-użu u l-fehim tad-dati "uża sa" u "aħjar qabel" fil-katina alimentari u mill-konsumaturi sabiex titnaqqas il-ħela tal-ikel assoċjata magħhom.



Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp

Fl-2017 l-UE u l-Istati Membri tagħha adottaw il-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp. Dan jipprovdi viżjoni konġunta għall-politika tal-iżvilupp. Il-Kunsens il-ġdid jirrefletti l-qafas tal-azzjoni esterna l-ġdid u jaġġorna l-viżjoni ta' politika tal-iżvilupp li tindirizza l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-SDGs. Huwa jipromwovi wkoll l-implimentazzjoni kkoordinata tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima u tal-aġenda tax-xogħol deċenti.

Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp huwa mibni fuq "il-5 prinċipji" ("5 Ps") li huma s-sisien tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti; In-nies, il-planet, il-prosperità, is-sliem u s-šhubija. L-eradikazzjoni tal-faqar għadu l-għan ewleni. Tintegra d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsens isaħħaħ ir-rabta kruċjali li hemm bejn il-politiki esterni, bħall-politika umanitarja u tal-iżvilupp mal-politiki kummerċjali u l-politiki li jindukraw is-sliem u s-sigurtà mat-trattament tal-migrazzjoni, l-ambjent u t-tibdil fil-klima.



Lejn 'Alleanza ġdida bejn l-Afrika u l-Ewropa'

L-Afrika hija sieħba importanti tal-UE b'rabta mal-kummerċ, l-investment u l-iżvilupp. Fl-2017 l-UE kienet responsabbli għal 36 % tal-kummerċ ta' prodotti tal-Afrika, it-titoli ta' investment tal-UE jir-rappreżentaw 40 % tal-investment dirett barrani fl-Afrika li fl-2016 kien jammonta għal EUR 291 biljun, u fl-2016 biss l-Afrika rċeviet 55 % tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp, b'ammont li laħħaq it-EUR 23 biljun, mingħand l-UE u l-Istati Membri tagħha.

F'Settembru tal-2018 il-Kummissjoni nediet l-"Alleanza Afrika-Ewropa għall-Investment u għall-Impjiegi Sostenibbli" sabiex l-ispinta tas-šhubija titla' għal-livell li jmiss.

L-alleanza tistabbilixxi l-linji ewlenin tal-azzjoni biex l-UE u s-šhab Afrikani tagħha jħajru investituri privati, itejbu l-ambjent tan-negozju, jgħinu l-edukazzjoni u l-ħiliet u jagħtu spinta lill-kummerċ.

L-alleanza tikkumplimenta s-šhubija politika li tmur lura żmien twil u tipproponi bidla fundamentali lil hinn minn approċċ bejn donatur u benefiċjarju lejn alleanza ta' partijiet indaqs. Hija tibni fuq l-impenn konġunt għaż-żieda tal-investment, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kummerċ li sar fil-ħames summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea fl-2017.

"L-Afrika għandha bżonn šhubija hija teħtieġ šhubija veritiera u ġusta. U aħna, l-Ewropej neħtieġu din is-šhubija daqstant."

Jean-Claude Juncker,
Il-President tal-Kummissjoni Ewropea
Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, 2018



Strateġija globali tal-UE għall-politika estera u ta' sigurtà

L-istrateġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà tistabbilixxi viżjoni għall-involviment tal-UE fid-dinja. L-SDGs huma dimensjoni trasversali tal-ħidma kollha għall-implimentazzjoni tal-istrateġija.

L-UE qiegħda tgħin fil-bini ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi. Fil-kuntest ta' bħalissa, fejn l-ispazju ċiviku u demokratiku qiegħed jonqos, l-UE affermat mill-ġdid l-appoġġ inkondizzjonat tagħha għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba madwar id-dinja.

Dan l-involviment jieħu għadd ta' suriet fosthom id-djalogu politiku dwar il-politika u l-appoġġ finanzjarju permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija (2015-2019) jipprovdi qafas għall-politiki ma' pajjiżi terzi. Tul is-snin l-UE bdiet djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' numru dejjem jżdied ta' pajjiżi terzi biex ittejjeb il-kooperazzjoni fuq id-drittijiet tal-bniedem u ttejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja.

Barra minn hekk, l-UE qiegħda tappoġġa programmi għat-tiħiħ ta' istituzzjonijiet trasparenti u responsabbli, fosthom parlament, ġudikaturi u korpi tal-infurzar tal-liġi, u istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE qiegħda taħdem ukoll favur it-tiħiħ tar-reżiljenza f'pajjiżi sħab bħala mezz għall-indirzzar ta' sitwazzjonijiet fraġli u qiegħda tappoġġa inizjattivi ta' prevenzjoni ta' kunflitti u tiswir tal-paċi fosthom permezz tat-titjib tal-governanza tas-settur tas-sigurtà tas-sħab biex tgħin fil-prevenzjoni ta' kriżijiet u t-trawwim tas-sigurtà tal-bniedem.



Kummerċ għal kulħadd: Lejn politika kummerċjali u tal-investment aktar responsabbli

Is-sistema ekonomika tal-lum, li hija waħda globali u diġitali, hija msejsa fuq katini tal-valur internazzjonali u l-kummerċ ta' prodotti u servizzi bejn il-fruntieri qiegħed dejjem jżdied.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li l-politika kummerċjali u tal-investment tal-UE tindirizza l-isfidi ta' żmienna u tiffaċilita l-iskambju tal-ideat, tal-ħiliet u tal-innovazzjoni. Il-Kummissjoni tagħraf ukoll li politika kummerċjali effettiva jenħtieġ li tibqa' koerenti mal-politika ta' żvilupp sostenibbli u mal-politiki tal-afarrijiet barranin aktar ġenerali, kif ukoll mal-għanijiet esterni tal-politiki interni tal-UE biex b'hekk dawn isaħħu lil xulxin. Il-Kummissjoni tisħaq li l-kummerċ għandu jżgura kundizzjonijiet ekwi filwaqt li tipromwovi prinċipji fundamentali bħad-drittijiet tal-bniedem, xogħol deċenti, l-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja jew ir-regolamentazzjoni ta' kwalità għolja u s-servizzi pubbliċi nazzjonali.

Bl-istrateġija bbażata fuq il-valuri - "Kummerċ għal kulħadd: Lejn politika kummerċjali u tal-investment aktar responsabbli", il-Kummissjoni turi li l-politika kummerċjali tal-UE hija għal kulħadd, li l-politika kummerċjali trid twassal għal tkabbir, impjiegi u innovazzjoni iżda trid tkun ukoll konsistenti mal-prinċipji tal-mudell Ewropew. F'kelmtejn din għandha tkun politika responsabbli.

Il-baġit pluriennali Ewropew li jmiss – għodda li tintegra s-sostenibbiltà

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-baġit pluriennali Ewropew li jmiss għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027 hija ta' baġit iggwidat mill-prinċipji tal-prosperità, tas-sostenibbiltà, is-solidarjetà u s-sigurtà. L-iżvilupp sostenibbli jinsab fil-qalba sew ta' dawn il-proposti. Dan huwa prijorità trasversali, mhux titolu wieħed jew programm uniku. Is-sostenibbiltà hija promossa permezz ta' bosta programmi u għodda ta' nfiq, kif ukoll integrata fihom. Fost il-proposti tal-Kummissjoni għall-baġit pluriennali Ewropew li jmiss hemm:

- Ristrutturar maġġuri tal-**istrumenti ta' azzjoni esterna** tal-UE sabiex ikun hemm aktar koerenza bejn l-istrumenti differenti u jsir l-aħjar użu tal-ekonomiji ta' skala u tas-sinġeriji bejn il-programmi filwaqt li jiġu ssimplifikati l-proċessi. Dan se jpoġġi lill-UE f'pożizzjoni aħjar biex tilħaq l-għanijiet tagħha u biex tipproġetta l-oġettivi, il-politiki, il-valuri u l-interessi tagħha madwar id-dinja. **L-Istrument il-ġdid ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali** propost għandu baġit ta' kważi EUR 90 biljun u huwa allinjat mal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-SDGs tagħha. **Bil-Faċilità Ewropea għall-Paċi**, li tiswa EUR 10.5 biljuni, l-UE għandha wkoll l-għan li ssaħħa il-kapaċità tagħha ta' prevenzjoni tal-kunflitti, tibni l-paċi u tqawwi s-sigurtà internazzjonali.
- Is-sejbien ta' soluzzjonijiet deċiżivi għall-appoġġ tat-tranżizzjoni lejn iżvilupp sostenibbli se jirrekjedi investiment bla preċedent fir-Riċerka u l-Innovazzjoni permezz tal-**“Orizzont Ewropa”, l-akbar Programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE li qatt kien hemm** b'baġit propost ta' EUR 100 biljun.
- Mira aktar ambużjuża għall-**integrazzjoni tal-azzjoni klimatika** fil-programmi kollha tal-UE, b'mira li 25 % tan-nefqa tal-UE tikkontribwixxi għall-klima, fosthom oġettivi għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-mira tiżdied għal 35 % tal-baġit globali tal-programm qafas propost għar-riċerka u l-innovazzjoni **“Orizzont Ewropa”**, li huwa propost u mfassal f'konformità mal-SDGs.
- **Politika ta' Koeżjoni riformata** b'aktar minn EUR 370 biljun - l-ogħla baġit fost il-politiki u l-inizjattivi kollha tal-UE bejn l-2021 u l-2027 - li se tiġġenera investimenti addizzjonali sinifikanti mis-settur pubbliku u dak privat. L-enfasi tal-proposta huwa fuq it-**tkabbir sostenibbli**, it-**tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari** u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, l-ambjent u l-użu effiċjenti ta' riżorsi u l-inklużjoni soċjali. Permezz tal-politika ta' koeżjoni riformata l-UE se tkun tista' tilħaq il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u ser tgħin fil-lokalizzazzjoni tal-SDGs billi t-tweqqi tagħha jsir f'**kooperazzjoni mill-qrib mar-reġjuni** u l-awtoritajiet lokali. L-investment fin-nies ser ikun prijorità ewlenija permezz tal-**Fond Soċjali Ewropew tal-futur (ESF+)** li jgħin fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'baġit propost li jammonta għal EUR 101 biljun.
- **InvestEU**, li hija proposta sabiex l-investimenti strateġiċi ewlenin jiġu kkatalizzati permezz ta' fond ta' investiment ġdid integrat bis-shif, se tkun essenzjali għall-prosperità ġejjiena tal-Ewropa u tippermettilha tkun minn ta' quddiem fil-ħidma dwar l-SDGs. B'kontribuzzjoni ta' EUR 15.2-il biljun mill-baġit tal-UE, InvestEU mistennija timmobilizza aktar minn EUR 650 biljun f'investiment addizzjonali madwar l-Ewropa.
- **Politika agrikola komuni ssimplifikata u mmodernizzata** b'baġit totali ta' EUR 365 biljun se tiżgura ikel sikur, ta' kwalità għolja, għall-but ta' kulħadd, sustanzjuż u varjat għall-EUR 500 miljun konsumatur tal-UE. Il-politika agrikola komuni l-ġdida ser tpoġġi enfasi akbar fuq l-ambjent u l-klima. Il-bdiewa kollha li jirċievu pagamenti bbażati fuq il-bhejjem ser ikollhom jikkonformaw ma' għadd ta' rekwiżiti relatati mat-tibdil fil-klima, l-ilma, il-ħamrija, il-bijodiversità u l-pajsaġġ, kif ukoll mas-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u s-saħħa u l-benesseri tal-bhejjem.
- It-tishif tal-**programm ambjentali LIFE**, b'baġit ta' EUR 5.5 biljuni għal proġetti se jappoġġa l-ambjent u l-azzjoni klimatika, fosthom b'possibbiltà ġdida apposta għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.
- Qiegħed jiġi propost li l-baġit tal-**Programm Erasmus** tal-ġejjieni jiġi rdoppjat għal EUR 30 biljun biex b'hekk għadd akbar ta' ċittadini Ewropej jkunu jistgħu jistudjaw, jitħarrġu, jinvolvu ruħhom f'volontarjat u jiksbu esperjenza professjonali barra minn pajjiżhom.

- **Il-programm Façilità Nikkollegaw l-Ewropa** għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027 għandu l-għan li tiġi żviluppata infrastruttura intelliġenti, sostenibbli, inklużiva u sikura fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u fis-settur diġitali b'baġit propost ta' EUR 42.3 biljun. Is-sinerġiji bejn it-tliet setturi se jiġu promossi filwaqt li l-investment se jiġi ssimplifikat skont kriterji ta' eliġibbiltà koerenti u l-viżibbiltà fuq il-pipeline. Tal-anqas **60 % tal-finanzjament** tal-programm Façilità Nikkollegaw l-Ewropa se jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika.
- It-trasformazzjoni diġitali hija importanti ferm biex twassal għat-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ekonomija u s-soċjetà ċirkolari, li huma meħtieġa għall-ksib tal-SDGs. **Il-Programm propost Ewropa Diġitali**, b'baġit ta' EUR 9.2 biljuni se jaħdem għal dan il-għan, pereżempju billi jappoġġa l-għoti ta' kapaċitajiet fuq skala kbira fil-*computing* ta' prestazzjoni għolja u fl-intelliġenza artifiċjali, li se joffru opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp sostenibbli, fosthom it-tnaqqis tas-CO2.
- **Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd** issimplifikat u aktar immirat b'baġit totali ta' EUR 6.14 biljuni għall-appoġġ tal-politika komuni tas-sajd, tal-politika marittima tal-UE u tal-impenji internazzjonali fil-qasam tal-governanza tal-oċeani, speċjalment fil-kuntest tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli.

L-inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni Juncker relatati mal-SDG



INXEJNU L-FAQAR

- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tabella ta' valutazzjoni soċjali
- Is-Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika u soċjali imsaħħaħ
- Ir-rakkomandazzjoni dwar il-qgħad fit-tul
- Ir-rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-ħarsien soċjali għal kulħadd
- Il-qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom
- [L-att Ewropew dwar l-aċċessibilità](#)
- Il-pjan ta' azzjoni dwar id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa
- L-approċċ strateġiku dwar ir-reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Il-Pjan ta' Azzjoni dwaril-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030
- Il-politika Ewropea tal-viċinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd
- L-istrateġija aġġornata dwar l-għajjnuna għall-kummerċ



INXEJNU L-ĠUĦ

- Il-politika agrikola komuni
- Il-politika komuni tas-sajd
- Il-pjan ta' azzjoni għal ekonomija ċirkolari
- Il-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar it-telf u l-ħela tal-ikel
- Ir-regoli dwar il-biedja organika
- L-inizjattiva IKEL 2030 għall-iżvilupp ta' aġenda koerenti ta' riċerka u innovazzjoni għal sistemi sostenibbli ta' ikel u nutrizzjoni
- Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: li ssaħħaħ il-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-viċinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- It-Task Force għall-Afrika Rurali
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd



SAĦĦA U BENESSERI

- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tabella ta' valutazzjoni soċjali
- L-Istat tas-saħħa fl-UE - ċiklu ta' rapportar
- Trasformazzjoni diġitali għas-saħħa u l-kura: li ġġib magħha saħħa u kura aħjar lil aktar ċittadini b'mod aħjar u effettiv
- Il-pjan ta' azzjoni "Saħħa Waħda" kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi
- L-aġġornament tar-regoli dwar il-karċinoġeni u l-mutaġeni
- Il-kooperazzjoni tal-UE dwar mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim
- Il-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, tal-Ġestjoni u l-Kontroll tal-Mard li ma jitteħidx
- Regoli ġodda dwar l-apparat mediku
- L-infurzar tal-istandards tal-UE kontra t-tniġġis tal-arja u miżuri li jgħinu lill-atturi nazzjonali, reġjonali u lokali fil-ġlieda kontra t-tniġġis tal-arja
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- Pjan ta' azzjoni strateġiku dwar is-sikurezza fit-toroq
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Is-sħubija għal riċerka mal-Afrika kontra l-HIV/AIDS, it-tuberkulożi u mard infettiv ieħor
- Il-politika Ewropea tal-viċinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd



EDUKAZZJONI TA' KWALITÀ

- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tabella ta' valutazzjoni soċjali
- Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025
- L-aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja
- Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa
- L-istrategġija għaż-żgħażaġħ 2019–2027
- Il-pjan ta' azzjoni għall-edukazzjoni diġitali
- Ir-rakkomandazzjonijiet dwar is-sistemi ta' Edukazzjoni u ta' Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal; dwar l-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi u perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż; dwar it-titjib tat-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi; dwar Qafas Ewropew għal apprendistati effettivi u ta' kwalità; dwar qafas Ewropew ta' kompetenzi ewlenin; u dwar perkorsi ta' titjib tal-ħiliet, opportunitajiet ġodda għall-adulti
- Is-semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika u soċjali imsaħħaħ
- Azzjoni tal-UE dwar l-edukazzjoni f'emerġenzi u fi kriżijiet fit-tul
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-vcinat riveduta u l-istrategġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrategġija dwar il-Balkani tal-Punent
- "Alleanza UE – Afrika" ġdida



UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI

- L-impenn strateġiku dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2016-2019
- Il-pakkett dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata
- Il-pjan ta' azzjoni dwar id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa
- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tabella ta' valutazzjoni soċjali
- Is-semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika u soċjali msaħħaħ
- "In-Nisa fit-Trasport"
- Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-setgħa lin-nisa fir-relazzjonijiet esterni
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Alleanza globali: inizjattiva spotlight (UE-UN) għall-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet
- Il-politika Ewropea tal-vcinat riveduta u l-istrategġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrategġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrategġija kummerċ għal kulħadd



ILMA NADIF U SANITÀ

- Il-proposta dwar ir-regoli riveduti dwar l-ilma tax-xorb
- Il-proposta dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-vcinat riveduta u l-istrategġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrategġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrategġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà komuni



ENERĠJA AFFORDABBLI U NADIFA

- L-istrateġija tal-Unjoni tal-enerġija
- Il-pakketti tal-“Ewropa Attiva”
- Il-pakkett dwar l-enerġija nadifa għall-Ewropej kollha
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- Il-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030
- L-inizjattiva fuq skala kbira Orizzont 2020 dwar it-trasformazzjoni diġitali fis-settur tal-enerġija permezz tal-Internet tal-Oġġetti
- Il-pjan strateġiku għat-teknoloġija tal-enerġija
- L-alleanza Ewropea tal-batteriji
- Il-Missjoni Innovazzjoni
- Is-sostenn għar-reġjuni tal-faħam li jinsabu fi tranżizzjoni
- L-osservatorju tal-faqar enerġetiku
- L-inizjattiva enerġija nadifa għall-gżejjer tal-UE
- Il-politika ta’ koeżjoni
- Il-pjan ta’ azzjoni għal finanzi sostenibbli
- L-istrateġija dwar emissjonijiet baxxi
- Il-Kunsens Ewropew għall-lżvilupp
- L-istrateġija Nenerġizzaw l-Afrika
- Il-Patt Ewropew u Globali tas-Sindki favur il-klima u l-enerġija
- Il-politika Ewropea tal-vcinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija globali għall-politika estera u ta’ sigurtà komuni



XOGĦOL DEĊENTI U TKABBIR EKONOMIKU

- Il-Pjan ta’ Investment għall-Ewropa / il-“Pjan Juncker”
- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tabella ta’ valutazzjoni soċjali
- Is-semestru Ewropew ta’ koordinazzjoni ta’ politika ekonomika u soċjali msaħħa
- L-istrateġija mġedda tal-UE dwar il-politika industrijali
- L-aġenda mġedda għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-programm “Orizzont 2020”
- Il-politika ta’ koeżjoni
- Ir-regoli dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli
- L-aġġornament tar-regoli dwar l-istazzjonar ta’ ħaddiema
- Il-proposta għall-ħolqien tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol
- L-aġġornament tar-regoli dwar il-karċinoġeni u l-mutaġeni
- Ir-rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-ħarsien soċjali għal kulħadd
- Ir-rakkomandazzjoni dwar il-qgħad fit-tul
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- Il-pjan ta’ azzjoni għal ekonomija ċirkolari
- Il-pjan ta’ investment estern, fosthom il-Fond Ewropew għall-lżvilupp Sostenibbli
- Il-Kunsens Ewropew għall-lżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-vcinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd
- L-istrateġija aġġornata dwar l-għajjnuna għall-kummerċ
- L-istrateġija globali għall-politika estera u ta’ sigurtà komuni
- “Alleanza UE – Afrika” ġdida



L-INDUSTRIJA, L-INNOVAZZJONI U L-INFRASTRUTTURA

- L-istrateġija mġedda tal-UE dwar il-politika industrijali u l-lista tal-materja prima kritika
- Id-dikussjoni madwar mejda ta’ livell għoli “Industrija 2030”
- Il-pjan ta’ azzjoni għal ekonomija ċirkolari
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- L-aġenda mġedda għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-Programm “Orizzont 2020”, fosthom il-qasam kbir ta’ prijorità dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea
- Il-politika ta’ koeżjoni
- L-istrategija dwar is-suq uniku diġitali
- Il-pjan ta’ azzjoni għal finanzi sostenibbli
- Il-pakkett dwar l-enerġija nadifa għall-Ewropej kollha
- L-osservatorju tal-faqar enerġetiku
- L-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva
- Il-pakketti tal-“Ewropa Attiva”
- “In-Nisa fit-Trasport”
- Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
- L-inizjattiva “Proċessur Ewropew”
- L-istrateġija dwar il-mobbiltà b’emissjonijiet baxxi
- Il-pjan tal-investment estern
- Il-Kunsens Ewropew għall-lżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-vcinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd
- “Alleanza UE – Afrika” ġdida



INQAS INUGWALJANZI

- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tabella ta' valutazzjoni soċjali
- Is-semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika u soċjali imsaħħaħ
- L-Att Ewropew dwar l-aċċessibilità
- Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-ħarsien soċjali għal kulħadd
- Il-pakkett dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata
- Ir-regoli dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli madwar l-UE
- Il-Politika ta' Koeżjoni
- Il-qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom
- L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni
- Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija 2015-2019
- Il-Kunsens Ewropew għall-lżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-viceinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd
- L-istrateġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà komuni



BLIET U KOMUNITAJIET SOSTENIBBLI

- Aġenda urbana għall-UE
- L-Istrateġija għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi
- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tabella ta' valutazzjoni soċjali
- L-aġenda mgēdda għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-programm "Orizzont 2020", inkluż inizzjattiva fuq skala kbira dwar it-trasformazzjoni diġitali fi Bliet u Komunitajiet Intelliġenti
- Il-komunikazzjoni konġunta dwar ir-reżiljenza
- Il-politika ta' koeżjoni
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- Il-pjan ta' azzjoni għal ekonomija ċirkolari
- Il-Patt Ewropew u Globali tas-Sindki favur il-klima u l-enerġija
- Ġestjoni tad-diżastri tal-UE msaħħa (rescEU) u l-mekkaniżmu rivedut tal-UE għall-protezzjoni ċivili
- Il-pjan ta' azzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni ta' Sendai għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri 2015-2030
- Il-Kunsens Ewropew għall-lżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-viceinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- Premju bliet tal-UE għal kummerċ ġust u etiku



KONSUM U PRODUZZJONI RESPONSABBLI

- Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari, fosthom qafas ta' monitaraġġ u l-pjattaforma Ewropea tal-partijiet interessati tal-ekonomija ċirkolari
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- Il-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar it-telf u l-ħela tal-ikel
- Ir-regoli l-ġodda tal-UE dwar l-iskart, fosthom l-azzjoni dwar it-telf tal-ikel u l-ħela tal-ikel
- Strateġija tal-UE għall-plastiks
- L-inizzjattivi fuq skala kbira taħt "Orizzont 2020" dwar it-trasformazzjoni diġitali u sostenibbli tas-Settur AgroAlimentari
- Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: li ssaħħaħ il-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent
- Il-pjan ta' ħidma dwar l-ekodisinn u t-tikkettar enerġetiku
- L-aġenda Ewropea għal ekonomija kollaborattiva
- L-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva
- Ir-regoli dwar il-minerali ta' kunflitt
- Il-Kunsens Ewropew għall-lżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-viceinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd



AZZJONI KLIMATIKA

- Id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- Il-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030
- Is-sistema mġedda tal-UE dwar l-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet
- Il-pakkett dwar l-enerġija nadifa għall-Ewropej kollha
- Il-pakketti "Ewropa Attiva"
- L-Istrateġija dwar il-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi
- Il-pjan ta' azzjoni għal ekonomija ċirkolari
- L-aġenda dwar il-governanza tal-oċeani
- Il-lista tal-materja prima kritika
- Il-Patt Ewropew u Globali tas-Sindki favur il-klima u l-enerġija
- Il-ġestjoni tad-diżastri tal-UE msaħħa (rescEU) u l-mekkaniżmu rivedut tal-UE għall-protezzjoni ċivili
- Il-pjan ta' azzjoni dwar il-qafas ta' Sendai għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri 2015-2030
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-viċinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd
- L-istrateġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà komuni



ĦAJJA TAĦT L-ILMA

- Strateġija tal-UE għall-plastiks
- L-aġenda dwar il-governanza tal-oċeani
- L-istrateġija tal-UE dwar it-tkabbir blu
- Ir-regoli l-ġodda għall-ġestjoni sostenibbli tal-flotot tas-sajd esterni
- Il-proposta għar-reviżjoni tas-sistema tal-UE tal-kontroll tas-sajd
- Il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-viċinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd
- L-istrateġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà komuni



ĦAJJA FUQ L-ART

- Il-Pjan ta' azzjoni għan-natura, għan-nies u għall-ekonomija
- L-inizjattiva tal-UE dwar id-dakkara
- Ir-regoli l-ġodda dwar l-ispeċi aljeni invażivi
- Ir-regoli l-ġodda dwar il-biedja organika
- Il-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-viċinat riveduta u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrateġija kummerċ għal kulħadd



PAĊI, ĠUSTIZZJA U ISTITUZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM

- L-istrategġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà komuni
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- L-istrategġija kummerċ għal kulħadd
- Il-politika Ewropea tal-vcinat riveduta u l-istrategġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrategġija dwar il-Balkani tal-Punent
- "Alleanza UE – Afrika" ġdida
- L-aġenda Ewropea dwar is-sigurtà
- Il-pjan ta' azzjoni għall-protezzjoni ta' positġiet pubbliċi
- Il-miżuri għall-indirizzar tal-kontenut illegali online
- Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija
- L-implimentazzjoni tal-istrategġija dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva
- L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
- Ir-Regoli tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tal-ġlieda kontra t-terroriżmu
- Ir-regoli dwar it-trasparenza fiskali u l-miżuri tal-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa
- Ir-Regoli msafħha dwar id-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati u akkużati
- Ir-Regoli riveduti dwar l-armi tan-nar
- Il-miżuri għall-iżgurar ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti
- Il-pjan ta' azzjoni kontra d-diżinformazzjoni
- Is-semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika u soċjali msafħhaħ
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050



SħUBIJET BIEX JINTLAĦQU L-GħANIJIET

- L-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar tal-UE
- Il-pjattaforma Ewropea ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs fl-UE
- L-Inizjattiva dwar "Il-Passi li jmiss għal ġejjieni sostenibbli Ewropew"
- Ir-rapport ta' monitoraġġ annwali dwar il-progress tal-UE fl-ilħuq tal-SDGs
- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali
- Il-Pjattaforma tal-Politika tas-Safħha tal-UE
- Il-korp Ewropew ta' solidarjetà
- Il-bidu ġdid tad-djalogu soċjali
- L-inizjattiva iġbor aktar, onfoq aħjar
- Il-pjan ta' azzjoni għal finanzi sostenibbli
- Il-pjan ta' investiment estern u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli
- Il-lista tal-materja prima kritika
- Pjaneta nadifa għal kulħadd - il-viżjoni fit-tul għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050
- Il-kooperazzjoni urbana internazzjonali
- L-inizjattiva finanzjament intelliġenti għal bini intelliġenti
- Is-semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika u soċjali msafħhaħ
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp
- Il-politika Ewropea tal-vcinat riveduta u l-istrategġija tat-tkabbir tal-UE, l-istrategġija dwar il-Balkani tal-Punent
- L-istrategġija kummerċ għal kulħadd
- L-istrategġija aġġornata dwar l-għajnuna għall-kummerċ
- L-istrategġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà komuni

Anness II

IL-PRESTAZZJONI TAL-UE DWAR
L-GĦANIJIET TA' ŻVILUPP SOSTENIBBLI
(SDGS)



Il-prestazzjoni tal-UE dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)

L-UE hija wieħed mill-aħjar postijiet fid-dinja biex tgħix u l-Istati Membri tal-UE diġà jinsabu minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Madankollu, l-ebda pajjiż fid-dinja ma għadu laħaq l-għanijiet kollha miftiehna u valutazzjoni eqreb tal-prestazzjoni tal-UE toħroġ fid-dieher li anke fl-UE jeħtiġilna nissuktaw bl-isforzi tagħna fuq il-fronti kollha.

Is-17-il SDG tal-Aġenda 2030 tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli huma interkonnessi ferm u huma mfaasla biex ikunu indiviżibbli, li hija r-raġuni għaliex l-integrazzjoni tagħhom fl-azzjonijiet tal-atturi kollha hija essenzjali biex it-tweġġ tagħhom jirnexxi fil-prattika. Huwa importanti li jinħolqu sinerġiji u koerenza aħjar bejn il-politiki u li jiġi żviluppat ambjent regolatorju, finanzjarju u komportamentali li jwassal biex dawn isiru realtà.

Il-prijorità tagħna trid tkun li npoġġu l-mudelli tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tal-konsum tagħna fit-triq tas-sostenibbiltà, nindirizzaw it-tibdil fil-klima u nsaħħu l-azzjonijiet tagħna biex inħarsu l-oċeani, l-ekosistemi u l-bijodiversità tagħna, hekk kif kulma jmur is-sistemi naturali tal-pjaneta li jsostnu l-ħajja qegħdin jitpoġġew taħt pressjoni kbira. Il-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali, l-inugwaljanzi, u l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri trid tissaħħaħ sabiex niggarrantixxu l-prosperità u l-benesseri ta' kulħadd, niżguraw l-istabbiltà soċjali u politika u nippriservaw l-appoġġ għall-proġett Ewropew. Il-promozzjoni u l-indukrar tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali kif ukoll il-multilateraliżmu u l-kummerċ imsejsa fuq regoli jridu jibqgħu għaddejnin.

Dan id-dokument jipprovi ħarsa lejn il-prestazzjoni tal-UE fir-rigward tal-SDGs. Qed tingħata ħarsa ġenerali għal kull wieħed mill-Għanijiet fir-rigward ta' x-azzjoni haġet l-UE sal-lum, dwar x-inhuma x-xejriet tal-iżvilupp u kif l-UE tipparaguna ruħha mal-bqija tad-dinja. Tingħata

stampa dwar il-progress li l-UE mistennija tagħmel sal-2030 u ta' x'se jixpruna u x'jista jfixxkel it-tranżizzjoni lejn Ewropa sostenibbli. L-iżvilupp sostenibbli jrid ikun sforz komuni li jinvolvi l-membri kollha tas-soċjetà. B'dan f'moħħna, jingħataw ukoll xi eżempji prattiċi bil-għan li tintwera l-aħjar prassi minn atturi differenti f'livelli differenti.

F'paragun globali, seba' Stati Membri tal-EU-27 jinsabu fost l-ewwel 10 tal-klassifikazzjoni tal-indiċi globali tal-SDGs u l-Istati Membri kollha tal-EU-27 jinsabu fl-ewwel 50 mill-156 pajjiż li ġew ivvalutati⁽¹⁾. F'dawn l-aħħar ħames snin l-UE kollha kemm hi għamlet progress fl-ilhug ta' kważi l-SDGs kollha. L-aktar li sar progress huwa fir-rigward tal-SDG3 - L-iżguraw ta' ħajjet b'saħħithom u l-promozzjoni tal-benesseri għal kull persuna ta' kull età, u tal-SDG4 - L-iżguraw ta' edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' taġġim tul il-ħajja għal kulħadd, li t-tnejn li huma fost l-ewwel tliet SDGs klassifikati għall-Istati Membri tal-EU-27 fil-klassifikazzjoni globali. Fuq medja, fil-klassifikazzjoni globali l-Istati Membri tal-EU-27 juru l-aħjar progress fuq SDG 1 - Jintemm il-faqar f'kull forma tiegħu kullimkien. Madankollu l-UE waqgħet lura fir-rigward tal-SDG 10 - Titnaqqas l-inugwaljanza bejn il-pajjiżi u fihom stess, b'differenzi notevoli bejn l-Istati Membri. Ta' min jinnota li l-progress li jsir ma jimplikax neċessarjament li l-qagħda attwali tal-Għan rilevanti hija sodisfaċenti għall-UE. Pereżempju, inkiseb progress notevoli lejn il-hug tal-SDG 12 - Jiġu żgurati xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni, iżda dan huwa wkoll dak l-SDG fejn il-klassifikazzjoni globali tal-Istati Membri tal-UE-27 rreġistraw l-inqas punteġġ medju u fejn għad fadal ħafna xogħol xi jsir. Fuq medja, l-aktar punteġġ baxx tal-Istati Membri tal-EU-27 fil-klassifikazzjoni globali rriżulta fl-SDG 14 - Jiġu kkonserwati u użati b'mod sostenibbli l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi marini għall-iżvilupp sostenibbli.

(1) F'dan il-paragrafu il-klassifikazzjoni globali tisseejjes fuq "Ir-Rapport tal-2018 dwar l-Indiċi u l-Pannelli Operattivi tal-SDG" magħmul min-*Network ta' Soluzzjonijiet għall-Iżvilupp Sostenibbli (SDSN)* u l-Bertelsmann Stiftung; filwaqt li x-xejriet fl-UE huma msejsa fuq l-Edizzjoni tal-2018 tar-rapport tal-Eurstat "L-Iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea - Ir-rapport ta' monitoraġġ dwar il-progress fl-ilhug tal-SDGs fil-kuntest tal-UE - l-Edizzjoni tal-2018"

Ħarsa ġenerali tal-progress lejn l-ilħuq tal-SDGs fil-kuntest tal-UE⁽²⁾



(2) Eurostat (2018), "Sustainable development in the European Union – Monitoring report on progress towards the SDGs in an EU context – 2018 Edition"



Jintemm il-faqar f'kull forma tiegħu kullimkien

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

Għalkemm l-UE hija minn ta' quddiem nett fil-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-impjegji u tal-oqsma soċjali, is-soċjetà tagħna għadha qed tthabbat wiċċha ma' sfidi li jridu jiġu indirizzati. Il-faqar ixekkel l-opportunitajiet tan-nies li jilhqgħu l-potenzjal tagħhom, il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà, u d-drittijiet tagħhom ta' aċċess għal servizzi ta' kwalità. Il-faqar huwa multidimensjonali: imur lil hinn min-nuqqas ta' introjtu adegwat u jinkludi aspetti oħra li jvarjaw minn deprivazzjoni materjali sa diskriminazzjoni u nuqqas ta' parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-faqar jista' jipersisti tul iż-żmien u minn ġenerazzjoni għall-oħra. L-UE ħadet azzjoni f'diversi oqsma biex tindirizza l-faqar kemm internament kif ukoll esternament, azzjonijiet li jvarjaw minn interventi leġiżlattivi, għal finanzjament apposta, koordinazzjoni tal-politika, promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/kondotta responsabbli tan-negozju u djalogu soċjali, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi tagħha u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Fl-2017, għall-ewwel darba minn meta bdiet il-kriżi globali, l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-UE naqas għal taħt il-punt ta' referenza tal-2008: Hemm 3.1 miljun persuna anqas fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali meta mqabbel mal-2008 jew 10.8 miljun persuna inqas meta mqabbel mal-ogħla livell tal-2012. Madankollu, il-mira tal-UE li tnaqqas il-faqar jew l-esklużjoni soċjali b'mill-inqas 20 miljun persuna sal-2020 meta mqabbla mal-2008 għadha sfida iebesha. Persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħat-tfal, iż-żgħażaġh, il-persuni b'diżabilità, daww b'livell baxx ta' edukazzjoni, il-persuni qiegħda, daww li ma twildux fl-UE, persuni minn komunitajiet marġinalizzati, u daww li jgħixu f'familji b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna jew li jaħdmu f'impjegji prekarji għandhom riskju ogħla li jesperjenzaw il-faqar jew l-esklużjoni soċjali. Fuq in-naħa esterna, l-UE hija minn ta' quddiem nett fid-dinja li tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar, permezz ta' taħlita koerenti ta' politiki, inklużi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, diversi strumenti tal-politika kummerċjali u tal-politiki Ewropej tal-veċinat u tat-tkabbir. Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp — il-qafas għall-koperazzjoni għall-iżvilupp mill-UE u mill-Istati Membri tagħha — għandu fil-qalba tiegħu l-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet u tal-inugwaljanzi u li ħadd ma jibqa' lura. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE, il-preferenzi kummerċjali unilaterali kif ukoll l-istrateġija tal-Għajnuna għall-kummerċ aġġornata tal-2017 jappoġġjaw it-tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.



IX-XEJRIET EWLENIN

- L-aktar data reċenti turi li fl-2017, 112.9 miljun persuna, jiġifieri 22.5 % tal-popolazzjoni tal-UE, kienu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, li jfisser li kienu qed esperjenzaw mill-inqas waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet: f'riskju ta' faqar, privazzjoni materjali severa jew intensità tax-xogħol baxxa ħafna. **Dan kompla x-xejra '1 isfel li bdiet fl-2012, meta l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali laħaq il-quċċata tiegħu ta' 123.8 miljun ruħ.** In-nisa fl-UE kollha jinsabu f'riskju ogħla ta' faqar, prinċipalment minħabba l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, fis-suq tax-xogħol, li jħabbtu wiċċhom magħhom matul il-ħajja. Filwaqt li qed tonqos, ir-rata ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (fl-etajiet ta' bejn 0–17-il sena) tibqa' ferm ogħla minn dik tal-popolazzjoni ġenerali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Fi ħdan l-UE, għad hemm differenzi sinifikanti bejn pajjiż u ieħor.
- **Il-proporzjon ta' persuni f'riskju ta' faqar tal-introjtu żdied matul diversi snin wara l-kriżi, iżda stabbilizza fl-2015–2016 (għal madwar 17.3 %) u naqas fl-2017 għal 16.9 % tal-popolazzjoni tal-UE, bis-saħħa tal-irkupru li għaddej bħalissa u tat-titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol.** Fir-rigward ta' ħaddiema foqra, 9.6 % ta' daww impjegati kienu wkoll affettwati minn faqar tal-introjtu fl-2017. Dan stabbilizza ruħu matul l-aħħar erba' snin, għalkemm f'livell ogħla milli kien fl-2008 (8.6 %).

- Il-proporzjon ta' persuni li jħabbtu wiċċhom ma' deprivazzjoni materjali severa naqas b'mod konsistenti mill-ogħla livell ta' 9.9% fl-2012 għal 6.9 % tal-popolazzjoni tal-UE fl-2017 u jinsab taħt il-livell tal-2008 (8.5 %) u dan ifisser li madwar 1 minn kull 14-il persuna jbatu minn nuqqas ta' riżorsi, bħal li ma jkunux jistgħu jħallu l-kontijiet tagħhom, iżommu darhom sħuna biżżejjed jew li jieħdu vaganza ta' ġimgħa 'l bogħod mid-dar.
- Persuni fir-riskju ta' faqar għandhom it-tendenza jkunu esposti aktar għal problemi fl-akkomodazzjoni, bħal soqfa jgħatru, ħitan umdużi jew nuqqas ta' faċilitajiet sanitarji bażiċi. F'xejra li qed tonqos, dan affettwa 13.1 % tal-popolazzjoni tal-UE fl-2017.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont ir-rapport tal-2018 tal-Indiċi u tat-tabelli tal-SDG globali (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom punteġġ ogħla minn 95 minn 100 għall-SDG 1, li jagħmlu, bħala medja, l-SDG bl-ogħla punteġġ għall-Istati Membri tal-UE.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



SKONT IX-XEJRIET ATTWALI TAL-UE/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

Sal-2030, minkejja li l-isfidi importanti se jibqgħu hemm, huwa mistenni li l-UE se tkun għamlet aktar progress sinifikanti biex teqred il-faqar u l-esklużjoni soċjali. It-tkabbir fl-impiegi se jkollhom rwol importanti, iżda mhux ser ikun biżżejjed biex jerfa' mill-faqar lil kulħadd. Aċċess għal kulħadd għal protezzjoni soċjali adegwata, kwalità fil-kura tas-saħħa, edukazzjoni, akkomodazzjoni u servizzi soċjali ser ikun jeħtieġ li jiġi adattat għall-bidliet demografiċi futuri, it-teknoloġiji ġodda, il-forom ta' xogħol li qed jevolvu, il-migrazzjoni u l-isfidi tat-tibdil fil-klima. Huwa mistenni progress kontinwu minn firxa wiesgħa ta' partijiet konċernati fil-livelli kollha, inkluż fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew. Il-politiki esterni tal-UE ser ikomplu jikkontribwixxu biex jinqered il-faqar f'pajjiżi terzi.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

Lievi politiċi marbuta mal-impjegi u mal-benesseri soċjali (b'mod partikolari, il-protezzjoni soċjali u s-sistemi ta' inklużjoni soċjali, il-politiki tas-suq tax-xogħol, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-edukazzjoni, il-livelli tal-ħiliet, it-tagħlim tul il-ħajja u l-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul), aċċess ugwali għat-teknoloġiji ġodda, l-innovazzjoni soċjali, il-finanzi sostenibbli, il-multilateraliżmu, il-kummerċ miftuħ u ġust, l-involvement tas-soċjetali u l-politiki parteċipattivi, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/il-kondotta responsabbli tan-negozju, it-tassazzjoni.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

L-inugwaljanza fl-opportunitajiet, soċjetajiet li qed jixjieħu, il-bidla fil-kompożizzjoni tal-familja (pereż. persuni li jgħixu waħedhom), it-tibdil fil-klima, reazzjoni negattiva fuq il-politiki u l-movimenti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-instabbiltà ġeopolitika u t-theddid għas-sigurtà, ir-ritorn għall-protezzjoniżmu ekonomiku madwar id-dinja, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-prekarjetà tal-impjegi, id-distakk diġitali.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Fil-livell tal-UE

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrappreżenta l-qafas ewlieni ta' gwida għall-ġlieda kontra l-faqar fil-livell tal-UE. Il-biċċa l-kbira tal-20 prinċipju tiegħu jindirizzaw direttament il-miri tal-SDG għall-faqar, bħat-tnaqqis tal-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni xierqa għan-nazzjon, u l-ħolqien ta' oqfsa ta' politika tajba li jsostnu l-investimenti favur il-qerda tal-faqar. It-tabella ta' valutazzjoni soċjali tgħin biex jiġu mmonitorjati l-prestazzjonijiet u biex jiġu segwiti x-xejriet fl-Istati Membri kollha fil-qasam tal-impjiegi u fil-qasam soċjali, inkluż ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali.



Fil-livell ta' Stat Membru

Il-Portugall ħa diversi miżuri biex isaħħha il-protezzjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza. L-hekk imsejjaħ “Pakkett dwar l-introjtu” jappoġġja l-introjtu tal-unitajiet domestiċi billi jżid l-ammont tal-pensjonijiet; jirrestawra l-valur referenzjali tal-introjtu tas-solidarjetà soċjali, kif ukoll l-iskali tal-ekwivalenza tal-introjtu minimu; u jżid il-livelli l-baxxi tal-benefiċċji tat-tfal u tal-familja. L-indiċi tal-appoġġ soċjali — valur referenzjarju għall-miżuri tal-protezzjoni soċjali — ġie mwessa' u l-kopertura tal-iskema tal-introjtu minimu ġiet estiża.



Fil-livell reġjonali/lokali

Il-belt ta' Munich fil-Ġermanja implimentat diversi inizjattivi bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew matul l-2015-2018 biex tgħin lill-persuni qiegħda jintegraw fis-suq tax-xogħol lokali u b'hekk tgħin biex jitnaqqas il-faqar. L-inizjattivi kienu jinkludu l-proġett “Aħdem u kun attiv” li għen lill-persuni qiegħda jerrgħu lura fid-dinja tax-xogħol; Il-proġett “Power-M” li appoġġja l-għoti ta' setgħa lin-nisa biex jirritornaw lura għax-xogħol wara l-liv tal-maternità; il-proġett “Gwida” li kien qed joffri gwida lill-impredituri nisa; u l-proġetti “FIBA” u “MigraNet” li appoġġjaw l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol.



Fil-livell ta' kumpanija

Naturgy, kumpanija tal-gass u tal-elettriku fi Spanja, ħarġet bi pjan għall-vulnerabbiltà tal-enerġija li jggarantixxi l-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli. L-impatt soċjali tal-Pjan għandu l-għan li jpoġġi n-negozji ġodda privati bħala katalizzaturi fil-ġlieda kontra l-faqar u jappoġġja lill-aġenti soċjali fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali.



Fil-livell tas-soċjetà ċivili

In-Netwerk Ewropew tal-introjtu Minimiu jissensibilizza dwar il-ħtieġa li jiġu pprovduti benefiċċji adegwati tal-introjtu minimu, ħalli tkun żgurat ħajja f'dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja u aċċess effettiv għal prodotti u servizzi ta' faċilitazzjoni. In-netwerk tlaqqa' flimkien id-diversi organizzazzjonijiet, esperti, professjonisti, akkademiċi u entitajiet oħra attivi fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.



Jintemm il-ġuħ, jinkisbu sigurtà tal-ikel u nutrizzjoni aħjar u tiġi promossa l-agrikoltura sostenibbli

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

Fl-UE, tinkiseb dieta sikura u bnina u jiġu żgurati sistemi agrikoli produttivi u sostenibbli, fejn is-sajd u l-akkwakultura jkunu prijorità. Permezz tal-politiki tagħha, l-UE qed tgħin lill-bdiewa u lis-sajjeda biex jissodisfaw id-domanda għall-ikel u biex jipprovduh b'mod stabbli, sostenibbli, sikur u ta' kwalità għolja, bi prezzijiet affordabbli għall-popolazzjoni. Agrikoltura, sajd u akkwakultura sostenibbli u sensitivi għan-nutrizzjoni huma essenzjali biex tiġi żgurata provvista konsistenti ta' ikel sikur u bnin għall-konsumatur fil-preżent u fil-futur, b'mod partikolari fid-dawl tal-isfidi, bħat-tibdil fil-klima u tkabbir tal-popolazzjoni. F'dan il-kuntest, l-esportazzjonijiet tal-UE huma kontributur ewlieni għall-provvista dinjija tal-ikel. Filwaqt li l-produttività tal-ikel fl-Ewropa kompliet tiżdied matul dan l-aħħar deċennju, għalkemm b'ritmu aktar kajman mill-passat, qedgħin ukoll jiġu implimentati miżuri biex titjeb il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-akkwakultura sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħha fit-tul, filwaqt li jitqies l-impatt fuq pajjiżi terzi. Għall-kuntrarju ta' żoni oħra fid-dinja li qed ibatu l-ġuħ, il-problemi ċentrali ta' nutrizzjoni tal-UE huma l-piż żejjed u l-obeżità, kif ukoll deffċenzi mikronutrijentali. Globalment, żewġ terzi tal-foqra tad-dinja jgħixu f'żoni rurali u jiddependu fuq l-agrikoltura għall-għajxien tagħhom. L-UE dejjem żammet is-sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni fil-qalba tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tagħti attenzjoni partikolari lis-sigurtà tal-ikel, lill-agrikoltura u lis-sajd sostenibbli fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u fil-politiki tagħha tal-viċinat u tat-tkabbir. L-UE hija l-akbar donatriċi fid-dinja ta' għajnunha alimentari umanitarja lill-vittmi ta' kriżijiet tal-ikel madwar id-dinja u tinvesti bil-qawwa fir-reazzjoni tagħha għal pajjiżi li jkunu qed jiffaċċjaw ir-riskju tal-ġuħ.



IX-XEJRIET EWLENIN

- **L-obeżità** hija problema sinifikanti tas-saħħa fl-UE: 15.9 % tal-popolazzjoni adulta totali kienet obeża fl-2014. L-obeżità taffettwa b'mod sproporzjonat lil persuni b'livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni u lill-anzjani fl-Ewropa. Meta titqies flimkien mal-preobeżità l-problema ssir iktar gravi, minħabba li huma affettwati ftit aktar minn 50 % tal-popolazzjoni adulta totali tal-UE u s-sitwazzjoni hija mistennija tmur għall-aġar fis-snin li ġejjin.
- **Fis-settur agrikolu Ewropew** hija meħtieġa li tintlaħaq is-sostenibbiltà ekonomika ħalli tiġi żgurata l-vijabbiltà tiegħu fit-tul. L-introjtu agrikolu għal kull unità ta' xogħol annwali — indikatur tal-produttività tax-xogħol — ilha b'xejra żgħira ta' titjib fl-UE u bħalissa hija ta' 21.6 %, oġhla mil-livelli tal-2010. Madankollu, hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri.
- Is-sehem tal-agrikoltura organika fit-total tal-erja agrikola kważi rdoppja mill-2005 għall-2017, meta minn 3.6 % żdied għal 7.0 %. Preċiżament — l-erja organika totali tal-UE-28 (jiġifieri erja li ġiet ikkonvertita kompletament u erja f'konverżjoni) kienet kważi 12-il miljun ettaru fl-2016. **Il-valur tas-suq organiku bl-impnut fl-UE kien ta' EUR 30.7 biljun fl-2016 bi tkabbir ta' 12 % fil-bejgħ bl-impnut bejn l-2015 u l-2016.**
- Diversi indikaturi li jkejlu l-impatti negattivi tal-agrikoltura fuq l-ambjent juru xi xejriet pożittivi, iżda wkoll għadd ta' żviluppi inkwetanti tul dawn l-aħħar snin, fosthom żieda fil-konsum ta' pestiċidi f'ċerti partijiet tal-Ewropa u konsum ta' antimikrobiċi li għadu għoli (fl-UE 70 % tal-antimikrobiċi jiġu kkunsmati minn annimali li jipproduċu l-ikel), u ma sar l-ebda progress sinifikanti kontra t-tnaqqis ġenerali fil-bijodiversità.
- **L-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-agrikoltura ilhom jiżdiedu bil-mod mill-2010, għalkemm għadhom ferm taħt il-livelli tal-1990.** Din iż-żieda tista' tiġi attribwita għall-produttività u għaż-żidiet fil-produzzjoni fis-settur agrikolu.

- L-ammont ta' art fl-UE affettwata mir-riskju ta' erożjoni gravi tal-ħamrija qed jonqos, parzjalment bis-saħħa ta' miżuri obbligatorji ta' kundizzjonalità fil-politika agrikola komuni tal-UE. Is-sehem tal-erja erożiva mhux artifiċjalment li huwa smat li jinsab f'riskju ta' erożjoni gravi tal-ħamrija minħabba l-ilma naqas minn 6.0 % għal 5.2 % bejn l-2000 u l-2012.
- Kien hemm titjib kontinwu fil-prestazzjoni tas-settur tal-akkwakultura tal-UE matul il-perjodu 2014-2016. Fl-2016, is-settur tal-akkwakultura fl-UE poġġa fis-suq 1.4 miljun tunnellata ta' ħut b'valur ta' kważi EUR 5 biljuni; żieda annwali ta' 2.2 % bejn l-2014 u l-2016 fil-volum u ta' 3.1 % fil-valur. Hemm ukoll tranżizzjoni dejjem akbar mill-produzzjoni konvenzjonali għall-akkwakultura organika.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 14-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 70 jew aktar minn 100 għall-SDG 2. 13-il Stat Membru tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-UE hija mistennija li tkompli tevolvi l-ħin kollu lejn l-eliminazzjoni tal-ġuħ u li tippromwovi prassi sostenibbli fil-futur. Abbażi tal-Prospetti Agrikoli tal-UE għall-2030, mhumiex mistennija nuqqasijiet kbar fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel tal-UE, u l-ebda tfixkil kbir fis-suq. Il-politiki dwar is-sigurtà tal-ikel jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tal-ikel u tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti fl-UE, filwaqt li jiżguraw suq intern effettiv. L-inċertezzi dejjem jibqgħu hemm u għalhekk qed jiġu mmonitorjati riskji magħżula. Il-kisba ta' dan l-SDG se tiddependi b'mod qawwi fuq li l-industrija, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-awtoritajiet u ċ-ċittadini jsiru aktar konxji tal-fatturi determinanti soċjali, kummerċjali u individwali ta' dieti mhux tajbin għas-saħħa, u tar-riperkussjonijiet tagħhom kemm fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll fuq il-baġits pubbliċi. F'dan ir-rigward, l-isforzi li għaddejjin lejn ir-riformulazzjoni tal-ikel jistgħu jkollhom rwol importanti biex jiġu indirizzati l-piż żejjed u l-obeżità u l-impatt ekonomiku tagħhom. Din se jiddependi wkoll fuq li n-nies jiġu edukati dwar kif jużaw teknoloġiji ġodda jew kif jaffrontaw sfidi ġodda. Involvement soċjetali qawwi fil-livelli kollha (assoċjazzjonijiet, gvernijiet, is-settur privat, xjenzati u esperti tas-saħħa) se jkun kruċjali biex jitjeb l-impatt ambjentali u fuq is-saħħa tas-sistemi tal-ikel, jiġu identifikati l-aħjar prassi, ikun hemm ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi tal-ikel, tonqos il-ħela tal-ikel eċċ. L-investment f'agrikoltura aktar sostenibbli se jkollu wkoll effetti pożittivi fuq it-titjib tas-sikurezza tal-provvista tal-ikel, meħtieġa biex jiġu affrontati sfidi bħat-tkabbir tal-popolazzjoni dinjija jew it-tibdil fil-klima. In-nies għandhom igawdu minn ġestjoni integrata tal-pesti jew minn ikel bi kwalitajiet nutrittivi ottimali, billi dan ikollu rwol fuq it-titjib tal-benessri tagħhom, u għalhekk fuq il-kwalità tal-ħajja.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

L-involvement soċjetali u l-politiki parteċipattivi, bidla fl-imġiba, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/kondotta responsabbli tan-negozju, finanzi sostenibbli, sħubijiet pubbliċi/privati, sistemi tal-ikel sostenibbli, teknoloġiji ġodda, l-intelliġenza artifiċjali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, enfasi fuq soċjetajiet reżiljenti, l-edukazzjoni, investimenti pubbliċi u privati, kummerċ miftuħ u ġust.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

Il-faqar, l-inugwaljanza soċjali u fis-saħħa, il-popolazzjoni li qed tixjieħ, l-instabbiltà ġeografika, it-tibdil fil-klima u t-telf tal-biodiversità, mard tal-annimali mhux ikkontrollat, pesti tal-pjanti u kontaminanti.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Is-sħubija bejn l-UE u l-Afrika dwar is-sigurtà tal-ikel u dik nutrizzjonali u l-agrikoltura sostenibbli, immedija f'April 2016, trawwem il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-oqsma tal-intensifikazzjoni sostenibbli, fis-sistemi tal-agrikoltura u tal-ikel għan-nutrizzjoni u fis-swieq agrikoli u fil-kummerċ.




Il-politika agrikola komuni modernizzata u simplifikata għandha l-għan li timmassimizza l-kontribut tagħha għall-implimentazzjoni tal-SDGs. Il-proposti tal-Kummissjoni għall-baġit pluriennali li jmiss 2021–2027 jiddeskrivi b'mod espliċitu objettiv li l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali jkompli jitjieb.



Il-programm tad-diversità tal-pjanti kultivati huwa programm nazzjonali maħsub biex ikun għodda biex jinstab mod intelliġenti u sostenibbli biex jiġi kkonservat u użat il-ġid tal-pjanti tal-Iżvezja. Żrieragħ u varjetajiet oħra aktar antiki qed jinġbru minn madwar l-Iżvezja kollha u qed jiġu ppreservati fil-Bank Nordiku tal-Geni. Dan jintroduċi mill-ġdid fis-suq pjanti li kienu jiġu kkultivati fl-antik.



Il-programm tal-iżvilupp rurali 2014-2020 għall-Portugall kontinentali jippromwovi investimenti fil-biedja, bil-għan li tiżdied il-kapaċità li jiġi ġġenerat valur miżjud, tiżdied il-produttività u jiġi promoss użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u jingħata appoġġ lin-nisġa produttiva u soċjali fiż-żoni rurali.



Il-Grupo Cooperativo Cajamar fi Spanja huwa parti mill-proġett TomGEM, li jżviluppa strateġiji ġodda bil-mira li jinżammu rendimenti għoljin fil-produzzjoni ta' frott u ħxejjex f'kundizzjonijiet ta' temperatura għolja. Il-proġett għandu l-għan li jiffenotipizza firxa wiesgħa ta' riżorsi ġenetiċi biex jidentifika kultivari/ġenotipi li jagħtu rendiment stabbli u li jiskopri l-ġeni li jikkontrollaw l-induzzjoni tal-fjura, it-trab tad-dakra u l-frott.



Il-“Baltic Friendly Agriculture” huwa ċiklu ta' laqgħat ta' ħidma organizzati mill-Fondazzjoni tad-WWF tal-Polonja taħt l-awspiċi taċ-Ċentru ta' Konsulenza Agrikola fi Brwinów. Huwa għen biex kiber l-għarfien fost il-bdiewa dwar metodi kif jonqos il-ħruġ tan-nitroġenu u tal-komposti tal-fosfru mill-azjendi agrikoli li jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-ilma.



Tiġi żgurata ħajja f'saħħitha u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

Is-saħħa hija hteġa bażika tal-bniedem u l-UE għamlet progress sinifikanti biex tindirizza l-inugwaljanzi tas-saħħa u l-elementi ambjentali u soċjali li jwasslu għalihom. Is-saħħa mhijex biss ta' valur għall-individwu bħala element determinanti ewlieni tal-kwalità tal-ħajja, il-benesseri u l-parteċipazzjoni soċjali, iżda tikkontribwixxi wkoll biex tissawwar ekonomija Ewropea sostenibbli. Kopertura tas-saħħa għal kulħadd hija objettiv tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u wieħed mid-drittijiet rikonoxxuti mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u b'hekk hija objettiv politiku importanti għall-UE u l-Istati Membri tagħha. L-aċċessibilità u l-affordabilità tal-kura tas-saħħa għall-pazjenti jibqgħu, flimkien mal-effikaċja u s-sostenibilità baġitarja, l-objettivi prinċipali tal-politika fir-riformi fis-sistema tas-saħħa diskussi fil-kuntest tal-UE. Madankollu, it-tabakk u l-konsum eċċessiv tal-alkoħol, il-piż żejjed, in-nuqqas ta' attività fiżika, kwistjonijiet ta' saħħa mentali, bħalma hi d-dipressjoni u s-suwiċidju, flimkien mal-mard li jittieħed għadhom jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa u, flimkien mal-bidliet demografiċi u soċjali, qed joħlqu piżijiet addizzjonali fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-UE. L-UE tappoġġa lill-Istati Membri, pereżempju billi tiġġieleed kontra l-fatturi ta' riskju ta' mard li ma jitteħidx, l-iskambju tal-aħjar prassi, tgħin biex tiżgura aċċess għall-kura tas-saħħa ta' kwalità u biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-prevenzjoni u tal-ġestjoni ta' theddid dinji għas-saħħa bħar-reżistenza għall-antimikrobiċi, u billi tinvesti fir-riċerka u fl-innovazzjoni. Fix-xena internazzjonali, l-għajjnuna tal-UE għall-iżvilupp tippromwovi aċċess universali għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità. F'konformità mal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-UE tgħin biex jissaħħu l-oqsma kollha tas-sistemi tas-saħħa u biex isir progress lejn kopertura tas-saħħa għal kulħadd.



IX-XEJRIET EWLENIN

- **L-Ewropej qed jgħixu iktar minn qatt qabel u din ix-xejra hija projettata li se tkompli.** Fl-2016, l-istennija tal-għomor fl-UE kienet ta' 81 sena, li huwa 3.3 snin aktar milli fl-2002.
- L-istili ta' ħajja ħżiena għas-saħħa għandhom riperkussjonijiet fuq is-saħħa tal-bniedem, fuq il-baġits pubbliċi u fuq il-produttività. Il-prevalenza tat-tipjip fost il-popolazzjoni fl-età ta' 15-il sena jew aktar naqset b'26 % fl-2017. Madankollu, aktar minn nofs il-popolazzjoni adulta fl-UE kien għad għandha piż żejjed fl-2014.
- Fl-2017, 1.6 % tal-persuni fl-UE rrapportaw ħteġijiet mhux milħuqa fil-kura medika, meta mqabbel ma' 3.4 % fl-2011. L-ispejjeż u listi ta' stennija twal huma r-raġunijiet ewlenija għala l-ħteġijiet mediċi ma ġewx issodisfati.
- L-imwiet minħabba mard li ma jitteħidx qabel l-età ta' 65 sena naqas b'mod kostanti bejn l-2002 u l-2015. Madankollu, mard li ma jitteħidx jirrappreżenta sa 80 % tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa. Madankollu madwar 3 % biss tal-baġits tas-saħħa jintefqu fuq il-prevenzjoni. **L-imwiet fl-UE minħabba l-HIV, it-tuberkulożi u l-epatite naqsu pjuttost b'mod konsistenti bejn l-2002 u l-2015. Ir-reżistenza antimikrobika hija responsabbli għal madwar 33 000 mewta kull sena fl-UE, li jiswew madwar EUR 1.5 biljun fis-sena fi spejjeż ta' kura tas-saħħa u telf ta' produttività.**
- L-esponiment għat-tniġġis tal-arja minn materja partikolata fina f'żoni urbani naqas bi kważi 20 % fl-UE fl-2010–2015. Madankollu, it-tniġġis tal-arja għadu l-kawża ambjentali ewlenija ta' mwiet prematuri. Aktar minn 400 000 persuna jmutu qabel iż-żmien kull sena fl-UE minħabba l-kwalità ħażina tal-arja; miljuni jbatu minn mard respiratorju u kardjovaskulari kkawżat mit-tniġġis tal-arja.

- Is-sikurezza **tat-toroq** fl-UE tgiebet ħafna f'dawn l-aħħar deċennji. L-UE saret l-iktar reġjun sikur fid-dinja b'49 mewta għal kull miljun abitant minħabba l-inċidenti tat-traffiku. Fl-2001–2010, l-għadd ta' mwiet fit-toroq fl-UE naqas bi 43 % u b'20 % oħra fl-2010-2017.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport ta' tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 18-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 'il fuq minn 90 minn 100 għall-SDG 3. 11 Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha B'mod ġenerali, dan huwa mat-tlett l-oġhla punteġġi tal-SDGs għall-Istati Membri tal-UE.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

Biex tkompli tiġi żgurata kopertura tas-saħħa universali fl-UE, is-sistemi tas-saħħa jeħtieġ li jkunu reżiljenti għall-evoluzzjonijiet futuri u jiżguraw l-aċċessibilità u l-effikaċja. Bidla lejn mudell li jpoġġi aktar enfasi fuq il-prevenzjoni tal-mard u fuq il-promozzjoni tas-saħħa, li jkun aktar personalizzat u li jikkapitalizza fuq it-teknoloġiji diġitali se tkun meħtieġa, kif ukoll se jkun meħtieġ li tissaħħaħ il-kura primarja u l-iżvilupp tal-kura integrata ffukata fuq il-pazjent. Se jkun importanti wkoll li titnaqqas il-provvista u d-domanda għad-drogi illeċiti. L-UE tibqa' impenjata li tiġġieled kemm il-mard li jittieħed u dak li ma jittieħidx kif ukoll ir-reżistenza antimikrobika. Qed isir sforz kbir biex tiġi promossa l-implimentazzjoni fuq skala usa' tal-aqwa prassi vvalidati. L-UE se timmira lejn objettivi interim ġodda biex tnaqqas l-imwiet fit-toroq b'50 % bejn l-2020 u l-2030, kif ukoll lejn li tnaqqas bin-nofs l-għadd ta' persuni li jindarbu serjament fl-istess perjodu.



L-OPPORTUNITAJIET/MOTIVATORI POŻITTIVI

L-involvement soċjetali u l-politiki parteċipattivi, bidla fl-imġiba, forza tax-xogħol u popolazzjoni aktar f'saħħitha, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/kondotta responsabbli tan-negozju, finanzi sostenibbli, sħubijiet pubbliċi/privati, prevenzjoni u promozzjoni tas-saħħa, riċerka u innovazzjoni, teknoloġiji ġodda, trasformazzjoni diġitali tas-saħħa u tal-kura, enfasi fuq soċjetajiet reżiljenti, l-edukazzjoni, investimenti pubbliċi u privati, kummerċ miftuħ u ġust.



RISKJI/XPRUNATORI NEGATTIVI

Faqar, inugwaljanzi soċjali u tas-saħħa, theddid bijoloġiku, it-tibdil fil-klima u r-riskji ambjentali, is-sostenibilità fiskali li hija milquta mit-tixjiħ demografiku u l-ispiża tal-inflazzjoni assoċjata ma' teknoloġiji ġodda u r-riskji soċjoekonomiċi, it-tixjiħ tal-popolazzjoni, drawwiet mhux tajbin għas-saħħa, l-instabilità ġeopolitika u theddid għas-sikurezza tas-saħħa.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



L-UE, flimkien man-NU, kkontribwixxiet għall-programm tas-sħubija tas-saħħa universali tal-UE u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa f'aktar minn 35 pajjiż sieħeb u tappoġġja t-titjib tal-aċċess u d-domanda għall-ippjanar tal-familja, it-tnaqqis tal-prassi tradizzjonali li jagħmlu l-ħsara u l-vjolenza minħabba l-ġeneru.



Dwar ir-reżistenza antimikrobika, l-UE adottat “**pjan ta’ azzjoni saħħa waħda**” ambizzjuż biex tikkonserva l-possibbiltà ta’ **trattament effettiv tal-infezzjonijiet fil-bnedmin u fl-annimali**. Hija tipprovdi linji gwida dwar l-użu prudenti tal-antimikrobiċi fis-saħħa tal-bniedem, tagħti spinta lir-riċerka dwar antimikrobiċi ġodda, tilqim u dijanjostika, tkompli tinċentiva l-innovazzjoni, tipprovdi kontribut għall-politiki u miżuri legali bbażati fuq ix-xjenza u tindirizza l-lakuni fl-għarfien. Dwar il-prevenzjoni, l-aqwa prassi vvalidati qed jiġu implimentati fuq skala usa’ f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE.



Fis-settur tas-saħħa pubblika fir-Repubblika Slovakkja, hemm netwerk ta’ ċentri konsultattivi tas-saħħa ġenerali u speċjalizzati, li jipprovdu konsulenza fuq il-bażi ta’ eżami ta’ fatturi prinċipali personali tar-riskju (bħat-tipjip, in-nutrizzjoni, l-attività fiżika, jew l-istress). Dawn iservu wkoll biex jissensibilizzaw, u jżidu r-rata tal-persuni li jmorru għal skrinjar u visti mediċi ta’ kontroll preventivi.



Fl-2011, assoċjazzjoni intermuniċipali għall-konservazzjoni tan-natura fil-Lussemburgu nediet il-proġett “Duq in-natura — kul ikel reġjonali, organiku u ġust”. Dan il-proġett għandu l-għan li jipromwovi ikel sostenibbli fil-kantins tal-iskejjel tat-33 municiplità membru u li jipprovdi opportunitajiet ekonomiċi għall-bdiewa fir-reġjun li huma partikolarment impenjati favur il-ħarsien tal-ambjent. Minbarra l-kriterji li jiżguraw protezzjoni ġenerali tal-ambjent u l-benessri tal-annimali, il-bdiewa li jixtiequ jingħaqdu fil-proġett iridu jużaw 5 % tal-art tal-biedja tagħhom biex jipproteġu l-bijodiversità. Fil-kantins tal-iskejjel isiru korsijiet speċifiċi ta’ taħriġ għall-persunal: “Iltaqa’ mal-produtturi”, ikel bnin, menus staġjonali, l-impatt tal-ikel fuq il-klima, u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw.



Bl-appoġġ tal-Fondazzjoni ta’ Bill u Melinda Gates, CureVac GmbH fil-Ġermanja rebħet il-premju ta’ inċentiv għall-innovazzjoni li ngħata għall-ewwel darba fl-UE għall-progress lejn teknoloġija ġdida li żżomm il-vaċċini stabbli fi kwalunkwe temperatura ambjentali.



Fi ħdan il-qafas tal-programm tas-saħħa nazzjonali fil-Polonja, organizzazzjonijiet mhux governattivi żviluppaw għodod għall-iskrinjar tad-disturbi fil-burdata, materjali għall-assistenza fi problemi mentali, programmi tar-radju, pubblikazzjonijiet u films ta’ struzzjoni, ħolqu forum onlajn u wettqu kampanji ta’ informazzjoni.



Tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwitabbli u jiġu promossi opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

L-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja għandhom rwol ċentrali biex tinbena Ewropa għall-ġejjieni sostenibbli, reżiljenti, kompetittiva u koeżiva, billi dawn jippermettu lill-popli biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Matul l-istadji kollha tal-ħajja, l-edukazzjoni u t-taħriġ huma aspetti kruċjali tal-iżvilupp tal-bniedem u l-ixpruni ewlenin għat-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali. Il-livelli tal-edukazzjoni fost iż-żgħażaġh qed jitjiebu l-ħin kollu fl-Ewropa. L-UE qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tal-Ewropa 2020 dwar it-tluq bikri mill-iskola u l-edukazzjoni terzjarja. Sar progress tajjeb fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal f'età żgħira, filwaqt li għad hemm bżonn li titjeb il-prestazzjoni baxxa fil-matematika, fix-xjenza u fil-qari, fil-ħiliet diġitali u fil-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim. Iż-żgħażaġh b'diżabbiltà jew bi sfond ta' migrazzjoni kisbu edukazzjoni aktar baxxa b'mod sinifikanti. Persuni li jieqfu mill-iskola kmieni u żgħażaġh b'edukazzjoni baxxa jiffaċċjaw problemi partikolarment serji fis-suq tax-xogħol. Min-naħa internazzjonali, ħafna pajjiżi sħab tal-UE jibbenefikaw minn programmi ta' għajjuna bilaterali li jgħinuhom isaħħu s-sistemi tal-edukazzjoni tagħhom, b'fokus fuq aċċess aħjar għal edukazzjoni bażika ta' kwalità għall-pajjiżi b'introjt baxx kif ukoll fraġli u affettwati minn konflitti, b'mod partikolari għall-bniet u l-gruppi marġinalizzati.



IX-XEJRIET EWLENIN

- Il-porzjon ta' persuni li jieqfu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ ilha tonqos kontinwament mill-2002. Il-qabża l-isfel minn 17 % fl-2002 għal 10.6 % fl-2017, tirrappreżenta progress ċar lejn il-mira ewlenija tal-“Ewropa 2020” ta' 10 %.
- **Il-mira ewlenija tal-“Ewropa 2020” li 40 % tal-persuni bejn it-30 u l-34 ikollhom livell ta' edukazzjoni terzjarja Prattikament intlaħqet (39.9 % fl-2017).**
- **Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ilha tizzied b'mod kostanti sa mill-2003.** Il-mira tal-UE li 95 % tat-tfal bejn l-4 snin u l-età tal-edukazzjoni obbligatorja, li jipparteċipaw fl-edukazzjoni ta' qabel il-primarja intlaħqet fl-2016, għalkemm għad hemm differenzi bejn il-pajjiżi.
- L-UE stabbiliet ukoll mira biex sal-2020 tnaqqas għal inqas minn 15 % l-għadd ta' tfal ta' 15-il sena li jkollhom livelli baxxi fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza. Fost l-Istati Membri tal-UE hemm differenzi kbar f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawki li jiksbu livelli baxxi, fit-tliet suġġetti kollha. L-UE kollha iġenerali tinsab lura fit-tliet oqsma kollha u — skont l-aħħar data disponibbli għall-2015 — marret pass lura meta meta mqabbel mar-riżultati tal-2012 (ix-xjenza: 20.6 %, + 4.0 punti perċentwali; il-qari: 19.7 %, +1.9 punt perċentwali; il-matematika: 22.2 %, +0.1 punti perċentwali).
- Fl-2017, 57 % tal-popolazzjoni tal-UE tal-età bejn is-16 u l-64 kellhom tal-inqas ħiliet diġitali bażiċi.
- **Ir-rata tal-impjiegi tal-gradwati reċenti żdied minn 76.9 % fl-2015 għal 80.2 % fl-2017, qrib il-mira tal-UE ta' 82 %.**
- Il-perċentwali ta' żgħażaġh li la huma f'impjieg u lanqas f'edukazzjoni jew f'taħriġ kompla jonqos għal 10.9 % fl-2017, jiġifieri niżel mill-ogħla punt tiegħu ta' 13.2 % fl-2012.
- **Il-parteċipazzjoni tal-adulti (fl-età ta' bejn il-25 u l-64) fit-tagħlim kienet ta' 10.9 % fl-2017, ferm taħt il-mira ta' mill-inqas 15 %.**



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 16-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 90 jew aktar minn 100 għall-SDG 4. Seba' Stati Membri tal-UE jinsabu mal-ewwel 20 fid-dinja kollha. B'medja, dan huwa mat-tlett l-ogħla punteġġi tal-SDGs għall-Istati Membri tal-UE.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

Iż-żidiet fil-kisbiet edukattivi fost il-popolazzjoni żagħżuġha huma mistennija jkomplu fil-futur b'riżultat tal-bidliet strutturali fis-swieq tax-xogħol, tal-bidla demografika u tar-riformi tal-politika. Sal-2030, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni se tkun stabbilita sew u huwa ttamat li mhu se jkun hemm l-ebda fruntieri jew ostakli għall-mobilità tat-tagħlim inklużiv u għall-kooperazzjoni akkademika. Iż-żgħażaġh kollha għandhom jirċievu edukazzjoni u taħriġ aħjar, irrISPETTIVAMENT mill-isfond soċjoekonomiku tagħhom, li jwassal għal aktar ħiliet u ħiliet aħjar. L-edukazzjoni inklussiva u t-tagħlim tul il-ħajja kollha huma mistennija li jkomplu jnaqqsu l-għadd ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni u jżidu l-istudenti fil-livelli kollha. It-trasformazzjonijiet fis-swieq tax-xogħol huma wkoll mistennija li jwasslu għal parteċipazzjoni oġhla tal-adulti fl-edukazzjoni u fit-taħriġ. In-nies se jkunu jistgħu jiksbu validazzjoni tal-ħiliet li jkunu żviluppaw lil hinn mill-edukazzjoni u mit-taħriġ formali. L-edukazzjoni u t-taħriġ kollha se jinkludu dimensjoni akbar ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u se jisfruttaw kooperazzjoni eqreb man-negozji u mas-soċjetà ċivili. Jibqa' dejjem importanti li jiżiedu l-isforzi biex l-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli tiġi integrata fil-kurrikuli fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.



L-OPPURTUNITAJIET/MOTIVATORI POŻITIVI

Involvement tas-soċjetà u politika parteċipattiva, bidla fl-imġiba, responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/kondotta responsabbli tan-negozju, finanzi sostenibbli, sħubijiet pubbliċi privati, ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-teknoloġiji diġitali u l-pjattaformi onlajn, l-intelliġenza artifiċjali, it-tibdil fis-suq tax-xogħol u fil-ħiliet meħtieġa, fokus fuq soċjetajiet sostenibbli u reżiljenti.




RISKJI/XPRUNATORI NEGATTIVI

L-inugwaljanza tal-oppurtunitajiet, il-faqar, investment pubbliku u privat baxx, nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, żieda fil-lakuni fl-għarfien.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Skont l-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Kummissjoni qed tikkordina l-Aġenda tal-ħiliet ġodda għall-Ewropa, u qed taħdem mal-Istati Membri lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025. L-għan huwa li titjeb in-natura inklużiva, ibbażata fuq it-tagħlim tul il-ħajja kollha u xprunata mill-innovazzjoni, tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Il-miżuri ppreżentati fl-2018 lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 jindirizzaw ir-rikonnoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi u tal-perjodi ta' studju barra l-pajjiż, il-kompetenzi ewlenin, il-ħiliet diġitali, il-valuri komuni u l-edukazzjoni inklużiva, edukazzjoni bikrija u kura tat-tfal ta' kwalità għolja, u metodi aħjar ta' kif wieħed jitgħallem u jgħallem il-lingwi.



Fl-2016, is-Slovenja nediet programm li jtejjeb il-kwalità tat-tagħlim u l-esperjenza ta' min ikun qiegħed jitgħallem billi tagħti opportunitajiet lill-għalliema u lill-mentors biex iżidu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom permezz ta' rotazzjoni tax-xogħol. Il-programm, li se jdum sal-2022, għandu finanzjament ta' EUR 1.65 miljun, li minnhom EUR 1.32 miljun huma ġejjin mill-Fond Soċjali Ewropew.



Inizjattiva tar-Reġjun tal-Veneto, fl-Italja, iffinanzjata mill-Fond Soċjali Ewropew, tippermetti lill-adulti mingħajr kwalifiki sekondarji għolja, inklużi dawk bi kwalifiki vokazzjonali inferjuri li ma għadhomx rilevanti għas-suq tax-xogħol, biex jiksbu rikonnoxximent ta' kreditu għall-esperjenzi professjonali jew ta' taħriġ preċedenti tagħhom u biex jaqdbu linja ta' taħriġ personalizzat.



Ftehim tripartitiku, li fetaħ taqsima għal tagħlim inklużiv għaż-żgħażaġh u għall-adulti b'diżabilità fir-reġjun Nouvelle-Aquitaine kien iffirmit fi Franza fl-2018. Tnax-il apprendist b'diżabilità se jitħarrġu fl-oqsma tal-elettronika, tal-elettriku u tal-ingerija elettrika. Nofshom se jiġu ospitat fis-siti tal-intrapriża tal-elettriku Enedis u n-nofs l-ieħor f'kumpaniji adattati.



ToekomstATELIERdelAvenir (alias TADA) tipprovdi edukazzjoni supplimentari, volontarja u b'orjentazzjoni lejn is-soċjetà lil żgħażaġh vulnerabbli mill-kwartieri żvantaġġati fi Brussell, il-Belġju. Hija timmira li tagħti s-setgħa lill-parteċipanti żgħażaġh tagħha u li tipprevjeni d-demotivazzjoni u l-konsegwenzi negattivi tagħha (bħall-għeja tat-tagħlim, it-tluq bikri mill-iskola, id-delinkwenza, ir-radikalizzazzjoni estrema) u li tikkontribwixxi lejn aktar integrazzjoni u koeżjoni soċjali.



Tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tingħata setgħa lin-nisa u lill-bniet kollha

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

L-UE tinsab fuq quddiem nett fid-dinja fejn tidħol l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u matul l-aħħar deċennji sar aktar progress. Dan jirriżulta minn leġislazzjoni dwar trattament ugwali, minn billi tingħata importanza lill-ġeneru u minn miżuri speċifiċi għall-avvanz tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Hemm aktar nisa fis-suq tax-xogħol tal-UE u dawn qed jirnexxilhom jiksibu edukazzjoni u taħriġ aħjar; madankollu, għad hemm aktar nisa fis-setturi li jħallsu anqas filwaqt li ma hemmx biżżejjed fil-pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Id-differenzi fl-introjt u fix-xejriet tal-karriera bejn il-ġeneri ta' spiss jissarrfu f'inqas drittijiet għall-pensjoni għan-nisa. Il-ħtieġa u l-momentum għal aktar titjib għadhom hemm. **Stħarriġ speċjali tal-Ewrobarometru fl-2017 wera li l-popolazzjoni ġenerali fl-UE b'mod ġenerali tappoġġa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri: 84 % tal-Ewropej iqisu li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija importanti għalihom personalment (inkluż 80 % tal-irġiel). Fil-livell internazzjonali, l-UE tinkludi l-perspettiva tal-ġeneri permezz tal-politiki esterni tagħha, li jvarjaw minn strumenti kummerċjali, għall-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, u l-politiki tal-vecinat u tat-tkabbir tal-UE.**



IX-XEJRIET EWLENIN

- Tal-**Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (2017) jenfasizza li dawn l-aħħar għaxar snin raw żvilupp lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ġeneralment pożittiv, għalkemm kajman.** L-iktar titjib sinifikanti sar fil-qasam tal-poter (pereż. teħid ta' deċiżjonijiet fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku), filwaqt li l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri żdiedu fejn jidħol il-ħin (pereż. xogħol tad-dar, ħin liberu, kura mhux remunerata). Hemm differenzi kbar bejn il-prestazzjonijiet tal-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tejbu l-punteġġi kumplessivi tagħhom mill-2005. Xi ftit Stati Membri baqgħu fejn kienu fil-punteġġi kumplessivi tagħhom jew saħansitra raw tnaqqis żgħir.
- Id-diskrepanza fl-impjeggi bejn l-irġiel u n-nisa fil-livell tal-UE kienet ta' madwar 12-il punt perċentwali fl-2017, sostanzjalment inqas milli kienet fl-2008, meta kient tlaħħaq 15.1-il punt perċentwali. Dan it-titjib kien xprunat l-aktar minn żieda fir-rata tal-impjeggi tan-nisa. In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' servizzi formali ta' kura tat-tfal aċċessibbli u ta' kwalità, b'mod partikolari għal tfal żgħar huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jxekklu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Fl-2016, 32.9 % biss tat-tfal tat-twelid sa tliet snin fl-UE kien qed jiġu ndukrati f'servizzi formali ta' edukazzjoni u kura, żieda minn 28 % fl-2008.
- Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri naqset xi ftit matul l-aħħar snin. Fl-2016, l-introjt gross fis-siegħa tan-nisa kien fil-medja 16.2 % anqas minn dak tal-irġiel; wara li jirtiraw, dan id-distakk jitwessa' b'mod esponenzjali, b'diskrepanza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri ta' 36.6 %.
- Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politika fl-UE, il-proporzjon ta' siġġijiet fil-parlamenti nazzjonali okkupati minn nisa żdied minn 20.9 % fl-2004 għal 29.7 % fl-2018.
- Fl-2017, kwart tal-membri tal-bord tal-ikbar kumpaniji kkwotati kienu nisa. Bejn l-2003 u l-2017, kien hemm żieda annwali, kważi kostanti, b'total ta' 16.8-il punt perċentwali.
- Il-mod kif in-nisa u l-irġiel jallokaw ħin għall-kura, għax-xogħol domestiku u għall-attivitajiet soċjali fl-UE sar aktar differenti meta mqabbel ma' għaxar snin ilu. Dan it-tnaqqis fl-ugwaljanza seħħ fi 12-il Stat Membru, filwaqt li ġie nnotat titjib fi tmien Stati Membri.
- Mara minn kull tlieta fl-Ewropa esperjenzat vjolenza fiżika u/jew sesswali mill-età ta' 15-il sena.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 11-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 80 jew aktar minn 100 għall-SDG 5. 11 Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

Progress kontinwu fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex in-nisa u l-bniet jingħataw is-setgħa jeħtieġ impenn, aktar finanzjament u sforzi persistenti mill-atturi fil-livelli kollha, mill-unitijiet domestiċi individwali, sal-istituzzjonijiet tal-UE. Filwaqt li l-inċentivi regolatorji huma importanti biex jaċċelleraw ir-ritmu ta' dan il-progress, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiddependi ħafna fuq il-valuri kulturali u etiċi u fuq l-evoluzzjoni tal-bidla fis-soċjetà. Sal-2030, nistgħu nistennew li l-UE tkun għamlet aktar progress fit-tisħiħ tas-saħħa ekonomika tan-nisa, fil-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċizzjonijiet u fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet. Il-materjalizzazzjoni u l-firxa ta' dan il-progress jiddependu fuq l-iżvilupp tal-kuntesti kulturali u politiċi kif ukoll fuq miżuri regolatorji futuri.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

L-involvement soċjetali u l-politika parteċipattiva, il-bidliet fin-normi soċjali, il-bidla fl-imġiba, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/il-kondotta responsabbli tan-negozju, servizzi formali tal-indukrar tat-tfal, arranġamenti bilanċjati għal-liv tal-familja, arranġamenti għal xogħol flessibbli, sistema edukattiva bilanċjata, l-aċċess għat-teknoloġiji ġodda, u t-tisħiħ ta' ħiliet teknoloġiċi tan-nisa, kummerċ miftuħ u ġust.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

L-inugwaljanzi fl-opportunitajiet, ir-reazzjonijiet negattivi kontra l-progress, nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, theddid għas-sigurtà, ir-ritorn għal protezzjoniżmu ekonomiku madwar id-dinja.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Fl-2015, l-UE adottat it-tieni pjan ta' azzjoni tagħha għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġhoti tas-setgħa lin-nisa fir-relazzjonijiet esterni (2016–2020). F'Settembru 2017, il-Kummissjoni nediet l-inizjattiva konġunta tal-UE-NU bl-isem ta' Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet.



Fl-2015 il-Kummissjoni adottat impenn strateġiku għall-2016-2019 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-impenn strateġiku huwa l-qafas għall-ħidma kontinwa tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex tingħata s-setgħa lin-nisa, u ssir enfasi fuq dawn il-ħames oqsma ta' prijorità: 1) żieda fis-schem tan-nisa fis-suq tax-xogħol u indipendenza ekonomika ugwali; 2) it-tnaqqis tad-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri, tad-diskrepanzi fl-introjtu u fil-pensjonijiet; 3) promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet; 4) il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; 5) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja kollha. Barra minn hekk, l-impenn strateġiku jipprevedi li tiġi integrata perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha tal-UE u fil-programmi ta' finanzjament.



Id-Danimarka ġeneralment tmur tajjeb fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri. In-nisa fid-Danimarka ġeneralment jaħdmu barra d-dar u jaqdbu karrieri waqt li jrabbu familja, meġġuna mil-liv tal-ġenituri ġeneruż tal-pajjiż u minn kura tat-tfal matul il-jum issussidjat mit-taxxi. L-irġiel Daniżi jibbenefika wkoll mill-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Ikollhom iktar ħin mal-familji tagħhom milli f'ħafna pajjiżi oħra. Liv tal-ġenituri wara t-twelid ta' tarbija jista' jinqasam bejn il-ġenituri, u jiem tax-xogħol limitati ifisser li ħafna drabi jkun il-missier li jiġbor lit-tfal miċ-ċentru ta' matul il-jum.



Franza introduċiet sistema ta' kandidati binomjali għall-elezzjonijiet dipartimentali fejn il-vot imur għal tim ta' kandidati nisa u rġiel. Dan jiggarrantixxi parità bejn il-ġeneri fil-livell dipartimentali u jstabilixxi pożizzjonijiet kondiviżi ta' teħid tad-deċiżjonijiet, il-kondivizzjoni tar-responsabbiltajiet u t-titjeb tal-possibilitajiet ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-politiċi.



GründerRegio M e.V. ġie kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew biex jipprovdi taħriġ, konsulenza u netwerking għal intraprendituri feminili fi Munich. Huwa għandu fil-mira nisa li jirritornaw fis-suq tax-xogħol wara jkunu rabbew familja, kif ukoll nisa ta' l fuq minn 50 sena. Il-proġett bl-isem ta' GUIDE appoġġja madwar 5 000 intraprenditura mara, li minnhom 56 % bdew negozju għal rashom.



Żewġ organizzazzjonijiet Bulgari qed imexxu l-proġett "Career ROCKET". Għalliema, diretturi tal-iskejjel u konsulenti tal-karrieri fl-iskejjel qed jingħataw taħriġ biex jintroduċu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'kull suġġett fl-edukazzjoni sekondarja billi joffru informazzjoni dwar il-kontribut tan-nisa fix-xjenzi naturali, fit-teknoloġija, fil-politika, fl-istorja, fil-ġeografija, fil-matematika, fil-letteratura, fl-arti u fil-mużika.



Jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u s-sanità għal kulħadd

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

L-aċċess għall-ilma huwa bżonn bażiku tal-bniedem. L-ilma huwa wkoll riżorsa ekonomika importanti u jservi bħala l-bażi għar-regolamentar tal-bijodiversità, tal-klima u tal-ekosistemi. Il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-ilma mit-tniġġis u mill-bidliet idromorfoloġiċi, u l-użu tal-ilma b'mod sostenibbli huma kruċjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet attwali u dawk futuri, kif ukoll biex tinżamm l-istabbiltà politika fil-livell nazzjonali u reġjonali. Fl-UE, politika komprensiva tal-ilma għandha l-għan li tiżgura li tkun disponibbli kwantità suffiċjenti ta' ilma ta' kwalità tajba kemm għall-ħtiġijiet tan-nies kif ukoll tal-ambjent, billi jiġu rregolati l-elementi ewlenin li jpoġġu pressjoni fuq l-ilma (l-agrikoltura, l-industrija, l-ilma urban mormi), l-użi tal-ilma (l-ilma għall-ġhawm, l-ilma tal-pjan, l-ilma tax-xorb) u l-ġestjoni integrata tal-ilma. Il-maġġoranza l-kbira ta' ċittadini Ewropej għandhom aċċess għal sanità bażika u huma konnessi ma' tal-inqas impjant tat-trattament tal-ilma mormi sekondarju. Barra minn hekk, iċ-ċittadini Ewropej jibbenefikaw minn livelli għoljin ta' kwalità tal-ilma tax-xorb. Madankollu, il-pessjoni li tirriżulta mill-urbanizzazzjoni, it-tniġġis diffuż mill-agrikoltura, l-industrija u t-tibdil fil-klima jinfluwenzaw il-kwalità tal-ilma u s-sikurezza fit-tul tal-ilma. Fil-livell globali, l-UE qed tippromwovi tad-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tas-sanità għal kulħadd permezz tal-Konsensus Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp u tal-politiki tat-tkabbir u tal-vcinat tal-UE.



IX-XEJRIET EWLENIN

- Il-proporzjon ta' nies mingħajr faċilitajiet imtejba tas-sanità fl-unitajiet domestiċi tagħhom naqas minn 3.2 % fl-2007 għal biss 2.0 % tal-popolazzjoni Ewropea fl-2017. L-ammont ta' persuni konnessi ma' impjant tat-trattament tal-ilma mormi sekondarju żdied bejn l-2010 u l-2015. **Madankollu, għad hemm differenzi bejn l-Istati Membri, b'xi wħud minnhom għadhom jiffaċċjaw problemi konsiderevoli.** Tip ġdid ta' tniġġis isir sinifikanti — dan huwa meta jiskula ilma urban jew meta sistemi kkombinati tad-dranaġġ' jirrilaxxaw ammont kbir ta' tniġġis meta tagħmel xita qawwija.
- 86.3 % tas-siti tal-ġhawm mal-kosta u 82.1 % tas-siti tal-ġhawm interni kellhom ilma tal-ġhawm ta' kwalità eċċellenti fl-2017.
- **Il-kwalità tal-ilma fix-xmajjar Ewropej tgiebet b'mod sinifikanti bejn l-2000 u l-2014;** il-konċentrazzjonijiet medji ta' fosfat fix-xmajjar Ewropej qed juru xejra ta' tnaqqis.
- Filwaqt li qed isir progress f'diversi oqsma, madwar 40 % biss tal-ilmijiet tal-wiċċ laħqu status ekoloġiku tajjeb fl-2015; **l-ilma tal-pjan huwa f'qadgħa aħjar, b'74 % bi status kimiku tajjeb u 89 % bi status kwantitattiv tajjeb.** Għalkemm it-tniġġis ikkawżat min-nitrati mill-agrikoltura naqas f'dawn l-aħħar għoxrin sena, għadhom jeżistu problemi. In-nitrati huma l-aktar niġġiesa komuni li jikkawżaw stat kimiku ħażin fl-ilma tal-pjan fl-UE. Dan huwa partikolarment problematiku minħabba li l-ilma tal-pjan, wara l-ilma tal-wiċċ ġieri, huwa għajn importanti ta' ilma tax-xorb fl-Ewropa.
- **L-istress fuq l-ilma huwa baxx fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, iżda f'xi ftit huwa għoli, prinċipalment fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Ewropa u dan il-fenomeno qiegħed jiddied fl-Ewropa tal-Punent u tat-Tramuntana wkoll.**

- Biex tonqos l-iskarsezza tal-ilma, is-setturi rilevanti kollha jeħtieġ li jużaw l-ilma ħelu b'mod effiċjenti. **L-astrazzjoni tal-ilma naqqset fl-Ewropa matul dan l-aħħar deċennju, filwaqt li żdiedet l-effiċjenza fl-użu tiegħu. Il-medja tal-konsum tal-ilma tax-xorb naqqset f'dawn l-aħħar 20 sena minn madwar 200:1 għal kull persuna u ġurnata għal madwar 120:1.**



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 25-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 80 jew aktar minn 100 għall-SDG 6. Tliet Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

Kumplessivament, l-UE hija mistennija tkompli tagħmel progress fil-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u fis-sanità. Kważi ċ-ċittadini kollha se jgawdu minn aċċess tajjeb għas-servizzi tal-ilma — bħal ilma tajjeb għax-xorb u trattament tal-ilma mormi — u faċilitajiet tas-sanità. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat aċċess sħiħ għaċ-ċittadini kollha tal-UE, biex jiġi żgurat li l-ilma mormi jiġi trattat skont l-istandards meħtieġa fit-territorju kollu u li jintlaħaq status tajjeb għall-korpi tal-ilma kollha fl-Ewropa. Niġġiesa emerġenti ta' tħassib bħall-mikroplastiks u l-farmaċewtiċi għandhom ukoll jingħataw attenzjoni speċifika fis-snin li ġejjin. It-tniġġis diffuż mill-agrikoltura jrid jitnaqqas aktar. L-effiċjenza fl-użu tal-ilma jeħtieġ li titjeb aktar. Fl-aħħar nett, it-tibdil fil-klima u l-effetti aggravanti tiegħu fuq in-nixfa u l-għargħar f'reġjuni tal-UE jżidu l-ħtieġa biex il-ġestjoni tal-ilma ssir aktar sostenibbli. It-tibdil fil-klima ser iżid l-istress fuq l-ilma li diġà jinħass f'xi korpi tal-ilma prinċipalment fin-Nofsinhar tal-Ewropa, iżda dejjem aktar ukoll f'partijiet oħra tal-kontinent. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-ilma u l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni ġdida bħall-proposti riċenti għall-ilma tax-xorb u l-użu mill-ġdid se tgħin biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. L-evalwazzjoni kontinwa tal-kontroll tal-idoneità ta' parti sostanzjali tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma se tgħin biex jiġi stabbilit jekk il-qafas leġiżlattiv jenħtiġlux jiġi adattat biex l-SDGs rilevanti jintlaħqu b'mod sħiħ.



L-OPPURTUNITAJIET/MOTIVATURI POŻITTIVI

Bidla fl-imġiba, l-involvement tas-soċjetà u tal-politika parteċipattiva, il-persjoni tas-soċjetà ta' għal sistema sostenibbli tal-ikel u tal-katini tal-produzzjoni, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/il-kondotta responsabbli tan-negozju, il-finanzi sostenibbli, sħubijiet pubbliċi privati, id-diġitalizzazzjoni, data aħjar permezz tal-użu ta' għodod ta' osservazzjoni tad-dinja bħal komponent Global tas-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus tal-UE, aktar użu mill-ġdid tal-ilma, l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-internet tal-oġġetti, l-ekonomija ċirkolari, il-multilateraliżmu.




RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

Il-faqar u l-inugwaljanza fl-oppurtunitajiet, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis diffuż mill-agrikoltura, l-urbanizzazzjoni, in-niġġiesa organiċi, ir-residwi tal-farmaċewtiċi, l-iskart tal-plastik, il-produzzjoni industrijali, ir-rimi mill-unitajiet domestiċi, l-instabbiltà ġeopolitika u t-theddid għas-sigurtà, l-affordabbiltà u l-prezz tal-ilma.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Ir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej dwar l-ilma jipromwovu soluzzjonijiet għall-isfidi tal-ilma. Is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA), inizjattiva ta' EUR 494 miljun, tiffoka fuq l-iskarsezza tal-ilma, l-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel fir-reġjun tal-Mediterran.



F'Ċipru, l-ilma riċiklat qed jiżdied u sar riżorsi użata stabbli, fost l-oħrajn, għat-tisqija u għall-protezzjoni kontra n-nixfa. B'għajjnuna minn fondi Ewropej, diġà għaddejnin żewġ proġetti: l-Anthoupolis Water Reuse Scheme u l-Larnaca Water Reuse Scheme.



Fir-reġjun ta' Dolnośląskie fil-Polonja qiegħed jinbna l-għibjun tal-protezzjoni mill-għargħar ta' Racibórz Dolny. Il-programm komprensiv ta' protezzjoni mill-għargħar għandu l-għan li jipprovdi protezzjoni mill-għargħar tax-Xmara Oder, billi jirrestawra l-ilqugħ naturali tal-għargħar tal-wied tax-xmara Odra u t-terrazza naturali tal-pjanura tal-għargħar tax-xmara.



Impjanti għat-trattament tal-ilma mormi madwar l-Ewropa qed jibdew jużaw l-enerġija u riżorsi oħra li jinsabu fl-iskart biex inaqqsu l-konsum tagħhom u anki jaġixxu bħala produttori tal-enerġija. Eżempju ewlieni huwa impjant ta' trattament tal-ilma f'Aarhus, fil-belt ta' Marselisborg fid-Danimarka, li jipproduċi aktar minn 150 % tal-enerġija li jenħtieġ biex jopera bis-saħħa li jinvesti f'teknoloġija aktar effiċjenti.



Malta qed tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-komunitajiet lokali biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ilma u tal-faċilitajiet sanitarji. Iċ-ċiklu tal-ippjanar tal-baċir tax-xmara jiżgura parteċipazzjoni għolja mill-komunitajiet u mill-partijiet interessati, hekk kif deċiżjonijiet dwar ċerti miżuri se jinvolvi l-ibbilanċjar tal-interessi tal-gruppi varji.



Jiġi żgurat l-aċċess għal enerġija affordabbli, affidabbli, sostenibbli u moderna għal kulħadd

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

Il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-UE 2020 poġġew lill-UE fit-triq it-tajba biex tiżgura enerġija sikura, affordabbli u nadifa għall-Ewropej kollha. Diġà sar progress qawwi f'termini ta' żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u ta' effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija, u l-UE qed timxi 'l quddiem bit-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa. It-tranżizzjoni tal-UE minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili lejn ekonomija b'karbonju baxx b'sistema diġitali u tal-enerġija bil-konsumaturi fiċ-ċentru tagħha qed issir realtà fuq il-post. Id-diżakkoppjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn mal-prodott domestiku gross kompli, primarjament permezz tal-innovazzjoni. It-tkabbir ekonomiku u l-konsum tal-enerġija ġew diżakkoppjati wkoll. Tibdil dinji fil-produzzjoni u fid-domanda tal-enerġija għandu impatt sinifikanti fuq kwistjonijiet ġeopolitiċi u fuq il-kompetittività industrijali. Dan joħloq sfidi serji għall-Ewropa, iżda joħloq ukoll opportunitajiet uniċi. F'dan il-kuntest, l-UE tixtieq issaħħaħ ir-rwol tagħha bħala mexxejja dinjija fit-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa filwaqt li tipprovdi sikurezza tal-enerġija għaċ-ċittadini tagħha kollha. Bis-saħħa tal-unjoni tal-enerġija tagħha, l-UE għandha l-għan li tipprovdi enerġija sigura, affordabbli, sostenibbli u nadifa għaċ-ċittadini u għan-negozji tal-UE. Fuq in-naħa esterna, il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jiffoka fuq li jiżdied l-aċċess għal servizzi tal-enerġija li huma affordabbli, moderni, affidabbli u sostenibbli, fuq li jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-użu ta' miżuri għall-effiċjenza enerġetika u fuq li jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. L-UE hija pijunier f'li tistimula l-investimenti fis-settur privat fis-settur tal-enerġija sostenibbli bl-istrumenti ta' taħlit tagħha, bil-pjan ta' investiment estern tal-UE u bl-inizjattiva tal-finanzjament tal-elettrifikazzjoni. Anki l-politiki tal-viceinat u tat-tkabbir jikkontribwixxu f'dan il-qasam.



IX-XEJRIET EWLENIN

- Ix-xejriet fl-Ewropa juru **li hemm “diżakkoppjar” tat-tkabbir ekonomiku mill-inputs tal-enerġija u mill-emissjonijiet assoċjati mall-gassijiet serra tagħhom**. Bejn l-1990 u l-2017, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra naqsu bi 22 % filwaqt li l-PDG kiber b'58 %. Kemm il-produttività tal-enerġija kif ukoll l-intensità tal-gassijiet serra mill-konsum tal-enerġija tejbu kważi kontinwament mill-2000 fl-UE.
- L-UE qed timmira li tilħaq il-mira tagħha tal-2020 għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' 20 %. Bejn l-2005 u l-2016, il-konsum tal-enerġija primarja tal-UE naqas b'9.9 % u b'7.1 % tal-konsum tal-enerġija finali tiegħu.
- L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha li sal-2020 20 % mill-konsum finali tal-enerġija jkun minn enerġija rinnovabbli. L-użu tal-enerġija rinnovabbli żdied kontinwament fl-UE matul l-aħħar għaxar snin, minn 9.0 % għal 17 % tal-konsum gross finali tal-enerġija bejn l-2005 u l-2016. Qafas regolatorju tal-UE prevedibbli, teknoloġiji iktar effiċjenti, spejjeż neżlin għat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u appoġġ aktar orjentat lejn is-suq, kienu l-muturi prinċipali ta' din iż-żieda.
- L-UE għadha tiddependi fuq **l-importazzjonijiet tal-fjuwil minn pajjiżi mhux tal-UE biex tlaħħaq mad-domandi tagħha għall-enerġija. Id-dipendenza fuq l-importazzjoni fl-UE, li tlaħħaq 53.6 %**, baqgħet kważi l-istess bejn l-2006 u l-2016 filwaqt li l-produzzjoni tal-enerġija naqset b'14 % matul l-istess perjodu. Matul l-istess perjodu ġie osservat tnaqqis konsistenti fil-konsum tal-enerġija primarja ta' madwar 10 %.
- L-UE għamlet progress biex ittejjeb l-aċċess għal enerġija affordabbli. Matul dawn l-aħħar snin, naqsu n-nies li ma kellhomx il-mezzi biex iżommu darhom sħuna biżżejjed. Fl-2017, 8.1 % tal-popolazzjoni tal-UE indikaw li ma kellhomx aċċess għal enerġija affordabbli — 2.8 punti perċentwali anqas mill-2007.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 26-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 80 jew aktar minn 100 għall-SDG 7. Seba' Stati Membri tal-UE jinsabu mal-ewwel 20 fid-dinja kollha.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-UE se tkompli tagħmel progress lejn enerġija affordabbli, affidabbli, sostenibbli u moderna għal kulħadd abbażi tal-qafas regolatorju ambizzjuż miftiehma fil-livell tal-UE. Sal-2030, il-miri ewlenin tal-UE se jsarrfu f'mill-inqas 40 % tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, f'mill-inqas 32 % tal-enerġija tal-UE minn sorsi rinnovabbli u żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija b'mill-inqas 32.5 %. Dawn jipprovdu l-pedamenti meħtieġa għal trasformazzjoni soċjetali profonda li twassal għal futur ta' enerġija nadifa u sostenibbli. L-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-enerġija se jkompli jiġi appoġġjat permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Taħt il-Programm Qafas il-ġdid "Orizzont Ewropa", ġie propost programm intensiv ta' riċerka u innovazzjoni, b'baġit ta' EUR 15-il biljun għall-enerġija, għall-mobbiltà u għall-klima. B'mod ġenerali, għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027, il-mira ta' integrazzjoni għall-klima proposta ta' 25 % tfisser li wieħed minn kull erba' euro jrid jintefaq fuq kwistjonijiet relatati mal-klima, u dan huwa rilevanti wkoll għas-settur tal-enerġija. Impenn kontinwu huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li tinkiseb l-unjoni tal-enerġija, inkluż djalogu attiv mas-soċjetà ċivili u mal-partijiet konċernati, peress li l-kontribut u l-impenn tagħhom huwa essenzjali għas-suċċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

Bidla fl-imġiba, konsumaturi informati, protetti u mogħtija s-setgħa, l-involvement tas-soċjetà u l-politika parteċipattiva u antiċipatorja għal tranżizzjoni ġusta, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/kondotta kummerċjali responsabbli, opportunitajiet ġodda ta' negozju, finanzjament kollettiv u forom oħra ta' finanzjament innovattiv, finanzi sostenibbli, sħubiji pubbliċi privati, tassazzjoni tar-riżorsi, l-internet tal-oġġetti, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenża artifiċjali u t-teknoloġiji ġodda, ir-riċerka u l-innovazzjoni, ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' karbonju, mobiltà b'emissjonijiet baxxi jew mingħajrom, soċjetajiet reżiljenti, il-multilateraliżmu.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

Iż-żieda fil-konsum tal-elettriku xprunata mid-diġitalizzazzjoni, prezzijiet volatili tal-enerġija, tkompli d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u s-sussidji tagħhom, nuqqas ta' bidla fl-imġiba, tnaqqis fir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-politiki, investiment pubbliku u privat baxx, id-distakk diġitali, it-tibdil fil-klima, l-instabbiltà ġeopolitika u t-theddid għas-sigurtà, tranżizzjoni aktar għalja f'termini relattivi għan-nies b'introjt medju u baxx.


PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



F'Mejju 2017, biex iġġedded l-impetu tas-Sħubija Afrika-UE, l-UE pproponiet l-istrateġija "Nenerġizzaw l-Afrika". L-UE impenjat ruħha li tinkoraġġixxi l-investimenti pubbliċi u privati fl-enerġija sostenibbli fl-Afrika, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pjan ta' investiment estern u biex jiġu approfonditi l-alleanzi strateġiċi u l-kollaborazzjoni.



Il-ħolqien ta' unjoni Ewropea tal-enerġija sar prijorità ewlenija għall-Kummissjoni. Inizjattivi biex tinkiseb l-unjoni tal-enerġija ġew adottati. B'mod partikolari, il-pakkett tal-2016 għal enerġija nadifa għall-Ewropej kollha, se jwassal għal sistema aktar kompetittiva, moderna u nadifa tal-enerġija, li tibni madwar tliet miri ewlenin: li l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiġi l-ewwel, il-kisba ta' tmexxija globali fl-enerġiji rinnovabbli u l-provvista ta' trattament ġust għall-konsumaturi.



Fl-2013, aktar minn 40 organizzazzjoni fin-Netherlands (gvernijiet lokali u nazzjonali, kumpaniji, trejtdjunjins u organizzazzjonijiet ambjentali) iffirmaw Ftehim dwar l-Enerġija għat-Tkabbir Sostenibbli, bl-għan li jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli minn 5.8 % fl-2015 għal 16 % fl-2023. Dan il-ftehim jistabbilixxi miri għal tranżizzjoni lejn vetturi b'emissjonijiet żero: sal-2035, il-karozzi ġodda mibjugħa kollha għandhom ikunu mingħajr emissjonijiet, u fl-2050 l-karozzi kollha fit-toroq iridu jkunu mingħajr emissjonijiet.



Budapest hija membru tal-Patt tas-Sindki, inizjattiva ffinanzjata mill-UE li tlaqqa' r-reġjuni u l-bliet impenjati li jimplementaw l-oġettivi tal-klima u tal-enerġija tal-UE. Mill-2011, wieħed mill-aktar banjijiet termali famużi — il-banju Szechenyi - iż-żoo qrib tiegħu u l-kumpanija distrettwali tat-tisħin lokali daħlu fi sħubija biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u jbaxxu l-kont tal-enerġija. Is-sħana tal-ilmijiet termali Szechenyi qed tiġi riċiklata fiż-Żoo ta' Budapest Zoo biex tforni l-arja sħana li xi madwar 350 speċi ta' annimal u lil kważi 500 pjanta imxerredin f'madwar 26 binja.



Il-kumpanija tal-enerġija Fortum Jelgava, stabbilita fl-2008 f'Jelgava, il-Latvja, irristrukturat in-netwerk tas-sħana tal-belt billi bidlet l-impjant tal-bojler tal-gass b'impjant ġdid tal-koġenerazzjoni tal-bijomassa li juża l-laqx tal-injam. Is-sistema tat-tisħin distrettwali tal-belt kważi qelbet għal kollox mill-fjuwils fossili għar-riżorsa rinnovabbli tal-injam li jiġi mil-lokal.



Il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli huma entitajiet li permezz tagħhom iċ-ċittadini u/jew l-awtoritajiet lokali jkunu sidien jew jipparteċipaw fil-produzzjoni u/jew fl-użu ta' enerġija rinnovabbli. B'aktar minn 2500 inizjattiva mal-UE kollha, dawn kienu ta' importanza ewlenija sabiex jistimulaw it-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Ewropa. Għeruq u sjieda lokali ta' inizjattivi bħal dawn iżidu l-aċċettazzjoni soċjali ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli, speċjalment għall-enerġija mir-riħ. Dawn inaqqsu l-ispejjeż billi jpoġġu għad-dispożizzjoni l-aktar siti adegwati.



Jiġu promossi tkabbir ekonomiku sostnut, inklużiv u sostenibbli, impjeg sfiż u produttiv u xogħol diċenti għal kulħadd

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

L-irkupru tal-Ewropa mill-kriżi ekonomika appoġġja t-tkattir kostanti tal-impjegi. L-investment kważi rkupra għal-livell ta' qabel il-kriżi u l-finanzi pubbliċi qed jitjiebu, għalkemm l-irkupru qed jiffaċċja riskji ta' tnaqqis. Madankollu, l-espansjoni mhijiex ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u l-Istati Membri kollha bl-istess mod, b'mod partikolari l-qgħad għadu għoli f'xi pajjiżi. L-investment u x-xejriet fil-produttività jissuġġerixxu li jista' jsir aktar biex jissaħħu l-irkupru u t-tranżizzjoni lejn tkabbir ekonomiku aktar sostenibbli skont l-isfidi globali fit-tul tat-tibdil demografiku u tad-diġitalizzazzjoni. Flimkien mal-isforzi kontinwi sabiex naslu għal finanzi pubbliċi sostenibbli fit-tul, l-UE qed tkompli tippromwovi l-investimenti, b'mod partikolari fl-edukazzjoni, fil-ħiliet u fir-R&Ż, u riformi strutturali biex tizzied l-effettività tal-ambjent kummerċjali u tas-swieq tal-prodotti u tax-xogħol. Il-“Pjan ta' Investment għall-Ewropa” huwa strumentali biex jattira l-investment privat f'setturi strateġiċi tal-ekonomija Ewropea. Riformi strutturali mfassla biex itejbu s-swieq tax-xogħol u l-politiki soċjali għandhom jgħinu lill-forza laborattiva biex tikseb il-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u jippromwovu aċċess aħjar u opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u sistemi sostenibbli u adegwati ta' ħarsien soċjali. Dawn għandhom ukoll jikkontribwixxu biex tizzied il-produttività tax-xogħol u b'hekk iż-żieda fil-pagi. L-involvement tas-šhab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tar-riformi jista' jtejjeb is-sjieda, l-impatt u t-twettiq. Fil-livell internazzjonali, l-UE qed timmira lejn tkabbir inklużiv u sostenibbli, ħolqien ta' impjegi deċenti, u promozzjoni tad-drittijiet tax-xogħol u tal-bniedem. Eżempji ta' azzjoni esterna f'dan ir-rigward jinkludu l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, il-pjan ta' investment estern tal-UE, il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-2015-2019 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u l-azzjoni tal-UE permezz tal-politiki tal-viċinat u tat-tkabbir tal-UE. Il-politika kummerċjali tal-UE tippromwovi r-rispett tal-istandards internazzjonali ewlenin tax-xogħol u tad-drittijiet tal-bniedem. Il-promozzjoni ta' Prattiki ta' negozju responsabbli bbażati fuq linji gwida internazzjonali hija ankrata f'diversi politiki tal-UE, inkluż il-kummerċ.



IX-XEJRIET EWLENIN

- L-Ewropej għandhom bħala medja standard tal-għajxien ogħla minn żewġ deċennji ilu. Fl-2002 - 2017, il-PDG reali ras għal ras kiber b'medja ta' 1.1 % fis-sena. Riċentement, l-ekonomija tal-UE kienet qed tikber bl-ogħla r-ritmu minn mindu bdiet il-kriżi fl-2008, bit-tkabbir tal-PDG reali jizzied għal 2.2 % fl-2017.
- Is-sehem totali tal-investment tal-PDG fl-UE kien ta' 20.8 % fl-2017, wara tnaqqis qawwi matul il-kriżi ekonomika u finanzjarja. Dan kiber b'medja ta' 1.0 % kull sena mill-2013 'l hawn. Il-“Pjan ta' Investment għall-Ewropa” huwa mistenni joħloq 1.4 miljun impjeg u jżid il-PDG tal-UE b'1.3 % sal-2020.
- **Il-produttività tax-xogħol aċċellerat xi ftit jew wisq, iżda t-tkabbir tagħha għadu taħt ix-xejriet ta' qabel ir-reċessjoni.**
- **Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għadha għaddejja biż-żieda stabbli tagħha, u laħqet rata ta' attività ta' 73.4 % fl-2017.** Din iż-żieda kienet prinċipalment xprunata minn ħaddiema ikbar fl-età u minn nisa. L-impjegi totali laħqu rekord ta' 239 miljun ħaddiem, l-impjegi full-time qed jizziedu b'2.3 miljun ruħ, filwaqt li l-għadd ta' ħaddiema part-time baqa' stabbli. Bejn l-2000 u l-2015, l-impjegi fis-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali biss żdiedu b'47.3 % mill-2000. **Il-qgħad fit-tul qed** ikompli jonqos iżda għadu jirrappreżenta ftit inqas minn nofs it-total tal-qgħad. **Il-qgħad fost iż-żgħażaġh**, li laħaq l-ogħla livell ta' 23.8 % fl-2013, naqas għal 16.8 % fl-2017. **Fl-2017, 7.7 % tal-impjegati Ewropej kienu qed jaħdmu b'kuntratti temporanji kontra r-rieda**

tagħhom, liema perċentwali kien jikkorrispondi għal 57.7 % tat-total tal-impjegati temporanji u dan is-sehem żdied xi ftit matul l-aħħar deċennju. Is-sehem ta' impjegi part-time involontarji fl-UE, li jaffettwa l-aktar lin-nisa, bħala perċentwali tat-total tal-impjegi part-time żdied minn 25.6 % fl-2008 biex laħaq l-ogħla livell tiegħu ta' 29.6 % fl-2014, u wara naqas għal 26.4 % fl-2017.

- **Fir-rigward tal-ħaddiema foqra, 9.6 % ta' dawk impjegati kienu wkoll f'riskju ta' fl-2017.** Dan stabbilizza ruħu matul l-aħħar erba' snin, għalkemm f'livell ogħla milli kien fl-2008 (8.5 %).



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u r-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 17 Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 80 jew aktar minn 100 għall-SDG 8. Disa' Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-UE se jkollha tiżgura rati ta' impjegi kumplessivi għolja billi toħloq impjegi ta' kwalità li jservu t-tranżizzjoni tas-sostenibbiltà, speċjalment għan-nisa, għaż-żgħażaġh, għall-anzjani, għall-persuni b'diżabilità, għall-migranti u għall-komunitajiet marġinalizzati. Dan jgħin biex tiġi żgurata l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tal-mudell tal-protezzjoni soċjali Ewropew fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ u tkabbir fil-produttività kajman. Għalkemm l-investimenti fl-ekonomija Ewropea se jkomplu jikbru, dawn jeħtieġu appoġġ sostnut sabiex jingħelbu l-ostakli. Il-popolazzjoni tal-UE li qiegħda tiċkien u l-poter ekonomiku li qed imajna se jinfluwenzaw il-pożizzjoni tagħha fl-ordni ekonomiku dinji. Id-diġitalizzazzjoni u d-demografija se jkollhom implikazzjonijiet kemm fuq it-tkabbir futur kif ukoll fuq l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol. Dan jitlob li jkun hemm fokus aktar qawwi fuq il-vantaġġi komparattivi tal-UE marbuta mal-edukazzjoni ta' kwalità u ma' aktar investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni, li jeħtieġ li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u s-sostenibbiltà ambjentali. It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari se tkompli kif ukoll se jkomplu l-azzjonijiet biex jinqered ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin.



L-OPPURTUNITAJIET/MOTIVATORI POŻITTIVI

It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, id-diġitalizzazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-involvement soċjetali u l-politiki parteċipattivi, il-persjoni tas-soċjetà għal ktajjen ta' produzzjoni sostenibbli, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji ġodda, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/il-kondotta responsabbli tan-negozju, il-finanzi sostenibbli, sħubijiet pubbliċi privati, ekonomija ċirkolari kollaborattiva b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, l-ekonomija soċjali u l-iżvilupp ta' ekosistemi ta' ekonomija soċjali, fokus fuq soċjetajiet reżiljenti, il-multilateraliżmu, il-kummerċ miftuħ u ġust, ir-riċerka u l-innovazzjoni.




RISKJI/XPRUNATORI NEGATTIVI

Tkabbir baxx fil-produttività, nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, diffużjoni bil-mod ta' teknoloġiji diġitali ġodda u l-impatti tat-trasformazzjonijiet teknoloġiċi fuq il-ħaddiema u fuq setturi speċifiċi, l-inugwaljanzi soċjali, id-disparitajiet reġjonali u territorjali, l-impatti tat-tibdiliet demografiċi u r-rwol tal-migrazzjoni u l-ispustament sfurzat, id-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima, l-instabbiltà ġeopolitika u theddid għas-sigurtà, ir-ritorn għal protezzjoniżmu ekonomiku madwar id-dinja, id-diffikultà biex titkejjel il-produttività f'ekonomiji dejjem aktar intanġibbli, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-prekarjetà tal-impjegi, id-distakk diġitali, il-protezzjoni tad-data, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Il-“Pjan ta’ Investiment għall-Ewropa”, l-hekk imsejjaħ ‘Pjan Juncker’, irnexxilu jtejjeb il-klima tal-investiment bil-kbir. F’Lulju 2018, il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) laħaq il-mira inizjali tiegħu ta’ EUR 315-il biljun ta’ investiment u sa Diċembru 2018 kien immobilizza EUR 371 biljun f’investiment addizzjonali madwar l-UE mill-2015. Dan diġà appoġġa aktar minn 750,000 impjieg. Iċ-ċifra mistennija tiżdied għal 1.4 miljun impjieg sal-2020. Aktar minn 850,000 negozju ta’ daqs żgħir u medju (SMEs) qeġhdin jibbenefikaw minn aċċess imtejjeb għall-finanzjament. Tal-inqas 40 % tal-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi taħt il-qasam tal-infrastruttura u l-innovazzjoni jappoġġa komponenti ta’ proġetti li jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika b’konformità mal-Ftehim ta’ Pariġi dwar l-azzjoni klimatika.



Fl-2017, ir-Repubblika Ċeka introduċiet aktar flessibilità fl-iskedar u fl-intitolamenti tas-siġhat tax-xogħol u tal-liv; it-tisħiħ tal-proċess tan-negozjar kollettiv; bidliet fil-liġi tal-kuntratti; bidliet fir-reġim tas-sensji kollettivi; bidliet fid-dispożizzjonijiet relatati mat-“telexogħol”; u tisħiħ tal-ġhodod ta’ rikonċiljazzjoni bħax-“xogħol mid-dar”.



Il-belt ta’ Ghent fil-Belġju tuża’ b’mod regolari l-Fond Soċjali Ewropew biex tappoġġa l-integrazzjoni tar-refuġjati u tar-Rom fis-swieq tax-xogħol. Pereżempju, il-proġett tagħha “Labour Team IEM” (2015–2017) offra gwida mfassla apposta għall-persuni Rom. L-għan ewlieni kien li jgħin minn tal-inqas 190 migrant intra-Ewropew (IEM - intra-European migrants), l-aktar Rom, jidħlu fis-suq tax-xogħol. Il-proġett se jibqa’ għaddej fl-2018–2019 bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew.



Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jipprovdi EUR 7.5 miljun f’self (garantit mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi) lil Greenfiber International SA biex jiffinanzja proġett tar-riċiklaġġ u tal-ekonomija ċirkolari fir-Rumanija. Il-proġett se jgħin sabiex jinħolqu 280 impjieg full-time u se jżid l-ammont ta’ skart miġbur u proċessat b’aktar minn 50 000 tunnellata fis-sena.



Fl-2014, inħolqot koalizzjoni nazzjonali Portugiża ta’ organizzazzjonijiet tas-soċjeta ċivili biex titħejja pożizzjoni komuni dwar l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2030 dwar l-Iżvilup Sostennibbli. L-koalizzjonijiet organizzaw proċessi ta’ konsultazzjoni nazzjonali, kwestjonarji onlajn u laqgħat ta’ ħidma lokali biex jiġu diskussi l-aspettattivi dwar l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2030 dwar l-Iżvilup Sostennibbli, inklużi dawk relatati mal-SDG 8.



Tinbena infrastruttura reżiljenti, tiġi promossa industrijalizzazzjoni inklużiva u sostenibbli u titrawwem l-innovazzjoni

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

Infrastruttura ta' prestazzjoni għolja fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dawk diġitali hija essenzjali għall-UE konnessa tajjeb u integrata, fejn iċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-moviment ħieles u mis-suq uniku, kif ukoll minn infrastrutturi soċjali adegwati. Din hija r-raġuni għaliex fost l-oħrajn in-netwerks trans-Ewropej tat-trasport, tal-enerġija u tas-settur diġitali jindirizzaw b'mod integrat il-bżonn għal tkabbir reżiljenti, sostenibbli, bla skossi u infrastrutturi innovattivi. L-investimenti fl-infrastruttura spazjali huma wkoll ta' tħassib strateġiku. L-industrija tal-Ewropa hija b'saħħitha u żammet pożizzjoni minn ta' quddiem f'bosta setturi fis-swieq globali. L-UE tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli li toħloq benefiċċji għaċ-ċittadini kollha. Filwaqt li l-UE għaddejja minn tkabbir tal-PDG, l-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra qed jonqsu, fattur li jissuġġerixxi diżakkoppjar tal-emissjonijiet minn mat-tkabbir. Il-politiki Ewropej huma orjentati sabiex jagħtu s-saħħa lill-industrija twettaq in-negozju tagħha b'mod responsabbli u sostenibbli, joħolqu l-impjiegi, jagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa, irawmu l-investiment u l-innovazzjoni f'teknoloġiji nodfa u diġitali u jiddefendu r-reġjuni u l-ħaddiema Ewropej l-aktar milquta mill-bidla industrijali. L-enfasi tal-UE fuq l-investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni kif ukoll fit-trasformazzjoni diġitali tgħinna biex nikkompetu globalment billi noħolqu aktar impjiegi u opportunitajiet għan-negozju. L-UE hija l-iktar żona tar-riċerka u l-innovazzjoni miftuħa fid-dinja, iżda hemm bżonn ta' titjib f'termini ta' tisħiħ u diffużjoni, għax l-innovazzjonijiet mhux dejjem jissarrfu f'opportunitajiet ġodda ta' tkabbir u għas-suq. L-investiment tas-settur tan-negozju fir-riċerka u fl-innovazzjoni jrid jiżdied għaliex bħalissa jaasal biss sa 1.3 % tal-PDG, wara ċ-Ċina (1.6 %), l-Istati Uniti (2 %) u l-Ġappun (2.6 %). **It-trasformazzjoni diġitali hija fattur importanti li jippermetti t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u soċjetà b'livell baxx ta' karbonju.** Fil-livell internazzjonali, il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jappoġġa t-tfassil, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' infrastrutturi ta' kwalità għolja, reżiljenti, li ma jagħmlux ħsara lill-klima, sabiex jippromwovi l-aċċess ġust u affordabbli għal kulħadd, it-tkabbir, il-kummerċ u l-investimenti. Il-politika tal-UE dwar il-kummerċ, it-tkabbir u l-viċinat ukoll tikkontribwixxi f'dan il-qasam.



IX-XEJRIET EWLENIN

- **L-industrija tal-manifattura tammonta għal żewġ terzi tal-esportazzjonijiet tal-UE, tipprovdi impjiegi għal 36 miljun ruħ — wieħed minn kull ħames impjiegi fl-Ewropa - u tikkontribwixxi għall-istandards tal-għajxien għolja taċ-ċittadini Ewropej.**
- **L-emissjonijiet tal-gassijiet serra mil-lat tal-proċessi industrijali u l-użu tal-prodott naqsu b'aktar minn 17 % fil-perjodu 2000-2016.** Barra minn hekk, dan it-titjib huwa kkonfermat mit-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija fl-industrija bi 17 % matul il-perjodu 2000-2016.
- **Investiment fir-R&Ż:** L-Ewropa hija responsabbli għal 20 % tal-investiment globali fir-R&Ż, tipproduċi terz tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi kollha ta' kwalità għolja, u għandha pożizzjoni dinjija dominanti f'setturi industrijali bħall-farmaċewtika, dak tal-kimika, tal-inġinerija mekkanika u l-modi. L-aktar tnejn li jonfqu fuq ir-riċerka u l-iżvilupp huma fis-settur tal-intrapriżi kummerċjali (65 %) u s-settur tal-edukazzjoni oġhla (23 %) filwaqt li s-settur pubbliku fl-2016 kellu sehem ta' 11 %.
- **L-applikazzjonijiet għal privattivi fl-UE żdiedu konsiderevolment qabel il-kriżi ekonomika, u minn dakinhar 'l hawn baqgħu l-istess.**

- **Ir-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpaniji:** 77 % tal-kumpaniji tal-UE jinkludu r-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji fir-rappurtar tagħhom u ħafna minnhom huma minn ta' quddiem f'li jintegraw attivitajiet tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji / tal-kondotta responsabbli tan-negozju mal-SDGs.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont ir-rapport tal-2018 tal-Indiċi u tat-tabelli tal-SDG globali (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 10 Stati Membri tal-UE għandhom punteġġ ta' 73 jew ogħla minn 100, għall-SDG 9, b'differenzi notevoli bejn l-Istati Membri. 10 Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-Ewropa qiegħda fuq quddiem nett fit-triq lejn industrija iktar sostenibbli u inklużiva. It-trasformazzjonijiet ekonomiċi, soċjetali u ambjentali se jaċċelleraw, kif ukoll se jaċċelleraw l-iżviluppi teknoloġiċi f'oqsma bħar-robotika, l-internet tal-oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali u s-sistemi tal-enerġija. L-awtomatizzazzjoni, li teżisti bis-saħħa tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, se tittrasforma l-proċessi tal-manifattura tradizzjonali u n-natura tax-xogħol. L-industrija qed issir dejjem aktar integrata fil-ktajjen tal-valur globali b'komponenti tas-servizz qawwjin. Il-mudelli tan-negozju emerġenti se jfixxlu lis-swieq tradizzjonali. L-innovazzjoni nfisha u l-ħolqien tal-valur qed jinbidlu b'modi profondi, misjuqin minn ġenerazzjoni ġdida ta' konsumaturi li jistennu il-kokreazzjoni tal-valur, imġiba kummerċjali sostenibbli, il-konnettività u l-kejl tal-prestazzjoni f'ħin reali. Id-data ssir il-fattur il-ġdid tal-kompetizzjoni. Id-domanda għall-materja prima se tkompli tiżdied. Bir-riżorsi naturali taħt stress u t-tibdil fil-klima li qiegħed isir realtà dejjem aktar tanġibbli, id-domandi għal prodotti sostenibbli, għal konsum ċirkolari u għal emissjonijiet baxxi jew emissjonijiet zero se jżiedu esponenzjalment u huma meħtieġa innovazzjonijiet ekoloġiċi. L-Ewropa se żżid l-investment tagħha fir-riċerka u l-innovazzjoni, u fl-infrastruttura reżiljenti, fost l-oħrajn permezz tal-“Orizzont Ewropa” - il-Programm Qafas li jmiss tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITIVI

L-involvement tas-soċjetà u l-politika parteċipattiva, l-intelliġenza artifiċjali, l-internet tal-oġġetti, id-diġitalizzazzjoni sħiħa, l-ekonomija kollaborattiva u ċirkolari mhux dipendenti fuq il-karbonju, enfasi fuq soċjetajiet reżiljenti, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/il-kondotta responsabbli tan-negozju, minjieri u sorsi responsabbli u sostenibbli, finanzi sostenibbli, sħubijiet pubbliċi privati, finanzjament kollettiv u l-edukazzjoni, il-multilateraliżmu, il-kummerċ miftuħ u ġust.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

Investiment mis-settur pubbliku u mis-settur kummerċjali baxx, anki fir-riċerka u l-innovazzjoni, it-tibdil tal-katini tal-valur, spariġġ tal-ħiliet, bidliet fid-domanda globali, l-instabbiltà ġeopolitika u t-theddid għas-sigurtà, l-inugwaljanzi soċjali, it-tixjiħ tas-soċjetajiet tagħna, it-tibdil fil-klima u r-riskji ambjentali assoċjati ma' żieda fid-domanda għal riżorsi naturali, id-diviżjoni urbana/rurali.


PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Bis-saħħa tal-preċiżjoni u l-affidabbiltà dejjem akbar tagħhom, il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita Galileo u EGNOS joffru informazzjoni aħjar dwar il-pożizzjonament u l-ħin, b'implikazzjonijiet pożittivi sinifikanti għal ħafna servizzi u prodotti Ewropej li n-nies jużaw kuljum, minn apparat tan-navigazzjoni fil-karozzi tagħhom għall-mowbajls kif ukoll għas-servizzi ta' rispons kritiċi u ta' emerġenza. Il-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja jippromwovi l-applikazzjonijiet tal-osservazzjonijiet ambjentali b'sostenn għall-SDGs u għall-Ftehim ta' Pariġi dwar l-azzjoni klimatika.



In-netwerks trans-Ewropej jindirizzaw il-ħtieġa ta' infrastrutturi reżiljenti, mingħajr skossi u innovattivi fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u diġitali. Huma għandhom l-għan li jipprovdu konnettività għar-reġjuni kollha tal-UE, u b'hekk jikkontribwixxu biex "jinkludu" liċ-ċittadini f'kull parti tal-Ewropa. L-infrastruttura hija mibnija u adattata sabiex ikun żgurat li tkun tiflaħ għar-riskji assoċjati mat-tibdil fil-klima, filwaqt li tippromwovi l-inklużjoni, it-trawwim tal-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi.



L-Iżvezja tinsab fuq quddiem nett tal-innovazzjoni fl-UE b'livell għoli ta' investiment privat u pubbliku fir-riċerka u fl-iżvilupp, għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-privattivi, SMEs innovattivi u sehem kbir ta' impjiegi f'attivitajiet b'għarfien intensiv. Barra minn hekk, l-investiment fil-manifattura kiber aktar malajr mill-medja tal-UE u l-effiċjenza fl-enerġija tal-produzzjoni industrijali hija għolja ħafna.



Il-pjattaforma tematika tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti għall-modernizzazzjoni industrijali toffri opportunitajiet lill-awtoritajiet maniġerjali reġjonali bi prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti simili biex jikkooperaw abbażi tal-kompetenzi ta' xulxin, jaqsmu l-infrastruttura, jippermettu tkabbir għal impatt akbar u jiżviluppaw proġetti ta' investiment konġunti.



Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi għen kumpanija Estona tipproduċi apparat ta' ħżin tal-enerġija imsejjaħ ultra-capacitor, li huwa 100 darba aktar b'saħħtu minn batterija ordinarja u li jiflaħ miljun ċiklu ta' riċarġjar. Il-kumpanija ġabret kapital ta' EUR 15-il miljun għal faċilità ta' manifattura fil-Ġermanja li kapaċi tipproduċi miljuni ta' ultra-capacitors ġodda fis-sena.



Titnaqqas l-inugwaljanza fi ħdan il-pajjiżi u bejniethom

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

L-istess bħall-faqar, l-inugwaljanza hija kunċett multidimensjonali. Tkopri inugwaljanzi kemm fl-eżiti kif ukoll fl-opportunitajiet, bħall-inugwaljanza fl-introjtu, aċċess mhux l-istess għall-protezzjoni soċjali, kif ukoll it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-inugwaljanza. L-inugwaljanza fl-opportunitajiet hija kawża importanti tal-inugwaljanza fl-introjtu. Fl-UE bdiet isseħ konverġenza tal-introjtu, u l-istandards tal-għajxien bdew jirkupraw mill-kriżi f'bosta Stati Membri. Madankollu, peress li l-ekonomiji Ewropej qed jirkupraw is-saħħa, kiber it-tħassib dwar l-inklużività tat-tkabbir ekonomiku. L-inugwaljanza fl-introjtu fl-UE b'mod ġenerali stabbilizzat ruħha matul l-aħħar snin, għalkemm il-livell tagħha jibqa' ta' sfida. Gruppi emarġinati u vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabbiltajiet, il-migranti u l-minoranzi etniċi (inklużi r-Rom), dawk bla dar jew iżolati, l-anzjani u t-tfal ibatu minn forom partikolari ta' inugwaljanzi. L-inklużjoni soċjoekonomika tagħhom għadha inadegwata. L-inugwaljanza tista' xxekkel it-tkabbir ekonomiku, l-istabbiltà makroekonomika, u tista' potenzjalment thedded il-koeżjoni soċjali. Globalment, il-livelli għolja ta' inugwaljanzi li jippersistu fil-pajjiżi sħab tal-UE jheddu l-progress tal-biċċa l-kbira tal-SDGs. L-inugwaljanza globali tista' ukoll twassal għal aktar migrazzjoni lejn l-UE. Bi tweġiba għall-isfidi reċenti fil-qasam tal-migrazzjoni, il-Kummissjoni ħadmet biex tipprovdi rispons immedjat u biex tibni sistema sostenibbli u reżistenti għall-kriżijiet tal-futur. Ġestjoni sostenibbli tal-flussi migratorji hija essenzjali. L-azzjoni esterna tal-UE, inkluż il-politika barranija u ta' sigurtà tagħha, il-politika tal-iżvilupp, il-politiki tat-tkabbir u tal-viċinat, u l-politika tal-kummerċ u tal-investment tal-UE kollha jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-inugwaljanza barra l-Ewropa. Pereżempju, il-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp jippromwovi l-prinċipju li ħadd ma jitħalla lura u jimpenja ruħu li jieħu azzjoni biex inaqqas l-inugwaljanza tal-eżiti u jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd.



IX-XEJRIET EWLENIN

- **Introjtu disponibbli:** Id-differenzi ekonomiċi bejn il-pajjiżi tal-UE naqsu matul iż-żmien. L-introjtu disponibbli reali gross aġġustat tal-unitajiet domestiċi per capita żdied fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri. Fl-2017, kien bħala medja 4.4 % ogħla mil-livell ta' qabel il-kriżi fl-2008. Kien hemm xi konverġenza fl-introjtu bejn l-Istati Membri tal-UE, minħabba li l-introjtu disponibbli fl-Istati Membri b'livelli iktar baxxi ta' introjtu, bħar-Rumanija, il-Bulgarija u l-Polonja, kibru b'rata aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE.
- **L-inugwaljanza fl-introjtu:** Fl-2017, għall-UE, bħala medja għall-Istati Membri kollha, 20 % tal-unitajiet domestiċi l-aktar sinjuri rċewew proporzjon tal-introjtu li kien 5.1 darbiet ogħla minn dak tal-ifqar 20 % u dan għadu ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi (4.9 fl-2009). Madankollu, dan il-proporzjon naqas meta mqabbel mal-2016 (5.2), ħaġa li turi xi titjib tal-prospetti li jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-introjtu fl-Istati Membri tal-UE. Xejriet ta' stabbilizzazzjoni fl-inugwaljanza fl-introjtu fl-Istati Membri tal-UE qed jiġu osservati wkoll meta wieħed iħares lejn fis-sehem tal-introjtu tal-aġar 40 % tal-popolazzjoni. Dan kien 21.2 % fl-2008 u fl-2012, niżel kemxejn għal 20.9 % fl-2016, u reġa' żdied għal 21.2 % fl-2017.
- **L-inugwaljanza tal-opportunitajiet:** Karatteristika importanti tal-inugwaljanza tal-opportunitajiet hija l-impatt tal-pożizzjoni soċjoekonomika tal-ġenituri fuq l-edukazzjoni ta' wliedhom. Skont it-test tal-istħarriġ tal-2015 tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA), 33.8 % tal-istudenti mill-iżjed sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati kienu jilhqqu livell edukattiv baxx fix-xjenza, meta mqabbla ma' 7.6 % biss fost il-pari tagħhom l-aktar privileġġjati. Hemm ukoll varjazzjonijiet kbar bejn l-Istati Membri.

- **Għajnuna għall-iżvilupp:** L-UE tibqa' l-akbar donatur fid-dinja, u tipprovdi aktar minn 50 % tal-għajnuna dinjija kollha għall-iżvilupp, biex b'hekk qiegħda tikkontribwixxi wkoll biex tnaqqas l-inugwaljanzi madwar id-dinja. Il-finanzjament totali tal-UE għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi l-flussi mis-settur pubbliku u mis-settur privat, aktar milli rdoppja mill-2001 'l hawn, u dan jirrappreżenta medja ta' tkabbir annwali ta' 6.4 %.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u r-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 13-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 80 jew aktar minn 100 għall-SDG 10. 11 Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-UE u l-Istati Membri tagħha se jaħdmu biex jiżguraw tkabbir inklużiv u sostenibbli fl-UE, kundizzjoni neċessarja biex inaqqsu l-inugwaljanza. Huma se jgħaqqdu flimkien protezzjoni soċjali effiċjenti, effettiva u adegwata ma' servizzi ta' appoġġ, ma' edukazzjoni tajba li tippermetti opportunitajiet ugwali għal kulħadd, u ma' swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw sew sostnuti minn politiki tas-suq tax-xogħol effettivi. Dan mhux biss se jippermetti li jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri tal-UE, imma wkoll biex b'mod sinifikanti jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-Istati Membri. L-avvanzi teknoloġiċi, b'mod partikolari l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ser ikollhom jiġu ġestiti tajjeb biex jiġi evitat id-distakk diġitali. Fir-rigward tax-xejriet tal-migrazzjoni, huwa ċar li l-ebda pajjiż tal-UE ma jista' jew ma għandu jitħalla waħdu biex jindirizza l-pressjonijiet migratorji kbar. L-UE se tkompli tnaqqas l-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari, issalva l-ħajjiet u żżomm siguri l-fruntieri esterni, timplimenta politika komuni b'saħħitha dwar l-ażil u politika dwar il-migrazzjoni legali, filwaqt li tgħin sabiex il-migranti u r-refuġjati legali jiġu integrati b'mod effettiv fis-swieq tax-xogħol u fis-soċjetajiet tal-UE. L-azzjoni esterna tal-UE se tkompli tindirizza l-inugwaljanza barra l-Ewropa.



L-OPPURTUNITAJIET/MOTIVATORI POŻITTIVI

L-involvement tas-soċjetà u l-politika parteċipattiva, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji/il-kondotta responsabbli tan-negozju, il-benessri soċjali (pereż. it-tassazzjoni u l-protezzjoni soċjali u s-sistemi tal-inklużjoni soċjali, il-politiki tas-suq tax-xogħol, il-politiki tal-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-kura tat-tfal, il-kisba edukattiva, il-livelli tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja), it-trasport u l-aċċessibbiltà diġitali li jindirizzaw id-dimensjoni spazjali tal-inugwaljanza, il-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, finanzi sostenibbli, il-multilateraliżmu, il-kummerċ miftuħ u ġust.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

L-inugwaljanza tal-opportunitajiet, soċjetajiet li qed jixjieħu, il-bdil fil-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi (pereż. persuni li jgħixu waħedhom), lakuni fil-benesseri soċjali, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, l-instabbiltà ġeopolitika u t-theddid għas-sigurtà, ir-ritorn għall-protezzjoniżmu ekonomiku madwar id-dinja.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



L-UE fil-livell internazzjonali

Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jippromwovi l-prinċipju li ħadd ma jitħalla lura u jimpenja ruħu li jieħu azzjoni biex inaqas l-inugwaljanza tal-eżiti u jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Il-politika tal-kummerċ u tal-investment tal-UE għandha l-għan li timmassimizza l-potenzjal tal-preferenzi kummerċjali, tal-ftehimiet kummerċjali u tal-investment għall-ħolqien tal-impjiegi, livelli għoljin ta' protezzjoni tal-ħaddiema u l-ġenerazzjoni ta' investment fil-pajjiżi sħab, b'mod partikolari dawk li qed jiżviluppaw, u b'hekk tikkontribwixxi biex titnaqqas l-inugwaljanza.



Fil-livell tal-UE

Ħafna mill-20 prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma dwar l-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, il-ġustizzja u l-inklużjoni fis-sug tax-xogħol u fis-soċjetà. Dan huwa akkumpanjat minn tabella ta' valutazzjoni soċjali li timmonitorja x-xejriet u l-prestazzjonijiet madwar l-UE. Is-semestru Ewropew huwa mekkaniżmu fundamentali tal-Pilastru, u dan ġie msaħħaħ aktar biex jiffoka fuq il-ġustizzja soċjali, l-inugwaljanzi u aktar tkabbir inklużiv. Il-politika ta' koeżjoni tal-UE tippromwovi l-inklużjoni soċjali, filwaqt li tiġġieled il-faqar u d-diskriminazzjoni.



Fil-livell ta' Stat Membru

Is-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji f'Ċipru saret aktar effikaċi fl-indirizzar tal-inugwaljanza fl-introjtu. L-effetti redistributtivi tagħha żdiedu kważi bid-doppju minn żmien il-kriżi (matul l-2009-2016). Pereżempju, fl-2014, Ċipru introduċa skema tal-introjtu minimu garantit, li tgħin ukoll biex tinċentiva x-xogħol. Jidher li l-iskema għandha impatt pożittiv qawwi fuq it-tnaqqis tal-faqar u tal-inugwaljanza, u kkontribwixxiet biex tissaħħaħ ix-xibka tas-sigurtà soċjali.



Fil-livell reġjonali/lokali

Proġett pilota "Akkomodazzjoni l-Ewwel għall-Familji" li qed tmexxi l-muniċipalità lokali ta' Brno fir-Repubblika Ċeka turi t-tmexxija tal-muniċipalità mas-sħab fil-komunità biex jindirizzaw il-persuni bla dar. Il-proġett jipprovdi appartament muniċipali u akkomodazzjoni intensiva u ġestjoni għall-ewwel darba tal-każijiet għal 50 familja Rom u mhux Rom, xelters jew forom oħra ta' nuqqas ta' akkomodazzjoni. Abbażi tal-proġett pilota, ġie adottat pjan ta' azzjoni biex tintemm il-problema tal-familji mingħajr dar f'Brno bejn l-2018 u l-2025.



Fil-livell ta' kumpanija

La Bolsa Social hija l-ewwel pjattaforma ta' ekwità b'impatt fuq il-kollektività fi Spanja għall-investituri u n-negozji li jixtiequ jħallu impatt soċjali pożittiv. Il-kumpanija tlaqqa' investituri tal-impatt soċjali ma' intrapriżi biex tippromwovi l-SDGs. La Bolsa Social ffinanzjat 10 kumpaniji b'impatt soċjali u ambjentali b'EUR 1.8 miljun. Ħamsa minnhom huma speċifikament iffukati fuq li jagħtu lill-persuni b'diżabilità aċċess għall-informazzjoni, għall-ħajja soċjali u għall-isparju pubbliku.



Fil-livell tas-soċjetà ċivili

Il-proġett Żvediż "Ħobż f'Bergslagen" involva korsijiet tal-ħami tal-ħobż tradizzjonali bħala mezz ta' integrazzjoni ta' wasliet ta' migranti u jipprovdi taħriġ vokazzjonali. Huwa uża l-attività fiżika bħala l-punt tat-tluq għal djalogu, filwaqt li voluntiera mħarrġa ffaċilitaw id-diskussjonijiet bejn il-parteċipanti.



L-ibliet u l-insedjamenti umani jsiru inklużivi, sikuri, reżiljenti u sostenibbli

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

L-ibliet fl-Ewropa huma fil-qalba tal-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-lum. Aktar minn 70 % taċ-ċittadini tal-UE jgħixu f'żoni urbani filwaqt li madwar 85 % tal-PDG tal-UE huwa ġġenerat fl-ibliet. Il-bliet u l-komunitajiet huma essenzjali għall-benesseri tal-Ewropej u l-kwalità tal-ħajja tagħhom peress li huma jservu bħala ċentri ta' żvilupp ekonomiku u soċjali u tal-innovazzjoni. Huma jattiraw ħafna nies minħabba l-firxa wiesgħa ta' opportunitajiet għall-edukazzjoni, l-impjieg, id-divertiment u l-kultura. Madankollu, l-ibliet tal-UE qed jiffaċċjaw ukoll sfidi bħal pressjonijiet migratorji u l-esklużjoni soċjali, il-konġestjoni, nuqqas ta' abitazzjonijiet adegwati u t-tnaqqis tal-infrastruttura, iż-żieda tat-tniġġis tal-arja, biex insemmu ftit. Il-bliet huma wkoll partikolarment vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali. Huwa sforz konġunt tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-bliet Ewropej, sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni urbana tal-politiki Ewropej u nazzjonali. F'konformità mal-Aġenda Urbana l-Ġdida tan-NU, l-UE ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-kuntesti urbani permezz tal-prevenzjoni ta' diżastri u ta' riskji relatati mal-klima u twieġeb b'mod aktar koordinat għall-isfidi urbani differenti. Fil-livell internazzjonali, il-politiki Ewropej għall-iżvilupp, barranin u tas-sigurtà, il-politiki tat-tkabbir u tal-viċinat ifittxu li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien fil-bliet. Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm aktar konċentrazzjoni fuq il-bliet u l-awtoritajiet lokali bħala atturi importanti biex jintlaħqu l-SDGs.



IX-XEJRIET EWLENIN

- Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali żdiedet, b' 11.0 punti perċentwali f'total ta' bejn l-2007 sal-2016.
- **Il-kwalità tas-settur tal-abitazzjoni** fl-UE tgiebet matul l-aħħar sitt snin. Is-sehem tal-abitanti tal-UE qed jesperjenza defiċits bażiċi fil-kundizzjoni tas-settur tal-abitazzjoni tagħhom li naqas b'4.8 punti perċentwali bejn l-2007 u l-2017 meta kien 13.1 %.
- In-nies li jgħixu fil-bliet kellhom aċċess iktar faċli għat-trasport pubbliku, b'9.7 % minnhom biss li rapportaw livelli għoljin jew livelli għoljin ħafna ta' diffikultà, meta mqabbla ma' 37.4 % ta' dawk li jgħixu f'żoni rurali.
- Punti problematiċi ta' tniġġis tal-arja sostanzjali jibqgħu għalkemm l-espożizzjoni għat-tniġġis tal-arja minn materja partikolata fina kienet naqset bi kważi 20 % bejn l-2010 u l-2015.
- **Il-kopertura tal-art artifiċjali** per capita żdiedet minn 6 % fl-2015 sa mill-2009. Peress li l-Ewropa hija waħda mill-aktar kontinenti urbanizzati fid-dinja, aktar sforzi huma meħtieġa biex titwaqqaf id-degradazzjoni tal-art.
- **L-awtoritajiet lokali u reġjonali** involuti fil-Patt Ewropew tal-pjanijiet ta' azzjoni tas-Sindki kiseb tnaqqis ta' 23 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija finali bi 18 % u qed jaħdmu lejn iż-żieda tas-sehem fil-produzzjoni tal-enerġija lokali biex jilħqu 19 % tal-enerġija kkunsmata sal-2020.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u r-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 23 Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 80 jew aktar minn 100 għall-SDG 11. 10 Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha

⊖ L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

Is-sehem tal-popolazzjoni urbana fl-Ewropa hu mbassar li jilħaq kemm kemm 'il fuq minn 80 % sal-2050. L-UE u l-Istati Membri tagħha fil-livelli kollha ta' governanza, flimkien mas-soċjetà ċivili, in-negozji u r-riċerkaturi jaħdmu flimkien biex joħolqu belt li dejjem qed tevolvi għas-soċjetà ta' għada. Bliet Ewropej se jibqgħu ċentri ta' attrazzjoni għaċ-ċittadini, joffru possibiltajiet ta' impjieg, kwalità tal-ħajja, u servizzi soċjali li maż-żmien qed jiżdiedu. Biex jiġi żgurat għajxien tajjeb flimkien, l-ibliet Ewropej jaħdmu b'mod parteċipattiv mal-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha f'oqsma bħall-abitazzjonijiet, l-ilma, il-mobbiltà, l-enerġija, l-azzjoni klimatika, il-qerda tal-faqar, l-inugwaljanza, l-ekonomija ċirkolari, ir-reżiljenza u s-sigurtà. Il-bliet Ewropej ser isiru bliet intelliġenti, fejn netwerks u servizzi tradizzjonali se jkunu iktar effiċjenti bl-użu ta' teknoloġiji diġitali u tat-telekomunikazzjoni, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji tagħha.

⊕ OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

Speċjalizzazzjoni intelliġenti, sħubijiet bejn il-bliet, l-involviment tas-soċjetà u tal-politika parteċipattiva (eż. il-governanza urbana kollaborattiva, pjattaformi b'diversi partijiet interessati), pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli, ir-responsabbiltà korporattiva soċjali/kondotta responsabbli tan-negozju, il-finanzjament kollettiv u l-forom l-oħra ta' finanzjament innovattiv, id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet baxxi, l-ekonomija kollaborattiva, il-mobbiltà attiva (trasport pubbliku, il-mixi u ċ-ċikliżmu) u l-infrastruttura rilevanti, ir-riċerka u l-innovazzjoni, bini b'emissjonijiet baxxi, il-biedja urbana, spazji ekoloġiċi urbani.

⊖ RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

Id-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima, it-tniġġis, soċjetajiet li qed jixjieħu, kriminalità u t-theddid għas-sigurtà, il-frodi u l-korruzzjoni, l-inugwaljanzi soċjali, iż-żieda fil-prezzijiet fl-abitazzjonijiet.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Fil-qasam tal-iżvilupp, il-Kummissjoni għandha approċċ ġdid dwar “il-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea ma’ bliet u awtoritajiet lokali f’pajjiżi terzi”, li jiffoka fuq appoġġ estern tal-UE dwar l-ippjanar, il-finanzjament u l-governanza tal-ibliet.



L-aġenda urbana tal-UE tnediet f’Mejju 2016 mal-Patt ta’ Amsterdam. Tirrappreżenta metodu ta’ ħidma f’diversi livelli ġodda fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-bliet, il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati oħra sabiex jiġi stimolat it- tkabbir, l-ambjenti abitabbli u l-innovazzjoni fl-ibliet tal-Ewropa u biex jidentifikaw u jindirizzaw l-isfidi soċjali. Billi tiffoka fuq prijoritajiet konkreti fi ħdan Sħubijiet dedikati, l-aġenda urbana tal-UE għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja f’żoni urbani.



Il-persjonijiet attwali tad-djar fl-Irlanda jirriżultaw parzjalment bħala riżultat tal-kollass tal-livelli ta’ kostruzzjoni ta’ abitazzjonijiet. Fl-2016, il-gvern Irlandiż nieda pjan ta’ azzjoni dwar l-akkomodazzjoni u l-kundizzjoni ta’ persuna mingħajr dar fil-bini mill-ġdid fl-Irlanda, li għandu l-għan li jaċċellera il-provvista tal-abitazzjonijiet tul il-karigi kollha. Il-pjan ta’ azzjoni għandu ħames ‘pilastr’ ewlenin li jindirizzaw sfidi speċifiċi: l-indirizzar tal-problema tal-persuni mingħajr dar, l-aċċellerazzjoni tal-abitazzjoni soċjali, il-bini ta’ aktar djar, it-titjib tas-settur tal-kiri u l-u tal-abitazzjoni eżistenti.



‘Global Nachhaltige Kommune’ (Global Sustainable Municipalities) huwa proġett implimentat fir-reġjun Ġermaniż tar-Rhine-Westphalia tat-Tramunatana li jgħin lil 15-il awtorità lokali ta’ daqs żgħir u medju, li jvarjaw minn bliet u distretti rurali żgħar, ta’ daqs medju u kbir, permezz ta’ appoġġ sistematiku fl-elaborazzjoni ta’ strateġija ta’ sostenibbiltà li tindirizza l-isfidi lokali individwali tagħhom, ibbażat fuq il-qafas globali tal-SDGs. L-approċċ tiegħu kien ukoll adottat f’reġjuni Ġermaniżi oħrajn.



LIPOR, kumpanija maniġerjali ta’ skart inter-muniċipali ta’ Grand Porto fil-Portugall, hija responsabbli mill-ġestjoni, l-irkupru u t-trattament tal-iskart muniċipali prodott fil-muniċipalitajiet assoċjati. LIPOR investiet u ħolqot Adventure Park f’miżbla antika wara l-irkupru tal-pajsaġġ u dak ambjentali. Din ħolqot żona spazjali fejn isir loġħob, divertiment u taħriġ.



Il-Laboratorju Urban, organizzazzjoni mhux governattiva Estona li tittratta l-iżvilupp ta’ bliet sostenibbli u inklużivi. Il-Laboratorju Urban qed jagħti konsulenza lill-awtoritajiet lokali, jintroduċi xejriet moderni fl-Estonja u jtejjeb l-għarfien tan-nies dwar l-ambjent li ngħixu fi.



Jiġu żgurati xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

Il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli għandhom l-għan li jnaqqsu l-impronta ambjentali tal-Ewropa billi jbiddu l-mod kif nipproduċu, niddistribwixxu u nikkonsmaw prodotti u l-użu tar-riżorsi. L-UE għamlet progress matul l-aħħar ftit snin biex ikollha ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva b'livell baxx ta' karbonju iżda l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli għadhom l-isfida ewlenija għall-kisba tal-SDGs fl-UE u jeħtieġu sforzi kontinwi fil-livelli kollha. L-approċċ tal-UE huwa li tippromwovi l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi filwaqt li tnaqqas l-impatti ambjentali permezz ta' tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fejn il-valur tal-prodotti, il-materjali u r-riżorsi jinżamm kemm jista' jkun fl-ekonomija, u li l-ġenerazzjoni tal-iskart u t-tniġġis tkun minimizzata. Il-54 azzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-ekonomija ċirkolari tal-UE tal-2015 jintervjenu fl-istadji kollha taċ-ċikli tal-prodott u tal-materjali (il-produzzjoni, il-konsum, l-immaniġġar tal-iskart, is-suq għall-materja prima sekondarja, l-innovazzjoni u l-investimenti, il-monitoraġġ) u 5 oqsma ta' prijorità (il-plastik, il-ħela tal-ikel, il-materja prima kritika, il-bini u t-twaqqiġh, il-bijomassa u l-prodotti b'bażi bijoloġika). Sal-2018, aktar minn 85 % tal-azzjonijiet kienu diġà twettqu, waqt li dawk li baqa' ġew immedija. Pjattaforma Ewropea tal-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija ċirkolari tnediet fl-2017 biex ttejjeg il-kumpaniji, l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati l-oħra li jaqsmu l-għarfien u juru l-prattiki tajbin, kif ukoll għall-pjattaforma tal-UE dwar it-telf tal-ikel u l-ħela tal-ikel fl-2016. Sħubija dedikata għet stabbilita fil-qafas tal-aġenda urbana għall-UE biex teżamina din il-kwistjoni u tipproponi diversi azzjonijiet biex l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata fil-bliet. Addizzjonalment, l-Istrateġija Ewropea tal-Bijoeconomija, imġedda fl-2018, tappoġġa l-immodernizzar u t-tiħiħ tal-bażi industrijali tal-UE permezz tal-ħolqien ta' ktajjen ta' valur ġodda u proċessi industrijali iktar ekoloġiċi u kosteffettivi. Fuq in-naħa esterna, l-UE tippromwovi l-ġestjoni responsabbli tal-katini ta' provvista u skemi ta' kummerċ ġust u etiku bħala parti minn aġenda kummerċjali bbażata fuq il-valuri tagħha; ukoll, il-politiki tal-UE għall-iżvilupp, tat-tkabbir u tal-viċinat jenfasizzaw l-importanza ta' konsum u produzzjoni sostenibbli fl-azzjonijiet tagħhom.



IX-XEJRIET EWLENIN

- **Id-diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku mill-konsum tar-riżorsi naturali** jitkejjel permezz tal-produttività tar-riżorsi u tal-enerġija tal-UE. Mill-2001 'l hawn, l-UE żiedet il-produttività tar-riżorsi tagħha b'36.4 % (2017) u l-produttività tal-enerġija tagħha b'29.2 % (2016), li jfisser li aktar output (f'termini ta' PDG) kien prodott għal kull unità ta' materjal jew ta' enerġija użata.
- Bejn l-2004 u l-2016, l-ammont ta' skart iġġenerat, eskluż skart minerali ewlieni, naqas b'6.5 % fl-UE. Bejn l-2004 u l-2014, ir-rata tar-riċiklaġġ tal-UE żdiedet bi ftit minn 53 % għal 55 % u r-rata tal-użu materjali ċirkolari, li turi s-schem ta' materjali li ġew minn skart miġbur fl-użu globali tal-materjal, żdiedet minn 8.3 % għal 11.7 %.
- L-ekonomija tal-UE tiddependi fuq il-materja prima mill-bqija tad-dinja. Aktar minn 60 % tal-importazzjonijiet fiżika totali tal-UE huma prodotti ta' materja prima.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport ta' tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 11-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 'il fuq minn 60 minn 100 għall-SDG 12. B'mod ġenerali, dan huwa bħala medja it-tieni klassifikazzjoni SDG l-aktar baxxa għall-Istati Membri tal-UE.

⊖ L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-Ewropa se jkollha tkompli tiffoka fuq il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli fil-konfront ta' pressjoni fuq provvisti ta' materjali u fuq ir-riżorsi materjali domestiċi relattivament limitati tagħha stess. Trid tingħata attenzjoni partikolari għal metalli minerali u materja prima kritika, li huma ta' valur għoli u fejn l-Ewropa hija partikolarment dipendenti fuq l-importazzjonijiet. L-enfasi se tkun meħtieġa wkoll fuq materjali tqal u materjali li jużaw ħafna enerġija bħas-siment, l-aluminju, l-azzar u l-plastik fid-dawl tal-potenzjal tagħhom għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Setturi fejn l-użu tar-riżorsi għandu impatt partikolarment ogħli fuq l-ambjent (pereżempju f' termini ta' użu tal-ilma, il-kwalità tal-arja, it-tniġġis u n-nutrijenti) ser jeħtieġu wkoll attenzjoni, pereżempju s-sistemi tal-ikel u t-tessuti. Permezz ta' leġislazzjoni riveduta tal-UE dwar l-iskart u l-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-ħela tal-ikel, l-UE se tnaqqas l-iskart alimentari ġġenerat kull sena biex tgħin biex tinlaħaq il-mira globali biex l-iskart tal-ikel jitnaqqas bin-nofs sas-sena 2030. Il-leġislazzjoni dwar l-iskart se żżid ir-rati ta' riċiklaġġ legalment vinkolanti għal 60 % sal-2030, b'rati ogħla għal ħafna materjal tal-imballaġġ. Ser ikun meħtieġ li tingħata attenzjoni għal kwalità ogħla ta' riċiklaġġ, mhux biss għall-kwantità, biex jonqsu l-użu tar-riżorsi u l-ġenerazzjoni tal-iskart permezz ta' disinn aħjar tal-prodott, u għal approċċi sistemiċi imfassla biex il-prodotti u l-materjal jibqgħu jintuaw, u jkun ipprovdut valur fl-ekonomija. Il-kontenut riċiklat fi prodotti ġodda, b'mod partikolari fil-prodotti tal-plastik, jeħtieġ li jiżdied.

⊕ OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

Bidla fl-imġiba, l-involvement tas-soċjetà, il-persjoni tas-soċjetà għal ktajjen ta' produzzjoni sostenibbli, is-sħubijiet u l-politiki parteċipattivi, l-edukazzjoni, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva/kondotta responsabbli tan-negozju, il-finanzjament kollettiv u l-forom l-oħra ta' finanzjament innovattiv u politiki antiċipatorji għal tranżizzjoni ġusta, intelliġenza artifiċjali, teknoloġiji ġodda, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ekonomija kollaborattiva u ċirkolari, il-bijoeconomija, id-diġitalizzazzjoni, finanza sostenibbli, tassazzjoni riformata (pereżempju t-tassazzjoni tar-riżorsi u t-tniġġis), l-akkwist ekoloġiku, bliet intelliġenti, l-internet tal-oġġetti, il-kummerċ miftuħ u ġust.

⊖ RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

Konsum tradizzjonali/konservattiv u xejriet ta' produzzjoni, reżistenza minn setturi/reġjuni li jtilfu l-attivitajiet ekonomiċi tradizzjonali, bidla bil-mod tal-ambjent regolatorju, in-nuqqas ta' inċentivi finanzjarji.


PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Fil-livell internazzjonali, waħda mill-inizjattivi tal-UE hija SWITCH lejn programm ekoloġiku li jgħaqqad il-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati mill-UE u minn pajjiżi msieħba u ssir enfasi fuq l-adozzjoni ta' prattiki ta' konsum u produzzjoni sostenibbli mis-settur privat.




Regoli ġodda tal-UE dwar l-iskart ġew adottati fl-2018 bil-għan li sal-2030, l-Istati Membri kollha jridu jużaw mill-ġdid jew jirriċiklaw 60 % tal-iskart muniċipali u 70 % tal-iskart mill-imballaġġ, u dawn iridu jnaqqsu l-miżbljet għal inqas minn 10 % sal-2035. Għall-ewwel darba, ir-regoli l-ġodda dwar l-iskart jirrikjedu mill-Istati Membri li jadottaw programmi speċifiċi ta' prevenzjoni tal-iskart tal-ikel u jnaqqqsu, jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar il-livelli tal-iskart tal-ikel.



Il-proposta għal regolament riċenti fl-Iżvezja tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imposta fuq xogħol ta' tiswija u tipprovdi rifużjonijiet tat-taxxa għall-ispiża tax-xogħol ta' tiswija. Il-miżura se tnaqqas l-ispiża għall-konsumaturi ta' tiswija ta' tagħmir, u tteġġighom biex jikkummissjonaw xogħol ta' tiswija, aktar milli jarmuhom u jixtru oħrajn ġodda.



Bil-ġhajjnuna tal-fondi tal-UE, Ljubljana żviluppat sistema integrata tal-iskart li tkopri 37 municipalitá b'ċentru reġjonali ta' ġestjoni tal-iskart. Mindu ssiċbet fl-UE, il-kapitali Slovenia tat spinta lill-ġbir separat u lir-riċiklaġġ, u naqqset l-ammont ta' skart mormi fil-miżbljet b'59 %. Barra minn hekk investit ukoll fil-prevenzjoni u l-użu mill-ġdid. Ljubljana issa tiġġenera 41 % inqas skart per capita mill-medja Ewropea u ddeċidiet li ma tibnix żewġ inċineraturi ġodda kif kien ipplanat oriġinarjament.



UMICORE ittrasformat ruħha f'20 sena minn kumpanija Belġjana ta' estrazzjoni ta' minerali mhux ferrużi, fi grupp globali tat-teknoloġija tal-materjali u riċiklaġġ, b'10,000 impjegat u fatturat ta' EUR 10.4 biljun b'investimenti fil-Belġju, il-Bulgarija, in-Netherlands u Franza. Il-kumpanija tħaddan mudell ta' ekonomija ċirkolari fejn jiġu rkuprati metalli prezzjużi u materja prima kritika minn skart ta' tagħmir elettroniku u elettriku.



Flimkien mal-membri tagħha, il-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel ipprovdi, fl-2017, 44.700 organizzazzjoni tal-karità li qegħdin fuq quddiem b'4.1 miljun ikla kuljum għall-benefiċċju ta' 8.1 miljun ruħ. Dan qiegħed isir f'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tan-negożju tal-ikel sabiex insalvaw l-ikel li inkella jinħela u jsir aċċessibbli għal daww fil-bżonn.



Tittieħed azzjoni urġenti għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

It-tibdil fil-klima hija waħda mill-ikbar sfidi globali tal-ġenerazzjoni tagħna. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima teħtieġ azzjoni globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fid-dinja kollha. L-UE kienet fuq quddiem nett tal-isforzi internazzjonali favur ftehim globali dwar il-klima. Il-Komunità internazzjonali, inkluża l-UE, taw impenn biex titwaqqaf iż-żieda fit-temperatura globali għal ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi ħalli iż-żieda tiġi limitata għal 1.5°C. Dawn l-oġettivi, mirfuda minn riċerka xjentifika bħala parti mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, huma minquxa fil-Ftehim ta' Pariġi. L-UE impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha b'20 % sal-2020 u tal-anqas 40 % sal-2030 (meta mqabbla mal-livelli tal-1990). L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u għandha leġislazzjoni fis-seħħ biex tilħaq il-mira tagħha għall-2030, inkluża leġislazzjoni ambizzjuża dwar l-effiċjenza enerġetika u dwar l-enerġija rinnovabbli. Mill-2013, l-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima li tappoġġa azzjonijiet biex l-UE ssir aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Iżda l-UE teħtieġ li taħdem aktar biex tirrispetta l-Ftehim ta' Pariġi u b'mod sinifikanti tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili, li għadhom qed jiġu sussidjati b'mod sinifikanti. F'Novembru 2018 il-Kummissjoni ppreżentat il-viżjoni strateġika tagħha fit-tul għal ekonomija tal-ġejjieni li tkun prospera, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050. Hija tenfasizza kif is-setturi kollha u l-politiki għandhom jikkontribwixxu biex tinkiseb din il-bidla. Fil-livell internazzjonali, il-politiki tal-UE barranija u tas-sigurtà, tal-iżvilupp, tat-tkabbir u tal-viċinat b'mod attiv jintegraw l-oġettivi tal-klima. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija inkluża wkoll fil-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' ftehimiet ta' kummerċ u ta' investiment u hija wkoll parti integrali tal-pożizzjonijiet tal-UE fil-G20, il-forum ewlieni tal-akbar ekonomiji tad-dinja.



IX-XEJRIET EWLENIN

- L-UE tkompli d-diżakkoppjament b'suċċess **tat-tkabbir ekonomiku tagħha minn mal-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra**: matul il-perjodu 1990–2017, il-prodott domestiku gross globali tal-UE żdied bi 58 %, filwaqt li l-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra naqsu bi 22 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Fil-livell tal-Istati Membri, hemm differenzi sinifikanti fit-tendenzi tal-emissjonijiet tal-gass ta' serra mill-1990, b'xi Stati Membri li naqsu l-emissjonijiet bi kważi 60 % u f'it Stati Membri wrew żieda fl-emissjonijiet.
- L-intensità tal-gassijiet serra tal-konsum tal-enerġija — l-emissjonijiet għal kull unità ta' enerġija kkonsumata — naqsu bi 12.1 % bejn l-2000 u l-2016.
- L-UE għandha l-għan li tilħaq il-mira tagħha tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija għall-2020 ta' 20 %. Bejn l-2005 u l-2016, il-konsum tal-enerġija primarja tal-UE naqas b'9.9 % u b'7.1 % tal-konsum tal-enerġija finali tiegħu. **Fil-perjodu 1980–2016, telf marbut mat-temp u mal-klima kien jammonta għal total ta' EUR 410 biljun f'telf f'valuri tal-2016 għall-Istati Membri.**
- Is-sussidji għall-karburanti fossili għadhom għoljin. Fl-UE, madwar EUR 112-il biljun huma stmati li jkunu ġew allokatu kull sena għall-produzzjoni u l-konsum tal-fjuwils fossili bejn l-2014 u l-2016.
- L-UE qed issegwi oġettiv globali ta' 20 % tan-nefqa relatata mal-klima fil-baġit multiannwali Ewropew attwali għall-perjodu 2014–2020, u pproponiet li żżid din il-mira għal mill-inqas 25 % fil-perjodu 2021–2027.

- Bejn l-2013 u l-2018, in-numru ta' Stati Membri li għandhom strateġija nazzjonali għall-adattament għat-tibdil fil-klima żdied minn 15 għal 25, u għaddej xogħol fil-bqija tal-Istati Membri. Fl-2018, 26 % tal-ibliet kollha tal-UE u 40 % ta' bliet li għandhom aktar minn 150,000 resident kienu stmati li għandhom pjani ta' adattament lokali.
- L-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornituri ta' finanzjament għall-klima: fl-2017 l-UE, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Istati Membri pprovdew EUR 20.4 biljun biex jgħinu lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex jindirizzaw u jadattaw għat-tibdil fil-klima, aktar mid-doppju tal-ammont tal-2013. Dan jirrappreżenta madwar nofs it-total dinji.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport ta' tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 22-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 'il fuq minn 80 minn 100 għall-SDG 13. 5 Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-UE tibqa' determinata li tkun minn ta' quddiem fil-għieda kontra t-tibdil fil-klima u se tkun kisbet il-mira tagħha biex jitnaqqsu mill-inqas 40 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 mil-livelli tal-1990. Il-Kummissjoni ppreżentat, fil-ħarifa tal-2018, proposta għal viżjoni strateġika fit-tul tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi, li tinkludi perkorsi għall-kisba ta' emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra fl-UE sal-2050. Il-Kummissjoni pprovdiet viżjoni komprensiva biex l-ekonomija Ewropea ssir aktar moderna, kompetittiva u reżiljenti, kif ukoll soċjalment aktar ġusta għall-Ewropej kollha, u li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. L-UE ser ikollha tkompli tassumi t-tmexxija tagħha tal-azzjoni klimatika u tagħmel pressjoni għal aktar ambizzjoni globali wara l-2030 minn pajjiżi madwar id-dinja kollha li huma l-ikbar niġġiesa. F'dan il-kuntest, aktar tisħiħ globali ambizzjuż bħala rispons għall-impatti tat-tibdil fil-klima ser jibqgħu importanti fuq l-aġenda. L-UE ser tkompli tikkopera f'fora internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

Enerġija nadifa u mobbiltà ta' emissjoni baxxa jew żero, ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' karbonju, il-bijoekonomija u l-katini ta' produzzjoni sostenibbli, il-bidla fl-imġiba, politiki antiċipatorji għal tranżizzjoni ġusta, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva/imġiba kummerċjali responsabbli, finanzjamenti innovattivi u sostenibbli, sħubijiet pubbliċi-privati, l-akkwist ekoloġiku, it-tassazzjoni riformata (pereżempju t-tassazzjoni tal-użu tar-riżorsi u t-tniġġis), l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni ekoloġika, l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda, ir-riċerka u l-innovazzjoni, soċjetajiet reżiljenti, il-multilateraliżmu, l-użu ta' prodotti u servizzi ambjentali.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

Investiment pubbliku u privat insuffiċjenti, l-instabbiltà ġeopolitika u theddid għas-sigurtà, ir-ritorn għal protezzjoniżmu ekonomiku madwar id-dinja, l-inugwaljanzi soċjali, iż-żieda fil-konsum tal-enerġija u l-impatt ambjentali negattiv immexxija mid-diġitalizzazzjoni, komplew il-qerda tal-ekosistemi u l-bijodiversità, b'tibdil bil-mod fl-ambjent regolatorju.


PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



L-Alleanza Globali kontra t-Tibdil fil-Klima (GCCA+) tal-UE għandha l-għan li ssaħħa id-djalogu politiku u l-appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima.



L-awtoritajiet lokali huma l-ixprunaturi ewlenin tal-għieda kontra t-tibdil fil-klima fil-livell ta' governanza li huwa l-eqreb taċ-ċittadini. Il-Patt tas-Sindki tal-UE għall-klima & tal-enerġija jlaqqa' flimkien eluf ta' gvernijiet lokali li taw impenn b'mod volontarju biex jimplimentaw l-oġettivi tal-klima u l-enerġija tal-UE. Dan ikkontribwixxa wkoll b'mod sinifikanti biex titqajjem kuxjenza fil-livell lokali dwar il-ħtieġa li jħejju għall-impatti tat-tibdil fil-klima, b'azzjoni lokali għal adattament u reżiljenza bi rwol kruċjali għall-protezzjoni tal-persuni u l-assi tagħhom.



Franza għamlitha obligatorja għall-muniċipalitajiet b'aktar minn 20,000 abitant (li jkopru 90 % tal-popolazzjoni ta' Franza) biex jadottaw pjanijiet lokali dwar il-klima, li għandhom jinkludu taqsimiet dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament. Fl-2018, madwar 75 % tal-muniċipalitajiet Franċiżi kienu żviluppaw pjanijiet ta' mitigazzjoni lokali u madwar 55 % kienu żviluppaw pjanijiet ta' adattament lokali. Dawn ir-rati huma 2 sa 5 darbiet ogħla f'pajjiżi fejn ma jeżisti l-ebda regolament nazzjonali bħal dan.



Impjant tal-elettriku ġeotermiku f'Prelog, il-Kroazja, se jkun jista' jagħmlu użu sħiħ mill-kontenut ta' enerġija ġeotermali tal-ilma mielaħ: is-sħana tal-ilma termali u tal-enerġija li tkun tinsab f'gassijiet akwiferi, bħall-metan, maħlul fil-ilma, li jagħmilha kważi 100 % ħielsa mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Dan jista' jservi bħala mudell għal aktar sfruttament sostenibbli tar-riżorsi ġeotermali, b'replika ta' opportunitajiet fl-Ewropa u mad-dinja kollha.



Hydrogen Breakthrough Ironmaking Technology (HYBRIT) hija inizjattiva li tnediet fl-2016 minn tliet kumpaniji Żvediżi kbar. Hi trid twaqqaf il-proċess tal-produzzjoni tal-ħadid mal-emissjonijiet tal-gassijiet serra qrib iż-żero, li fihom l-ossiġenu minn mineral tal-ħadid jitneħħa bl-użu ta' gass idroġenu minflok kokk (mill-faħam).



Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa inizjattiva tal-UE li sal-2020 jista' jiddedika aktar minn EUR 40 miljun biex jistabbilixxi opportunitajiet ta' volontarjat iffokat fuq il-komunità għaż-żgħażaġh fl-oqsma tal-azzjoni klimatika u tal-ambjent. Eżempju wieħed huwa l-Proġett Vänner Vänö fil-Finlandja, li ppermetta liż-żgħażaġh Taljani biex jikkontribwixxu għas-sostenibilità u soluzzjonijiet favur l-ambjent tal-pajsaġġ kulturali tal-Arċipelagu ta' Turku, biex b'hekk jingħata kontribut pożittiv għall-azzjoni klimatika.



Jiġu kkonservati u użati b'mod sostenibbli l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi marini għall-iżvilupp sostenibbli

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

23 minn 28 Stat Membru tal-UE għandhom kosta. Il-kosta tal-UE hija 7 darbiet itwal minn tal-Istati Uniti u 4 darbiet itwal minn ta' Russja. Inklużi r-reġjuni mbiegħda, l-UE għandha l-ikbar territorju marittimu fid-dinja. L-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha jikkondividu erba' reġjuni marittimi ewlenin: Il-Baħar Baltiku, il-Baħar Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-Oċean Atlantiku tal-Grigal, bl-alterazzjoni fil-ħabitat, is-sajd żejjed, it-tniġġis u l-aċidifikazzjoni fost l-aktar fatturi importanti li jaffettwaw l-istatus ambjentali tagħhom. L-ilmijiet kostali Ewropej huma mkejla biex ikunu ta' kwalità għolja ħafna għall-għawm, iżda inkwinanti organiċi u kimiċi minn attivitajiet tal-bniedem kif ukoll l-iskart fil-baħar, ikomplu joħlqu theddida serja għall-ekosistemi marittimi tal-Ewropa: kmieni fl-2018, kienu biss 40 sa 58 % tal-ilmijiet kostali tal-UE li kienu fi status kimiku tajjeb. Il-politika ambjentali tal-UE, inkluża d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima ewlenija tagħha, il-liġi u l-politika marittima integrata tagħha jipprovdu qafas għal approċċ olistiku għal dawn il-problemi. Qed jiġu proposti regoli ġodda għall-UE kollha biex jimmiraw l-aktar 10 prodotti tal-plastik li jintużaw darba li nstabu fuq ix-xtajtiet tal-Ewropa, kif ukoll irkaptu tas-sajd mitluf jew abbandunat, li flimkien jikkostitwixxu 70 % tal-każijiet kollha ta' skart fil-baħar. Ir-regoli l-ġodda se jqiegħdu lill-Ewropa fuq quddiem nett fi kwistjoni b'implikazzjonijiet globali. L-UE qed tappoġġa l-konservazzjoni ta' żoni kostali u tal-baħar globalment. L-aġenda ta' governanza internazzjonali tal-oċeani tal-UE, għall-futur tal-oċeani tagħna stabbilit qafas ġenerali għat-tiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani biex jiġi żgurat li l-oċeani huma bla periklu, siguri, nodfa, li jintużaw b'mod legali u sostenibbli. Barra minn hekk, il-ftehimiet kummerċjali u ta' investment tal-UE jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-ġestjoni sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali, bħalma huma l-bijodiversità marittima u s-sajd. Il-programm Copernicus għall-osservazzjoni tad-dinja tal-UE qiegħda wkoll tagħti r-riżultati dwar prodotti tal-monitoraġġ tal-oċeani sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ilma.



IX-XEJRIET EWLENIN

- Bejn l-2012 u tmiem l-2016, il-kopertura ta' żoni protetti tal-**baħar fl-Ewropa** kważi rdoppjat (minn 6 % għal 10.8 % ta' wiċċ il-baħar tal-UE) u dan qed ikompli jżied grazzi primarjament għan-netwerk tal-baħar tal-UE "Natura 2000". Fl-2016, tliet reġjuni Ewropej qabżu 10 % tal-mira Aichi dwar id-diversità bijoloġika (il-Baħar Baltiku, il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed) u fl-Oċean Atlantiku tal-Grigal kien viċin ħafna tal-mira (9.9 %).
- L-istatus ta' konservazzjoni tal-maġġoranza l-kbira ta' ħabitats marittimi u speċi individwali mhuwiex favorevoli skont l-aħħar valutazzjoni disponibbli. Mill-1988 'l hawn hemm żieda konsistenti u allarmanti fl-aċidità tal-oċeani. Mill-2008 sar progress sinifikanti fid-definizzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-istatus ambjentali tajjeb tal-ambjent tal-baħar li huwa prerekwiżit biex jitkejjel il-progress lejn l-ilħuq ta' oċeani u ibħra nodfa u f'saħħithom.
- Is-sostenibbiltà tas-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, fejn joriġina 75 % tal-qbid tal-UE, tjebet. L-għadd ta' stokkijiet ta' ħut kummerċjalment importanti maqbuda f'livelli sostenibbli żdied minn 34 % fl-2007 għal 60 % fl-2015. Is-sajd fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed mhux qed jagħmel progress lejn is-sostenibbiltà bl-istess rata. Fil-Baħar Mediterran, aktar minn 80 % tal-istokkijiet huma sfruttati żejjed.
- Fl-UE, l-ekonomija blu hija darbtejn punt ħamsa tal-ekonomiji ajrunawtiċi u tad-difiża tagħha flimkien. **Din tiġġenera fatturat ta' EUR 566 biljun kull sena (7.2 % aktar milli fl-2009) u timpjega 3.5 miljun persuna (5 % aktar milli fl-2014), li jirrappreżentaw żieda ta' 7.2 % u 2 % rispettivament meta mqabbel mal-2009.** F'bosta Stati Membri tal-UE, l-ekonomija blu kibret b'rata iktar mghāġġla mill-ekonomija nazzjonali. Ir-Renju Unit, Spanja, l-Italja, Franza u l-Greċja għandhom l-akbar ekonomiji blu tal-Ewropa.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), erba' Stati Membri tal-UE għandhom punteġġ ta' 60 jew aktar minn 100 għall-SDG 14. 5 Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha. B'mod ġenerali, din hija l-inqas klassifikazzjoni SDG għall-Istati Membri tal-UE, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-UE ser tibqa' attiva fit-tfassil tal-governanza internazzjonali tal-oċeani f'fora internazzjonali rilevanti kollha u b'mod bilaterali ma' msieħba ewlenin globali, peress li madwar 60 % tal-oċeani huma barra l-fruntieri ta' ġurisdizzjoni nazzjonali. Jinħtieġu sforzi addizzjonali f'kooperazzjoni transsettorjali u transfruntiera, speċjalment fuq livell reġjonali, sabiex jindirizzaw l-isfidi eżistenti u emerġenti. Il-momentum se jintensifika mal-introduzzjoni tad-deċennju dwar ix-xjenza tal-oċeani tan-NU tal-2021–2030, fejn l-UE hija involuta b'mod attiv. L-UE ser tkompli tippromwovi l-ħolqien ta' żoni protetti kif ukoll tal-ġestjoni effettiva u bbażata fuq ix-xjenza. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jinkiseb sajd sostenibbli, b'mod partikolari fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. It-tniġġis tal-baħar, inklużi plastik, l-istorbju u nutrijenti mill-agrikoltura, se jibqgħu problema. Id-dħul ta' fdalijiet tal-plastik lejn l-oċean jista' jonqos maż-żmien, iżdal-plastik ġa preżenti fl-oċeani se jibqa' jikkawża impatti negattivi. Hija meħtieġa azzjoni mtejbja biex jitnaqqas ir-rimi ta' skart iġġenerat mill-bastimenti u forom oħra ta' tniġġis, b'mod partikolari nutrijenti u l-istorbju. L-ekonomija blu fl-Ewropa se tkompli tiffjorixxi. Huwa stmat li, sal-2030, l-ekonomija blu globali tista' tirdoppja fid-daqs. Għall-Ewropa dan ifisser 10.8 miljun impjeg u aktar minn EUR 1 triljun ta' dħul mill-bejgħ. L-ilmijiet tal-UE kollha se jkunu koperti minn pjanijiet spazjali marittimu bbażat fuq l-ekosistema sal-2021.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

Governanza tal-oċean internazzjonali u reġjonali, bidla fl-imġiba, l-involviment tas-soċjetà u tal-politika parteċipattiva, il-big data, l-osservazzjoni tad-dinja, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji ta' taħt l-ilma u dawk ġodda (eż. xjenza molekulari), riċerka u innovazzjoni, responsabbiltà soċjali korporattiva/kondotta responsabbli tan-negozju, il-finanzjament kollettiv u forom oħra ta' finanzjament innovattiv, finanzi sostenibbli, is-sħubijiet pubbliċi-privati, l-akkwist ekoloġiku, it-tassazzjoni riformata (pereżempju t-tassazzjoni tal-użu tar-riżorsi u t-tniġġis), l-internet tal-oġġetti, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-ekonomija kollaborattiva u ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

Id-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima, it-tniġġis, it-turiżmu irresponsabbli, is-sajd żejjed, is-sajd illegali, is-sajd mhux irrappurtat u mhux irregolat, l-inugwaljanzi soċjali.


PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



L-Alleanza tar-Riċerka tal-Oċean Transatlantiku, li tnediet fl-2017, hija kollaborazzjoni bejn l-UE, il-Brażil u l-Afrika t'Isfel u timmira li tapprofondixxi l-għarfien xjentifiku dwar l-ekosistemi tal-baħar u l-interrelazzjonijiet mal-oċeani, it-tibdil fil-klima, u l-ikel.



L-UE, l-Istati Membri tagħha u l-imsieħba jaħdmu fuq sett konkret ta' miżuri biex jinkiseb ambjent tal-baħar b'saħħu u produttiv għall-Baħar Baltiku, il-Grigal tal-Atlantiku u l-Baħar Mediterran sal-2020, abbażi tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni. Barra minn hekk, l-UE tippromwovi inizzjattivi reġjonali ambizzjużi komplementari dwar pressjonijiet individwali, bħall-impenn tal-2017 biex jitnaqqsu 80 % tal-emissjonijiet ta' NOx minn bastimenti li joperaw fil-Baħar Baltiku sabiex tiġi miġġielda l-problema tal-ewtrofikazzjoni fir-reġjun.



Riċentement, Franza nnominat żoni protetti tal-baħar ġodda. Fosthom, l-akbar sit marin "Natura 2000" l hekk imsemmi "Mers Celtiques - Talus du golfe de Gascogne", b'daq ta' aktar minn 62 320 km², se joffri protezzjoni tal-ħabitats tal-iskollijiet u għal speċijiet tal-baħar mobbli, id-denfil iswed u d-denfil geddumu qasir.



Il-proġett "Clean Archipelago" hija sħubija pubblika-privata li tinvolvi diversi partijiet ikkonċernati mmexxija mir-Reġjun tat-Toskana fl-Italja, f'kooperazzjoni mal-Ministeru Taljan tal-Ambjent, Unicoop Firenze u assoċjazzjonijiet oħra. Tnieda f'April 2018, f'kollaborazzjoni b'10 dgħajjes minn assoċjazzjoni kooperattiva tas-sajjeda. Il-proġett jistinka biex inaddaf il-baħar mill-iskart. Is-sħubija għandha l-għan li toffri inċentivi ekonomiċi biex is-sajjeda jiġbru l-plastik mistad u jġibuh f'punti ta' ġbir ġewwa l-portijiet. Il-plastik mistad imbagħad jiġi riċiklat.



"Fish Forward", proġett immexxi mill-WWF tal-Awstrija, ilaqqa' flimkien 17-il parti msieħba li jaħdmu flimkien mal-konsumaturi, is-settur korporattiv u l-istituzzjonijiet governattivi sabiex jappoġġaw il-produzzjoni u l-konsum ta' frott tal-baħar li jkun soċjalment ġust u intelliġenti b'rispett għall-klima. Dan jiżgura l-ġestjoni responsabbli tas-sajd u t-traċċabilità li jikkontribwixxi għall-użu sostenibbli tal-oċeani u r-riżorsi tal-baħar.



Jitħarsu, jiġu restawrati u jiġi promoss l-użu sostenibbli tal-ekosistemi terrestri, jiġu ġestiti b'mod sostenibbli l-foresti, tiġi miġġielda d-deżertifikazzjoni, u titwaqqaf u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-art u jitwaqqaf it-telfien tal-bijodiversità

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

Inkiseb progress sinifikanti fit-tisħiħ tal-oqfsa ta' politika u tal-bażi tal-għarfien skont il-leġislazzjoni dwar in-natura tal-UE u l-istrateġija għall-bijodiversità tal-UE 2020. Wara sekli ta' telf u degradazzjoni tal-foresti, illum il-foresti tal-Ewropa rkupraw biex ikopru aktar minn 40 % tat-territorju tal-UE, iżda jeħtieġ li jtejbu l-istatus ta' konservazzjoni tagħhom. Ir-riżorsi naturali jistabbilixxu l-limiti ekoloġiċi għas-sistemi soċjoekonomiċi tagħna ("limiti tal-pjaneta"). Rapporti reċenti mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi juru b'mod ċar l-effetti persistenti u devastanti fuq is-soċjetajiet tal-bniedem kemm mid-degradazzjoni tal-art u t-telf tal-bijodiversità. Minkejja l-progress li sar, il-pessjonijiet fuq il-kapital naturali tal-Ewropa u globali li jirriżultaw minn xejriet ta' konsum u ta' produzzjoni tagħna għadhom għoljin u x'aktarx li jkomplu jikbru. Il-qbiż tal-limiti tal-pjaneta jhedded li jdgħajjef jew saħansitra jreġġa' lura l-avvanzi tal-istandards tal-għajxien. Fil-livell internazzjonali, l-UE tuża din l-aġenda ta' politika esterna biex tkompli tiżviluppa din l-aġenda. Hi tappoġġa b'mod attiv ftehimiet ambjentali multilaterali, tħeġġeġ bidla fil-politika f'pajjiżi sħab, tippromwovi r-responsabbiltà soċjali korporattiva/imġiba kummerċjali responsabbli u tintegra t-tħassib ambjentali fl-azzjonijiet kollha.



IX-XEJRIET EWLENIN

- L-għadd ta' siti protetti skont in-netwerk "Natura 2000" żdied, u anki l-miżuri ta' konservazzjoni meħuda għal dawn is-siti, li issa ġew irrappurtati għal kważi 70 % minnhom (2018). Fl-2017, l-UE kienet ipproteġiet 'il fuq minn 790 000 km² ta' habitats terrestri, li jkopri 18.2 % taż-żona terrestri tal-UE. L-Istati Membri bl-ogħla perċentwali ta' żoni protetti jinkludu s-Slovenja (37.9 %), il-Kroazja (36.6 %) u l-Bulgarija (34.5 %).
- Ir-rapport dwar l-Istat tan-Natura tal-UE dwar l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u l-habitats ta' interess Ewropew juri li bosta speċijiet u habitats mhumiex fi stat ta' konservazzjoni favorevoli. Madwar l-UE huma biss 23 % tal-ispeċijiet ivvalutati u 16% tal-habitats ivvalutati li huma fi status favorevoli fl-2012 filwaqt li 52 % biss tal-ispeċijiet tal-għasafar kienu fi status sigur. B'mod aktar ġenerali, ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija tal-bijodiversità 2020 kkonferma li t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema fl-UE komplew.
- Fl-2015, **il-foresti** koprew 41.9 % tal-erja totali tal-art tal-UE. Is-sehem tal-UE ta' foresti bi proporzjon mal-erja tal-art totali żdied ftit b'2.6 % bejn l-2009 u l-2015.
- Ir-Rapport dwar l-Istat tal-Ambjent 2015 (tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)) enfasizza l-qagħda mwiegħra ta' tal-ħamrija fl-Ewropa. L-isforzi biex tiġi indirizzata u mtaffija l-erożjoni tal-ħamrija mill-ilma ġġeneraw xi riżultati pożittivi: bl-integrazzjoni tal-impatt potenzjali ta' miżuri tal-politika agrikola komuni fuq l-erożjoni tal-ħamrija, iż-żoni stmati li huma f'riskju tal-erożjoni tal-ħamrija bl-ilma tnaqqsu b'14 % fl-UE bejn l-2000 u l-2012. Madankollu, minkejja l-isforzi biex jiġi limitat is-siġillar tal-ħamrija, il-konverżjoni tal-art f'żoni artifiċjali fl-UE aċċellerat matul is-snin, bi tkabbir mill-2012 sa l-2015 ikun ta' madwar 6 % oġġla mill-2009 sal-2012. Barra minn hekk, 45 % taż-żona tal-agrikoltura tal-UE hija kkaratterizzata minn ħamrija fqira f'termini ta' kontenut organiku (li taffettwa l-fertilità tal-ħamrija u l-bijodiversità).



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 19-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 70 jew aktar minn 100 għall-SDG 15. 14 Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

Il-valutazzjonijiet globali u Ewropej attwali juru x-xejriet kontinwi lejn it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistema tal-art u b'konsegwenzi negattivi fuq is-servizzi tal-ekosistema (l-ikel, l-ilma, il-materjali, l-enerġija, eċċ.), u b'hekk jhedded il-prestazzjoni ekonomika tal-Ewropa u l-benesseri. L-isforzi rigward l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tan-natura tal-UE jeħtieġ li jiżdiedu b'mod konsiderevoli biex jiġi żgurat li sal-2030, l-UE ser tkun tejbet b'mod sostanzjali l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċi u l-habitats ta' interess għall-UE protetti skont ir-regoli dwar l-għasafar u l-habitats. Il-veloċità tal-irkupru tal-bijodiversità tal-foresti għandha tissaħħaħ ukoll. L-UE ser ikollha taqdi rwol importanti fil-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika f'Beijing, iċ-Ċina fi tmiem l-2020, li hija mistennija li tadotta qafas globali ġdid għall-bijodiversità wara l-2020 biex jiġi evitat it-telfien globali tal-bijodiversità.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATORI POŻITTIVI

Bidla fl-imġiba, l-involviment tas-soċjetà u tal-politika parteċipattiva, il-perssjoni tas-soċjetà għal ktajjen ta' produzzjoni sostenibbli (l-agroekoloġija, il-biedja organika), ir-responsabbiltà soċjali korporattiva/kondotta responsabbli tan-negozju, il-finanzjament kollettiv u forom oħra ta' finanzjament innovattiv, finanzjament sostenibbli, is-sħubijiet pubbliċi-privati, l-akkwist ekoloġiku, l-użu aktar mifrux ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, it-tassazzjoni riformata (pereżempju t-tassazzjoni tal-użu tar-riżorsi u t-tniġġis), l-edukazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda, ir-riċerka u l-innovazzjoni, ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju kollaborattiva u ċirkolari, soċjetajiet reżiljenti, il-multilateraliżmu, il-kummerċ miftuħ u ġust, it-turiżmu sostenibbli.



RISKJI/XPRUNATORI NEGATTIVI


Id-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima, ix-xettiċiżmu ambjentali u bidliet relatati fl-orjentazzjoni tal-politika, ippjanar mhux fit-tul, ir-reżistenza għal bidla f'sistema tal-produzzjoni tal-ikel, livell baxx ta' investiment pubbliku u privat, l-instabbiltà ġeopolitika u theddid għas-sigurtà, l-inugwaljanzi soċjali.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Fil-livell tal-UE

L-UE adottat pjan ta' azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija fl-2017. Il-pjan għandu l-għan li jaċċellera l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE u l-progress lejn il-mira tal-UE 2020 li jitwaqqaf u jitreggħa' lura t-telfien tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema u biex jittieħed kont aħjar tal-oġġettivi soċjoekonomiċi. Dan għe kkomplementat minn inizzjattiva biex jiġi indirzzat it-tnaqqis tal-pollinaturi fl-UE u jikkontribwixxi għall-isforzi ta' konservazzjoni globali.



Fil-livell ta' Stat Membru

Il-liġi Franċiża riċenti "Irkupru tal-Bijodiversità, tan-Natura u l-Pajsaġġi" stabbilixxiet Aġenzija ġdida Franċiża għall-Bijodiversità. Il-pjan tal-bijodiversità tal-4 ta' Lulju 2018 jenfasizza l-importanza li jiġu indirzzati flimkien l-isfidi tat-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità u jinkludi miri ġodda biex ma jkun hemm ebda teħid nett tal-art, oħrajn dwar iż-żoni urbani ekoloġiċi, l-agroekoloġija u l-protezzjoni tal-ħamrija, kif ukoll azzjonijiet relatati ma' pagamenti għal servizzi ambjentali, il-pollinaturi u r-restawr tal-ekosistema.



Fil-livell reġjonali/lokali

Fil-Ġermanja, l-Istat ta' Baden Württemberg żied il-finanzjament għall-konservazzjoni tan-natura minn EUR 30 miljun għal EUR 90 miljun f'10 snin. Id-deżinjazzjoni ta' parks nazzjonali, u r-restawr tal-ekosistema jipprovdu benefiċċji għall-bdiewa u l-ekonomija, inkluż il-ħolqien ta' negozji ġodda ta' karti għall-ippakkjar minn bwar b'bijodiversità għolja, u għas-settur tat-turiżmu ambjentali.



Fil-livell ta' kumpanija

59 bidwi Awstrijak, SPAR u WWF bnew alleanza b'saħħitha fil-proġett "Ħamrija b'Saħħitha għal Ikel Bnin" ("Healthy Soil for Healthy Food"). Billi jiggarrantixxi l-bejgħ tal-ħxejjex li jiġu prodotti u l-ħlas ta' bonus ta' EUR 30 għal kull tunnellata ta' CO² maħżun fil-ħamrija lill-bdiewa, SPAR jistimula l-prattiki tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija. Il-kampjuni tal-ħamrija huma użati biex jimmonitorjaw l-effettività tal-proġett.



Fil-livell tas-soċjetà ċivili

Is-Soċjetà Ornitoloġika Ellenika, WWF il-Greċja, is-Soċjetà Bulgara għall-Ħarsien tal-Għasafar u r-Royal Society for the Protection of Birds ingħaqdu biex jitwaqqaf it-tnaqqis tal-popolazzjoni tal-avultuni fil-Balkani. Huma wessgħu l-approċċ transfruntier tagħhom għal pajjiżi oħrajn tul ir-rotta tal-ajru tal-ispeċi.



Jiġu promossi soċjetajiet paċifiċi u inklużivi għall-iżvilupp sostenibbli, jingħata aċċess għall-ġustizzja lil kulħadd u jinbnew istituzzjonijiet effettivi, responsabbli u inklużivi fil-livelli kollha

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

L-UE kienet waħda mill-aktar proġetti ta' paċi ta' suċċess fid-dinja. Taħt il-gwida tat-Trattati Ewropej, iffirmit għall-ewwel darba fl-1957, l-UE tista' tħares lura lejn 60 sena ta' paċi, demokrazija u solidarjetà. Fl-2012, l-UE ngħatat il-premju nobel għall-paċi talli mexxiet 'il quddiem il-kawżi tal-paċi, tar-rikonċiljazzjoni, tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa. Il-promozzjoni u d-difiża tal-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali tal-UE huma prijorità ewlenija għall-UE, kemm internament kif ukoll fir-relazzjonijiet esterni tagħha. Sistemi ġudizzjarji effettivi għandhom rwol kruċjali f'dan ir-rigward. Dawn jiżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom u n-negozji jibbenefikaw minn ċertezza legali u ambjent favorevoli għall-investiment fis-suq uniku. L-UE qiegħda tkegħeġ lill-Istati Membri sabiex itejbu l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom, inkluż permezz ta' monitoraġġ effikaċi permezz tas-Semestru Ewropew u t-tabella ta' valutazzjoni tal-ġustizzja tal-UE. B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni tiżgura r-rispett tal-istat tad-dritt u tal-valuri fundamentali l-oħra kollha tal-UE ta' għodda u strumenti għad-dispożizzjoni tagħha. Waħda mill-isfidi għas-soċjetajiet Ewropej hija l-korruzzjoni, li xxekkel il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi u ddgħajef ir-responsabbiltà lejn it-tmexxija politika. Il-Kummissjoni għandha mandat politiku biex tissorvelja l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u biex timplimenta politika komprensiva tal-UE kontra l-korruzzjoni. Fuq in-naħa esterna, l-UE tikkontribwixxi għall-paċi internazzjonali u tgħin lill-pajjiżi sħab biex jindirizzaw sitwazzjonijiet fraġli, jistabbilixxu istituzzjonijiet responsabbli u trasparenti, u jrawmu teħid tad-deċiżjonijiet parteċipatorju u tiżgura proċessi elettorali inklużivi u kredibbli permezz tal-politika barranija u ta' sigurtà tagħha. Id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni huma fil-qalba tal-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp. Permezz tat-tkabbir u tal-politiki tal-viċinat hija tkompli tikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà. B'mod partikolari, l-UE attivament tippromwovi u tassisti pajjiżi kandidati tal-UE fuq it-twassil fuq l-istat tad-dritt, ir-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, is-sigurtà, id-drittijiet fundamentali u l-istituzzjonijiet demokratiċi.



IX-XEJRIET EWLENIN

- Il-perċezzjoni tan-nies tal-kriminalità, tal-vjolenza jew tal-vandaliżmu tjiebet; fl-2016, 13.0 % tal-popolazzjoni Ewropea ħassitha affettwata minn dawn il-kwistjonijiet, 2.9 punti perċentwali inqas mill-2007.
- It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2018 turi li meta titqabbel mal-2010, l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri tjiebet jew baqgħet stabbli fi kważi l-Istati Membri kollha, bi ftit eċċezzjonijiet. Madankollu, il-proċeduri ċivili u kummerċjali għadhom twal ħafna f'diversi Stati Membri.
- In-nefqa tal-gvern ġenerali tal-UE fuq il-qrati tal-ġustizzja żdiedet b'aktar minn 11 % fl-2016–2007 u laħqet ftit aktar minn EUR 50 biljun fl-2016. Din ir-rata ta' tkabbir kienet ftit inqas mit-tkabbir tal-PDG.
- Fl-2018, 56 % tal-abitanti tal-UE kklassifikaw **l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin** f'pajjiżhom bħala "tajba ħafna" jew "pjuttost tajba", li hija żieda ta' erba' punti perċentwali meta mqabbla mal-2016.
- Skont l-Indiċi tal-Perċezzjonijiet tal-Korruzzjoni **maħruġa** minn Transparency International, l-Istati Membri tal-UE jkomplu jikklassifikaw fost dawk l-inqas korrotti fid-dinja fl-2017 u fformaw nofs l-20 pajjiż ewlenin globali l-inqas korrotti.
- Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'xi Stati Membri tagħti lok għal tħassib, li huwa indirizzat minn firxa ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE.



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), 19-il Stat Membru tal-UE għandhom punteġġ ta' 70 jew aktar minn 100 għall-SDG 16. Disa' Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-UE qed tkompli tesperjenza triq paċifika. Permezz tat-tkabbir u tal-politiki tal-viċinat hija tkompli tikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà. L-UE tippromwovi attivament u tassisti wkoll pajjiżi kandidati tal-UE biex jirnexxu fejn jidħol l-istat tad-dritt, ir-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, is-sigurtà, id-drittijiet fundamentali u l-istituzzjonijiet demokratiċi. Ir-relazzjonijiet barranin tal-UE u l-politika tal-iżvilupp jikkontribwixxu wkoll għall-paċi f'partijiet oħra tad-dinja. Barra minn hekk, L-UE tkompli tippromwovi u tiddefendi l-istat tad-dritt fost l-Istati Membri tagħha stess. Jeħtieġ li jsir aktar biex titjeb l-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali f'ċerti Stati Membri. Fil-livell internazzjonali, kien hemm xejra lejn sistemi awtoritarji ta' governanza f'għadd ta' pajjiżi. Il-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt għalhekk se jibqgħu prijorità ewlenija għall-UE, kemm fir-relazzjonijiet interni u f'dawk esterni tagħha. L-UE ser tkompli taħdem lejn it-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja, tiġġieled il-frodi, l-kriminalità u tindirizza t-theddid għas-sigurtà li qed jevolvi billi ssaħħa ulterjorment il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE u se tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

Valuri kulturali b'konformità mar-rispett tad-drittijiet fundamentali, l-involviment tas-soċjetà u tal-politika parteċipattiva, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva/kondotta responsabbli tan-negozju, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda, ir-riċerka u l-innovazzjoni, infrastruttura reżiljenti u soċjetajiet, il-multilateraliżmu, il-kummerċ miftuħ u ġust, l-ġhajjnuna għall-iżvilupp.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

L-instabbiltà ġeopolitika u t-theddid għas-sigurtà, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, il-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni, ir-ritorn għal protezzjoniżmu ekonomiku madwar id-dinja, in-nuqqas ta' kooperazzjoni internazzjonali, l-isfidi tal-istat tad-dritt, il-populiżmu, l-inugwaljanzi soċjali.

PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



Ir-regoli tal-UE tal-2017 dwar il-minerali ta' kunflitt jistabbilixxu l-obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-UE tal-landa, it-tantalju, it-tungstenu u d-deheb, sabiex jiżguraw li dawn ikunu derivati b'mod responsabbli mingħajr direttament jew indirettament jiffinanzjaw kunflitti armati jew li jwasslu għal abbużi tad-drittijiet tal-bniedem f'żoni affettwati minn kunflitti u f'żoni ta' riskju għoli.



Fl-2017, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ġie stabbilit bħala uffiċċju tal-prosekuzzjoni Ewropew indipendenti bis-setgħa li jinvestiga u jipprosekwixxi r-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. Wara l-fażi ta' żvilupp ta' tliet snin, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huwa maħsub li jkun jista' jibda l-funzjonijiet tiegħu fi tmiem l-2020. Dan ikun titjib deċiżiv fil-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u reati oħra kontra l-baġit tal-UE.



Il-liġi Franċiża tal-2017 dwar id-dmir ta' viġilanza toħloq responsabbiltà għall-kumpaniji biex jimplementaw miżuri li jiżguraw li s-sussidjarji tagħhom, il-fornituri u sottokuntratturi madwar id-dinja jirrispettaw Prattiki etiċi, soċjali u ambjentali tajbin. L-għan tal-liġi huwa li titqajjem kuxjenza fost l-intrapriżi dwar ir-rwol tagħhom għall-prevenzjoni ta' traġedji fi Franza u barra mill-pajjiż, u biex jiżguraw li l-vittmi jirċievu kumpens għal kwalunkwe ħsara kkawżata minn ksur ta' dazju ġdid tal-kumpaniji biex jimplementaw pjanijiet ta' viġilanza. Hija tapplika għall-kumpaniji b'aktar minn 5,000 impjegat li għandhom il-kwartieri ġenerali fi Franza, jew lill-kumpaniji b'aktar minn 10,000 impjegat li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż.



Fl-2011, il-kumpanija tat-tbaħħir tal-kontejners Daniżi Maersk Line kienet fost il-fundaturi marittimi tan-netwerk kontra l-korruzzjoni. Din s-sħubija multisettorjali tikkonsisti minn kumpaniji ta' sidien ta' bastimenti, sidien ta' merkanzija u fornituri ta' servizzi li jikkollaboraw mal-partijiet interessati ewlenin, inklużi l-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, biex jidentifikaw u jtaffu l-kawżi ta' korruzzjoni fl-industrija marittima.



Fis-Slovakkja, il-gvern jippromwovi l-involviment tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-ħolqien, l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-politiki pubbliċi f'diversi oqsma. Fil-qasam tal-politika ambjentali, hemm fis-seħħ 'Tripartit Ekoloġiku' ('Green Tripartite') biex iwassal is-suġġerimenti u l-kummenti ta' atturi mhux governattivi fil-proċess tat-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni.



Jissaħħu l-mezzi ta' implimentazzjoni tas-Sħubija Globali għall-Iżvilupp Sostenibbli u li din tiġi rivitalizzata

L-UNJONI EWROPEA LLUM



STAMPA/ĦARSA ĠENERALI KWALITATTIVA

L-SDGs huma dimensjoni trasversali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà tal-UE, li tistabbilixxi viżjoni għal impenn konġunt tal-UE fid-dinja. Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jipprovdi qafas għal approċċ komuni għall-politika tal-iżvilupp għall-UE u l-Istati Membri bbażata fuq l-SDGs. Abbażi tal-prinċipju ta' koerenza fil-politika għall-iżvilupp, l-UE għandha l-għan li timmassimizza l-koerenza u tibni sinerġiji bejn il-politiki differenti tagħha biex tappoġġa pajjiżi sħab biex jintlaħqu l-SDGs. Illum, l-UE hija l-akbar fornitur dinji ta' għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp. Matul l-aħħar għaxar snin, kien hemm bidla fil-bilanċ tar-rwoli, minn dak ta' donatur u benefiċjarju għal dak ta' sħubija aktar ugwali. Il-politika tat-tkabbir tal-UE u l-politika Ewropea tal-viceinat riveduta qed tiffoka fuq l-elementi fundamentali politiki u ekonomiċi, inkluż l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, u t-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, kompletament konsistenti mal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-impenn umanitarju tal-UE jinkludi ħidma fi sħubija mill-qrib ma' għadd kbir ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ta' żvilupp u umanitarji tan-NU u tas-soċjetà ċivili bil-għan li titħares id-dinjità tal-bniedem. Il-politika tal-kummerċ u tal-investment tal-UE hija bbażata fuq il-valuri, kif stabbilit fl-istrateġija kummerċ għal kulħadd, u hija mifruxa mal-SDGs kollha, għall-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tagħha. L-UE tibqa' sostenitur b'saħħitha ta' skema kontributorja universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, mhux diskriminatorja u ekwitabbli, mirfuda minn sistema kummerċjali multilaterali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), u qed taħdem b'mod attiv biex tippreserva u ssaħħa id-WTO fil-funzjonijiet kollha tagħha. L-UE taħdem ukoll mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, bħalma huma l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) biex tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, responsabbiltà soċjali korporattiva / imġieba tan-negozju responsabbli kif ukoll objettivi soċjali u ambjentali fil-politika kummerċjali tagħha. L-UE tippromwovi attivament l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGs fi ħdan il-G20. L-UE ssaħħa il-governanza fiskali u ekonomika tagħha stess permezz tas-semestru Ewropew tal-koordinament tal-politika, u b'hekk tikkontribwixxi għall-istabbiltà makroekonomika globali. Permezz tal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni tikkontribwixxi għal koerenza politika msaħħa.



IX-XEJRIET EWLENIN

- L-UE hija l-akbar fornitur ta' Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, u pprovdietvEUR 75.7 biljun fl-2017. Barra minn hekk, b'0.5 % fl-2017, il-proporzjon ġenerali tal-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp tal-UE/id-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) kien ferm ogħla minn daktal-biċċa l-kbira tad-donaturi oħra tal-OECD bħall-Kanada, il-Ġappun jew l-Istati Uniti. L-Iżvezja, id-Danimarka, il-Lussemburgu u r-Renju Unit laħqu l-mira li jonfq 0.7 % tad-dħul gross nazzjonali tagħhom f'għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (2017).
- Intensifikaw **ir-relazzjonijiet kummerċjali mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw**. L-esportazzjonijiet jistgħu joħolqu impjeġi domestiċi u jippermettu lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jiksbu munita barranija, li tista' tintuża għall-importazzjoni ta' merkanzija oħra meħtieġa. Importazzjonijiet tal-UE minn pajjiżi li qed jiżviluppaw żdiedu b'aktar mid-doppju, minn 2002 għal 2017.
- **Is-sehem tal-importazzjonijiet fl-UE mill-pajjiżi l-inqas żviluppati** żdied bejn l-2002 u l-2017. Madankollu, b'mod ġenerali, kważi l-50 pajjiż l-inqas żviluppati kienu jammontaw biss għal 2.0 % tal-importazzjonijiet kollha lejn l-UE fl-2017. Matul dawn l-aħħar snin, l-UE saħħet ir-rwol tagħha bħala s-suq ewlieni ta' esportazzjoni għall-pajjiżi l-inqas żviluppati: is-sehem tagħha tal-esportazzjonijiet tal-pajjiżi l-inqas żviluppati globali ta' merkanzija żdied minn 20.5 % fl-2012 għal kważi 25 % fl-2016, segwita miċ-Ċina (21 %) u l-Istati Uniti (8.2 %).

- Ghajjnuna lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp sabiex tingħata spinta lir-riżorsi domestiċi tagħhom hija kruċjali. L-approċċ tal-UE lejn appoġġ baġitarju lil pajjiżi sħab ġie aġġustat biex jippromwovi aħjar l-SDGs, biex jitjieb il-fokus tar-risultat tal-politiki tal-pajjiżi u biex jipprovdi bini ta' kapaċità, billi tiġi sostnuta iktar il-governanza mtejba u l-ġestjoni finanzjarja pubblika, inklużi l-miżuri kontra l-korruzzjoni.
- Il-bidla tal-piż tat-tassazzjoni minn wieħed fuq ix-xogħol għal wieħed fuq l-ambjent tista' tagħti spinta lill-impjiegi, tnaqqas l-inugwaljanzi u tillimita l-pressjonijiet fuq l-ambjent. Is-sehem tat-taxxi ambjentali fid-dħul mit-taxxi totali tal-UE baqa' kważi l-istess (6.8 % fl-2002 u 6.1 % fl-2017).



IL-KLASSIFIKAZZJONI GLOBALI

Skont l-Indiċi tal-SDGs globali u fuq ir-rapport tat-tabelli operattivi tal-2018 (Bertelsmann Stiftung and Sustainable Development Solutions Network), sitt Stati Membri tal-UE għandhom punteġġ ta' 70 jew aktar minn 100 għall-SDG 17. Tliet Stati Membri tal-UE huma fost l-aqwa 20 minn madwar id-dinja kollha.

L-UNJONI EWROPEA FL-2030



L-UE SKONT IT-TENDENZI ATTWALI/JEKK KOLLOX JIBQA' L-ISTESS

L-isfidi li l-Ewropa u d-dinja qed iħabbtu wiċċhom magħhom se jkunu iktar kumplessi, interkonnessi u aktar globali minn qatt qabel. Sħubiji globali dwar il-qerda tal-faqar u tal-SDGs l-oħra kollha ser ikunu indispensabbli. Fil-livell internazzjonali, l-UE għalhekk ser tkompli tippromwovi l-preservazzjoni u t-tiġid ta' ordni internazzjonali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha. Din hija kundizzjoni neċessarja biex tiżgura l-mezzi ta' implimentazzjoni. L-UE se tkompli tuża l-politika kummerċjali bbażata fuq il-valuri tagħha biex tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, inkluża r-responsabbiltà soċjali korporattiva/imġiba kummerċjali responsabbli, u se tkompli tappoġġa bil-qawwa l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Pereżempju, biex jitjiebu r-risultati bil-qsim tax-xogħol bl-aktar mod effiċjenti, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jużaw l-programmazzjoni konġunta u l-implimentazzjoni konġunta bħala mezz effettiv biex jiġu implimentati l-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' sħubijiet. Dan ifisser li huma jiddefinixxu flimkien liema donatur għandu jaħdem f'liema settur. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri ser ikomplu jżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, li hija qafas globali għall-finanzjament tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u li tenfasizza r-rwol tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. "Orizzont Ewropa", il-programm ta' riċerka u innovazzjoni li jmiss tal-UE (2021–2027), jenfasizza r-rwol ċentrali ta' kollaborazzjoni xjentifika internazzjonali biex jintlaħqu l-SDGs. L-UE tinsab f'pożizzjoni tajba fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-finanzjament għall-iżvilupp sal-2030. Fi ħdan l-UE, se jkunu promossi wkoll sħubijiet għal iżvilupp sostenibbli.



OPPORTUNITAJIET/XPRUNATURI POŻITTIVI

Involvement tas-soċjetà u politika parteċipattiva, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva/imġiba kummerċjali responsabbli, regolamentazzjoni aħjar, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, intelliġenza artifiċjali, teknoloġiji ġodda, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien u trasferiment ta' teknoloġija effettiv, l-osservazzjoni tad-dinja, l-edukazzjoni, il-volontarjat, il-finanzjament kollettiv u forom oħra ta' finanzjament innovattiv, finanzi sostenibbli, sħubijiet pubbliċi-privati, il-multilateraliżmu, il-kummerċ miftuħ u ġust, l-għajjnuna għall-iżvilupp.



RISKJI/XPRUNATURI NEGATTIVI

L-instabbiltà u t-theddid għas-sigurtà ġeopolitika, il-protezzjoniżmu ekonomiku, in-nuqqas ta' kooperazzjoni internazzjonali, l-immunar tal-istituzzjonijiet multilaterali eżistenti.


PUNTI PRINĊIPALI TAL-POLITIKA



L-UE hija involuta flimkien ma' msieħba oħra tal-G20 u Organizzazzjonijiet Internazzjonali f'Patt mal-Afrika tal-G20, bil-għan li tagħti spinta lill-investimenti fil-pajjiżi Afrikani parteċipanti. L-UE ser tappoġġa wkoll kooperazzjoni trijangulari - li huma sħubiji xprunati min-Nofsinhar bejn tnejn jew aktar pajjiżi li qed jiżviluppaw, appoġġati minn pajjiż żviluppat jew organizzazzjoni multilaterali, bħala għodda importanti biex jilhqqu lil pajjiżi li qed jiżviluppaw u partijiet ikkonċernati oħra.



Il-pjan ta' investment estern Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli ressqu 'l quddiem il-baġit tal-UE bħala garanzija biex jiftħu u jagħtu spinta fl-investimenti fl-Afrika u fil-viċinat tagħha. L-enfasi tagħhom huma pajjiżi fraġli, affettwati minn kunflitt u vjolenza, u l-pajjiżi l-anqas żviluppati li huma l-aktar fil-bżonn. Il-mira hi li jinkiseb investment privat u jiġu mobilizzati EUR 44 biljun f'investimenti addizzjonali sal-2020.



“Il-Finlandja li Rridu sal-2050 — l-Impenn tas-Soċjetà għal Żvilupp Sostenibbli” (‘The Finland We Want by 2050 – Society’s Commitment to Sustainable Development’) hija mod innovattiv li jinvolvi s-soċjetà kollha kemm hi fl-implimentazzjoni tal-SDGs. Sabiex jintlaħqu t-tmien objettivi lejn il-viżjoni tagħha għall-2050, l-impenji operazzjonali jkunu qed jiġu stabbiliti ma' setturi amministrattivi u atturi tas-soċjetà oħra, bħal muniċipalitajiet, kumpaniji, organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet edukattivi u operaturi lokali. L-impenji għandhom ikunu ġodda u li jistgħu jitkejlu.



Il-gvernijiet lokali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi Latvjani li huma involuti b'mod attiv fi proġetti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali — il-Moldova, il-Ġeorġja, l-Ukrajna, il-Kirgiżistan u oħrajn. L-Assoċjazzjoni Latvjana tal-Gvernijiet Lokali u Reġjonali pprovdiet appoġġ espert fit-tul tal-ippjanar tal-baġit tal-gvern tal-pajjiż imsieħeb, in-negozjar, l-involvement taċ-ċittadini fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u l-promozzjoni tan-negozju.



Unilever, kumpanija tal-oġġetti tal-konsumatur transnazzjonali, kienet difensur qawwija favur l-SDGs minn mindu ġiet adottata l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, bis-CEO tal-kumpanija li qed iservi fuq il-grupp tal-Promozzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Għanijiet Globali. Unilever waqqaf b'mod konġunt il-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli fl-2016, li wasslet għat-tneċċija tar-rapport seminali tal-2017 “Negozju Aħjar, Dinja Aħjar” (“Better Business Better World”) dwar il-każ tan-negozju għal azzjoni dwar l-SDGs.



L-Alleanza Taljana għall-Iżvilupp Sostenibbli (ASviS) għandha l-għan li tqajjem kuxjenza u timmobilizza s-soċjetà Taljana, il-partijiet ekonomiċi kkonċernati u l-istituzzjonijiet, dwar l-importanza tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli. Hi tlaqqa' flimkien aktar minn 180 istituzzjoni u netwerk tas-soċjetà ċivili l-aktar importanti, flimkien ma' universitajiet u kumpaniji.



Anness III

SOMMARJU TAL-KONTRIBUZZJONI TAL-PJATTAFORMA TA' BOSTA PARTIJET INTERESSATI TAL-SDG DWAR ID-DOKUMENT TA' RIFLESSJONI "LEJN EWROPA SOSTENIBBLI SAL-2030"



L-Ewropa fi triqitha lejn futur sostenibbli

SOMMARJU TAL-KONTRIBUT LI L-PJATTAFORMA TAD-DIVERSI PARTIJET IKKONĊERNATI TAL-SDGS TAT GĦAD-DOKUMENT TA' RIFLESSJONI "LEJN EWROPA SOSTENIBBLI SAL-2030"



Il-membri tal-pjattaforma: Birdlife; BusinessEurope; il-Kunsill tal-Muniċipalitajiet u r-Regjuni Ewropej (CEMR, Council of European Municipalities and Regions); COFACE Families Europe; il-Kumitat Ewropew tar-Regjuni; CONCORD Europe; COPA-COGECA; CSR Europe; EUROCITIES; il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU); il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE); ENEL; l-Alleanza Ewropea għas-Saħħa Pubblika (EPHA, European Public Health Alliance); ES-ADE Business School; il-Kumitat tat-Trade Union Ewropew għall-Edukazzjoni (ETUCE, European Trade Union Committee for Education); l-Assoċjazzjoni tal-Universitajiet Ewropej (EUA, European University Association); il-Bureau Ambjentali Ewropew (EEB, European Environmental Bureau); il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ (YFJ); il-Kumitat Internazzjonali għar-Rapportar Integrat (IIRC, International Integrated Reporting Council); FoodDrinkEurope; Fair Trade Advocacy Office (FTAO); Social platform; SDG Watch Europe; Transparency International; Unilever; World Wide Fund for nature (WWF); is-Sinjura Vandinika Shuwla; is-Sur Christian Thimann; is-Sur Wiebe Draijer; Is-Sur Janez Potocnik

Osservaturi tal-pjattaforma: il-Kunsilli Konsultattivi Ewropej tal-Ambjent u tal-Iżvilupp Sostenibbli (EEAC, European Environment and Sustainable Development Advisory Councils); il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI); in-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (ESDN, European Sustainable Development Network); l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN, International Union for Conservation of Nature); l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD, Organisation for economic cooperation and development); in-Nazzjonijiet Uniti (NU); il-Bank Dinji (WB, World Bank)

Ittra mill-membri tal-pjattaforma

Brussell, il-11 ta' Ottubru 2018

Għal mexxejja attwali u futuri tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istituzzjonijiet oħrajn tal-UE,

Lill-atturi kollha li għandhom sehem qawwi fl-għajxien sostenibbli tan-nies, u fl-iżviluppi ambjentali, soċjali, ekonomiċi u tal-governanza tal-Ewropa,

Lin-nies u l-votanti fl-Ewropa,

Permezz ta' din il-Pjattaforma l-ġdida u bir-Rapport tagħna, irridu nibagħtu sinjal b'saħħtu lill-mexxejja, l-atturi u n-nies ġewwa u barra l-Unjoni Ewropea: wasal iż-żmien — aktar minn qatt qabel — biex niżviluppaw u nimplimentaw viżjoni u strateġija ambizzjuża għal Ewropa Sostenibbli 2030.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-ebda wieħed mill-membri tal-Pjattaforma ma huwa mistenni li japprova kull rakkomandazzjoni jew opinjoni f'dan ir-Rapport u kull wieħed għandu d-dritt li jkollu fehma differenti dwar il-kwistjonijiet koperti.

Madankollu, f'perjodu qasir ta' żmien, aħna stinkajna biex nibnu fuq il-kuntestiu l-opinjoni differnti tagħna u nrispettawhom, bl-għan li jfittxu li jiġbdu fl-istess direzzjoni għal Ewropa aħjar u sostenibbli.

Permezz ta' valuri komuni b'saħħithom, titjib fil-politika strutturali proposti għal azzjonijiet innovattivi, aħna nibbażaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna fl-esperjenza u l-isforzi ta' eluf ta' rġiel u nisa fis-settur pubbliku, is-soċjetà ċivili u s-settur privat. Huma għandhom ambizzjoni komuni biex jitttrasformaw l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli f'soluzzjonijiet prattiċi għall-benesseri taċ-ċittadini u l-protezzjoni tal-ambjent tagħna għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Ir-rapport tagħna jenfasizza perspettivi differenti u jindirizza l-kompromessi li joffru sfida bejn dimensjonijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' governanza tal-iżvilupp sostenibbli, li wħud minnhom konna kapaċi ninnegożjawhom, oħrajn li jeħtieġu aktar kjarifika u bini ta' kunsens.

Ninsabu fiduċju li l-fiduċja u l-involviment tan-nies u l-mexxejja fi trasformazzjoni kontinwa tal-Ewropa se tħalli l-frott. Tirrikjedi kultura ġusta u ekwa ta' djalogu u sħubija fil-livelli kollha, fejn kull sieħeb jista' jsir ko-disinjatur fit-tfassil ta' Ewropa li tiegħu ħsieb u taħdem għal kulħadd u jafda lill-oħrajn biex ikunu hekk. Dan jinvolvi wkoll strateġija globali għal Ewropa Sostenibbli biex tiggwida l-politiki u l-programmi Ewropej kollha li se jaċċelleraw id-dotazzjonijiet individwali u kollettivi tagħna sabiex jagħtu sigurtà, prosperità sostenibbli u dinjità għal kulħadd.

Aħna kburin bil-ħidma li twettqet s'issa, filwaqt li fl-istess ħin inħossu l-urġenza li nagħmlu ħafna aktar. Iva, is-sostenibbiltà tad-djalogu u tal-kollaborazzjoni fi ħdan din il-Pjattaforma — kemm bejn il-partijiet interessati kif ukoll mal-istituzzjonijiet tal-UE — tista' titjeb malajr u tikber.

MARTIN HARPER
Birdlife



MARKUS BEYRER
BusinessEurope




FREDERIC VALLIER
Council of European Municipalities and Regions



ANNEMIE DRIESKENS
COFACE Families Europe



ARNOLDAS ABRAMAVICIUS
European Committee of the Regions




JOHANNES TRIMMEL
CONCORD Europe



LIISA PIETOLA
COPA-COGECA



ETIENNE DAVIGNON
CSR Europe



SILVIA GANZERLA
EUROCITIES



LIINA CARR
European Trade Union Confederation



BRENDA KING
European Economic and Social Committee




FRANCESCO STARACE
ENEL



SASCHA MARSCHANG
European Public Health Alliance




EVA JANE-LLOPIS
ESADE Business School



SUSAN FLOCKEN
European Trade Union Committee for Education



MICHAEL GAEBEL
European University Association



JEREMY WATES
European Environmental Bureau



DEJAN BOJANIC
European Youth Forum



RICHART HOWITT
International Integrated Reporting Council



JANA HAINSWORTH
Social platform



LEIDA RIJNHOUT
SDG Watch Europe




CARL DOLAN
Transparency International



PAUL POLMAN
Unilever



DR. ANDREA KOHL
World Wildlife Fund



MELLA FREWEN
FoodDrinkEurope



SERGI CORBALAN
Fair Trade Advocacy Office



VANDINIKA SHUKLA
Member acting in personal capacity




CHRISTIAN THIMANN
Member acting in personal capacity



WIEBE DRAIJER
Member acting in personal capacity



JANEZ POTOCNIK
Member acting in personal capacity



Sommarju Eżekuttiv

“EWROPA LI MIEXJA LEJN FUTUR SOSTENIBBLI” -

Kontribuzzjoni tal-Pjattaforma ta' Bosta Partijiet tal-SDG dwar id-Dokument ta' Riflessjoni “Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030” ta' Ottubru 2018

Il-Pjattaforma tad-Diversi Partijiet Ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-Unjoni Ewropea — il-“Pjattaforma ta' bosta partijiet tal-SDGs tal-UE” — ġiet stabbilita f'Mejju 2017 biex tappoġġa u tagħti parir lill-Kummissjoni Ewropea u lill-partijiet ikkonċernati kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell tal-UE.

Permezz ta' valuri komuni b'saħħithom li aħna, bħala rappreżentanti tas-settur pubbliku, is-soċjetà ċivili u s-settur privat, ħdimna b'mod diliġenti sabiex nagħmlu wkoll rakkomandazzjonijiet siewja dwar kif għandhom jiġu ttrasformati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli f'soluzzjonijiet prattiċi għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri tagħna fl-UE u lil hinn minnha. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna għandhom l-għan li jispiraw u jiggwidaw mad-dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni “Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030”.

Minħabba l-aġenda ambizzjuża u n-natura universali u indiviżibbli tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, m'hemm l-ebda sistema waħda li tista' tiġi appoġġjata. Il-kisba tal-Miri tirrikjedi rieżami komprensiv, l-identifikazzjoni ta' oqsma fejn jeħtieġ li jsiru t-tibdiliet, u l-iżvilupp ta' politiki koerenti li jipproduċu kobenefiċċji soċjali, ekonomiċi, ta' governanza u dawk ambjentali, li jirrikonnoxxu u jaġixxu fuq l-interkonnessjonijiet bejn l-għanijiet u l-miri kollha. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna jipprovdu kontribuzzjoni ambizzjuża u bbażata fuq il-kunsens għal din il-mira.

Bħala azzjonijiet ta' prijorità, nirrakkomandaw li l-UE tiżviluppa u timplimenta viżjoni globali u trasformattiva tal-istrateġija Ewropa Sostenibbli 2030, li tiggwida l-politiki u l-programmi kollha tal-UE. Sabiex tkun effettiva, tali strateġija għandha tinkludi kemm miri temporanji kif ukoll miri fit-tul u tistabbilixxi l-viżjoni tal-Ewropa għal Ewropa sostenibbli lil hinn mill-Aġenda 2030.

Meta timplimenta l-Aġenda 2030, il-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha jridu jirrispettaw prinċipji ewlenin, biex jissodisfaw l-impenji eżistenti skont ftehimiet internazzjonali, jimpjenjaw ruħhom għal trasformazzjoni tal-mudell soċjali u ekonomiku tagħna, biex tingħata prijorità u jkun hemm azzjonijiet rapidi għall-ifqar persuni u dawk l-aktar marġinalizzati fis-soċjetà (“ħadd ma jibqa' lura”), biex jiġu rikonnoxxuti l-limiti planetarji, biex jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u tiġu żgurata koerenza politika għall-iżvilupp sostenibbli.

Aħna wkoll nagħmlu xi rakkomandazzjonijiet trasversali. Aħna nagħtu parir lill-UE biex tivvinta mill-ġdid is-sistema ta' governanza tal-UE biex tiżgura approċċ koerenti lejn l-iżvilupp sostenibbli. Il-President tal-Kummissjoni, assistit minn tim tal-proġett iddedikat, għandu jkun inkarigat mill-Aġenda 2030, jiżgura koordinazzjoni effettiva u jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tagħha matul id-diskors annwali dwar l-Istat tal-Unjoni. Aħna wkoll se jkollna bżonn azzjoni ta' reġjuni, bliet, ċittadini, komunitajiet, negozji u soċjetà ċivili fid-diversità tagħhom sabiex nimplimentaw l-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi. L-UE għandha tippromwovi approċċ territorjali għat-twettiq tal-SDGs u tippermetti djalogu reċiproku fejn l-istrateġiji Ewropej u nazzjonali jassoċjaw l-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll is-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet professjonali f'approċċ ta' governanza b'diversi livelli u diversi partijiet ikkonċernati. Noffru wkoll sabiex nivvalutaw il-merti ta' din il-Pjattaforma — kemm il-kompożizzjoni u l-missjoni tagħha — u biex niddiskutu kif fil-futur din tista' tikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-proposta tagħna għal Strateġija tal-2030 ta' Ewropa Sostenibbli inklużiva, parteċipattiva u trasparenti. Fl-aħħar nett, għandhom isiru sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata koerenza tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli, li jfisser li kull politika tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli fi ħdan jew barra l-Ewropa.

Għandna wkoll xi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar kif jistgħu jissaħħu l-għodod eżistenti tal-UE. L-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tista' ssir aktar b'saħħitha għall-iżvilupp sostenibbli billi tintegra bis-siġħ l-oġġettivi u l-prinċipji fil-proċess tat-tfassil tal-politika. Dawk li jfasslu l-politika tal-UE għandhom jużaw aħjar u jkomplu jtejbju l-Linji Gwida għall-Valutazzjoni tal-Impatt biex jiġi integrat l-iżvilupp sostenibbli. Għandu jitwaqqaf iċ-ċiklu ta' Ewropa Sostenibbli, bi Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE għal Żvilupp Sostenibbli, b'rapporti u rakkomandazzjonijiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. Il-proċess tas-Semestru Ewropew għandu

jkun iggwidat mill-Istrateġija Ewropa 2030 u jinkludi kontroll ta' sostenibbiltà. Il-finanzi pubbliċi tal-UE, inkluż il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, għandhom ikunu kompletament sostenibbli u d-definizzjoni tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza inkorporata fi ħdan regolamenti finanzjarji. Ir-riformi fiskali sostenibbli għandhom jitwettqu fil-livell tal-Istati Membri, għandhom jiġu indirizzati l-evitar tat-taxxa korporattiva u d-dumping fiskali indirizzati u għandja tiġi implimentata bis-sħiħ l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa implimentata bis-sħiħ. Biex tinforma lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet futuri, l-UE għandha tiżviluppa qafas ta' monitoraġġ, responsabbiltà u rieżami aktar integrat u parteċipattiv, inkluż sett tal-indikaturi tal-SDGs tal-UE komprensiv u analiżi kwalitattiva.

Aħna wkoll nagħmlu rakkomandazzjonijiet settorjali speċifiċi. Is-sostenibbiltà għandha tiġi riflessa b'mod koerenti fil-politiki u l-inizjattivi kollha tal-UE. Għall-finijiet ta' dan id-dokument, madankollu, aħna identifikkajna ħames oqsma ta' politika tal-UE b'rwol vitali fil-ksib tal-SDGs:

(1) *Produzzjoni u Konsum Sostenibbli* għandhom jiġu promossi aktar inċentivati u regolati, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-ktajjen tal-provvista globali. Għandna bżonn ukoll miżuri legali, ta' politika u ta' finanzjament li għandhom imexxu 'l quddiem din it-tranżizzjoni. L-impatt tal-UE jeħtieġ li jitnaqqas, b'Konvenzjoni tal-Ġestjoni tar-Riżorsi introdotta u b'indikaturi ibbażati fuq il-konsum żviluppatti. Is-sostenibbiltà għandha tkun parti tal-Industrija Ewropea tal-Istrateġija 2030.

(2) *L-UE għandha tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni, fin-nies u t-talenti umani, fl-impjegabbiltà u l-inklużjoni soċjali.* Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jkun implimentat b'mod sħiħ. L-ekonomija soċjali u solidali għandha tiġi promossa; l-investment fis-saħħa u l-benesseri għandhom jiżiedu u s-sostenibbiltà għandha ssir xjenza interdixiplinari. Edukazzjoni ta' kwalità għandha tkun garantita, appoġġ għat-tfal u ż-żgħażaġħ prijoritizzati u qafas regolatorju li jiżgura mogħdijiet sikuri għal dawk li jfittxu asil u l-migranti introdott, filwaqt li tissaħħaħ l-integrazzjoni u l-inklużjoni politika.

(3) *Il-politika dwar il-klima u l-enerġija* L-UE għandha tallinja l-miri tagħha dwar il-klima u l-enerġija mal-għan maqbul tal-limitu taż-żieda fit-temperatura globali għal 1.5 C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali, filwaqt li tiżdied ir-reżiljenza. Il-fjuwils fossili għandhom jitneħħew b'mod gradwali; jiżdiedu l-investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija nadifa; jiġu promossi l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. Il-konġestjoni tat-traffiku jenħtieġ li tonqos, jenħtieġ li jiġu mħeġġa pjanijiet għal infrastruttura sostenibbli u pjanijiet komprensivi ta' mobbiltà. L-UE għandha wkoll tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-adattament u r-reżistenza għat-tibdil fil-klima.

(4) *L-ikel, il-biedja u l-użu tal-art, inkluża l-Politika Agrikola Komuni.* L-UE għandha tiżgura li l-investment tal-UE lejn l-agrikoltura huwa allinjat mat-Trattat tal-UE biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, is-sigurtà tal-ikel, kif ukoll il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent. Appoġġ ta' dħul pubbliku għandu jappoġġa l-produzzjoni tal-ikel, il-provvista ta' beni pubbliċi u servizzi tal-ekosistema, filwaqt li jiġi żgurat livell ġust ta' għajxien għall-komunità agrikola, u li jippermetti t-tranżizzjoni lejn l-agrikoltura sostenibbli u s-sistemi tal-ikel. L-investimenti u r-riċerka favur l-ambjent u prattiki ekonomikament vijabbli għandhom jiġu prijoritizzati u l-katini ta' valur mondjali jsiru sostenibbli.

(5) *Il-politika ta' koeżjoni* hija l-għodda ta' investment ewlenija tal-UE biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Hi għandha ssaħħaħ il-lokalizzazzjoni tal-Għanijiet bl-appoġġ dirett ta' gvernijiet sottonazzjonali, b'appoġġ tal-Aġenda Urbana tal-UE, tippromwovi aktar l-oġettivi soċjali u tinkoraġġixxi aħjar l-investimenti lejn infrastruttura aktar ekoloġika u sostenibbli, inkluż f'żoni rurali.

Biex tiġi indirizzata l-urġenza ta' azzjoni, aħna nħeġġu bil-qawwa lill-Kummissjoni biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet tagħna b'mod rapidu u f'waqtu sabiex l-Ewropa tkun tista' tilqa' b'mod sħiħ u malajr l-opportunità li l-iżvilupp sostenibbli jirrappreżenta lis-soċjetajiet tagħna. L-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tagħna se tirrikjedi approċċ inklużiv u parteċipattiv u aħna nagħtu bis-sħiħ l-impenn għall-appoġġ tagħna. L-oġettiv aħħari tagħna huwa li jiġi żgurat li l-iżvilupp sostenibbli jsir karatteristika permanenti tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Ewropa.

Il-kontribuzzjoni sħiħa tal-Pjattaforma ta' Bosta Partijiet tal-SDG dwar id-Dokument ta' Riflessjoni "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030" hija disponibbli f' https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/sdg_multi-stakeholder_platform_input_to_reflection_paper_sustainable_europe2.pdf

A series of 25 horizontal dashed lines spanning the width of the page, providing a template for handwriting practice.

A series of 25 horizontal dashed lines spanning the width of the page, providing a template for handwriting practice.





© Unjoni Ewropea, 2019

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li ssir referenza għas-sors.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata mid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

